# Il-Malti

RIVISTA TAL-AKKADEMJA TAL-MALTI



## xogħlijiet magħżula ta' Ġużè Gatt

ħarġa speċjali LXXXI 2010

UNIVERSITY OF MALTA
-MAIN LIBRARY-

# Il-Malti

Rivista tal-Akkademja tal-Malti

xogħlijiet magħżula ta' Ġużè Gatt

UNIVERSITY OF MALTA
MELITENSIA
MAIN LIBRARY

ĦARĠA SPEĊJALI

LXXXI
2010

Pubblikazzjoni
L-Akkademja tal-Malti
**klabb kotba maltin**

326591

**Il-Bord Editorjali**

Toni Cortis
Reno Fenech
Olvin Vella
William Zammit

Pubblikazzjoni tal-Akkademja tal-Malti
flimkien mal-Klabb Kotba Maltin
© 2010 L-Akkademja tal-Malti

www.akkademjatalmalti.com
info@akkademjatalmalti.com

ISBN: 978-99932-7-313-4

# Werrej

Nota Bijografika ........ iv
Daħla ........ v
Kelmtejn fuq din l-Edizzjoni ........ viii
L-Istampa f'Malta u l-Ewwel Kotba bil-Malti ........ 1
Liema hu Lsien il-Maltin ........ 28
L-Opra Teatrali f'Malta ta' Qabel il-Manoel ........ 73
Nuqqas ta' Kotba ta' Malta fil-Biblijoteka ........ 77
L-Ittra *W* fil-Lsien Malti ........ 85
Il-Kanonku Agius de Soldanis ........ 88
Il-Kavallier Ninu Muscat-Fenech ........ 101
Dun Dovik Dr Mifsud Tommasi ........ 103
Wiġi Rosato ........ 106
Dwardu Cachia ........ 108
G. B. Falzon ........ 110
Dun Alwiġ Galea ........ 112
Pietru Pawl Castagna ........ 114
Anton Manwel Caruana ........ 115
Richard Taylor ........ 117
Ġanni Farrugia (Inċiżur) ........ 133
Xogħlijiet ta' Ġużè Gatt ........ 136
Appendiċi: Charles Clews jintervista lil Ġużè Gatt ........ 141

# Nota Bijografika[1]

Ġużè Gatt, l-awtur ta' "Qtil fil-Ħabs tal-Birgu fi żmien l-Ordni f'Malta" u "Snajja' Maltin fl-Ewwel Snin tal-Ingliżi f'Malta" twieled f'Ħaż-Żebbuġ fit-2 ta' Jannar, 1886. Huwa żżewweġ lil Ġorġina, imwielda Cauchi, fl-1913.

Wara li beda jaqra l-Istorja ta' Malta ta' P. P. Castagna (billi jmur jaqra biċċa biċċa għand waħda mill-ġirien) hu tħajjar jikteb fuq Malta ta' dari, u nibtet il-ħajra għar-riċerka.

Beda jikteb għall-ewwel darba f'*In-Naħla* ta' Agostino Levanzin għall-ħabta tal-1908. Fatt kurjuż huwa li kien jikkontribwixxi wkoll għall-folju *Football* immexxi minn Tankred Borg, u hu maħsub li kien minn tal-ewwel, jekk mhux l-ewwel ġurnalist li kien jirrapporta partita.

Xogħlijiet u siltiet minn xogħlijiet tiegħu dehru f'rivisti Taljani bosta drabi, u saħansitra mill-BBC ixxandru bċejjeċ storiċi tiegħu. Fost ix-xogħlijiet tiegħu li wieħed jiftakar hemm "Il-Flus ta' Malta" minn żmien l-Ordni sal-1886, is-sena li fiha kienu nġabru l-flus kollha li kien hawn jiċċirkulaw f'Malta.

"L-Istorja tat-Teatru Manoel – 1800-1828" kienet ukoll biċċa xogħol kbira, studju fuq Mattew Callus, li fir-riċerki tiegħu sab li kien jismu Ġużeppi; "Delitti Ċelebri" u studju dwar it-Tiġrijiet ta' Santu Rokku, u xogħlijiet kbar oħra li huma wisq numerużi f'karriera ta' madwar 70 sena kitba, li wieħed isemmihom.

"L-Istorja tal-Pulizija Maltija fl-Ewwel Snin tal-Ingliżi f'Malta" huwa xogħol li ħadlu mat-tletin sena riċerki. Iżda, skont studjużi, l-akbar xogħol tiegħu kien "L-Istampa f'Malta", studju dwar il-ġurnali li kienu joħorġu f'Malta u li kien deher f'*Il-Malti*.

1 Dehret f'*It-Torċa,* 8 ta' Frar 1976.

# Daħla

Huwa forsi kemxejn ironiku li dwar Ġużè Gatt – li kiteb ħafna – ftit li xejn inkiteb. Mhux għax dan huwa xi fenomenu rari fejn jidħlu awturi Maltin li ddedikaw ġidhom u saħansitra ħajjithom għar-riċerka dwar pajjiżhom: altru minn hekk. Almenu f'dawn l-aħħar snin jidher li qed tqum kuxjenza, imżewġa ma' riċerka serja akkademika, fuq Maltin li b'modi diversi kkontribwew sabiex il-kultura Maltija stagħniet jew ġiet magħrufa aktar.

Ġużè Gatt twieled fit-2 ta' Jannar 1886. Missieru Giovanni u ommu Carmela, imwielda Callus, kienu t-tnejn Żebbuġin. Il-familja Gatt kienet għanja, u dan ippermetta lil Ġużè li jgħaddi l-biċċa l-kbira minn ħajtu fuq ir-riċerka u l-pubblikazzjoni. Gatt miet fl-1976 ta' 90 sena.[1]

Għalkemm għex fi żmien meta r-riċerka storika – partikularment fil-kuntest lokali – kienet għadha mxekkla b'nuqqas ta' faċilitajiet: b'arkivji mhux aċċessibbli, b'tabujiet, b'enfasi qawwi fuq l-aspett politiku u artistiku a skapitu ta' dak soċjali, u fuq kollox bin-nuqqas tal-element xjentifiku, il-kitbiet ta' Gatt fil-parti l-kbira tagħhom kienu kontribuzzjonijiet oriġinali u li baqgħu għal bosta snin – xi wħud minnhom saħansitra sal-lum – fost l-aqwa jekk mhux l-uniċi studji serji fuq dak is-suġġett partikulari. Mhux ta' b'xejn li Ġużè Cassar Pulicino kien iqis lil Gatt espert tal-Melitensia.[2] Fost dawn il-kitbiet żgur hemm dawk dwar il-Bolla tal-Kruċjata kif ukoll l-istudju estensiv dwar il-Gazzetta tal-Gvern bejn is-snin 1813 u 1840. Tassew li Gatt, kif ġieli jingħad dwaru, mhux dejjem kien jagħti r-referenzi dwar minn fejn ikun kiseb it-tagħrif: din

kienet drawwa ħażina mhux tant rari fi żmienu. Huwa daqstant minnu, iżda, li ma kinux ftit il-kittieba ta' warajh li użaw ir-riċerka ppubblikata minn Gatt bla ma għamlu l-iċken referenza għalih fi żmien meta aġir bħal dan m'għadux iżjed aċċettabbli. Mhux talli r-riċerka ta' Gatt kienet ibbażata fuq dokumentazzjoni oriġinali iżda talli kienet miktuba bil-Malti. Ikollna nammettu li sal-lum – meta l-preġudizzji kontra l-Malti ilhom (jew suppost ilhom) li spiċċaw – ftit ferm huma dawk l-istoriċi li jippubblikaw frott ħidmiethom bil-Malti.

Il-kontribut ta' Gatt ma kienx biss limitat għall-pubblikazzjoni tar-riċerka tiegħu. Huwa kien membru sa mill-bidu nett tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, illum l-Akkademja tal-Malti. Huwa magħruf li Gatt kien għadda l-materjal li kellu dwar Mikiel Anton Vassalli lil Ninu Cremona u għalhekk Gatt kien strumentali sabiex tibda tiġi studjata u apprezzata figura ewlenija fl-istorja lingwistika u politika Maltija. Id-daħla storika għat-*Tagħrif fuq il-Kitba Maltija* kienet ukoll ibbażata fuq dak li kiteb Gatt dwar l-iżvilupp tal-istampa f'Malta. Fost għadd ta' Maltin magħrufa ta' żmienu, Ġużè Gatt kien ukoll midħla ta' Ġwann Mamo. Dan tal-aħħar saħansitra jsemmi lil Gatt fix-xogħol magħruf tiegħu *Ulied in-Nanna Venut fl'Amerca* (Malta, 1930).

Il-ħsieb ta' din il-pubblikazzjoni kien appuntu li mhux biss jitfakkar il-kontribut ta' storiku ewlieni Malti tal-ewwel nofs tas-seklu għoxrin, imma wkoll sabiex għadd ta' kitbiet tiegħu jerġgħu jkunu aċċessibbli kemm għar-riċerkatur kif ukoll għall-qarrej ġenerali. Ġużè Gatt kellu l-mezzi finanzjarji sabiex seta' jiddedika ħin twil għar-riċerka, iżda aqwa minn hekk kellu l-imħabba u d-determinazzjoni li jagħmel dan f'ġieħ art twelidu. Ftit aktar minn 100 studju ppubblikat ta' Gatt inġabru s'issa minn diversi gazzetti u perjodiċi. Minn dawn, 16 qed ikunu ppubblikati f'dan il-ktieb. Il-kitbiet li ngħażlu huma dwar l-ilsien Malti, dwar l-iżvilupp ta' mezzi ta' komunikazzjoni f'Malta bħall-istampar u t-teatru kif ukoll dwar bijografiji ta' Maltin. Gatt ġieli kiteb fuq l-istess suġġett aktar minn darba, kif jidher ċar mil-lista tax-xogħlijiet tiegħu. Ngħidu aħna, fuq l-istampa f'Malta ħareġ għadd ta' kitbiet: meta Gatt kien jiskopri tagħrif ġdid huwa kien jinfilsah ma' dak ta' qabel u jerġa' jippubblikah.



Ritratt ta' Gatt li deher f'*It-Torċa*, 8 ta' Frar 1976

Gatt qatt ma ppubblika ġabra tax-xogħlijiet tiegħu fi ktieb wieħed u għaldaqstant kitbietu jinsabu mxerrdin f'gazzetti u f'perjodiċi ta' żmienu. Wieħed jifhem għalhekk li ma kienx daqstant faċli li dawn il-kitbiet jiġu misjuba. Toni Cortis, Żebbuġi bħal Gatt, kien l-ewwel wieħed li wera x-xewqa li jinġabru l-kitbiet ta' Gatt, u għal snin sħaħ ħadem waħdu fuq dan ix-xogħol. Fl-2002 Cortis ippubblika l-ġabra tal-artikli ta' Gatt dwar l-istampa f'Malta li kienu ħarġu fir-rivista *Il-Malti* bejn Diċembru 1945 u Ġunju 1951.[3] Magħhom Cortis kien żied lista tax-xogħlijiet ta' Gatt, lista li kompliet tikber sewwa u għalhekk qed nippubblikawha bl-aħħar żidiet.

**Noti**

1 Tagħrif meħud minn T. Cortis (ed.), *Il-Bidu tal-Istampa f'Malta* (Malta: Stamperija tal-Gvern, 2002), vi.

2 Ġ. Cassar Pullicino, *Kitbiet Oħra bil-Malti tas-Seklu Dsatax* (Malta, 2002), 143, n. 18.

3 Cortis, *Il-Bidu tal-Istampa f'Malta,* vi.

# Kelmtejn fuq din l-Edizzjoni

Din l-edizzjoni xtaqnieha tirrifletti d-drawwiet tal-kitba taż-żmien meta dehru dawn ix-xogħlijiet. Għalhekk għadd ta' nomi li minħabba d-drawwa tal-imgħoddi kienu jinkitbu b'ittra kbira, ħallejniehom kif sibniehom.

Konna fidili kemm stajna lejn il-kitba ta' Gatt billi żammejna għamliet ta' kliem li llum m'aħniex imdorrijin bihom, bħal 'dana', 'grammatka' u 'mużga' minflok 'dan', 'grammatika u 'mużika'. Dan għamilnieh ukoll meta l-istess kelma kitibha b'żewġ għamliet fl-istess artiklu, bħal 'raġa'' ~ 'reġa'' u 'ħedma' ~ 'ħidma', aktarx xhieda li kien jikteb iżjed minn għamla minnhom.

Għall-ismijiet proprji tal-persunaġġi Gatt mhux dejjem kien konsistenti. Ngħidu aħna, fl-istess artiklu kien jikteb 'Anton' u 'Ninu' Caruana. Anki ismijiet ta' nies barranin kien iħobb jagħtihom xejra Maltija, bħal 'Pintu'. Dawn tħallew kollha kif jinsabu fl-artikli oriġinali għax huma fl-istil ta' Gatt.

Fin-noti tal-qiegħ, fejn kien meħtieġ żidna noti editorjali u dawn jingħażlu min-noti miktubin minn Gatt għax jidhru f'parentesi kwadri. Fi tmiem kull artiklu tajna d-dettalji biblijografiċi tal-artiklu oriġinali. Jekk il-kitba tqassmet f'aktar minn ħarġa waħda fl-istess gazzetta, ingħataw id-dati kollha tat-taqsimiet.

Inroddu ħajr lil Maroma Camilleri talli pprovditilna xi illustrazzjonijiet ta' kotba mill-Biblijoteka Nazzjonali, lil Patrick Formosa talli tana aċċess għall-arkivju ta' Ġużè Gatt fil-kollezzjoni privata tiegħu, u lil Rosabelle Carabott għall-qari tal-provi.

# L-Istampa f'Malta u l-Ewwel Kotba bil-Malti

*Lil dawk il-kittieba Maltin li tassew minn qalbhom iħobbu 'l Ilsienna l-għażiż, dan ix-xogħol ċkejken tiegħi lilhom nagħti.*

## I
## L-Istampa u l-Kotba bil-Malti fi Żmien l-Ordni f'Malta

Mal-200 sena wara li Gutenberg ta' Magonza sab is-sengħa tal-Istampa, jiġifieri s-sena 1642, fi żmien il-Gran Mastru Lascaris ċertu Pompeo Del Fiore kien ġieb Stamperija hawn Malta, u wara li b'ħafna taħbit u spejjeż lestieha għax-xogħol, talab lill-Gran Mastru biex jagħtih il-privileġġ, bħala l-ewwel wieħed li daħħal is-sengħa tal-Istampa f'Malta, li, barra minnu u minn niesu, ħadd ma jkun jista' jaħdem f'dis-sengħa, u l-Gran Mastru, fis-17 ta' Ġunju, 1642, tah il-privileġġ li kien talab, jiġifieri li sa 20 sena ħadd ma jista' jarma għalih u għal niesu.[1] Mela l-kotba li jġibu li kienu stampati f'Malta qabel did-data huma giddieba, ladarba l-Istampa f'Malta bdiet fl-1642, u mhux qabel. Minn dawn il-kotba aħna ltqajna ma' tnejn li huma:

*Statuti et ordinationi dell'Eminentissimo Sig. Gran Maestro Fra Alofio di Wignacourt e suo Venerando Consiglio sopra l'armamenti* (publ. par. Ascanio Surdo) – Malta, 1605 – in 4to;[2] u

Geronimo Marulli, *I Natali delle religiose militie de' Cavalieri Spedalieri, e Templari* – Malta, 1633.[3]

Fl-istess żmien il-Gran Mastru Lascaris ġieb Stamperija, u kien ġie jaħdem fiha wieħed Messiniż, jismu Mario Villari; u dan jidher minn ittra mibgħuta minn Messina minn Fra Federico Gotha lill-Gran Mastru fit-13 ta' Ottubru, 1642,

u li tinsab fl-Arkivju tal-Gvern. Din l-ittra nġiebet fil-ktieb, traduzzjoni għat-Taljan tar-Rapport tar-Reġji Kummissjonarji, li kien stampat f'Malta fl-1838.

Billi x'aktarx dina l-Istamperija tal-Gran Mastru ma kinitx magħrufa biżżejjed, wieħed milli kitbu fuq hekk, jiġifieri l-Maġistrat Parnis, fl-appunti storiċi tiegħu fuq l-Istampa f'Malta, qal li l-Istamperija ta' Del Fiore ġiet imqiegħda fil-Fran tal-Ordni, li x'aktarx kienu fi Strada Forni. Iżda aħna naħsbu illi fil-Fran tal-Ordni qiegħdu, bħala Stamperija tal-Gvern, dik tal-Gran Mastru, u mhux dik ta' Del Fiore. X'aktarx li Parnis qal hekk, imħabba li mingħalih l-Istamperija ta' Del Fiore biss kien hawn Malta u ma kienx jaf li l-Gran Mastru ġieb Stamperija huwa wkoll fl-1642; u dan deher billi l-appunti storiċi tiegħu bdiehom bil-*Prammatica* li ħarġet fl-1644.

Dil-*Prammatica* (Bandu) li semmejna ħarġet fil-25 ta' Mejju, 1644, fejn tgħid li, billi t-twaqqif tal-Istampa fl-ibliet tista' tkun ta' ġid kbir u fejda għan-nies kollha, u s-Slaten dejjem taw privileġġi u prerogattivi lil min idaħħalha, lil Pompeo Del Fiore, li daħħalha hawn, intgħata li tul għaxar snin ħadd ma jista' jdaħħal u jbigħ f'Malta, għal ebda ħaġa l-kotba ta' *Santu Cruc, L'A.B.C.*, *Psalteriji, Donati, Duttrini, Luni Nuovi, Pronostki, Indulġenzi* li jservu għal Malta, *L-Evanġelju ta' San Ġwann*, u l-*Virtù tal-ġebel ta' San Pawl*, taħt piena, għal min jikser dawn l-ordnijiet, li jħallas għaxar skudi lill-Fiskal u jitlef il-kotba li jkollu; u min għandu minn dawn il-kotba, jekk fi żmien tmint ijiem ma jeħodhomx fl-Istamperija li hemm fil-Fran tal-Ordni, ikollu wkoll dil-piena.[4]

Mela, il-*Proprietà Letteraria*, kif isejħulha, mogħtija lil Del Fiore, billi x'aktarx l-Istamperija li kellu kienet żgħira, kienet biss għal kotba żgħar ta' talb, grammatki, almanakki, eċċ.

Ara kemm hu hekk, li, żmien wara, lil Paolo Bonacota tawh is-sensja li jwaqqaf Stamperija.[5]

Mill-kotba li ġew stampati, sija minn ta' Del Fiore, kemm ukoll minn dik tal-Gran Mastru, ma ġew f'idejna ebda wieħed u mill-ftit kotba li stampa Bonacota, barra milli ltqajna[6] ma' ktieb żgħir ta' 31 paġna (in ottavo) tal-kittieb Malti Fabrizio Cagliola li kien jismu *Elogio del Commendatore Fra Rinaldo Beck La Bussiere Cavaliere Gerosolimitano*, stampat Malta għand Paolo Bonacota fl-1647, ġew f'idejna tnejn oħra, li aktarx kienu jiswew l-iżjed, u dawna kienu ddedikati lill-Gran Mastru Lascaris, u huma: *Della descrittione di Malta, Isola nel mare Siciliano, con le sue antichità, ed altre notitie, libri quattro del Commendatore Fra Gio Francesco Abela vice cancelliere della Sacra ed Eminentissima Religione Gerosolimitana* – Malta 1647, *presso* Paolo Bonacota, *con licenza de' Superiori* – in fol. paġ. 357; u *L'Ismeria, ossia*

*Allegrezza della Francia nei stupori dell'Egitto, del Commendatore Fra Carlo Micallef*, in Malta per Paolo Bonacota, 1648, paġ. 194, in 12mo.

L-ebda ktieb ma nsibu li kien stampat wara l-1648, billi l-Istampa waqgħet imħabba f'li l-Inkiżitur ried għalih waħdu l-jedd li jagħti s-sensja biex jistampaw kotba, u dal-jedd għarrfithulu s-Sagra Kongregazzjoni tas-Santu Uffiċċju b'ittra miktuba fil-11 ta' Ġunju, 1644. Din l-ittra kienet tgħid li l-Viċi Kanċillier, jew dak li jkun maħtur floku mill-Gran Mastru għandu biss iniżżel ismu taħt il-manuskritt, u ma għandux ikun hemm ħlief l-Imprimatur tal-Inkiżitur.

Fl-1699 il-Gran Mastru Fra Raimondu Perellos Roccafull talab lis-Sagra Kongregazzjoni biex, jekk jista' jkun, tbiddel milli kienet qatgħet, milli ddeċidiet, u dina b'degriet tad-29 ta' Lulju tal-istess sena tat li, skont il-Bolla ta' Piju IV u d-degriet tal-Konċilju ta' Trentu, l-Imprimatur jitniżżel kemm mill-Isqof kif ukoll mill-Inkiżitur; u li l-Viċi Kanċillier jew dak li jkun hemm minfloku jkun magħżul mill-Gran Mastru, iniżżel ismu taħt il-manuskritt biss. Imbagħad, b'degriet ieħor tat-12 ta' Awwissu u b'ieħor tal-24 ta' Novembru tal-istess sena tat li jniżżlu t-tlieta l-Imprimatur, bil-patt li l-Viċi Kanċillier, jew dak li jkun magħżul mill-Gran Mastru biex jagħmel ismu, iqiegħdu wara dak tal-Isqof u wara dak tal-Inkiżitur b'linja bejniethom. Iżda billi dik il-linja kienet biex turi li s-sensja ma kinetx mogħtija wkoll mill-Viċi Kanċillier, u b'hekk jiġi li l-Gvern ma kellux sehem fiha, l-ebda Gran Mastru ma ħa l-ħsieb biex jerġa' jdaħħal l-Istampa f'Malta, ħalli ma jġibx dak l-hekk kbir deni lill-Ħakma tas-Saltna ta' Malta.[7]

Mela, ladarba l-ebda Gran Mastru ma daħħal l-Istampa f'Malta fuq li qata' l-Papa fl-1699, ma hux minnu dak li qal Mons. Alf. Mifsud fl-*Archivium Melitense*[8] li l-*Codice di Manoel* ġie stampat f'Malta fl-1724 taħt il-ftehim li ried il-Papa (fl-1699), bħalma lanqas hu minnu dak li qal il-Maġistrat Parnis li: "fl-1724, taħt il-Gran Mastru Vilhena twaqqfet Stamperija tal-Gvern fil-Palazz, imsejħa Stamperija di S.A.S., b'kap tagħha għamlu lil Gialandrì Benvenuto; u minn din l-Istamperija ħareġ il-*Codice di Manoel*." Iżda, sija Mons. Mifsud, kemm ukoll Parnis, dana qaluh imħabba li l-frontespizju tal-*Codice di Manoel* fih hekk: *In Malta, nella Stamperia di Sua Altezza Serenissima, di Giovanni Andrea Benvenuto*. Imma dak il-frontespizju huwa falz, għaliex aħna, fl-Arkivju tar-Reġistru Pubbliku (Vol. 1485), sibna ittri mibgħuta mill-Gran Mastru Manoel de Vilhena lir-Riċevitur ta' Napli, Fra Ettore Marulli, fejn f'dawn l-ittri inkarigah biex jieħu ħsieb jistampa sa 250 kopja tal-*Codici* għand l-Istampatur Pauli Petrini, u (issokta jgħidlu) jekk dana ma jistax jistampah ix-xogħol jagħtih lil Gio. Andrea Benvenuto, u kemm-il darba (ikompli jgħidlu

fl-ittri li semmejna) il-karattri ta' dana Benvenuto mhumiex tajba jħalli fi ħsiebu (fi ħsieb Marulli) biex isib stampatur ieħor. Iżda mill-frontespizju tal-*Codici* jidher li l-Istampatur li stampah kien Gio. Andrea Benvenuto. Mela l-*Codici di Manoel* mhux stampat f'Malta, iżda f'Napli bħalma rajna milli hawn għedna.

Kotba oħra li jgħidu li huma stampati f'Malta fl-Istamperija ta' S.A. fil-ħin li huma stampati barra, ġie kemm-il wieħed minnhom f'idejna, għax dak iż-żmien kienu mdorrija ta' sikwit jagħmlu l-frontespizju falz. Araw kemm hu hekk. Il-frontespizju tal-ktieb (poeżija) li fl-1742 ħareġ il-Konti Giovan Anton Ciantar taħt l-isem ta' *Proteo Vaticinante*, iġib li huwa stampat f'Malta fl-Istamperija ta' S.A. fil-ħin li f'*Malta Illustrata* (Vol. II, faċċ. 594) tal-imsemmi Ciantar, jgħid li l-*Proteo Vaticinante* huwa stampat f'Katanja. Anki l-ktieb li jismu *Ristretto delle indulgenze, facoltà e privilegi che si contengono nell'Indulto, a forma della Bolla della Crociata da P. P. Benedetto XIV concessa alla S. Religione de' Cavalieri Gerosolimitani* li l-Patri Ġiżwita, Ignazju Teuma, ħareġ bil-Latin fl-1750, u mbagħad bit-Taljan fl-1752, fil-frontespizju taż-żewġ edizzjonijiet insibu li huma stampati f'Malta, fl-Istamperija ta' S.A.E., fil-ħin li fl-Arkivju tar-Reġistru Pubbliku (Vol. 2002) sibna li huma stampati f'Palermu; ma nistgħux nifhmu l-għala l-Gran Mastri kienu jħallu lil min jgħid hekk fil-ħin li ma kienx tassew.

F'Awwissu tal-1746, il-Gran Mastru Pintu kiteb lill-Papa Beneditt XIV, fejn talbu biex l-Imprimatur jiffirmah kulħadd: Isqof, Inkiżitur u Viċi Kanċillier, inkella jistampa ruħu bis-*Superiorum Permissu* jew *Con licenza de' Superiori* biss, bħalma ssir f'pajjiżi oħra; u l-Papa b'degriet tal-24 ta' Novembru tal-istess sena qata' li taħt l-Imprimatur iniżżlu isimhom (f'linja waħda) l-Isqof, l-Inkiżitur u l-Viċi Kanċillier.[9] Għalhekk, il-Gran Mastru Pintu ta bidu għalbiex jerġa' jwaqqaf mill-ġdid l-Istampa f'Malta.[10] Minn din is-sena (1746), mela, nistgħu ngħidu li daħlet l-Istampa f'Malta, ġaladarba qabel kienet ġiet miżmuma fi żmien il-Gran Mastru Lascaris, kważi malli daħlet; u damet ma daħlet l-Istampa f'Malta daqshekk, mhux ħtija tal-Ordni, bħalma għoġbu jgħid Parnis, iżda, bħalma rajna, imħabba l-jedd żejjed li talab l-Inkiżitur, u li għal dan il-jedd żejjed l-Ordni ma setax joqgħod għalih, għax kien jiġi jnaqqas lill-Ordni mid-drittijiet tiegħu li kellu fuq Malta.

Minn ittra mibgħuta minn Katanja fl-14 ta' Novembru 1752 minn Don Antonio Bisagni lill-Kommendatur Arniaud u minn oħra mibgħuta mill-Gran Mastru Pintu lill-Kommendatur Castelli, Riċevitur f'Palermu fit-18 ta' Frar 1756, jidher li l-Gran Mastru Pintu kellu ħrara kbira biex jerġa' jwaqqaf l-Istampa f'Malta, u jidher ukoll li kellu torkju u stampatur, imma kien jonqsu

torkulier u għalhekk talab lir-Riċevitur Castelli biex jekk jista' jkun, iħajjar lil Giusè d'Angelo, li jinsab f'Palermu, biex jiġi jagħmilha ta' torkulier hawn Malta, u kemm-il darba dan Giusè d'Angelo ma jistax jiġi, jieħu parir mingħand Giusè d'Angelo stess biex isiblu torkulier ieħor tajjeb, basta ma jkunx ċertu Giusè di Maria.[11]

Mela, minn dawn l-ittri naraw li l-ebda Stamperija ma kien hawn Malta qabel ma ġieb tiegħu l-Gran Mastru Pintu. Għalhekk, dawk il-kotba li jgħidu li huma stampati f'Malta qabel ma twaqqfet l-Istamperija li ġieb Pintu, huma giddieba. U mhux minn dawn l-ittri biss insibu li Pintu kien huwa li reġa' daħħal l-Istampa f'Malta, iżda anki fl-introduzzjoni tal-ktieb *Biblioteca Maltese* tal-Avv. Ignazio Saverio Mifsud (stampat f'Malta fl-1762) insibu wkoll li "qabel ma l-Gran Mastru Pintu ġieb l-Istamperija tiegħu u li dan fetaħha f'Ġunju tal-1756 fil-Palazz għall-ħtieġa tal-pubbliku, ma kien hawn l-ebda Stamperija oħra u għalhekk il-Kittieba Maltin kienu jsibu diffikultà kbira biex jistampaw il-kotba tagħhom", jiġifieri għax kienu jridu jibagħtu l-kotba tagħhom għall-Istampa barra minn Malta. Fil-ktieb li jismu *Istruzioni sopra gli obblighi più principali de Cavalieri di Malta* (stampat f'Malta, fl-1758) nsibu wkoll li Pintu kien li waqqaf l-Istampa f'Malta, u minn dal-ktieb naraw ukoll li ġie maħtur mill-Gran Mastru biex jissorvelja x-xogħol ta' din l-imsemmija Stamperija: Fra. Gio. Battista Alessandri. U prova oħra li turi li ma kien hawn tassew l-ebda Stamperija f'Malta qabel dik li ġieb Pintu hija li l-Bolla tal-Kruċjata[12] li kienet bdiet tiġi stampata mill-1745, insibu li sal-1756 (jiġifieri sakemm Pintu waqqaf l-Istamperija tiegħu) kienet ġiet stampata barra minn Malta, u dan jidher mill-kotba tal-Gvern tal-Ordni.

Din il-Bolla mill-1745 sa dik tal-1753 ġiet stampata f'Katanja għand l-Istampatur Don Antonino Bisagni. Fl-1754 ma sibna li ġiet stampata mkien u għal din ir-raġuni l-Ordni kellu 19,000 kopja Bolla qodma u dawn ġew imsewwija biex iservu għal din is-sena (1754); u dana x'aktarx li sar imħabba li billi nqala' xi taħwid bejn ir-Re ta' Napli u l-Gran Mastru, l-Ordni ma laħaqx stampaha band'oħra.[13] Fl-1755 ġew stampati 22,000 kopja Bolla f'Ruma u 22,055 f'Palermu, barra minn 11,000 oħra li ġew stampati f'Malta; u lill-Istampatur tal-11,000 li stampa f'Malta tawh 37 skud u 6 irbajja'; lil wieħed qassis li assista fl-istampar tawh 10 skudi; u lill-ħaddiema li taw għajnuna biex ġew stampati, tawhom ħames skudi b'rigal: min kienu u x'kien jisimhom in-nies li ħadu sehem f'dak l-istampar tal-11,000 kopja tal-Bolla tal-Kruċjata, ma sibniex.

Fi Frar tal-1756 wasal hawn Malta minn Katanja, l-Istampatur Don Nicolò Capaci li dan kellu jieħu ħsieb l-Istamperija tal-Gran Mastru u billi għall-aħħar

ta' April ta' dik is-sena wasal minn Palermu t-torkulier Giusè d'Angelo fil-15 ta' Mejju li ġie wara, fl-Istamperija nbdiet it-tħejjija għax-xogħol. Fil-5 ta' Ġunju tal-istess sena l-Istamperija fetħuha fil-Palazz, f'kamra fejn it-taraġ u fuq il-bieb kellha miktub "Stamperia", iżda x-xogħol tal-Istampa ma bediex ħlief fit-28 ta' dax-xahar, avolja t-tipi majjuskoli ma waslux ħlief fit-12 ta' Mejju, 1757.[14]

Fil-bidu li ġiet miftuħa dina l-Istamperija, insibu li l-impjegati tagħha kienu dawn: Don Nicolò Capaci, bħala kompożitur, b'salarju ta' 25 skud fix-xahar; Giusè d'Angelo, bħala torkulier b'20 skud; u s-Saċ. Fra Francesco Grech b'5 skudi; u l-ewwel xogħol li ħareġ minnha kien fl-1 ta' Lulju 1756 – 718-il kopja tal-Bolla tas-SSma. Kruċjata, tnejn minnhom għall-Gran Mastru.[15]

Don Nicolò Capaci dam fl-impjieg sal-20 ta' Marzu, 1772, għax l-għada ġie sospiż mix-xogħol u miżmum arrestat fil-Kastell (fuqiex ma sibniex),[16] u fit-12 ta' Awwissu ta' dik is-sena, b'ordni tal-Gran Mastru, ġie imbarkat u mibgħut pajjiżu, u floku, fl-1 ta' April tal-istess sena, b'degriet ta' S.E., sar Stampatur Fra Giovanni Mallia, b'salarju ta' 15-il skud fix-xahar. Dan Mallia kien ilu jaħdem f'din l-Istamperija mill-1763, u daħal bi rbiegħi (20 ħabba) kuljum.[17]

Il-kotba li huma stampati f'dina l-Istamperija jġibu hekk: *"In Malta, nel Palazzo e Stamperia di S.A.S. per D. Nicolò Capaci, suo stampatore. Con licenza de' Superiori."* Xi wħud minnhom iġibu l-approvazzjoni ta' tliet ċensuri u oħrajn le; u flok "D. Nicolò Capaci" meta laħaq Mallia, bdew iġibu "Giovanni Mallia".

L-Istampa f'Malta, taħt l-Ordni Ġerosolimitan, kienet taħt ċensura rqiqa, u dan jidher mill-Kodiċi ta' Rohan.[18] Kważi l-istess ċensura kienet tinsab fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi Ewropej, sa minn mindu sabu s-sengħa tal-Istampa, iżda fl-Ingilterra ċ-ċensura tneħħiet fir-rivoluzzjoni tal-1688.

Imħabba li kien hawn iċ-ċensura, mill-1642 sal-1798, jiġifieri mill-Gran Mastru Lascaris sa Hompesch, il-kotba li ġew stampati hawn Malta ma kinux ħlief fuq Kostituzzjonijiet, Bandi, Prammatiċi, Liġijiet, talb, poeżiji lill-qaddisin, serenati lill-Gran Mastri, u stejjer ta' taqbid u rebħ tax-xwieni tal-Ordni mat-Torok.

Sa hawnhekk tkellimna fuq l-Istampa fi żmien il-Kavallieri f'Malta.

Nibdew issa nitkellmu mill-aħjar li nistgħu fuq il-kotba bil-Malti stampati li kellna fi żmienhom.

L-ewwel Ktieb bil-Malti stampat li kellna kien id-*Duttrina Nisranija* li, skont ma nsibu fil-*Malta Cananea* ta' A. Preca[19] ġiet tradotta u stampata f'Ruma minn Mons. Duzina, Viżitatur Appostoliku.

Dana Duzina kien ġie hawn Malta fl-1 ta' Awwissu 1574 b'setgħa kbira biex iżur il-Knejjes, isewwi l-ħwejjeġ li kien hemm bżonn fihom u jagħmel il-Qorti tal-Inkiżizzjoni hawn Malta. Wara li spiċċa milli kellu jagħmel, fit-12 ta' Ġunju 1575 telaq lejn Ruma fejn stampa d-*Duttrina* li semmejna.

Fl-istess żmien li kellna l-ewwel Ktieb bil-Malti stampat, insibu wkoll imsemmi l-eqdem ktieb li kien miktub (manuskritt) bil-Malti. Dana l-Ktieb huwa msemmi mill-kittieb Thevet fil-ktieb tiegħu li kien stampa f'Pariġi fl-1575 taħt l-isem ta' *La Cosmographie Universelle*. Thevet kien ġie Malta ftit snin wara l-wasla tal-Ordni hawn, tkellem max-xjuħ tagħna u ra b'għajnejh Ktieb wisq qadim miktub bil-Malti, li kellu elf sena, fuq l-Istorja ta' Malta. U hawn xieraq insemmu (għall-informazzjoni tal-oħrajn) li lil Thevet, missirijietna qalulu li l-Maltin qatt ma tbiegħdu minn art twelidhom, u għalhekk kienu jafu x'jgħidu ħafna fuq ġrajjietha.

Mela, ġaladarba niesna qalu lil Thevet li huma qatt ma tbiegħdu minn hawn, jaqa' dak kollu li marru ħarrfu bosta kittieba meta jgħidu li – imħabba l-għaks li waqa' fi żmien li kienu jaħkmu hawn Malta l-Imperaturi Żvevi (1199-1266), Malta tbattlet min-nies u ġie żmien li ma baqgħux jgħammru fiha ħlief suldati.

Isaħħaħ ukoll l-għajdut ta' meta missirijietna marru jgħidu lil Thevet li l-Maltin qatt ma tbiegħdu minn art twelidhom, ir-Rapport li l-Abbati Gilbert bagħat lill-Imperatur Federik fl-1230-40, jiġifieri għall-aħħar żmien tal-Iżvevi f'Malta. Gilbert f'dan ir-Rapport bagħat jgħid li l-Maltin għandhom liġijiet u drawwiet għalihom li dawn ma għandhomx x'jaqsmu ma' ta' Sqallija; u qallu wkoll li hu, bil-parir tal-Maltin, żied l-għadd tal-milizja tal-Gżira b'għoxrin ruħ oħra.[20] Li kieku l-Maltin tassew tbiegħdu minn Malta bħalma qalu xi kittieba, kif sefa' li Gilbert isemmi *l-Maltin* fir-rapport li għamel lill-Imperatur?

L-ewwel Edizzjoni ta' dina d-*Duttrina*, (kif jgħidilna Preca), hija rari ħafna, u kienet miktuba b'Malti (fejn setgħu) safi, jiġifieri mhux bħall-Edizzjonijiet li saru wara, għax f'dawn kienu daħħlu ħafna kliem Taljan bla ma kien meħtieġ. U b'turija A. Preca jsemmi l-Att tal-Fidi li fejn fl-Edizzjonijiet tal-lum hemm hekk: "Jiena nemmen b'fidi *ferma* li hemm Alla wieħed li *jippremja* t-tajbin bil-ġenna u *jikkastiga* 'l-ħżiena *speċjalment* bl-infern. Jiena nemmen li dan Alla huwa wieħed fi tliet persuni *egwali, realment distinti* ..." eċċ.

Fl-ewwel Edizzjoni l-kliem korsiv kien hekk: *ħajja, iħallas, fuq kollox, xorta waħda, magħżulin minn xulxin, mingħajr* l-ebda *taħlit*. Minn hawn nieħdu li l-kotra l-kbira tal-kliem Taljan li għandna fil-Malti ma kienx mill-bidu, iżda daħħluh.

Nerġgħu għalli konna.

Dana l-Ktieb ta' Mons. Duzina x'aktarx li ħareġ darba biss, għax imkien ma sibna li raġa' ġie stampat.

Wara dan l-ewwel Ktieb bil-Malti li semmejna, ma sibna li ħareġ ebda Ktieb ieħor bil-Malti qabel l-1752. Imbagħad fis-sena (1752) reġgħet ħarġet id-Duttrina fi ktieb ta' 128 faċċata in 16mo taħt l-isem ta' *Tagħlim Nisrani, miġjub issa (mit-Taljan) fil-Malti mir-Reverendu Qassis Don Francesco Uzzino, bl-Ordni tal-Illmu. u Rmu. Mons. Fra Paulu Alpheran di Bussan, Arċiviskovu ta' Damiata u Isqof ta' Malta.* Dana t-*Tagħlim Nisrani* ġie stampat f'Ruma, bi flus l-Isqof li semmejna, għand l-Istampatur Generosu Salamonj bl-Istamperija fis-suq (pjazza) ta' Sant'Ignazju. Kien bil-Malti u bit-Taljan u ma kienx jittratta ħlief fuq id-Duttrina Nisranija li tgħallimna Ommna l-Knisja Mqaddsa. L-istess Ktieb fl-1768 kien raġa' ġie stampat f'Ruma għand Arcangelu Casaletti bl-Istamperija fis-suq (pjazza) tal-Minerva.

Dina d-Duttrina li semmejna, wara d-darbtejn li kienet ġiet stampata f'Ruma, reġgħet ġiet stampata tliet darbiet oħra hawn Malta fl-Istamperija tas-Sultan minn Mallia: fl-1780, fl-1786 u fl-1789, taħt l-isem ta' *Compendiu* (fl-ewwel edizzjoni 1780) u mbagħad ta' *Miġimgħa* (fl-edizzjonijiet l-oħra tal-1786 u tal-1789) *tat-Tagħlim Nisrani, korrett u stampat minn ġdid b'ordni tal-Illmu. u Rev. Mons. Fra Vicenzu Labini, Isqof ta' Malta, għad-Djoċesi tiegħu. Bis-sensja tas-Superjuri.* Fl-1795 reġgħet ġiet stampata, iżda billi f'din ir-raba' edizzjoni fil-frontispizju ma ġġibx ħlief "Malta" u s-sena li ġiet stampata, ma nistgħux ngħidu jekk hux tassew li ġiet stampata Malta inkella barra. Mikiel Anton Vassalli, fil-*Ktieb il-Kliem Malti* li fl-1796 stampa f'Ruma (paġ. XXIII) jgħid li dawna l-edizzjonijiet tad-Duttrina fihom ħafna kliem li bil-Malti ma jfissirx dak li hemm bit-Taljan, u għalhekk lil min mit-Taljan qalbu fil-Malti, barra milli qallu li qiegħed il-kliem li ma jiftihemx, qallu wkoll li ma jafx bil-Malti sewwa.

Barra dana l-Ktieb tad-Duttrina li semmejna ma sibna l-ebda Ktieb ieħor bil-Malti li ġie stampat fl-Istamperija tas-Sultan; dawk l-oħra li ġew f'idejna sibna li ġew stampati barra, u li huma dawn: *Alfabett Malti mfisser bil-Malti u bit-Taljan – Alfabeto Maltese spiegato in lingua Maltese e Italiana. In Roma, 1790. Per Antonio Fulgoni.* Dal-Ktieb, li hu ta' 24 faċċata in 12mo. barra mill-alfabett, fih ukoll bil-Malti "Tħarriġ fil-qari, il-għadd (numri) u twissijiet lill-qarrejja biex ma jħallu qatt it-tħarriġ fil-qari"; u dan il-ktieb hu miġjub fil-*Mylsen Phoenico Punicum, sive Grammatica Melitensis*: Grammatika tal-Malti li M. A. Vassalli stampa bil-Latin f'Ruma fl-1791, għand Antonio Fulgoni, fi ktieb ta' 236 faċċata in 8vo. u *Ktŷb yl-Klŷm Mâlti mfysser byl-Latin*

*u byt-Taljân*. Dan il-Vokabolarju mill-Malti għal-Latin u għat-Taljan li huwa xogħol ta' Mikiel Anton Vassalli, kien stampat f'Ruma fl-1796 għand Antonio Fulgoni, dan il-ktieb hu b'żewġ kolonni in 4to, u l-awtur iddedikah lin-Nazzjon Maltija. Id-dedika u l-kliem tal-bidu jlaħħaq XLIV faċċata, imbagħad jibda n-numerazzjoni tal-kolonni li jwasslu 682 waħda, u fl-aħħar tiegħu fih żewġ faċċati li fihom l-iżbalji u x'nesa jgħid fl-opra.

Dawna li semmejna huma l-kotba li ħarġu bil-Malti (u li ġew f'idejna) sal-1798, jiġifieri sakemm damu hawn il-Kavallieri ta' San Ġwann.

## II
## L-Istampa fi Żmien il-Franċiżi f'Malta

Fit-12 ta' Ġunju, 1798, Malta għaddiet għal taħt il-ħakma tal-Franċiżi, u l-Istamperija tal-Ordni ġiet minnhom imsejħa *Imprimerie Nationale*, u Ġanni Mallia, li kien l-Istampatur uffiċjali ta' Hompesch, baqa' bħala Direttur tagħha. Imbagħad billi l-Kummissjoni tal-Gvern ġiet mistoqsija minn bosta ċittadini jekk jistgħux jistampaw u jxerrdu l-kitba tagħhom, u billi din ftiehmet fuq hekk mal-Kummissarju tal-Gvern Franċiż, fis-sessjoni tat-8 Messidor Anno VI (26 ta' Ġunju, 1798) qatgħet li kull ċittadin hu fil-libertà li jistampa u jxerred il-kitba tiegħu stess, iżda għandu jniżżel ismu taħt il-kitba tiegħu qabel jagħtiha lill-Istampatur, inklelè l-Istampatur jeħel hu ta' dak li jista' jinqala'. Dina d-deċiżjoni ġiet mibgħuta lill-Ġen. Vaubois għalbiex jgħaddiha,[21] u dan għaddieha l-għada.

Il-post illi fih l-"Istamperija" kienet, billi nqalgħalha ħafna xogħol, sar żgħir, u għalhekk il-Kummissjonarji tal-Gvern, b'deliberazzjoni tal-5 u s-6 ta' Awwissu 1798 inkarigaw liċ-ċittadin Fay, inġinier *de Ponts et Chaussées et des Bastiments Civil* biex jiftiehem mad-Direttur tal-*Imprimerie Nationale* (Stamperija Nazzjonali) ħalli mill-aktar fis u bl-inqas spejjeż iġorru mill-Palazz għal-lok ta' fejn qabel kienet il-Kanċellerija u l-Kongregazzjoni tal-Gwerra tal-Ordni, u ġie maħtur ukoll biex jara jekk isirx sewwa x-xogħol li jsir fl-Istamperija, iċ-ċittadin Nutar Cristofru Frendo.[22]

Mela, minn hawn naraw li l-Istamperija (fi żmien il-Franċiżi) ma baqgħetx il-Palazz, bħalma qal Parnis, u bħalma jgħid il-Ktieb tar-Rapporti tal-Kummissjonarji, iżda ħaduha fil-Kanċellerija tal-Ordni, fejn, skont ma nsibu fil-ktieb ta' Achille Ferris: *Memorie dell'Inclito Ordine Gerosolimitano ecc*, hi llum il-*Garrison Library*.

Minn din l-Istamperija, Malta kellha tara ħruġ l-ewwel Ġurnal, u dan kien jismu *Journal de Malte, Feuille Nationale, Politique, Morale, Commerciale et Letteraire*, bil-motto *Liberté, Egalité*. Dana l-Ġurnal kien joħroġ xi drabi bi tmien faċċati u xi daqqiet b'erbgħa[23] (u mhux dejjem bi tmienja, bħalma qal Parnis) in 4to grande, b'żewġ kolonni, bil-Franċiż, u bi traduzzjoni bit-Taljan tat-test, u dan il-Ġurnal ħareġ, skont ma sibna fil-*Histoire de Malte* ta' Miège, fl-14 u fl-24 ta' Lulju, u fid-9, 12, 15, 19, 20, 27 u 28 ta' Awwissu, u fis-27 ta' Settembru tas-sena 1798. L-abbonament tiegħu kien ta' tnax-il lira (franki) fis-sena u folju għalih jinbiegħ seba' soldi (tliet soldi u nofs Ingliżi). L-assoċjazzjoni kienet issir għand Matti Rizzo, Librar tal-Biblijoteka Nazzjonali f'Malta.

Minn dana l-Ġurnal, il-Maġistrat Parnis jgħid li laħqu ħarġu tnax-il numru, iżda aħna l-aħħar numru li rajna tiegħu kien in-Nru. 10 (27 ta' Settembru, 1798). F'Miège sibna msemmija għaxar numri biss differenti, u l-Baruni Azopardi fil-ktieb *Giornale della Presa di Malta e Gozo*, li stampa f'Malta fl-1836, jgħid li għalkemm il-Ġurnal ta' Malta beda joħroġ bi ħrara kbira, iżda ħajja qasira kellu għax ħareġ san-numru 10 u spiċċa malli qam l-Irvell tal-Kampanja.

Aħna nsibu fil-*Malta Standard* Nru. 1201 (25 ta' Diċembru, 1896) li mal-*Journal de Malte* kien ħareġ ukoll ġurnal ieħor bit-Taljan taħt l-isem ta' *Malta Libera*. U l-Baruni Azopardi fil-*Giornale della Presa di Malta e Gozo* jġib il-Manifest tal-assoċjazzjoni tiegħu, kif ukoll li dal-Manifest jinsab stampat fil-Manuskritt tal-Biblijoteka Nru. 269. Aħna qallibna ħafna l-Biblijoteka, iżda dan il-Ġurnal ma ltqajniex miegħu kif ukoll lanqas ma ltaqa' miegħu (kif qalilna) il-Biblijotekarju, is-Sur Hannibal Scicluna P.L., li dan għamel studju speċjali fuq il-Ħakma tal-Franċiżi f'Malta, u stampa ktieb kollu dokumenti ta' żmienhom. Lanqas Miège fl-Istorja tiegħu ma jsemmih il-ġurnal "Malta Libera", iżda jsemmi biss il-*Journal de Malte*. Mela x'aktarx li l-Franċiżi għall-ewwel kienu bil-ħsieb li joħorġu ġurnal taħt l-isem ta' "Malta Libera", u mbagħad floku ħarġu l-*Journal de Malte*.

Mal-Irvell tal-Kampanja, l-Imblokk u l-Assedju tal-Franċiżi, spiċċat il-Libertà tal-Istampa, li l-Franċiżi kienu tawna;[24] u sakemm damu hawn dawn, mill-Istamperija Nazzjonali, ma sibna li ħareġ l-ebda ktieb minnha, la bil-Malti, lanqas bi lsien ieħor, barra miż-żewġ Almanakki bit-Taljan tal-1799 u l-1800, li dawn kienu ħarġu taħt l-isem ta' *Lunario, Calendario e Pronostico Nuovo*, dawna min-naħa l-waħda kienu jġibu l-Kalendarju Gregorjan u mill-oħra l-Kalendarju tar-Repubblika, u ma kinux iġibu l-qaddisin kollha, iżda kienu jġibu biss ta' dawk il-qaddisin li l-aktar għandhom x'jaqsmu ma' Malta, bħal S. Publiju, S. Pawl, Sta. Agata, S. Filep, il-festi tal-Madonna, tal-Appostli u

tal-oħrajn bħal dawn li semmejna. Ma' dawn inżidu poeżija bil-Malti li kienet ħarġet f'dak iż-żmien, waqt il-festa tal-Arblu tal-Libertà: festa li kienet saret fl-14 ta' Lulju, 1798, u din kienet ġiet stampata, sintendi, fl-Istamperija Nazzjonali. Dil-poeżija li kienet miktuba kwartini, ma ngħidu xejn, kienet poeżija tal-isem, għax barra milli ma kinitx miktuba skont ma titlob ir-regola tal-poeżija, f'xi bnadi l-versi lanqas ma kienu mqabbla, u aħna semmejnieha għax naħsbu li dik kienet l-unika ħaġa bil-Malti illi ġiet stampata (sija hawn Malta, kemm ukoll barra) fi żmien li damu hawn il-Franċiżi, jiġifieri mill-1798 sal-1800.

## III
## L-Istampa u l-Ewwel Kotba bil-Malti fi Żmien l-Ingliżi

Fl-1800 minn taħt il-Franċiżi Malta għaddiet għal taħt l-Ingliżi, u billi bħalma għedna li taħt il-Franċiżi kienet spiċċat il-Libertà tal-Istampa, il-Gvern Ingliż approfitta ruħu, żamm il-monopolju tal-Istampa f'idejh, billi ma ta ebda permess lil nies privati li jagħmluha ta' Stampaturi, jew jagħmlu użu minn Torkju. Għalhekk, l-uniku wieħed li kien hawn fil-Gżira biex iforni x-xogħol tal-Istampa lill-Pubbliku kien it-Torkju tal-Gvern, li dan kien imħaddem a spejjeż tiegħu. Kien ukoll li kull kitba biex tiġi stampata u mxerrda fil-Gżira minn din l-Istamperija tal-Gvern, din il-kitba qabel trid tkun mgħoddija mill-Prinċipal Segretarju, u meta xi ħadd kien jitlob lil dana biex jistampa xi ħaġa u dana ma kienx ikun irid, ma kien jgħid qatt l-għaliex.

Dal-monopolju ħadd ma kien jista' għalih, għax il-Gvern kellu miegħu l-Liġi li kienet tgħid: "Ebda traffiku ma jista' jsir fil-Gżira mingħajr qabel is-sensja tal-Gvern.[25] Għalhekk, it-Torkji li l-Gvern kien isib fil-Gżira kien jaqbadhom taħt idejh; u l-Gvern żamm għalih il-monopolju tal-Istampa u ma kienx iħalli lil nies privati li jġibu Torkju mhux bil-ħsieb li jaqla' minnu, iżda bil-ħsieb biex ma jiġux stampati kotba hawn Malta li ma jkunux jaqblu ma' dawn ir-regulamenti: 1) Il-kotba ma jrid ikun fihom ebda kritika għall-Gvern ta' Malta, jew ta' xi waħda mill-Ħakmiet tas-Sovran tagħna; 2) ma jrid ikun fihom ebda kritika għall-Gvernijiet strangieri li huma fil-ħbiberija mal-Gvern tal-istess Sovran; 3) ma jridx ikun fihom kwistjonijiet fuq ir-Reliġjon; u 4) ma jrid ikun fihom ebda kritika fuq kif wieħed iġib ruħu fil-ħajja privata."

Dina ċ-ċensura kienet biss għall-kotba li jistampaw ruħhom Malta, għax minn barra kienu jistgħu jiġu kotba ta' kull xorta, u ma kienx hemm bżonn ta' ebda sensja; għalkemm dawn, barra mill-gazzetti, kienu jħallsu dazju żgħir,

wieħed fil-mija *ad valorem*; u billi tista' tgħid li ma kienx hawn Liġi għal-Libelli, bosta mill-kotba kienu jattakkaw is-sistema u l-kondotta tal-Gvern bi kliem iebes u xewwiexi.

Il-ħlas biex tistampa fl-Istamperija tal-Gvern kien siwi ta' darbtejn tal-Istamperiji ta' barra; u billi din ma kienx fiha kumdità biżżejjed għall-ħtieġa tal-pubbliku, bosta drabi kien idum ħafna ma jitlesta x-xogħol ordnat. Ġie xi drabi wkoll li billi l-impjegati tal-Istamperija kienu jkunu applikati f'xogħol il-Gvern, ix-xogħol tal-pubbliku ġie rruftat imħabba li l-ħaddiema ma kinux jistgħu jlaħħquh.

It-Torkju li kellu l-Gvern, li dan baqa' jaħdem bih sa żmien il-Gvernatur Maitland, kien l-istess Torkju tal-Gran Mastru Pintu, u li bih kienu nqdew ukoll il-Franċiżi fiż-żmien li damu hawn.

Mill-kotba li ħarġu hawn Malta fil-bidu tal-Ingliżi u dawna ġew f'idejna, jidher li l-Istamperija tal-Gvern, mill-Kanċellerija tal-Ordni, reġgħet kienet meħuda fil-Palazz, u sal-1804 kienet għadha hemm, għax xi wħud minn dal-kotba jġibu li huma stampati *Dalla Stamperia di Palazzo*. Imbagħad l-Istamperija (skont kif sibna) ġiet fis meħuda fil-Bergia d'Italia, li dina tiġi fi Strada Mercanti, u dana x'aktarx li sar wara l-1804, għax kemm-il ktieb ġie f'idejna mill-1805 'l quddiem, l-ebda wieħed ma jġib li huwa stampat *Dalla Stamperia di Palazzo*, iżda kien iġib biss hekk: "Malta", jew "In Malta" u s-sena li fiha ġie stampat; imbagħad aktar 'il quddiem bdew iġibu: *Nella Stamperia di Governo*.

Iżda maż-żmien (meta ma sibniex) l-Istamperija reġgħet ittieħdet fil-Palazz.

Billi fl-Almanakki ta' Malta li għandna tal-1805, 6 u 7, iġibu l-impjegati tal-Gvern min kienu, lil Ġanni Mallia nsibuh li f'dak iż-żmien kien għadu Direttur tal-Istamperija tal-Gvern, u bi President tagħha nsibu lis-Sur Gavino Bonavita, li dan kien laħaq f'dan l-impjieg b'Notifikazzjoni tal-24 ta' Ottubru, 1803. Lil Vittorio Barzoni, li Parnis kien qal li dana fil-bidu tal-Ingliżi kien magħmul sopraintendent tal-Istamperija tal-Gvern, ma nsibuhx imniżżel mal-impjegati li sibna fl-Almanakki li semmejna, avolja mill-kotba li ġew f'idejna ta' dana Barzoni sibna li kien hawn Malta diġà fl-1804. L-impjieg li kellu Barzoni mal-Gvern kien speċjali, jiġifieri mhux bħala sopraintendent tal-Istamperija, bħalma qal Parnis, iżda talli kien iforni (bil-kitba) gazzetti u kotba lill-Gvern; u ta' dana x-xogħol kellu għaxar liri fix-xahar, li mbagħad b'Notifikazzjoni tas-16 ta' Ġunju, 1808, żdidulu, mill-ewwel ta' Mejju tal-istess sena, 41 skud u 8 irbajja' oħra fix-xahar, u dan jidher mill-Manuskritt tal-Biblijoteka Numru 358.

Dana, Vittorio Barzoni, kif sibna fil-Manuskritt minna msemmi, meta ġie Malta ħareġ ġurnal taħt l-isem ta' *Il Cartaginese*, u dam joħroġ regolari

sal-1806, iżda mill-ktieb ta' Antonio Schembri: *Selva di Autori e Traduttori Maltesi* (stampat f'Malta fl-1855) insibu li miegħu kellu, bħala Editur ukoll, lin-Nutar Gavino Bonavita, għax dana l-ktieb jgħid li Bonavita kien wieħed mill-Edituri tal-ġurnali li ħarġu hawn Malta mill-1803 sal-1810. Ġurnali li ħarġu fis-snin illi semmejna huma dawn:

*Foglio d'Avvisi* – Taħt dana l-isem kellu joħroġ folju fl-1 ta' Ottubru, 1803, mill-Istamperija tal-Gvern, skont in-Notifikazzjoni tas-26 ta' Settembru tal-istess sena, iżda dana l-folju li kien ta' 8 faċċati in 8vo. u b'żewġ kolonni, ma bediex joħroġ ħlief fit-8 (ta' Ottubru). Huwa kien joħroġ bit-Taljan, iġib l-Aħbarijiet ta' Malta u ta' barra, u ma kellux ġurnata destinata tal-ħruġ tiegħu, iżda kien joħroġ kull meta jaslu xi aħbarijiet ġodda. L-aħħar numru tiegħu (l-14-il wieħed) ħareġ fit-12 ta' April, 1804; imbagħad, fit-23 tal-istess xahar, beda joħroġ folju ieħor bit-Taljan, bi 8 faċċati in 8vo. u b'żewġ kolonni taħt l-isem ta' *L'Argo* u kien iġib l-Aħbarijiet ta' Malta u ta' barra. Kull min kien irid jassoċja f'dal-folju kien jibgħat ismu lis-Sur Gavino Bonavita (President tal-Istamperija tal-Gvern), u l-abbonament tiegħu għal barra kien ta' żewġ zekkini Venezjani, jew flus oħra li jiswew daqs dawn. U l-aħħar numru tiegħu (id-9 wieħed) ħareġ fl-4 ta' Settembru, 1804. Wara dan, fl-20 ta' Settembru tal-istess sena, beda joħroġ folju bit-Taljan, id-daqs ta' qablu u b'kolonna waħda, taħt l-isem ta' *Il Cartaginese*; kien iġib kważi l-Aħbarijiet ta' barra biss, u barra milli l-biċċa l-kbira kien joħroġ b'aktar minn tmien faċċati, kien joħroġ ta' sikwit f'supplimenti taħt l-isem ta' *Gazzetta Straordinaria*, u ġieli wkoll ħareġ bla isem u bla numru. L-aħħar wieħed minnu li rajna bin-numru kien in-numru 133, u dak ta' bla numru kien li ħareġ fil-25 ta' Ottubru, 1810.

Għall-ħabta li kienu joħorġu dawn il-folji, jiġifieri fis-sena 1805, sibna li ħareġ (minn fejn ma nafux) ktieb bil-Malti bi 8 faċċati kbar ta' Ġużè Martin Cannolo, li kien jismu *Alfabeto Maltese* – Dan il-ktieb kien fih it-tifsir bit-Taljan tal-Alfabett Malti, u fih bil-Malti: "Kliem bejn tnejn: l-Imgħallem u Elttalamid (skular)", fejn f'din it-taħdita jgħid lill-iskular biex jitgħallem l-ewwel dan l-Alfabett, ħalli mbagħad (Cannolo) jagħmel "Eledikduk" (Grammatika?) u l-"Kamus" (Dizzjunarju?) bit-Taljan u l-Malti, u bil-Malti u t-Taljan, u wara jagħmel ukoll "Miktieb" (ktieb) bit-Taljan u l-Malti, jew bil-Latin u l-Malti. Iżda minn dan kollu, li Cannolo qal li għandu joħroġ, ma sibna msemmi mkien li ħareġ xi ħaġa minnhom.

Dal-ktieb li semmejna u li għedna li hu ta' Cannolo, għednieh għax hekk sibna f'lista ta' kotba li qiegħda għandna, u li dil-lista kienet tappartjeni lill-

mejjet orjentalista Ant. Emm. Caruana, għax mill-bqija dal-ktieb li għandna la jġib min hu l-awtur tiegħu, lanqas is-sena li ġie stampat fiha.

Minn mindu ġew l-Ingliżi sa għaxar snin wara, jiġifieri sal-1810, mal-ebda ktieb ieħor bil-Malti ma ltqajna ħlief ma' dan il-ktieb ta' Cannolo li semmejna. Għalhekk, qabel ma reġgħu ġew kotba oħra f'idejna bil-Malti ser insemmu xi ħwejjeġ li ġraw u li dawn għandhom x'jaqsmu mal-Istampa.

Fl-1810, ċertu Calvert (neguzjant Ingliż) fettillu jġib Torkju għall-użu privat tiegħu. Iżda billi, bħalma għedna, ħadd ma kien jista' jġib Torkju bla permess tal-Gvern, ftit wara li wasallu hawn, il-Gvern għarraf lil dana Calvert li ma jistax iżomm Torkju bla permess; u għaldaqshekk imbagħad dan xtrah il-Gvern mingħandu b'955 skud u ġarru fl-Istamperija tiegħu.

U għalkemm sensja biex jinġiebu Torkji qatt ma ntgħatat lil nies privati, iżda lil Soċjetajiet intgħata permess biex jarmaw Stamperija, u l-ewwel Stamperija li nsibu msemmija kienet dik tad-Dipartiment tal-Kummissarjat, li din kienet saret għall-istampar tal-formoli u d-dokumenti għall-ħtieġa tad-Dipartiment Militar.

Iżjed. Għall-ħabta tal-1811, billi l-Maltin kienu xebgħu jaraw li l-affarijiet ta' Malta flok ma jissewwew sejrin aktar għall-agħar, xi kbarat Maltin lestew petizzjoni għal għand ir-Re, fejn jitolbuh jieħu inkonsiderazzjoni d-drittijiet tagħhom bħalma kien wegħedhom il-Gvernatur Ball. Fost dawn id-drittijiet li kienu mitluba, kien hemm ukoll il-Libertà tal-Istampa.

Biex jiġbor il-firmi għal dina l-petizzjoni kien ħa ħsieb il-Markiż N. Testaferrata; iżda meta ġiet mogħtija lill-Gvernatur Oakes, biex jibgħatha l-Ingilterra, dana tnaffar, u għalhekk fi Proklama li ħareġ fit-23 ta' Awwissu 1811 ċanfar u għadd lil dawk li niżżlu isimhom fil-petizzjoni b'nies xewwiexa u b'mhux ta' min jistmahom. U billi dil-Proklama ġiebet xi satiri mal-ħitan kontra Oakes, dana tniggeż tant, li biex jitħallas żamm mill-impjieg lil dawk li kienu fil-Militar u bagħat lill-oħrajn li kienu fiċ-Ċivil, lil dawk li niżżlu isimhom fil-petizzjoni.

Għal din il-kefrija ta' Oakes, il-kbarat tagħna għażlu lill-istess Markiż Testaferrata sabiex imur Londra biex jitkellem mal-Ministru fuq il-ħwejjeġ ta' Malta: Testaferrata, fis-16 ta' Jannar, 1812, mar Londra, tkellem mal-Ministru fuq kulma għadda u x'sofrew il-Maltin, u ta lill-Ministru kliem miktub sabiex ikun mogħti lir-Re fil-Kunsill.

Il-Prinċep Reġġent – li dik il-ħabta kien qiegħed jagħmel flok missieru (Ġorġ III) billi dana kien żmaga – b'xi mod ried jagħti sodisfazzjon lill-Maltin, ugħalhekk ordna *Commissioni d'Inchiesta* magħquda mis-Sinjuri W. A. Court u J. Burrows sabiex jiġu hawn u megħjuna mill-istess Oakes jaraw

u jiflu sew kif inhuma sejrin il-ħwejjeġ ta' Malta, u x'inhu li hu meħtieġ isir għall-ġid tal-Maltin.

Il-Kummissarji f'Lulju tal-1812 kienu hawn, raw l-affarijiet u għamlu r-rapport; iżda dana r-rapport baqa' fuq l-ixkafef tal-Ministru, u l-Maltin baqgħu bħalma kienu.[26]

Fl-istess sena (1812) li l-Maltin talbu l-Libertà tal-Istampa, Giusè Casolani u Vittorio Barzoni fis-7 ta' Jannar bdew joħorġu ġurnal bit-Taljan: *Il Giornale di Malta* kull nhar t'Erbgħa b'4 faċċati in 4to. grande. Dana l-ġurnal kien iġib kważi biss l-aħbarijiet ta' Malta u ta' barra, u l-assoċjazzjoni tiegħu kienet issir fl-Uffiċċju tal-Ġurnal, Nru. 33, Piazza della Conservatoria (illum Pjazza Teżorerija) bil-prezz ta' ħames xelini, sitt soldi u tmien ħabbiet fis-sena. Numru separat kien jinbiegħ tliet soldi u erba' ħabbiet; kien jinbiegħ ukoll fl-Uffiċċju tal-Posta tal-Gvern fl-istess Pjazza Nru. 247; u kien jgħid li hu stampat fl-Istamperija tal-ġurnal għand Gaspare Sevaglios, surġent stampatur tar-Riġiment Sqalli. Iżda bin-Nru. 47 (25 ta' Novembru, 1812) beda jġib li huwa qiegħed jinbiegħ, jistampa u jitqassam lill-assoċjati fl-Istamperija tal-Gvern. L-aħħar li ħareġ kien fil-20 ta' Ottubru, 1813 bin-Nru. 94.

Din l-Istamperija li semmejna tar-Riġiment Sqalli (li minnha fl-1813 ġie stampat ukoll it-tieni Edizzjoni tal-Ktieb *Ordini permanenti per il Reggimento Siciliano di Fanteria Leggiera nel servizio di Sua Maestà Britannica*) ma nsibuhiex fil-Ktieb tar-Rapporti tal-Kummissjonarji msemmija ma' dawk li kellhom il-permess li jżommu stamperija, għalhekk naħsbu, li din kienet l-istess waħda tal-Kummissarjat, u fiż-żmien li dan ir-Riġiment Sqalli għamel f'Malta, kienet taħt it-tmexxija ta' wħud mill-istaff tiegħu.[27]

Wara sebat ijiem li waqaf il-*Giornale di Malta,* jiġifieri fis-27 ta' Ottubru, 1813, bdiet toħroġ il-*Gazzetta del Governo di Malta* kull nhar t'Erbgħa, b'4 faċċati d-daqs tal-*Giornale di Malta.* Kienet miktuba minn Vittorio Barzoni, u damet taħt id-Direzzjoni tiegħu san-numru 53 (26 ta' Ottubru, 1814).[28] Kienet tistampa ruħha, tinbiegħ u titqassam lill-assoċjati fl-Istamperija tal-Gvern, imbagħad bdiet tinbagħat f'dar l-assoċjati tal-Belt, u bdiet tinbiegħ ukoll f'xi ħwienet tal-Kafè. L-Abbonament kien 8 skudi u 4 irbajja' fis-sena, jew irbgħajjejn in-numru. Iżda meta kienet toħroġ b'aktar minn 4 faċċati, kienet tkun irbgħajjejn u nofs.

Min-Nru. 145 (7 ta' Awwissu, 1816) bdiet toħroġ bit-Taljan u bl-Ingliż, taħt l-isem ta' *Malta Government Gazette,* u fl-1 ta' Ġunju, 1819 bħala Soprintendent tal-Istamperija u Editur tal-Gazzetta sar Henry Harper. Min

kien editur tal-"Gazzetta" qabel dana Harper, jiġifieri min sar fl-1814 wara li kien spiċċa Vittorio Barzoni, ma sibniex. Biss sibna li meta bdiet toħroġ il-Gazzetta b'żewġ ilsna, it-traduttur mill-Ingliż għat-Taljan kien Dr Carlo di Cristoforo; dam f'dan l-impjieg sal-1841, imbagħad irtira bil-pensjoni u miet fl-14 ta' Settembru, 1857.

Bin-Nru. 414 (2 ta' Ottubru, 1821) bdiet toħroġ darbtejn fil-ġimgħa: nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ġimgħa. L-abbonament sal-aħħar sena baqa' bl-istess ħlas, u fl-1 ta' Jannar 1822 sar 10 skudi fis-sena, jew tliet karnijiet in-numru. Iżda bin-Nru. 685 (12 ta' Mejju, 1824) reġgħet għalli kienet qabel, jiġifieri bdiet toħroġ darba fil-ġimgħa: kull nhar t'Erbgħa, u l-abbonament sar 7 skudi u sitt irbajja': imma billi beda jkun hemm bosta aħbarijiet xi ġġib bdiet toħroġ xi numri straordinarji bħala suppliment, u xi drabi l-Gazzetta bdiet toħroġ daqqa b'sitta u oħra bi tmien faċċati; imbagħad baqgħet toħroġ bi tmienja dejjem. Foll separat baqa' tliet karnijiet, sakemm fit-2 ta' Diċembru, 1825, min-Nru. 771, sar tliet soldi.

Fit-28 ta' Awwissu, 1826, billi Henry Harper kien miet, floku sar Charles Harper bħala Soprintendent tal-Istamperija u Editur tal-"Gazzetta".

Meta fl-1839 ġiet il-Libertà tal-Istampa dina l-Gazzetta ma baqgħetx tagħti l-Aħbarijiet ta' Malta u ta' barra, l-Arrivi u l-Partenzi tal-frejgati, bastimenti u passiġġieri, bħalma kienet iġġib minn mindu bdiet toħroġ, iżda baqgħet biss iġġib Liġijiet, Ordinanzi, Proklami u affarijiet oħra uffiċjali tal-Gvern ta' Malta bħalma għadha sal-lum.

Minn xħin bdiet toħroġ dil-"Gazzetta" (1813) sakemm niġu biex insemmu li bdiet toħroġ gazzetta oħra (1827) insibu li ħarġu dawn il-kotba bil-Malti.

1. *Compendio della Dottrina Cristiana, corretto e ristampato per ordine di S. E. Revma. F. Ferdinando Mattei, Arcivescovo di Rodi e Vescovo di Malta. Ad uso della sua diocesi. In Malta, 1816.* Dal-ktieb li huwa Edizzjoni tad-Duttrina l-antika, għad illi ismu huwa bit-Taljan, iżda hu bil-Malti u t-Taljan. Minn dina d-Duttrina għandna Edizzjoni oħra li kienet ġiet stampata hawn Malta fl-1823, u barra dawn iż-żewġ Edizzjonijiet li semmejna, ma nistgħux ingħidu jekk ħarġux aktar minn dawn id-darbtejn, mill-bidu tal-Ingliżi sakemm ġiet il-Libertà tal-Istampa (1839) ladarba ma ġewx f'idejna.
2. *Vangelo del Nostro Signore Gesù Cristo secondo San Giovanni – Tradotto in lingua Italiana e Maltese secondo la volgata* – Londra presso R. Watts, 1822. Dan il-ktieb li hu l-Evanġelju ta' San Ġwann fih 70 folja karta b'żewġ kolonni l-waħda bla ma huma numerati: f'waħda mill-kolonni miġjub bil-Malti u fl-oħra bit-Taljan u hu miktub minn Ġużè Martin Cannolo.[29]

3. *Ktieb il-Qari, jew Daħla għall-Ilsien Malti.* Stampat f'Ligorni fl-1824. Dana l-ktieb li hu ta' 48 faċċata in 8vo hu miktub minn Ċikku Vella u Ġużè Montebello Pulis, fih tagħlim fuq l-Ilsien Malti u l-għadd (numri), ħrejjef morali, doveri tal-bniedem, ġeografija, epoki tal-Istorja mill-ħolqien tad-dinja sal-1823 u kif tikteb l-ittri.
4. *Trattat fuq l-Obbligi tal-Bniedem tal-Patri F. Soave – imqassam f'mistoqsijiet u tweġib għall-użu tat-tfal tal-Kulleġġ ta' Għawdex.* Miżjud minn qasir kliem fuq il-pronunzja tal-Alfabett Malti. Dana l-ktieb hu ta' 88 faċċata in 8vo. u stampat f'Ligorni fl-1826. Mill-ortografija li biha hu miktub dan il-ktieb, naħsbu li hu ta' Ċikku Vella u Ġużè Montebello Pulis.

Wara dawn il-kotba, fil-ktieb *Traduzioni di Rapporti dei Commissionari* nsibu li fl-1827, mill-Istamperija tal-Gvern, kien joħroġ perjodiku letterarju taħt l-isem ta' *The Mediterranean Register (Il Registro del Mediterraneo).* Dan il-perjodiku li b'Editur tiegħu kien hemm E. D. Baynes, kien iġib artikli bit-Taljan u bl-Ingliż u għall-ewwel kien joħroġ a spejjeż tal-Editur, iżda billi ma sabx inkoraġġiment, avolja l-Gvern beda jeħodlu n-nofs li kien jeħodlu qabel, waqaf għall-aħħar tas-sena (1827) b'telfa ta' flus mill-imsemmi Baynes. Minn dal-perjodiku kienu jiġu stampati 250 kopja kull numru.

Fl-istess sena li ħareġ il-perjodiku nsibu li sar it-tieni sekwestru ta' Torkju li nġieb hawn Malta minn Xandru Schiada (minn Żanti) bla permess tal-Gvern. Dana Schiada kien ġie Malta fl-1809, u fl-1826 xtara Torkju u ftit tipi (b'kollox 18-il ratal) biex jistampa tikketti tal-fliexken, poloz tal-kargu u ħwejjeġ oħra bħal dawn. Il-Pulizija qabditlu kollox mill-Furjana, Strada San Publio Nru. 19, fejn kien joqgħod. Schiada għamel kemm-il petizzjoni biex jagħtuhomlu lura, billi bihom kien qiegħed jgħajjex lill-familja, iżda dejjem kienu jwiġbuh le. Imma wara dik il-petizzjoni tat-30 ta' Mejju, 1830 raddewlu kollox barra t-tipi.[30]

Għalkemm il-Gvern ma kienx irid iħalli lil nies privati jagħmlu użu minn Torkju, iżda barra l-permess minna msemmi li ta lid-Dipartiment tal-Kummissarjat, kien ta wkoll permess sabiex jarmaw Stamperija lis-Società Missionaria Americana u lis-Società d'Indipendenti Inglesi bil-kondizzjoni: (I) li kull ħaġa, qabel ma tiġi stampata, trid tgħaddi mill-Prinċipal Segretarju u (II) li l-ebda ħaġa stampata ma tkun imxerrda fil-Gżira bla l-permess tiegħu. U bl-istess kondizzjonijiet kien ta wkoll permess għal Torkju lis-Società Ecclesiastica dei Missionarj, biex tistampa kotba tal-Knisja u tal-iskola, biex jiġu mxerrda fix-xtut tal-Mediterran.

L-Istamperija tas-Società d'Indipendenti Inglesi ma sibniex f'liema sena kienet hawn u dik tas-Società Americana mill-kotba li rajna nsibu li fl-1827 u 1828 kienet hawn. Il-kotba li kienu joħorġu minn din l-Istamperija kienu jġibu hekk: *Malta: dai Torchi Americani* u s-sena li fiha ġew stampati; iżda fis-sena 1836, jiġifieri meta ġew il-Kummissjonarji f'Malta, minn dawn l-Istamperiji ma kienx fadal ħlief dik tas-Società Ecclesiastica dei Missionarj u l-oħra tal-Kummissarjat.

Dis-Società Ecclesiastica dei Missionarj kienet tappartjeni lill-Knisja Anglikana, u mill-kotba li rajna, fl-1826 insibuha li kienet ġa hawn.

F'xi waħda minn dawn l-Istamperiji li semmejna ġew stampati dawn il-kotba bil-Malti li ser insemmu ġaladarba jgħidu li huma stampati f'Malta, u ma jinsabux fil-lista tal-kotba li mill-1825 sal-1836 ġew stampati mill-Istamperija tal-Gvern:

1. *Motti, Aforismi e Proverbii Maltesi – Raccolti, interpretati e di note esplicative e filologiche corredati da Michelantonio Vassalli – Malta: stampato per l'Autore 1828, in 8vo.* Dal-ktieb li hu ta' 92 faċċata barra minn VII faċċati oħra li fihom id-dedika lill-Onorabbli John Hookham Frère u l-frontispizju, fih ġabra ta' 863 proverbju bil-Malti u xi jfissru bit-Taljan.
2. *Tagħlim Nisrani, meħud mill-Katakiżmu Kattoliku ta' Douay u mill-Katakiżmu Kattoliku tal-Abbati Fleury* – Malta, 1829. Bis-sensja tas-Superjuri. Dal-ktieb ta' 44 faċċata in 8vo. Huwa bil-Malti u bl-Ingliż u jġib tagħlim fuq ir-Reliġjon biss.
3. *Ktieb il-Qari għat-tfal* – Malta, 1831. Dan il-ktieb ta' 72 faċċata in 8vo. barra milli fih xi stampi, jgħallem il-qari, iġib xi ħrejjef u bosta ħwejjeġ oħra ta' tagħlim.
4. *Storja tas-Sultan Ċiru, meħuda mir-Rollin* – Malta, 1831. Dan il-ktieb ta' 130 faċċata in 8vo. iġib il-ħajja tas-Sultan Ċiru tal-Persja, dak li kien qered il-Belt ta' Babilonja u ħeles lil-Lhud mill-jasar. Sija fil-ktieb ta' George Percy Badger: *Sullo stato della Educazione Pubblica in Malta* (Malta, 1839) kemm ukoll fil-ktieb tar-Rev. C. F. Schlienz: *Views on the improvement of the Maltese Language* (Malta 1838) insibu li l-kittieb tal-Istorja tas-Sultan Ċiru huwa Michelantonio Vassalli.
5. *Ktieb il-Qari fuq bosta ħwejjeġ maħtura minn kotba kattoliċi* – Malta bis-sensja tas-Superjuri, 1832. Fil-kotba ta' Badger u Schlienz li semmejna nsibu li l-kotba li hawn huma numerati 2, 3 u 5 huma miġuba mill-Ingliż għall-Malti minn Dr Naudi. U Schlienz ikompli jgħid fil-ktieb tiegħu li dana Dr Naudi ġiebhom bil-Malti biex jintużaw fl-iskola li kien hawn tas-Società Missionaria Wesleyana. Barra dawn il-kotba

li semmejna Dr Naudi ġieb ukoll bosta kitba mill-Ingliż għall-Malti (li ma ġietx stampata) biex isservi lil Mr Keeling u lil Dr Naudi għall-predikar.

Barra dawn il-kotba li semmejna, li aktarx bħalma għedna kienu stampati f'xi Stamperija ta' dawn is-Soċjetajiet, M.A. Vassalli stampa f'Londra fl-1828, għand R. Watts, Ktieb ta' 280 faċċata in 8vo. li fih bil-Latin u bil-Malti *L-Erba' Evanġelji u l-Atti tal-Appostli*.[31] U nsibu wkoll li mill-1833 sal-1836, mill-Istamperija tal-Gvern, ħarġu ħafna kurunelli ta' talb u tifħir lil bosta qaddisin (poeżiji) tas-Saċ. A. Ludovik Mifsud Tommasi.[32]

S'hawn tkellimna fuq il-kotba bil-Malti ħalli issa nerġgħu naqbdu nitkellmu fuq l-Istampa.

Billi l-Maltin kienu ddejqu għall-aħħar iggvernati bid-dispotiżmu, (u kif ukoll hekk kienu sa minn mindu ġew l-Ingliżi f'darna) fl-1832 reġgħu ċċaqalqu biex jitolbu d-drittijiet tagħhom. Għalhekk fit-18 ta' Lulju ta' dik is-sena taw żewġ petizzjonijiet lill-Gvernatur Ponsonby sabiex minnu jiġu mibgħuta lir-Re; fost id-drittijiet li talbu riedu l-Libertà tal-Istampa. Iżda, minn kulma talbu ma ġiex ħlief il-Kunsill biss; u tarġa' tgħid kien Kunsill taparsi, għax ma kienx bħal dak li riedu l-Maltin! ... u għalhekk, il-Kbarat tagħna ħadu fastidju sewwa u wieħed minnhom (in-Negozjant Ġorġ Mitrovich) f'Lulju 1835 mar Londra, stampa ktieb kontra l-Gvern ta' Malta, u ppreżentah lill-Ministru tal-Kolonji (Glenelg). Fuq hekk il-Ministru talab rapport formali lill-Aġt. Gvernatur Cardew (li kien qiegħed jagħmel flok Ponsonby) u dana Cardew fl-24 ta' Novembru ħareġ Notifikazzjoni fejn fiha avża biex jidhru quddiemu dawk kollha li għandhom xi jgħidu kontra l-Gvern u l-impjegati tiegħu, biex jagħmel ir-rapport lill-Ministru.

Il-Maltin malajr intebħu li dan kien daħk fil-wiċċ; għalhekk malajr għamlu petizzjoni oħra ffirmata minn 2357 ruħ, u fl-10 ta' Frar 1836 bagħtuha Londra lis-Sur Ewart – il-protettur avukat tal-Maltin u membru tal-Parlament.

Ewart fis-7 ta' Ġunju ta' dik is-sena ppreżenta l-petizzjoni fil-Parlament flimkien ma' ktieb ieħor miktub u stampat minn Mitrovich.[33] Il-Parlament ra li l-Maltin għandhom raġun, u għalhekk ordna dlonk Kummissjoni magħmula minn G. Cornewall Lewis u J. Austin bis-Sinjura tiegħu għall-affarijiet tan-nisa.

Sena qabel ma waslu l-Kummissjonarji hawn Malta, jiġifieri fl-1835, insibu li ċertu Luigi Tonna, ibigħ il-kotba, ressaq quddiem il-Logotenent Gvernatur Memurjal biex iwaqqaf Stamperija l-Belt, fejn fih qal li jekk tkun lilu mogħtija s-sensja bosta mill-kotba li jiġu minn barra u l-iskritti ta' Maltin li qegħdin jinbagħtu barra għall Istampa, għalli ġej jistgħu jkunu stampati hawn, u dax-

xogħol tal-Istampa jkun ta' ġid lilu u lil dawk li jdaħħal jaħdmu miegħu. Iżda, billi l-Prinċipal Segretarju żelaqlu mit-talba (kif l-istess raġa' għamillu għal Memurjal ieħor li ressaq) f'April tal-istess sena (1835) bagħat Memurjal għal quddiem ir-Re fil-Kunsill, fejn fih għarraf it-talba li għamel lill-Gvern ta' Malta bir-riżultat li kellu, u raġa' talab li jtuh is-sensja li jarma Stamperija.

Dal-Memorjal b'ordni ta' Lord Glenelg, ġie mibgħut għad-deċiżjoni tal-Kunsill tal-Gvern ta' Malta; iżda r-riżultat ta' x'sar minnu l-Memurjal ma ġiex mgħarraf lil Tonna, u lanqas ma tawh il-permess li talab.

Frattant il-Kummissjonarji, fil-20 ta' Ottubru, 1836, waslu hawn fuq il-frejgata Ingliża *Vernon*, u wara sitt ijiem kwarantina żbarkaw f'Tal-Pjetà, fejn minn hemm ġew milqugħa u mdaħħla l-Belt mill-Maltin b'dimostrazzjoni kbira; u filgħaxija saret luminazzjoni ma' kullimkien.

Ma damux wisq (wara li ġew) il-Kummissjonarji ma taw bidu għax-xogħol tagħhom ħalli jaraw sewwa l-ħwejjeġ kif inhuma, u l-ewwel ma ħadu ħsieb jaraw sewwa kienet il-biċċa tal-Istampa, fejn wara li għarblu sewwa l-affari ffurmaw Rapport u fl-10 ta' Marzu 1837 bagħtuh lil Lord Glenelg.

F'dan ir-Rapport il-Kummissjonarji talbu li titneħħa ċ-ċensura u tingħata l-Libertà tal-Istampa, b'liġi magħha biex iżżomm l-abbużi. Minn dan ir-Rapport, aħna, barra milli minnu ħadna ġa bosta ħwejjeġ li semmejna fi żmien il-Gvern Ingliż, nieħdu li bosta qassisin kienu jaħsbu li xi kotba, milli xterdu fil-Gżira u kienu jmieru t-tagħlim tal-Knisja, kienu stampawhom fl-Istamperiji li kien hawn tal-Protestanti; u, billi huma (il-qassisin) ma kinux jistgħu jmeruhom f'li jgħidu, imħabba li ma kienx hawn Stamperiji oħra fil-Gżira, il-Protestanti kellhom vantaġġ kbir fuq l-Insara. Iżda, għalkemm il-Protestanti kellhom dal-vantaġġ kollu, u kienu jagħmlu ħafna sforzi, sewwa bil-flus li kellhom, kemm ukoll bil-kotba li jdaħħlu jew jistampaw hawn Malta bil-moħbi kontra t-tagħlim tal-Knisja tagħna, biex jaqilbu l-Maltin għal magħhom; iva, b'danakollu, bilkemm kienu jsibu Maltin li jaqraw il-kitba tagħhom.

Fi żmien sitta u tletin sena li kien ilu jaħkem hawn Malta l-Gvern Ingliż, Maltin li saru Protestanti, ma kienx hemm aktar minn ħamsa jew sitta; u li dawn (nissoktaw insibu fir-Rapport) il-Maltin maqluba ma kinux ħallew ir-Reliġjon tagħna minħabba t-tixrid tal-kotba tal-Protestanti.

Il-għoti tal-Libertà tal-Istampa f'Malta lill-qassisin tagħna, għall-ewwel ħassbithom ħażin ħafna; għalhekk riedu li l-Libertà tal-Istampa tiġi bil-patt li ma jkun jista' jsir l-ebda attakk, sija dirett kemm indirett, lill-Knisja. Iżda l-Kummissjonarji ġagħluhom jifhmu li ċ-ċensura temporali m'għandhiex

x'taqsam mal-ispiritwali għax bit-tneħħija tal-waħda ma titneħħiex l-oħra. U fehmuhom ukoll, li, imħabba l-fehma tal-Ingliżi fuq il-libertà tad-diskussjonijiet fuq ir-Reliġjon, l-ebda Gvern Ingliż ma jagħti protezzjoni ta' Reliġjon fuq oħra, rigward ta' argumentar. Fuq hekk il-qassisin għamlu riżoluzzjoni li din fi ftit ġranet ġiet iffirmata minn 314-il qassis; fejn fiha jgħidu li jridu l-Libertà tal-Istampa kif inhi ġejja issa, jiġifieri bil-liġi magħha li tikkundanna lil kull min joffendi jew jinsulta bil-kitba lir-Reliġjon tagħna, billi din (il-Liġi) aħjar għall-Knisja, milli tibqa' dik iċ-ċensura ta' qabel bi dħul ta' kotba mimlija insulti għat-tagħlim tal-Knisja bla lġiem ta' xejn.

Mar-Rapport li semmejna nsibu Appendiċi li fih x'kien joħroġ stampat regulari mill-Istamperija tal-Gvern meta fl-1836 ġew il-Kummissjonarji, li huma dawn:

1. "Gazzetta" tal-Gvern, toħroġ kull ġimgħa u jinbiegħu minnha 356 kopja: 101 jinbiegħu lill-Ingliżi u 255 lill-Maltin u lill-Frustieri; 219 kienu jinbiegħu għal hawn Malta, u 137 għal barra. Minn din il-Gazzetta, barra t-356 kopja li jinbiegħu, kienu jingħataw b'xejn 115 oħra l-biċċa l-kbira lil nies impjegati mal-Gvern.
2. *Supplemento alla Gazzetta di Malta* bil-prezzijiet kurrenti tas-swieq. Kien joħroġ darbtejn fix-xahar; u għall-bidu li beda joħroġ kien iħalli xi qligħ lill-Gvern iżda minn xi 4 jew 5 snin qabel l-1836, imħabba li naqas il-kummerċ, il-Gvern kien jistampah b'xejn lill-Editur tiegħu (G. Stevens) u minnu kienu jinbiegħu minn 40 sa 60 kopja.
3. *Rapport tal-bejgħ ta' kull ġimgħa tal-Merkanzija* bl-Ingliż u bit-Taljan, għat-tgħarrif tan-negozjanti. Kienu jinbiegħu mal-100 kopja; u l-proprjetarju tiegħu kien iħallas, b'degriet tal-Gvern, somma żgħira għalbiex jiġi stampat.
4. *Almanacc* bit-Taljan, għal Malta: dan kien joħroġ darba fis-sena 1000 kopja kull darba. Kien iħallsu l-proprjetarju.
5. *Ordo Divini Officii*, jew Kalendarju tar-Riti tal-Knisja. Kien joħroġ kull sena xi 600 jew 700 kopja, u kien iħallsu l-proprjetarju.
6. "Volumi ta' Proklami, Notifikazzjonijiet u Avviżi oħra uffiċjali" tal-Gvern ta' Malta. Bdew joħorġu fl-1821, u bdew iġibu l-Proklami, eċċ. mill-5 ta' Ottubru, 1813. Volumi kienu joħorġu kull sentejn jew erbgħa.
7. "Libretti tal-Opri" li kienu jsiru fit-Tijatru kull staġun. Il-bejgħ tagħhom kien minn 100 sa 120 kopja, u għall-bejgħ ta' dawn il-Libretti kien inkarigat il-bulittinar tat-Tijatru, billi dana kien jixtrihom akkont ta' sitt soldi l-waħda, imbagħad jieħu ħsieb ibigħhom huwa lill-pubbliku.

Frattant ir-Rapport tal-Kummissjonarji wasal l-Ingilterra, u meta Lord Genelg ippreżentah fil-Parlament ħambaq ħafna sabiex jgħaddi, fil-ħin id-duka ta' Wellington żamm kemm sata' kontra, għaliex qal illi: "huwa ma jżommx lil Malta ħlief bħala fortizza jew tarznar; ... li jekk jagħtu l-Istampa Libera f'Malta, jistgħu jagħtuha wkoll, abbord ta' ġifen, l-għaliex Malta, (qal huwa) ma hijiex iżjed minn gverta ta' bastiment tal-gwerra (!) ..." iżda b'dawn il-ħmerijiet kollha li qal is-Sur Wellington, il-Libertà tal-Istampa għaddiet għal Malta, u Lord Glenelg f'dispaċċ tas-27 ta' Novembru, 1837 bagħat jgħarraf lill-Gvernatur Bouverie fejn ordnalu biex jagħti bidu għaliha. Iżda kienet għadha ma ġietx imxandra l-Libertà tal-Istampa meta f'Jannar tal-1838 xi nies diġà kienu qalgħu li jżommu Stamperija: fost l-ewlenin insibu msemmijin l-ewwel lil Lippu Izzo, imbagħad lil Wiġi Tonna;[34] u l-ewwel ġurnali ħarġu minn dawn l-Istamperiji.

Fosthom l-ewwel ma ħareġ kien *Lo Spettatore Imparziale* bit-Taljan, f'April, *Il Portafoglio Maltese* bit-Taljan, f'Mejju, *The Harlequin* bl-Ingliż, f'Lulju, *Il Mediterraneo* bit-Taljan u bl-Ingliż, f'Awwissu; u wara dawn komplew oħrajn. F'din l-istess sena li ħarġu dawn il-ġurnali, Malta kellha tara ħruġ l-ewwel ġurnal bil-għażiż Ilsienha: *Il-Kawlata Maltija* li ħarġet għall-aħħar ta' Diċembru 1838.

Nieqfu ftit hawn mit-taħdit fuq l-Istampa u nitkellmu mill-Kotba li ħarġu minn fejn konna ħallejna, jiġifieri mill-1836. Il-Kotba li ħarġu (jew ġew f'idejna) mill-1836 sal-1839 huma dawn:

1. *A catalogue of the different kinds of fish of Malta and Gozo* miktub minn Gejtu Trapani u stampat fl-1838 fl-Istamperija tal-Gvern. Dan il-ktieb li hu ta' 26 faċċata in 8vo. iġib l-ismijiet tal-ħut ta' Malta u Għawdex bil-Malti, Latin, Taljan, Ingliż u Franċiż, kif ukoll l-Istaġun tagħhom.
2. *Abbecedario għall-qadi tal-Iskejjel ta' tagħlim xilxjeni jew sengħa ħafifa biex tħarreġ fil-qari t-tfal, b'ġemgħa ta' għarfijiet fiżiċi fuq il-bniedem, ta' massimi morali, eċċ. U twissija qasira fuq il-pronunzja, eċċ.* Dal-ktieb li hu ta' 81 faċċata in 8vo. kien stampat bil-Malti u t-Taljan f'Livornu fl-1838, fil-Matbagħ (Stamperija) Volpi. Fil-ktieb *Selva di Autori e Traduttori Maltesi* nsibu li l-kittieb ta' dana l-ktieb, skont kif jaħsbu, huwa Ċikku Vella.
3. *English and Maltese Reading Book for the use of Government Primary Schools*. Dan il-ktieb ta' 114-il faċċata in 8vo, huwa stampat bl-Ingliż u l-Malti, f'Malta, fl-1839. Il-Malti ta' dan il-ktieb barra milli hu ffurmat mill-ittri Rumani kollha, fih ukoll sitt ittri Għarbin, u għalhekk nistgħu ngħidu li ma hu Malti xejn, għaliex jekk ma tkunx taf bil-Għarbi, ftit tifhem minnu![35]

4. *Tfixkil ta' Alfabett Għarbi-Ruman.* Dan il-ktieb ta' 37 faċċata in 8vo. ġie stampat f'Livornu, fl-1839, fil-Matbagħ Volpi. Hu miktub bil-Malti u t-Taljan minn Ċikku Vella, u ma jġibx ħaġ'oħra ħlief raġunar fuq kemm tfixkil iġibu dawk li jużaw Alfabett imħallat b'ittri Rumani u Għarbin.[36]
5. *Via Sagra* tal-Abbati Pietru Metastasju, miġjuba fl-Ilsien tagħna l-Maltin minn Richard Taylor. Malta, 1839, Tip. Izzo & Co. Dana l-ktieb poeżija fih 9 faċċati in 8vo.[37]
6. *Għajdut Malti għat-tifkira tal-Armla Reġina Adelaide, fl-ewwel miġja tagħha fit-Tijatru fil-10 ta' Diċembru 1839.* Magħmul minn Luigi Rosato, u stampat minn Izzo u sieħbu. Dan il-ktieb ta' 15-il faċċata in 8vo. hu kollu poeżija; u barra dik il-poeżija tar-Reġina Adelaide, fih għana ieħor.[38]

Sa dis-sena (1839) huwa l-ħsieb tagħna li naslu nsemmu l-kotba bil-Malti li ħarġu, u billi biex ingħidu liema kienu l-kotba li ħarġu bil-Malti kellna nħallu t-taħdit fuq l-Istampa, issa, ġaladarba spiċċajna milli kellna ngħidu fuqhom nerġgħu għall-Istampa.

Fl-1839, bi Proklama Nru. IV tal-15 ta' Marzu, intgħatat il-Libertà tal-Istampa u tneħħiet iċ-ċensura. Qabel, il-Ġurnali u l-Kotba li kienu joħorġu, mindu xi nies qalgħu li jżommu Stamperija, kienu jgħaddu minn taħt iċ-ċensura; iżda f'din ma kien hemm xejn reqqa, għax il-kittieba kellhom il-wesgħa li jiktbu fuq il-Pulitka, l-Amministrazzjoni, eċċ.

Billi, wara li kienet mogħtija l-Libertà tal-Istampa, bdew isiru xi abbużi, l-Ordinanza tal-1839 issewwiet bl-Ordinanza tal-1889, li ġiet imxandra bil-Proklama Nru. XI tal-15 ta' Mejju, 1889. Din ħalliet il-Libertà tal-Istampa, iżda għamlet xi pieni biex trażżan l-abbużi: dak li l-liġi ta' qabel ma kinitx ħasbet għalih, u daħlet il-*compensazioni morali*. B'dina l-Qorti tista' tikkundanna lill-ħati jagħti lil min ifittxu sa ħames mitt lira, tal-ħsara li jkollu barra l-piena li tagħtih il-Liġi tad-delitt li jkun għamel.

Ma' dawk l-ewwel Stamperiji li konna semmejna ta' Izzo u Tonna, żdiedu oħrajn u ġie żmien li sa xi skejjel tal-Gvern kellhom Stamperija tagħhom li minnhom kienu joħorġu folju stampat mill-istess skulari. Fost dawn sibna tal-Imsida, tal-Belt u tal-Isla. U llum, barra mill-Istamperija tal-Kummissarjat (li minnha ma joħorġux ħlief affarijiet li għandhom x'jaqsmu mal-Militar biss) u dik tal-Gvern (li minnha, tista' tgħid, ma joħorġux ħlief Atti Uffiċjali, Kotba għall-iskejjel, Gwidi ta' postijiet tal-Gvern u ħwejjeġ bħal dawn), jinsabu mat-32 stamperija oħra, imqassmin hekk: il-Belt, Bormla, l-Isla, Tas-Sliema, l-Imsida, il-Ħamrun, Ħal Tarxien, il-Marsa u Għawdex.

## Appendiċi[39]

Meta konna naraw il-manuskritt Nru. 1146 tal-Biblijoteka sibna x'kien il-kaġun tal-arrest ta' dana l-qassis, u sibna wkoll, fl-istess manuskritt, li dana Capaci, qabel, kien patri fl-Ordni Dumnikan. Il-kaġun tal-arrest hu dan:

Dana Capaci kien kiteb kummiedja kollha kuljunar, bla, iżda, ma semma lil ħadd fiha; imma, skont ma Don Nicolò stess qal lil waħda bejjiegħa tal-kotba, is-suġġetti ta' dina l-kummiedja kienu żewġ lavranti fl-istess stamperija tal-Gran Mastru: Fra Gio Batta Mallia u Dun Saver Pace.

Din il-kummiedja ġiet mislufa minn Capaci lil qassis ieħor, Dun Nikola Savona, li dana, mingħajr ma kien jaf x'fiha u ma fihiex, bla ebda ħsieb ta' xejn, silifha lil wieħed mil-lavranti li semmejna, li dawn bagħtuha malajr lill-Gran Mastru, u kwerelaw lil Capaci talli dana kiteb kontra tagħhom.

Il-Gran Mastru bagħat lill-Mastru Skudier u lill-Fiskal għand Capaci biex jieħdu l-manuskritti kollha li għandu f'idejh. Fl-istess ħin li kien qiegħed isir dana, jasal fl-Istamperija Dun Nikola Savona, fejn beda jeħodha u jgħajjar bi kliem inġurjuż lil Dun Saver, talli ssellfu l-kummiedja u tawha f'idejn il-Gran Mastru; dan ġie kwerelat ukoll quddiem il-Gran Mastru, u ġie meħud u kkalzrat fil-ħabs tal-Birgu. U Dun Nicolò Capaci, bħala sudditu tal-Gran Mastru, ġie meħud fil-ħabs tal-Forti Manoel, minn fejn, bħalma ġa għedna, fit-12 ta' Awwissu, 1772, ġie imbarkat u mibgħut lejn pajjiżu, Katanja. U fiż-żmien li Dun Nicolò Capaci kien miżmum fil-Kastell, skont ma nsibu fil-Volum 2053 tal-Arkivju tal-Ordni, il-Gran Mastru kien jgħaddilu erba' rbajja' kuljum.

L-affari l-oħra li sibna tirrigwarda l-Istampa fi żmien l-Ingliżi f'Malta li sibnieha fin-Nru. 83 tal-*Portafoglio Maltese* (2 ta' Diċembru, 1839) fejn dana l-ġurnal jgħid li meta kien magħruf li l-Gvern Ingliż biħsiebu jagħti l-Libertà tal-Istampa f'Malta, l-Isqof kien ippreżenta Dikjarazzjoni kontra tagħha lill-Gvern tal-Gżira u l-Ministri tal-Gvernijiet f'Malta.

Fl-istess ġurnal inkomplu nsibu wkoll li l-Kummissjonarji r-rapport tagħhom favur li tingħata l-Libertà tal-Istampa kienu bagħtuh l-Ingilterra f'Marzu 1837 u r-risposta li ġiet mogħtija dina l-Libertà ġiet għall-aħħar tal-istess sena. U l-kaġun ta' dan l-ittardjar jaħsbu li kien imħabba l-protesti bla heda tal-Gvernijiet Taljani.

*Din is-sensiela dehret f'għaxar taqsimiet fil-gazzetta* Labour Opinion *bejn il-11 ta' Settembru u t-13 ta' Novembru 1924. Verżjoni iqsar u inqas aġġornata tal-artiklu kienet dehret f'*Il-Ħabib *mill-21 ta' Mejju sat-2 ta' Lulju 1921. L-artiklu reġa' deher fil-qosor fil-*Pronostku Malti *tal-1933.*

**Noti**

1 Ara *Archivio di Governo* – Vol. 470, faċċata 284 *(Registro delle Bolle di Cancelleria 1642-44)*.

2 Ara Hellwald – *Bibliographie Methodique de l'Ordre de St. Jean* eċċ., Roma, 1885, faċċata 200.

3 L-istess, faċċata 16.

4 Manuskritt Bibl. Nru. 23, faċċata 294.

5 Parnis – *Appunti sull'introduzione della Stampa in Malta* – Mss. Bibl. Nru. 1027 u *Gazzetta di Malta, 7 Agosto 1909*.

6 Hellwald paġ. 159.

7 Ara *Archivium Melitense*, Volum II, paġna 62 u *Arch. del Reg. Pubblico*, Vol. 271, paġ. 75-78.

8 Vol. II, paġ. 62.

9 Ara *Arch. Melitense,* Vol. II, paġ. 26.

10 Mss., Bibl. Nru. 371.

11 *Traduzione di Rapporti dei Commissionari* – Malta, 1838, faċċ. 34-37.

12 Bolla tas-SSma Kruċjata hemm imdendla f'inkwatru l-Biblijoteka.

13 Kull sena l-Katidral kien jistampa l-Ordinarji tal-Quddiesa f'Napli u dawn kienu jinbiegħu lill-qassisin 22 jew 24 ħabba. Fl-1754 imħabba t-taħwid li kien inqala', ġew stampati fi Franza, f'Aix ta' Provenza, pajjiż l-Isqof ta' Malta ta' dak iż-żmien (Monsinjur Alpheran), iżda mħabba billi ġew stampati Franza nefqu aktar minn meta kienu jiġu stampati f'Napli, Mons. Alpheran ħareġ dik iż-żieda tan-nefqa minn butu biex il-Kleru ma jonfoqx aktar milli kien jonfoq dari; u hekk l-Ordinarji nbiegħu kif kienu jinbiegħu dari. (Ms. Bibl. Nru. 11).

14 Mss. Bibl. Nru. 12.

15 *Arch. di Gov.,* Vol. 2038.

16 Ara l-appendiċi fi tmiem dan l-artiklu [Nota editorjali].

17 *Arch.* Vol. 2043 u 2053.

18 Libro I, C. 38 par. 15.

19 Stampata f'Malta fl-1904.

20 *Archivium Melitense*, Vol. II, paġ. 34.

21 Collezione di Bandi, Prammatiche, ecc. 17 Luglio 1784-4 Ottobre 1813, faċċ. 136.

22 Ara Hannibal Scicluna L.P., *Documents relating to the French occupation of Malta in 1798-1800*, faċċ. 207-210.

23 Ara *Collezione Parnis*, Bibl. Nru. 950, u Mss. Bibl. Nru. 209.

24 Miège, *Histoire de Malte*.

25 *Codice de Rohan*, lib.5, cap.9, par. 12 Proklama tal-24 ta' Awwissu, 1812, imwettaq b'Notifikazzjoni tal-Gvern tat-18 ta' Ġunju, 1814 u bi Proklama tal-24 ta' Diċembru, 1825.

26 Castagna – *Storja ta' Malta*, vol. II.

27 Dana r-Riġiment Sqalli (li kien imsejjaħ *Real Sicilia* jew *Royal Sicilian*) kien wieħed mill-hekk imsejħa *Reggimenti Esteri* li kellha mħallsin minnha l-Ingilterra fiż-żmien li kienet fil-gwerra ma' Napuljun; u dan ir-Riġiment kien magħqud minn 1200 vagabond Sqalli; il-kixx u l-mixx ta' Sqallija, salt ħallelin li fiż-żmien li damu hawn Malta (1808-1814) imlewlna b'isimhom il-lista tal-imgħallqin u ġew mibgħuta f'pajjiżhom imħabba li filwaqt li kien isir l-Arblu ta' Mejju fil-Pjazza (4 ta' Mejju, 1814) u kumpanija minn dawn il-vagabondi kienet madwaru għal buon ordni, bdew jimbuttaw lin-nies bix-xwabel f'idejhom għal darba, darbtejn, tlieta b'mod li n-nies inxteħtet tant lura li bl-imbuttar waqgħu balavostri tal-ġebel li kien hemm fil-Pjazza n-naħa ta' Strada Vescovo, u magħhom iġġarrfu għal isfel kull min kien dik in-naħa. Qamet allura taħbila kbira, u daqskemm in-nies (partikularment in-nisa) inzertaw imgħammra bid-deheb, tant ieħor il-ħallelin (Sqallin) ħatfu arloġġi, ktajjen u djamanti. Iżda billi l-Gvernatur Maitland mill-Palazz kien qiegħed jara kollox, bagħat dlonk jiġbor ġewwa lill-Isqallin u flokhom bagħat tnejn tal-kavallerija biss. Fost tant nies li korrew, 32 kienu feruti sewwa, u waħda mara, l-għada mietet l-Isptar.

28 Vittorio Barzoni fl-1814 irtira lejn Milan b'pensjoni mill-Kaxxa ta' Malta ta' £100 fis-sena, u miet fi Sqallija fl-1844.

29 Ġużè Martin Cannolo kien isinn is-skieken u kien dilettant ħafna tal-Malti. Barra mill-kotba stampati tiegħu li semmejna kien kiteb ukoll (u ma ġewx stampati) *Grammatika tal-Malti*, *It-Testment il-Qadim* u *Tommasu ta' Kempis*.

30 *Rapp. dei Commissionari* – u Mss. Bibl. Nru. 385.

31 Fil-Ktieb ta' Badger – *A letter on the eligibility of the Maltese dialect* eċċ (stampat f'Malta fl-1841, insibu li dana Vassalli kien miet. U barra minn stedina bil-Malti biex il-Maltin jitgħallmu l-Malti, li hi miġjuba f'li minna msemmi Ktieb ta' Badger, u barra l-Kotba li semmejna, Vassalli kien stampa wkoll dawn il-kotba: *Tria Monumenta lapidea sepulcralia Cufico-Sicula*, Romae, 1793, in 4to; u *Grammatica della Lingua Maltese (Seconda Edizione)* – Malta, 1827 – 144 paġna in 8vo, kien kiteb ukoll bil-Malti, iżda ma ġiex stampat, *L-Epistoli u l-Apokalissi*.

32 Dun Dovik Mifsud Tommasi kien jinqala' ħafna għall-poeżija, u barra dawn il-kurunelli minna msemmija, kien ta' sikwit jikteb poeżiji bil-Malti fil-ġurnali, meta dawn bdew joħorġu; iżda l-aqwa xogħol tiegħu huwa *L-Inni Mqaddsa, l-Antifoni tat-Tmiem tal-Brevarju Ruman, u s-Sekwenzi tal-Missal* li mil-Latin qaleb (poeżija)

fil-Malti fi Ktieb ta' 428 faċċata li fl-1853, stampat għand F. Cumbo. Kien wieħed li jħobb tassew l-Ilsien Malti, u kien jixtieq ħafna li jkun ikkoltivat u miġjub 'il quddiem. Miet ta' 84 sena, fit-22 ta' Ottubru, 1879.

33 Mitrovich kien mar, kważi spejjeż tiegħu, Londra u stampa xi tmien opuskoli biex jiddefendi d-drittijiet tagħna l-Maltin. U aħna (ingrati tassew!) lil bniedem bħal dan, lanqas biss l-iċken tifkira ma għamilnielu li tfakkarna x'għamel għalina dana Mitrovich!

34 Ara *Gazzetta tal-Gvern* tal-10 ta' Jannar u tas-7 u t-8 ta' Marzu, 1838 u *La Rivista* 1846-48 Anno II, paġ. 77.

35 L-Alfabett li jinsab f'dal-ktieb kien ġie magħmul minn Lewis (wieħed mill-Kummissjonarji li kienu ġew fl-1836); u Badger, fil-Ktieb *Sullo stato della Educazione Pubblica in Malta*, jgħid li sema' li dal-Ktieb ġie miktub mill-Kanonku Annettu Casolani. Dana Casolani fl-1846 ġie kkonsagrat Isqof ta' Mauricastro, *in partibus*; miet fl-1 ta' Awwissu, 1866 u ġie midfun fil-Katidral tal-Imdina.

36 Ċikku Vella wara l-1839 kien stampa dawn il-kotba: *Grammatika tal-Malti* bl-Ingliż f'Livornu fl-1831; *Dizzjunarju Malti-Taljan-Ingliż*, f'Livornu fl-1843; *Taħdit ħafif u morali għat-tfal*, f'Livornu, fl-1840; u xi oħrajn żgħar.

37 Richard Taylor kien wieħed milli kitbu ħafna bil-Malti; barra minn ruxxmata ta' poeżiji li kiteb fil-ġurnali, għall-okkażjoni ta' festi, ta' Teatri, eċċ. kiteb ħafna kotba tal-Knisja u profani, fosthom insibu: *It-Triq tal-Ġenna*, u *Il-Ħajja tal-Patri Benedittu t'Urbino* u kotba poeżiji, fost l-oħrajn għandu: *Jum il-Ħaqq*, *L-Iskoll tal-Bniedem* (stampat darbtejn), *Il-Konti Ugolino* (it-33 kant tal-Infern ta' Dante), *Il-Karnival ta' Malta tal-1846* u *Is-Salmi u l-Kantiċi ta' David*.

38 Luigi Rosato kien l-ewwel wieħed li daħħal il-Malti fit-Tijatri, u fl-1847 kien stampa Dramm bil-Malti: "Katarina" (ix-Xbejba tar-Rdum).

39 Dan l-artiklu deher fil-*Labour Opinion* tal-11 ta' Diċembru 1924, wara li kien temm is-sensiela fuq l-istampa f'Malta. [Nota editorjali]

# Liema hu Lsien il-Maltin

## Ġrajjiet li juru li l-Ilsien Malti hu l-Ilsien Nazzjonali ta' Malta

*Lill-Kittieba tal-Malti*
*Dawk li bil-Kitba tagħhom,*
*Għanewh u lilu żejnu*
*Lilu ħabbu u lilu xerrdu*
*Dawk li għall-imħabba tiegħu,*
*Jixtiequ fih 'il quddiem jimxu*
*Dan ix-xogħol żgħir tiegħi*
*Lilhom nagħti.*

### Kelmtejn qabel

L-ewwel ħaġa u qabel kollox, irridu ngħarrfu li b'dan li hawn se ngħidu matul din il-kitba tagħna, ħadd ma għandu għax jieħdu li bih irridu nfissru jew nitħaqqu dwar liema huwa n-nisel tal-Maltin; inkella minn fejn hu ġej l-għażiż ilsienna. Iżda l-waħdani ħsieb tagħna hu li nuru biss li aħna ma aħniex għajr Maltin, u l-Ilsien Nazzjonali ta' dawn il-gżejjer mhux ħlief il-Malti waħdu.

Terġa', waqt li nagħtu tagħrif dwar ilsien missirijietna, matul il-milja taż-żmien li għadda minn fuqu, nitkellmu wkoll minn ilsna oħra li ddeffsu hawn u nqdew bihom dawk il-ġnus li ħakmuna. U dan biħsiebna nagħmluh kemm nistgħu, u meta nsibu, fid-dawl tad-dokumenti.

Ħajjarna l-aktar biex niktbu din il-kitba, ktieb li ġie f'idejna ta' Toni Cini, ktieb li jismu *Origine e Progresso della Lingua Italiana in Malta, Ossia, La Lingua Nazionale dei Maltesi. Documenti inediti ed Appunti Storici.*

B'dil-kitba Cini ried jgħid li aħna Taljani u li t-Taljan hu l-Ilsien Nazzjonali tagħna l-Maltin, bħalma hekk ukoll jidher li jfisser mill-isem tiegħu. Iżda, bl-Appunti Storiċi u d-Dokumenti kollha li bħalhom qal Cini, qatt għadhom ma dehru qabel; biex dan jasal fil-ħsieb tiegħu li juri ħaġa b'oħra ma qagħad iħabbel rasu xejn li jaqleb ġrajjietna u jdawwarhom kif jaqbel lilu. Għalhekk f'dal-ktieb tiegħu, wieħed jiltaqa' ma' nuqqas kbir sew ta' tagħrif barra minn ħafna tqanżiħ ta' argumenti baħnana biex Cini jara jirnexxilux jgħaddi lit-Taljan bħala li hu l-Ilsien Nazzjonali tagħna l-Maltin u li aħna mnisslin mit-Taljani.

Tassew li dan il-ktieb ta' Cini tana biċċa xogħol tqila u iebsa, biex sawwarna din il-kitba ħalli biha nwaqqgħu t-tħarrif tal-imsemmi kittieb, iżda aħna dħalna għalih bil-qalb kollha billi fejn jidħlu ġrajjietna, insibu l-għoġba, il-għaxqa u l-hena kollha tagħna.

## X'inhu Lsienna?

Il-kittieba ma jaqblux bejniethom dwar x'inhu lsienna. Min iridu Feniċju, min Kartaġiniż, u min Għarbi: filwaqt li oħrajn jgħidu li hu taħlita ta' Għarbi u Taljan, jew ta' xi nisel ieħor.

M'għandniex xi ngħidu, billi gżiritna għaddiet minn taħt il-ħakma ta' ħafna ġnus, mhix xi ħaġa kbira li ssellef xi kliem minn tagħhom, tlaqqam bihom u wasal fostna b'dik il-libsa li narawh imsawwar biha llum. Araw kemm jista' jkun hekk: dil-biċċa ssokta wkoll jagħmilha fi żmienna, taħt għajnejna stess, mill-Ingliż li hu l-ilsien ta' dak il-ġens li jaħkem fuqna, billi qegħdin nieħdu ħafna minnu u ndaħħluh fis-sabiħ ilsienna.

Taqliba u taħlita bħal din tagħna li semmejna, tista' tgħid li ġrat fl-ilsna kollha tad-dinja.

Minn dan li għidna naraw li xi wħud mill-kittieba ma għandhomx ħtija sa barra fuq li ma jaqblux ma' dak li jgħidu oħrajn. Għax fi lsienna kull wieħed isib xi kliem li jista' jinqeda bih biex fuqu jsejjes u juri fehemtu dwar in-nisel tiegħu.

## Il-Feniċi u l-Kartaġiniżi

L-ewwel ġens li jafu bih li għammar f'dawn il-Gżejjer, kienu l-Feniċi. F'dil-biċċa, tista' tgħid, jaqblu l-kittieba kollha. Tabilħaqq li, kif jaħsbu u jingħad, qabilhom kien hawn nies oħra; iżda dan baqa' kollu fid-dlam, billi sal-lum għadu ma hux magħruf b'liema isem kienu dawn imsejħa. Terġa' xi wħud iridu jgħidu li meta waslu l-Feniċi hawn, sabu 'l Malta battala min-nies, u għalhekk reġgħet tgħammret bihom mill-ġdid.

Iżda aħna tal-fehma li dawk il-fdalijiet tal-qedem li għandna, bħal Ħaġar Qim, l-Imnajdra u Ħal Saflieni, jew saru mill-Feniċi, jonkella meta dawn ġew fi gżiritna sabu nies oħra hawn. Li ma kienx hekk, seta' jkun jaf xi ħadd x'kienu jgħidulhom il-fdalijiet li ħallewlna dawk li għamluhom?

Madankollu, kemm jekk saru mill-Feniċi, jew minn xi ġens ieħor, il-biċċa tibqa' dejjem li mill-ismijiet ta' dawn it-Tempji, jidher ċar sewwa li min ħadimhom u bniehom kien ta' nisel Semitiku.

Fi żmien il-Feniċi, ħabta ta' 700 sena qabel ma Kristu deher fid-dinja, ġew xi nies Griegi minn Sqallija biex jgħammru f'Malta, fejn baqgħu hawn u tħalltu ma' niesna u saru Maltin.

Dwar 220 sena oħra wara dan li semmejna, gżiritna għaddiet taħt il-ħakma tal-Kartaġiniżi, waqt li l-Feniċi baqgħu hawn, bħalma biħsiebna nuru iżjed 'il quddiem.

Kemm il-Feniċi u kemm il-Kartaġiniżi, it-tnejn kienu jinqdew bi lsien barrani għalihom, flimkien ma' tagħhom, bħalma jixhdu ċ-ċippi li nstabu f'Villa Bichi fi żmien Rohan. Dan kien il-Grieg. Kienu jżommuh u bih jinqdew bħala ħaġa ta' għerf kbir u ta' ħafna tagħlim. Fuq hekk f'dawk iż-żminijiet dan l-ilsien kien imxerred, magħruf u mifhum f'bosta artijiet magħduda magħhom artna wkoll.[1]

Mela sa fejn nafu aħna, l-ewwel ilsien barrani li missirijietna nqdew bih, huwa l-Grieg. B'danakollu, ftit, waħdiet, baqa' minnu fi lsienna. Għall-anqas hekk jidher mill-Malti tal-lum. Iżda jista' jkun li f'dawk iż-żminijiet kellna qabda sewwa minnu, bħalma jista' jkun ukoll li mal-milja tas-snin intilfu, biex flokhom daħal xi kliem minn ta' ilsna oħra.

## Ir-Rumani

Maż-żmien, il-Grieg indara ħafna fi gżiritna, li rabba l-għeruq sewwa. Ara kemm, meta r-Rumani ħadu Malta, fis-sena 216 Qabel Kristu, ma rawhiex bi kbira u bi tqila li ma jagħtuniex Awtonomija Griega għalina, xorta waħda bħal dawk

li wkoll taw lill-ibliet ta' Sqallija. Fuq hekk beda jsir kollox bil-Grieg hawn. Sal-flus u l-medalji li ħarġu miz-zekka ta' Malta, intgħamlu bl-imsemmi lsien barrani. Ukoll id-dokumenti li ntħarġu fl-ewwel żminijiet tal-ħakma Rumana f'artna, huma bil-Grieg.[2]

Araw kemm dan l-ilsien kien magħruf fid-dinja: sal-kittieba kbar ta' Ruma kienu jitkellmu bih. F'dil-belt kienu jgħallmuh qabel il-Latin. Terġa', dan kien ukoll l-ilsien uffiċjali tal-knisja tagħna sa 300 sena wara Kristu. Biss l-imsemmi lsien ma hux dak li kienu jiktbu bih bħal Platone u kittieba oħra kbar Griegi; iżda kien tilqita ta' ilsna miġbura u magħquda minn ħafna mkejjen tal-Imperu.[3]

Meta r-Rumani raw li qagħdu sewwa fi gżiritna, bħala lsien uffiċjali tagħhom daħħlu l-Latin, għalkemm il-Grieg baqa' jferfer xi ftit hawn ukoll. Iżda maż-żmien dan safa' mxejjen biex tħalla l-Latin waħdu. Meta saret din il-biċċa mhux magħruf. Biss jafu li meta fis-sena 14 WK b'Imperatur ta' Ruma laħaq Tiberju, bdew l-epigrafi Latini li jfakkruna f'Muniċipju Ruman f'Malta u ieħor f'Għawdex.[4]

Għal din it-taqliba fl-ilsna li r-Rumani għamlu f'Malta, il-kittieba ma jsemmu xejn jekk saritx jew le xi protesta mill-Maltin fuq li tneħħielhom ilsien li kienu ilhom imdorrijin bih il-mijiet tas-snin.

Ma għandniex xi ngħidu, fi żmien il-ħakma ta' Ruma f'Malta, ma naqasx li ma ġewx xi qabda nies Rumani. Kien hawn ukoll ġemgħa mhux ħażin ta' Lhud. Dawn tal-aħħar ġew mill-gżejjer tal-Lvant u mix-xtut tal-Mediterran. Damu hawn il-mijiet tas-snin. B'dankollu dawn il-barranin qatt ma sebqu lil niesna fil-għadd. Mhux biss, imma dawk li baqgħu hawn u ma reġgħux lura lejn arthom, fl-aħħar spiċċaw biex saru Maltin, billi dabu u xxejnu ġewwa l-kotra l-kbira ta' niesna.

Il-Lhud biss ma tħalltux magħna, billi dawn ma jaqblux fir-Reliġjon tagħna. Għax jekk tħalltu, kienu dawk il-ftit, waħdiet, li ħallew ir-Reliġjon tagħhom biex saru Nsara bħalna. Għalhekk dawn baqgħu bħala ġens għalihom, sakemm wasal żmien li tkeċċew minn hawn għalkollox.

Dat-taħlit ta' nies barranin ma' niesna baqa' jiġri dejjem, iżda bil-ftit il-ftit, matul il-milja tas-snin li għaddew minn fuq gżiritna – ħaġa li qiegħda titwettaq ukoll fi żmienna, taħt għajnejna stess, minn dawk l-Ingliżi li jsiru Maltin.

## Il-Ktieb ta' Toni Cini

Fil-bidu ta' din il-kitba, semmejna lil wieħed mill-kittieba tagħna, jismu Toni Cini, Għawdxi. Dan ġabar ħafna dokumenti biex bihom jara jirnexxilux juri li l-Ilsien Nazzjonali tal-Maltin huwa t-Taljan u li għalhekk aħna Taljani. Qed nitkellmu mill-edizzjoni tiegħu stampata f'Katanja fl-1903, wara mewtu. Għax dal-ktieb, billi ntgħoġob ħafna minn dawk li huma tal-istess fehma ta' Toni Cini, Nerik Mizzi, fl-1935, reġa' ħa ħsieb jistampah mill-ġdid fl-istamperija tiegħu.

F'dal-ktieb, Cini jgħid li l-ilsien ta' Ruma daħal f'Malta fi żmien ir-Rumani, bla ma jsemmi xejn wara kemm snin li kienu ilhom hawn, meta saret il-ġrajja li semma. U jissokta juri li dan ma kienx ħaġ'oħra għajr it-Taljan, li dik il-ħabta kien il-waħdani lsien mitkellem u mifhum mill-biċċa l-kbira tan-nies ta' Ruma. Ara kemm li dawn ftit jew xejn ma kienu jifhmu l-Latin. Għalhekk dan l-ilsien (il-Latin) tħalla għal xi ġrajjiet kbar, bħala lbies tal-festi. L-aktar li jinqdew bih kienu fil-Qrati (p. 11-12).

Issa biex Cini juri kemm il-Maltin kienu jafu bit-Taljan dak iż-żmien, fakkar fil-proċess li sar f'Ruma minn niesna kontra Verres, Gvernatur ta' Sqallija u Malta, fuq li dan neżża' u seraq kulma sab jgħodd għalih fil-knisja ta' Ġunone, waħda mill-isbaħ knejjes tal-allat foloz li dik il-ħabta kellna fi gżiritna (p. 9).

Cini jsemmi lil dan il-proċess bħala l-aktar ħaġa li turi u twettaq kemm il-Maltin kienu jafu bit-Taljan, ladarba l-Maltin xlew lil Verres fil-Qorti ta' Ruma, ħadu sehem kbir fil-proċess u xehdu fih.

Iżda hawn Cini jwaqqa' lilu nnifsu f'dak li jgħid, bla ma jintebaħ li żelaq żelqa kbira, billi nesa kmieni wisq x'qal naħa oħra tal-ktieb tiegħu. Għax kif jista' jkun li wieħed jinqeda b'dil-biċċa tal-proċess, ħalli biha jitħaqqaq dwar li l-Maltin kienu jafu bit-Taljan, ladarba, kif jgħid Cini nnifsu, l-ilsien tal-Qrati ta' Ruma kien il-Latin?

Terġa' mhux kull min jieħu sehem f'xi proċess li jsir barra minn pajjiżu, ta' bilfors irid ikun jaf b'dak l-ilsien ta' fejn imur, billi għal dawn il-ħwejjeġ jista' jindaħal l-interpretu wkoll.

Waħda oħra mill-affarijiet li Cini jsemmi fil-ktieb tiegħu biex juri kemm iċ-ċiviltà ta' Ruma daħlet f'Malta, iġib għadd ta' ismijiet Rumani li ġew mogħtija lil niesna (p. 8).

Aħna ma rridux ngħidu li dawn l-ismijiet setgħu llatinizzawhom il-kittieba, bħalma hekk kienet id-drawwa tar-Rumani u tal-Griegi ta' dak iż-żmien, kull meta dawn kitbu fi lsienhom. Iżda, għal ħin wieħed ingħidu bħalu. B'danakollu jista' xi ħadd dil-biċċa jsemmiha bħala xhieda li tfisser dak li biha ried juri Cini?

It-tweġiba hi: le. Għax daqskemm jistgħu jorbtu xi ħaġa l-kittieba ta' warajna meta jsibu li fi żmienna kien hawn Maltin li jissejħu b'isem Ingliż, daqshekk ieħor jista' wieħed isejjes u jibni dak li ried juri Cini b'dawk l-ismijiet li niesna kellhom (jekk tassew kellhom) fi żmien ir-Rumani.

Fil-ktieb tiegħu Cini ma ħalla ebda laqxa taħrablu li, kif ħaseb hu, setgħet tgħinu biex jirfed l-imramma tal-ilsien Taljan f'Malta bla ma baqa' u ma nqediex biha. Saħansitra jsemmi l-biċċa tal-Ambaxxaturi li ntbagħtu minn Malta għal Ruma. Iżda dil-ħaġa la hi ta' fejda u anqas ta' siwi għalhekk. Għax min jista' jgħid li dawn l-Ambaxxaturi tal-Maltin kienu jafu bit-Taljan u mhux bil-Grieg, meta niesna kienu ilhom il-mijiet tas-snin jinqdew bl-ilsien tal-aħħar, filwaqt li wkoll dan kien ixxerred u mifhum ħafna f'Ruma, li bħalma wrejna iżjed lura, saħansitra kienu jgħallmuh qabel il-Latin tagħhom?

Madankollu aħna anqas ma rridu nkunu hekk estremisti li niċħdu għalkollox li ma setax kien hawn min jaf bit-Taljan, billi din mhix xi ħaġa kbira li xi wħud minn niesna tħajru jitgħallmuh għax ukoll meta l-Ingliżi meddew riġlejhom f'Malta, sabu hawn min jaf bi lsienhom. Iżda, dawk li tgħallmu l-ilsna barranin, tista' tgħid, li dejjem kienu l-ftit, waħdiet. Għax il-kotra l-kbira tal-Maltin xorta waħda baqgħet ma tafx bit-Taljan, bħalma biħsiebna nuru iżjed 'il quddiem, u għalhekk ma jistħoqq xejn minn dak il-għaġeb kollu li Cini għamel fil-ktieb tiegħu, għal dawk il-ftit li setgħu kien hawn.

## X'Nies kien hawn fi Żmien ir-Rumani?

Iżjed lura għidna li fi gżiritna ġew u baqgħu hawn xi Griegi, Rumani u Lhud. Iżda dawn kienu ftit wisq fejn il-għadd kbir ta' niesna. Għax il-ġrajja tgħid, kif ħalla miktub Diodoru Siculus, li żar lil artna ħabta ta' 40 sena QK, li Malta u Għawdex huma waħda mill-kolonji mwaqqfa mill-Feniċi.[5]

Għal dak li ntqal mill-imsemmi kittieb Grieg, xi wħud iridu jgħidu li b'daqshekk dan ma riedx ifisser li f'dik il-ħabta gżiritna kienet imgħammra bil-Feniċi, iżda għandha biss tittieħed u tiftiehem xorta waħda bħal meta llum wieħed jgħid li Malta hija kolonja tal-Ingliżi.[6]

Le. Aħna naraw li waħda ma taqbel xejn mal-oħra. Meta Diodoru Siculus qal li Malta hija kolonja tal-Feniċi, gżiritna ma kinitx taħt dawn, imma taħt ir-Rumani; u għalhekk tat-tieni ma tistax tinġieb bħala eżempju biex titqabbel ma' tal-ewwel. Għax jekk wieħed illum jgħid li Malta hija kolonja tal-Ingliżi, jiġifieri fl-istess żmien li din tkun taħthom, ma għandniex xi ngħidu, b'hekk ma

jfisser qatt li n-nies li fiha huma Ingliżi. Iżda, meta dak li jkun jgħid li gżiritna hija kolonja tal-Feniċi, filwaqt li minnha jagħmel ħaddieħor, kif jista' jkun li ma tfissirx li dawk in-nies li jgħammru fiha mhumiex Feniċi?

Terġa', x'interess kien hemm fin-nofs, biex Diodoru Siculus jgħid li Malta hija kolonja tal-Feniċi, ladarba meta qal hekk kienet taħt ir-Rumani u qabel taħt il-Kartaġiniżi wkoll? Il-għala lil dawn il-ġnus ma semmiehom xejn, filwaqt li semma biss lill-Feniċi, meta l-Gvern tagħhom kien ilu nieqes il-mijiet tas-snin minn gżiritna? Għax bi kliemu, Diodoru Siculus ma riedx ifisser ħaġ'oħra għajr li Malta, fi żmienu, kienet kolonizzata (imgħammra) minn Feniċi.

Minn hekk nieħdu, mela, li jew il-Feniċi huma l-ewwel nies li għammru Malta, jonkella dawk li sabu hawn fil-miġja tagħhom, xi darba telqu minn gżiritna. Madankollu, ma hemm xejn x'juri li ma baqgħux f'Malta huma wkoll. Iżda, milli jidher, mal-milja tas-snin, dawn setgħu nxtorbu u ntilfu fi ħdan il-kotra tal-Feniċi u maż-żmien saru bħalhom, ladarba Diodoru Siculus, li, bħalma għidna, kiteb meta Malta kienet taħt il-ħakma ta' Ruma, ma jsemmix għajr il-Feniċi.

Fi żmien ir-Rumani kellna l-kbira xorti wkoll li fostna jasal San Pawl biex għamilna Nsara.

## Il-Biżantini u l-Għejba tat-Taljan minn dawn il-Gżejjer

Ħabta tas-sena 292 Wara Kristu, l-Imperatur Djoklezjanu qasam is-saltna ta' Ruma; u l-gżejjer tagħna tefagħhom jagħmlu mal-Afrika.[7]

Fil-mewt ta' Kostantinu, li ġrat fis-sena 337 WK, l-Imperu tiegħu nqasam bejn it-tliet uliedu. Hawn Malta marret ma' Sqallija.

Terġa' fis-sena 395 spiċċat il-ħakma ta' Ruma minn fuq il-gżejjer tagħna, meta l-Imperu reġa' nqasam mill-ġdid bejn iż-żewġt aħwa ta' Teodosju. B'hekk Malta għaddiet għal taħt il-Biżantini. Hawn ġew xi nies tal-imsemmi ġens, għax il-Għarab sabuhom hawn.[8]

Liema lsien daħal f'dawn il-gżejjer, mal-waqgħa tagħhom f'idejn il-Biżantini, ma sibna msemmi mkien. Iżda naħsbu li hi ħaġa minn awl id-dinja li dawn aktarx li qaċċtu t-Taljan li setgħu sabu hawn, biex floku daħħlu l-ilsien tagħhom: il-Grieg.

Għalkemm mhux magħruf sewwa f'liema żmien tneħħa t-Taljan minn hawn, imma hi ħaġa żgura, u għalhekk ma jista' jiċħadha ħadd, li wara l-qasma tal-Imperu Ruman, dan l-ilsien spiċċa minn Malta għalkollox, kif biħsiebna

nagħtu xhieda iżjed 'il quddiem ta' dan li qegħdin ngħidu. Dil-ħaġa Cini ma jsemmiha xejn fil-ktieb tiegħu, qisha ma ġrat qatt.

Terġa' xi wħud iridu jgħidu li mal-aħħar qasma tal-Imperu li semmejna, il-knejjes mir-Rit Ruman għaddew ukoll għar-Rit Grieg. Iżda, dwar din il-ħaġa, ma nstab xejn biex jitwettaq dan li għidna.[9]

Fi żmien il-Papa Virġilju, għall-ħabta tas-sena 553, insibu li l-Isqof ta' Malta kienu jgħodduh ma' dawk tal-Afrika. Hekk kien li l-Isqof Ġiljan mar mal-Papa f'Kostantinopli. U San Girgor (sena 590-604) jikteb li l-Maltin kellhom taħt idejhom xi ġid tal-Afrika.[10]

## L-Ewwel Tagħrif fuq il-Malti

Fuq l-ilsien ta' missirijietna – il-Malti – ma nsibu msemmi xejn sewwa dwar dan x'kien fil-mijiet ta' snin li għaddew qabel ma gżiritna waqgħet f'idejn il-Biżantini. Iżjed lura konna għidna, li min iridu ħaġa u min iridu ħaġ'oħra. Għidna wkoll li dawn mhumiex għajr fehmiet imsejsa fuq dak li wieħed jaħseb u li jista' jkun. B'danakollu, ladarba fi żmien ir-Rumani nstab li Malta kienet imgħammra mill-Feniċi, l-ilsien nazzjonali ta' dawn il-gżejjer kien il-Feniċju.

L-ewwel tagħrif mhux ħażin li għandna dwar ilsien missirijietna, il-Malti, għandu x'jaqsam ma' żmien il-Biżantini. Jagħtihulna wieħed kittieb Franċiż jismu Thevet.[11] Dan ġie jżur Malta fis-sena 1575, tkellem mal-Maltin u ra ktieb dwar ġrajjietna, miktub bil-Malti, li kellu elf sena. Niesna qalu wkoll lil Thevet li huma jafu xi jgħidu fuq Malta, għax missirijiethom ma twarrbu qatt minn dawn il-gżejjer.[12]

B'dan, niesna riedu jfissru ruħhom li huma għadhom ġejjin u neżlin min-nisel ta' dawk li għammru l-ewwel darba f'Malta u Għawdex. Jekk wieħed ma jridx iwarrab dak kollu li ħalla miktub Diodoru Siculus, ikollu jgħid li aktarx huma dawk il-Feniċi li nsibu fi żmien ir-Rumani, ladarba dawn huma l-ewwel nies, sa fejn hu magħruf, li ssemmew li kienu f'Malta.

Issa, jekk immorru elf sena lura, niġu biex ingħidu li dak il-ktieb li ra Thevet inkiteb ħabta tas-sena 575, li tiġi mat-300 sena qabel ma l-Għarab ħadu dawn il-gżejjer.

Billi Thevet ma jsemmi xejn jekk il-Malti tal-575 jaqbilx jew le ma' dak li sab hu meta ġie hawn fl-1575, ma nafux ngħidu jekk ilsienna baqax l-istess wieħed, jonkella tbiddilx bejn is-snin li semmejna. Biss Thevet jgħid li meta fl-1530 waslu f'Malta l-Kavallieri ta' San Ġwann, kien għad fadal tifkira li

MELITENSIA MALTA LIBRARY

kellna lsien ieħor li jixbah ħafna lill-Malti tagħna. Dil-ħaġa qalha wkoll qablu, fi ktieb li kien ħareġ, Quintino Hedo, is-segretarju tal-Gran Mastru L'Isle Adam.[13] Dawn iż-żewġ kittieba jgħidu li l-Maltin fi żmienhom kienu għadhom jifhmu l-kliem tal-Kartaġiniż tal-qedem.

Il-Kartaġiniżi u l-Feniċi kienu ta' ġens xorta, billi tal-ewwel huma fergħa maħruġa minn tat-tieni, u għalhekk l-ilsien kien qisu wieħed.

Iżda, għalkemm Quintino u Thevet qalu li kellna lsien ieħor, ma nafux jekk qaluhx għal dak tal-575 jew għal xi ieħor ta' qabel is-sena li semmejna. Biss nistgħu ngħidu li missirijietna fl-1575, baqgħu jagħrfu l-Malti ta' elf sena lura, ladarba kienu jaqraw ktieb li sar fil-575, biex minn fuqu niesna setgħu jgħidu lil Thevet x'għadda minn dawn il-gżejjer.

## L-Isqof ta' Malta Lucillo

Issa nerġgħu għall-ktieb ta' Toni Cini. Fost ħwejjeġ oħra, dan isemmi wkoll biċċa ta' meta l-Isqof ta' Malta, Luċillu, għadda proċess, fis-sena 599, dwar xi nuqqas tiegħu. Biex ipproċessawh hawn, ġew erba' Isqfijiet minn Sqallija: ta' Katanja, ta' Taormina, ta' Lentini u ta' Messina. Dawn sabuh ħati u neħħewh minn Isqof. Luċillu ma riedx joqgħod għaliha, u f'dit-tilwima kellu xi Maltin li żammew miegħu (p. 13-14).

Għal dwar il-ħidma li saret f'dan il-proċess, Cini qal: Kif setgħu jiftiehmu dawk il-Maltin li ħadu sehem fih bħala xellejja u xhieda li tħaddtu favur tiegħu mal-Imħallfin (l-Isqfijiet) li kienu Sqallin? Terġa', ladarba l-Isqof Luċillu kien Taljan, dan kif seta' jiftiehem ma' dawk il-Maltin li qabżu għalih?

Dawn il-mistoqsijiet, ma għandniex xi ngħidu, Cini jagħmilhom biex jissokta bihom juri u jwettaq kemm tassew it-Taljan kien magħruf, imxerred u mitkellem hawn Malta fost il-Maltin, ladarba ħafna minn niesna ħadu sehem fil-proċess kontra Luċillu, waqt li oħrajn żammew miegħu.

Iżda li kieku Cini qal li 'l hemm u 'l hawn wieħed seta' jsib xi Malti li jaf bit-Taljan, konna ngħidu li huwa stqarr is-sewwa, u għalhekk ma mmeruh xejn, billi nafu li minn dejjem fost il-Maltin issib lil xi ħadd li jħobb jitgħallem xi lsien barrani. Għax, ukoll bħalma għidna iżjed lura, meta ġew l-Ingliżi hawn, sabu lill-Malti Bonavia, lil Casolani u l-Abbati Savoye u oħrajn li jafu bl-Ingliż.[14]

Bħalma rajna, iżda, dawn kienu ftit, waħdiet, fejn il-kotra l-kbira ta' niesna ma kinitx taf għajr bil-Malti.

Mela, minħabba l-ftit, niġu biex nargumentaw u ngħidu li l-Maltin ta' fi żmien li semmejna, kienu jafu kollha jitkellmu bl-Ingliż, ladarba ftiehmu sewwa mal-Ingliżi matul is-sentejn tal-Assedju kontra l-Franċiżi? Le. Għax din hi ħaġa li anqas biss ma rridu noħolmuha, aħseb u ara kemm ngħiduha.

Terġa' min jista' jgħid li l-proċess ta' Luċillu ma sarx bil-Grieg, flok bit-Taljan, meta dawn il-gżejjer flimkien ma' Sqallija, kienu taħt l-Imperu Biżantin, li l-ilsien tiegħu kien il-Grieg.

Barra minn hekk, ladarba ma jissemmiex x'ġens kienu l-Isqfijiet, kif jiġi Cini u jgħid li huma Taljani? Ma setgħux dawn kienu wkoll Griegi? Jew, jekk mhux kollha, għall-anqas, uħud minnhom?

Billi l-ilsien Taljan li seta' kien hawn, spiċċa minn Malta, għalkemm ma nafux sewwa meta sar dan, mhix ħaġa kbira li l-proċess ta' Luċillu sar bil-Grieg u mhux bit-Taljan.

Iżda hi ħaġa li tidher wisq ċara, li kull meta Cini jsemmi l-proċessi jagħmel tabirruħu li ma jafx li f'dawn il-ħwejjeġ seta' kien imdaħħal fin-nofs l-interpretu wkoll, biex ifisser lil dawk li ma jifhmux fl-ilsien li bih isir, iżda jibqa' għaddej bla ma jsemmih xejn, ħalli jagħmilha tal-iblah biex ma jħallasx dwana. Jonkella ma jirnexxilux li jasal fil-ħsieb ta' rasu – li juri kollox li kien Taljan, f'dawn il-gżejjer, bis-sewwa jew bid-dnewwa.

Sa hawn biex nimxu ma' dak li jgħid Cini, naraw x'hemm li ma hux minnu f'dak li qal.

Cini jsemmi li Luċillu kien Taljan, iżda dil-biċċa qalagħha minn żniedu. Ferris, li kiteb ħafna dwar il-Knisja f'Malta, ma jgħarraf xejn ta' liema nazzjon hu Luċillu. Imma dak li ma għamilx Ferris, jgħidu Castagna, fi ġrajjiet Malta li kiteb, billi dan iġib l-ismijiet tal-Isqfijiet li kellna bil-ġens tagħhom. Għal min irid joqgħod fuq Castagna, dan jgħid li Luċillu kien Malti.[15]

Tabilħaqq, Castagna aktarx li qagħad fuq lista tal-Isqfijiet li ħarġet hawn Malta fis-sena 1858; iżda Cini fuqiex sejjes kliemu biex lil dan l-Isqof fattru Taljan? Fuq il-ħolm u x-xewqat tiegħu? Aktarx li hu hekk. Għax Cini, waqt li fil-ktieb tiegħu ta' sikwit iżattat u jsemmi d-dokumenti, f'dil-biċċa ta' Luċillu ma jgħid xejn minn fejn sab li hu Taljan, u għalhekk dil-ħaġa tidher sewwa li mhix għajr qlajja' tiegħu.

Terġa' ħaġa li tissokta turi li f'dil-biċċa Castagna għandu raġun, hi dik li l-Maltin żammew ma' Luċillu, billi aktarx kien Malti bħalhom.

Kull min jaqra l-ktieb ta' Cini u jomgħod tajjeb dak li jsib fih, għandu jintebaħ malajr kemm dan kien mogħmi bil-ġibda kbira li kellu lejn kull ħaġa Taljana u għalhekk bin-nuċċali tiegħu ma kienx jilmaħ għajr Taljani.

Aħna, f'dil-biċċa ta' Cini, kieku ma rridux neħduha miegħu, billi nżommu li kulħadd għandu jkun ħieles fil-fehma tiegħu; iżda li jaqla' minn żniedu biex jirnexxilu juri dak li ma hux, la narawha ħaġa tajba u anqas xierqa. Għax mhux sewwa li wieħed idawwar ġrajjietna kif jaqbel lilu, billi b'hekk, barra l-ħsara kbira li ssir lil artna, ikun qiegħed iqarraq u jidħak ukoll bil-qarrej. U minn din il-għamla ta' taħwid u taqlib fi ġrajjietna, il-ktieb ta' Cini huwa mimli bl-irfus, kif se nuru iżjed 'il quddiem.

## Tħarrif dwar l-Isqfijiet ta' Malta

Wara t-tneħħija ta' Luċillu, il-Papa kiteb lill-Isqof ta' Sirakuża, biex jgħarraf lin-nies u lill-qassisin ta' Malta, ħalli huma jaħtru Isqof floku. U dawn għażlu b'Isqof lil Trajanu, qassis (Ferris jgħid li kien Patri) Taljan, minn Abruzzi.

Sa hawn kollox sewwa. Iżda b'daqshekk Cini mhux kuntent, għax ried jissokta jaqla' minn rajh billi jħarref u jgħid li d-drawwa li l-Maltin jagħżlu qassisin Taljani b'Isqfijiet ta' dawn il-gżejjer baqgħet titwettaq matul il-mijiet ta' snin li ġew wara, ukoll meta s-setgħa għaddiet f'idejn il-Katidral tal-Imdina biss, dan dejjem ħatar Taljani bħala Isqfijiet (p. 14).

Hawn Cini ma qalx is-sewwa kollu. Madankollu Cini jaf li f'din il-ħaġa kien qiegħed iħarref kemm irid u kemm jiflaħ; għax ladarba għarrex f'kitbiet ġrajjietna, biex jara u jistad x'jista' jsib li jgħodd għalih, ħalli jinqeda bih għall-ħsibijiet ta' moħħu, sar jaf li barra t-Taljani li semma hu, kellna Isqfijiet ta' ġnus oħra wkoll.

Għalissa, irridu nsemmu biss lil Manas, li laħaq Isqof ta' Malta dwar is-sena 868. Iżda billi dan kien Grieg, Cini għamel tabirruħu li ma jafx bih. Għax li semmieh, kien jitlef il-qaleb u l-ġbejna. U hekk ma kienx jista' jħawwad u juri bżieżaq b'anterni.

Dan li għidna ma hu xejn fejn dak li biħsiebna ngħidu aktar 'il quddiem, dwar kemm ħarref Cini fuq il-biċċa tal-għażla tal-Isqfijiet ta' Malta. Iżda, għalissa jkollna nitilquh biex intemmu l-ħakma tal-Biżantini li spiċċat minn gżiritna ħabta tas-sena 870 WK.

## Il-Għarab

Flok il-Biżantini ġew l-Għarab. Matul il-ħajja ta' dan il-ġens, mhux magħruf li kienu jinqdew b'xi lsien ieħor barrani flimkien ma' tagħhom, bħalma rajna li għamlu ġnus oħra qabilhom. Iżda jista' jkun li le, billi dawn kienu wisq

imkabbrin bi lsienhom; mhux biss, imma l-Għarbi kellu l-ħila jinfluwenza ilsna oħra wkoll, li kienu bil-qabda akbar minn tagħna.

L-Għarab f'dawn il-gżejjer sabu ruħhom ma' nies li kienu jitkellmu lsien li jixbah ħafna lil tagħhom. Il-għorrief kitbu li l-Feniċi kienu jiftiehmu wisq aħjar mal-Għarab jonkella mal-Lhud.[16]

Kif jgħidu l-kittieba ta' żmienna, fosthom Anton Manwel u Dr Nettu Anton, Caruana t-tnejn, il-Maltin ma sfawx maħqura taħt l-Għarab. Biss niesna kellhom iħallsu xi ħaġa tal-ħaraġ lilhom.

Terġa', ħabta tal-1048, il-Griegi ġew biex jaħfnu u jaħkmu taħt idejhom dawn il-gżejjer mill-ġdid. Iżda, billi l-Għarab kienu ftit fejn il-Griegi u raw, li ma setgħu jagħmlu xejn magħhom weħedhom, daru lejn il-Maltin u talbuhom biex jgħinuhom fil-ġlieda, waqt li wegħduhom li jagħtuhom ħlusija aktar.

Niesna ħadu sehem mal-Għarab, billi t-tnejn flimkien ħabtu għall-Griegi, ħarbtuhom, u keċċewhom minn hawn. Fuq hekk il-Għarab bdew iġibu lill-Maltin aktar minn qabel.

Dan li semmejna jissokta jwettaq li l-Maltin taħt l-Għarab sabu ruħhom aħjar minn meta kienu taħt il-Griegi. Għax hi ħaġa minn awl id-dinja, li, kieku ma kienx kif għidna, il-Maltin ma tilfux waqt sabiħ bħal dak – li jingħaqdu mal-Griegi, biex jitħallsu mill-Għarab – li kieku taħt dawn kienu maħqura.

Fi żmien l-Għarab, billi lsienna jixbah lil tagħhom, mhux biss ma kienx imżeblaħ, imma l-għorrief ġieli faħħru lil xi kittieba Maltin.

Kittieb Għarbi, jismu El-Qażwini, ifakkar żewġ poeti Maltin ta' żmien il-Għarab: Abu l-Qadem Ibn-Ramadan el Malti u Es-Samghati el-Malti ieħor. Imbagħad ed-Din, isemmi lill-poeta Malti Utman, Ibn-Abd er-Rahman, Ibn-es-Susi. Isemmi wkoll lil Ghabd er-Rahman Ibn Ramadan, jgħidulu l-Qadi.[17]

Min jaqra l-ismijiet li ġibna, aktarx li jaħseb li dawn huma xi Għarab, u mhux Maltin. Iżda wieħed għandu wkoll jiftakar, li l-kittieba Għarab ta' dari seta' jkollhom l-istess drawwa bħal dik tar-Rumani u l-Griegi, fejn dawn, ta' kull meta jsemmu lil xi ħadd, kienu jdawrulu u jaqilbulu ismu billi jiktbuh bi lsienhom.

## In-Normanni

Fis-sena 1090 Malta għaddiet taħt in-Normanni bis-saħħa tal-Konti Ruġġieru, billi dan ġie hawn u ħadha minn idejn il-Għarab.

F'dit-tilwima l-Maltin ma ndaħlux, billi n-Normanni kienu nsara bħal niesna. Ruġġieru ħeles l-irsiera Griegi li sab hawn, fl-Imdina, waqt li dawn

fost l-għajjat ta' ferħ laqgħuh bil-kliem ta' *Kyrie Eleison*, li tfisser mill-Grieg għall-Malti: Sinjur Ħniena. Dawn il-Griegi li semmejna kienu nqabdu mill-Għarab fit-tbaħħir tagħhom.

Meta Ruġġieru ġie biex isiefer ħadhom miegħu lejn Sqallija. Hemm ried jagħtihom biċċa art u flus biex jibnu belt u jsemmuha Villa Franca bħala tifkira tal-ħelsien tagħhom; imma dawn ma ridux għax xtaqu li jibqgħu sejrin lejn artijiethom. Ruġġieru bagħathom bi flusu 'l hemm mill-Faro ta' Messina.[18]

Ruġġieru sewwa l-Katidral li kien se jaqa' u s-swar tal-Imdina, barra wkoll milli bena Kastell f'din il-belt, f'dak il-post fejn illum hemm l-iskola tal-Gvern. Fil-Katidral ħalla fundazzjoni ta' tliet kanonikati: tal-Arċidjaknu, tad-Dekan u tat-Teżorier.

Il-Kastell li semmejna, fi żmien il-Fewdatarji, kien jaqdi lil dawn bħala l-għamara tagħhom, fejn fih żammew ukoll ħabs għal dawk li ma kinux jaqblu magħhom.

Mal-waqgħa ta' Malta, bosta mill-Għarab bewġu u telqu lejn Barberija, waqt li ħafna baqgħu jgħixu hawn bla ebda tfixkil minn ħadd, għajr li jħallsu xi ħaġa żgħira bħala ħaraġ.

In-Normanni li semmejna tnisslu mid-Danimarka. Marru joqogħdu Franza. Hawn tgħallmu l-Franċiż antik u tilfu l-ilsien tagħhom. Fil-Malti għandna bosta ismijiet ta' għasafar bil-Franċiż; jista' jkun li ġejjin minn dak iż-żmien.[19] Bħalma jingħad, il-Konti Ruġġieru kien hu li tana l-bandiera – bajda u ħamra.

Meta ġew in-Normanni, u wara wkoll, l-Għarbi fil-kitba ma nqeridx. Is-slaten Normanni ta' Sqallija kienu jistampaw sal-flus tagħhom bil-Għarbi.[20]

## Malta mgħammra bis-Saraċini biss?

L-Isqof Bochart ta' Strasbourg, Ambaxxatur ta' Federik Barbarossa għand Salah ed-Din, ħalla miktub li, fl-1175, il-gżejjer ta' Malta huma mgħammra għalkollox minn Misilmin li joqogħdu għall-kelma tal-Konti Ruġġieru. Iżda dan it-tagħrif jidher iżżejjed li mhux minnu, billi f'dik il-ħabta d-Djoċesi ta' Malta kienet ilha s-snin il-kbar li twaqqfet mill-Konti Ruġġieru.[21]

Terġa' kif seta' jkun bħalma qal dan l-Isqof, meta, f'dak li ħalla miktub, anqas ma jsemmi biss lil dawk il-Lhud li kien hawn, filwaqt li hu magħruf li dawn mill-ewwel darba li ġew, baqgħu dejjem f'Malta bla ma tqanqlu xejn minn gżiritna? Huwa jekk taħt il-ħakma tal-Għarab l-istorku Għarbi El-Qażwini jsemmi li fl-1049 kien hawn ħafna nsara f'Malta, billi jgħid li fil-għadd huma

aktar mill-Misilmin, kif jista' jkun li meta telqu ħafna Għarab minn Malta, l-Insara spiċċaw minn gżiritna, filwaqt li hi ħaġa minn awl id-dinja li dawn messhom aktar żdiedu?

Ħaġ'oħra. Fl-Istorja ta' Malta ta' Castagna nsibu lista ta' Isqfijiet li saltnu fid-Djoċesi ta' gżiritna. Dawn ma jaqtgħu xejn mill-1090 sal-1168, jiġifieri sa seba' snin qabel ma kiteb l-imsemmi Bochart. Mela dak l-Isqof Malti li laħaq fl-1168, bl-isem ta' Dun Ġwann, għal min sar? Biex jieħu ħsieb il-Għarab Misilmin, jew għall-Insara li kien hawn?

Tassew li wara Dun Ġwann l-Isqfijiet jaqtgħu, billi ma nsibu msemmi ebda wieħed sa qabel l-1253; iżda, b'daqshekk, ma għandu qatt jittieħed u jiftiehem li ma kellniex oħrajn. Jista' biss jitfisser li ma għandniex tagħrif dwarhom.

## Iż-Żvevi – it-Tkeċċija tal-Għarab minn Malta

Ħabta tal-1198 gżiritna għaddiet f'idejn iż-Żvevi (Ġermaniżi). Ftit wara, fl-1205 il-Maltin b'għadd ta' 3,000 suldat iġġieldu fl-Afrika b'ħila kbira ma' 20,000 Għarbi. Għelbuhom u rebħulhom.[22]

Il-ġrajja tissokta ġġarraf it-tħarrif ta' Bochart li semmejna iżjed lura. Għax ladarba niesna setgħu jibagħtu dak l-għadd sabiħ ta' suldati biex jitqabdu barra minn Malta, mur ara mela, kemm kienet aktar kbira l-popolazzjoni ta' gżiritna f'dak iż-żmien. Tgħid dawn nibtu mill-art matul it-tletin sena li ġew wara li Bochart ħallielna t-tħarrif tiegħu?

Bejn l-1223 u l-1224 ġew hawn in-nies ta' Celano, imkeċċija minn arthom. Iżda wara tliet snin dawn qalgħu l-maħfra mingħand is-Sultan Federiku u reġgħu telqu minn hawn.[23]

Xi wħud iridu jgħidu li ċ-Ċelaniżi ġew hawn biex jimlew il-battal li ħallew warajhom l-Għarab meta fl-1224 tkeċċew minn Malta. Oħrajn jgħidu li l-Għarab spiċċaw minn gżiritna fl-1249. Terġa' l-kittieba ta' żmienna ma jaqblu xejn ma' dawk ta' qabilna dwar din il-biċċa.

Nibdew mill-Kommendatur Abela. Dan imur mal-100 sena aktar lura billi jgħid li l-Għarab tkeċċew minn Malta fl-1127, minħabba tixwixa li għamlu u li fiha ġibuha fard mal-Maltin, billi niesna nasbulhom, intefgħu fuqhom bl-għajta ta' "Għall-klieb! Għall-klieb!" u qattgħuhom.

Dak li qal Abela ġie mtenni mill-kittieba storki Maltin li kitbu warajh, billi tennew u qalu bħalu. Iżda s-sena msemmija minn Abela (1127) ma kinitx

tat-tixwixa li għidna, imma hi ta' meta dawn il-gżejjer waqgħu f'idejn il-Beni Majmun, kursari Misilmin Spanjoli mill-aktar qalbiena. B'dankollu għand dawn ma damitx wisq, billi qabduha f'Lulju u fl-aħħar jiem tal-istess xahar reġgħet waqgħet mill-ġdid f'idejn ir-Re Ruġġieru I.[24]

Dr Caruana jidhirlu li l-aktar sena li hi żgura li fiha tkeċċew l-Għarab minn Malta hija dik tal-1224.[25] Iżda l-bużillis qiegħed hawn f'dan li sa ngħidu.

Dwar l-1241 f'Malta ġie l-Abbati Gilibertu, mibgħut mir-Re Federiku biex jara l-qagħda ta' gżiritna kif inhi, ħalli jgħarrfu dwarha. Wara li Gilibertu ra u fela kollox, fost l-oħrajn stqarr ukoll lill-Imperatur li l-Maltin kienu jaħkmu rwieħhom b'liġijiet u drawwiet li ma jixbhu xejn lil dawk ta' Sqallija. Għarrfu wkoll li l-Maltin żiedu l-għadd tas-suldati b'20 ruħ oħra biex jissoktaw iħarsu l-gżira. U dan għamluh bis-setgħa tal-Kunsill tagħhom.

Fiż-żmien li l-Abbati Gilibertu qagħad f'Malta, għamel ċensiment ta' kemm kien hawn nies. Intgħaddu l-familji biss. F'Malta nsabu 47 familja Nsara u 681 Saraċini (jiġifieri Għarab) u 25 Lhud. F'Għawdex 203 familja Nsara, 155 Saraċini u 8 Lhud.[26]

Dwar it-tagħrif li jagħtina Gilibertu, l-*Archivio* li semmejna jgħidilna li hemm xi tħassib jekk dan hux minnu, bla ma jgħarrafna xejn x'kien dak li ġiegħlu jaħseb hekk.

Iżda aħna nistgħu nobsru l-għala dan id-dubju li jridu jqanqlu. Billi f'dak li qal Gilibertu ntwera li l-Maltin kienu bħala ġens għalihom, u li ma għandhomx x'jaqsmu mat-Taljani, dil-biċċa ma niżlitlu xejn bil-qalb lill-kittieb tal-*Archivio*. Għax l-imsemmi *Archivio* ħareġ bil-ħsieb li fejn jista' jxerred dejjem li aħna Taljani.

Tabilħaqq li qal Gilibertu ma jaqbel xejn ma' li qal Dr Caruana: b'danakollu, kieku l-Għarab tkeċċew fl-1224, Gilibertu ma setax isib dak il-għadd kbir minnhom hawn. Għalhekk mhux għalkemm wieħed jaqta' ħesrem u jwarrab fil-ġenb għalkollox li ħallielna miktub Gilibertu, billi jista' jkun ukoll li l-Għarab spiċċaw minn hawn fl-1249, bħalma jgħidu xi kittieba u mhux fl-1224, kif ħaseb u qal Dr Caruana.

Dawk li jridu jsejsu l-fehma tagħhom dwar li lsienna hu Għarbi, dil-biċċa ta' Gilibertu jqabbżuha wisq, billi jgħidu li din tissokta turi li niesna tilfu lsienhom ta' qabel, minħabba l-kotra kbira ta' Għarab fejn il-ftit tal-Maltin li kien hawn. Iżda aħna, bla ma nidħlu fil-qalba ta' din it-tilwima, se ngħidu tagħna wkoll.

Hu minnu li, bħalma qal Gilibertu, il-Għarab f'Malta kienu aktar, imma f'Għawdex ma kinux. Mela, jekk il-Maltin tilfu lsienhom għax kienu ftit f'Malta, l-Għawdxin li kienu ħafna, tilfuh ukoll?

## Id-Dħul mill-Ġdid f'Malta tal-Ilsien Taljan

### L-Anġojini

L-Iżvevi bħala lsien uffiċjali tagħhom daħħlu hawn il-Latin vulgari. Terġa', iridu jgħidu wkoll li meta l-Imperatur Federiku li semmejna għaqqad Malta ma' Sqallija, flok il-Latin daħħal it-Taljan.[27] Mela minn dan li jgħidu l-kittieba naraw sewwa u ċar li t-Taljan kien intemm għalkollox minn hawn, ladarba, kif jissemma, reġa' daħal mill-ġdid f'Malta fi żmien l-Iżvevi. U din hi xhieda ta' siwi mill-aktar, u li għalhekk ħadd ma jista' jiċħadha, li xi darba, wara l-ħakma ta' Ruma, it-Taljan, li seta' kien hawn, spiċċa fix-xejn, billi għosfor u għab minn gżiritna għalkollox, biex kellu jkun l-Imperatur Federiku li reġa' qajmu u rxuxtah mill-ġdid minn fejn kien ilu żmien twil midfun għal gżiritna.

Għal dan it-taħwid u taqlib ta' ilsna barranin f'Malta, bħal Grieg, Latin, Għarbi u Taljan li semmejna, il-kittieba ma jafu jgħidulna xejn jekk niesna għamlux xi protesti jew le, ma' dawk li kienu jaħkmuna, meta dawn ta' kull darba fettlilhom ineħħu l-ilsien biex fostna jdeffsu ieħor floku.

Madankollu nistgħu nobsru li l-kelma ta' niesna ma kinitx ta' fejda wisq, għax missirijietna, għalkemm f'darhom, ftit li xejn kienu jikkmandaw, u għalhekk kellhom joqogħdu għar-rieda tal-barrani, billi jorbtu l-ħmar fejn jgħidilhom sidu. Terġa' biex jiktbu lir-Rejiet li ħakmuhom, kellhom jaqgħu, iridu jew ma jridux, għal xi lsien ieħor barrani wkoll, ħalli jinqdew bih biex jiftiehmu magħhom, ladarba dawn ir-Rejiet ma kinux jafu bil-Malti. Fuq hekk kulħadd jista' jobsor kemm niesna kienu jsibuha bi kbira u bi tqila biex isibu nies għal din il-biċċa, meta wieħed ukoll irid jiftakar kemm kien għadu lura t-tagħlim fiż-żminijiet tal-qedem.

Għalkemm deffsu t-Taljan kull fejn kellu x'jaqsam il-Gvern, fil-Kunsill Popolari baqgħu dejjem jitkellmu bil-Malti. Għax il-kotra l-kbira ta' dawk li kienu jieħdu sehem fih, ma kinux jafu għajr b'dan l-ilsien. U biex nissuktaw nuru kemm tassew kien dgħajjef u xejn sod it-tagħlim fin-nies ta' dik il-ħabta, in-nutar li jieħu ħsieb iniżżel fil-kotba dak li jingħad, dan kien iwettqu b'tagħsida kbira ta' kliem Latin-Sqalli-Taljan.

Terġa' biex tagħqad aktar, ma' dħul l-ilsien Taljan hawn, artna sfat bħala kerrejja: daqqa tmur b'rahan għand wieħed u daqqa taħt ieħor. U l-imsejkna missirijietna kellhom joqogħdu għad-debbus ta' qalbhom, għal dawn ir-rgħiba sidien, imsejħa Fewdatarji, li moħħhom ma kienx f'ħaġ'oħra għajr f'dak biss li jisolħu kemm jistgħu minn fuq dahar niesna, ħalli jitħaxxnu u jistagħnew,

billi jdaħħlu l-imgħaxijiet mill-iżjed kbar fuq il-flus li jkunu ħarġu biex kisbuha taħt idejhom.

Mela l-ilsien Taljan, fit-tieni daħla tiegħu f'Malta, ifakkarna f'dik il-misħuta qagħda mwiegħra u kerha li sabu ruħhom fiha l-imsejkna missirijietna. Ifakkarna wkoll li meta niesna kienu sfaw imkażbra, magħsura u misruqa minn għarqhom u demmhom, imjassra u mżebilħa, jitniehdu u jolfqu taħt it-toqol ta' madmad mill-aktar aħrax u kiefer tal-barrani.

Minn din il-mera li ġibna naraw kemm kien tassew ta' risq ħażin l-ilsien Taljan għal gżiritna, billi kien hu biss il-ħtija ta' dawk il-jiem ta' għajb, ta' hemm u ta' biki li semmejna, imġarrba, mill-għeżież niesna. Għalhekk dan l-ilsien mhux biss hu ta' min jistmerru, imma wkoll ta' min iwarrbu 'l bogħod minna għalkollox, darba għal dejjem.

Fiż-żmien li missirijietna kienu jinsabu fil-qagħda li semmejna, gżiritna għaddiet għal taħt idejn il-Franċiżi ta' Karlu d'Angiù. Fuq hekk in-nies tiegħu ssejħu Anġojini. Iżda dawn ma damux isaltnu f'Malta għajr mill-1266 sal-1283.

L-Anġojini, bħall-Iżvevi bi lsien uffiċjali tagħhom kellhom il-Latin. Ara kemm: id-dokumenti tal-Gvern Anġojin li hemm fl-Arkivju ta' Napli, huma kollha bil-Latin.[28]

## L-Aragoniżi

Fis-sena 1283, malli gżiritna waqgħet taħt is-Sultan Pietru I ta' Aragona, waslu hawn xi Spanjoli u Sqallin; uħud minn dawn baqgħu Malta, tħalltu ma' niesna u saru Maltin; waqt li oħrajn reġgħu marru minn fejn ġew.[29]

In-nies tal-imsemmi Sultan kienu minn Spanja, fejn jitkellmu l-Katalan, ilsien li jixbah ħafna lit-Taljan. Biż-żmien daħal xi kliem minnu fi lsienna. Il-Patri Ġiżwita Manwel Magri jgħid li meta kien fi Spanja fejn jitkellmu l-Katalan, baqa' mistagħġeb kif aħna l-Maltin għadna nlissnu l-kliem Katalan sewwasew kif missirijietna semgħuh mingħandhom.

Min ma jafx b'dil-biċċa li jgħarraf l-imsemmi Magri, aktarx jaħseb li ħafna mill-kliem li għandna fil-Malti hu ġej mit-Taljan, filwaqt li kif qal il-Patri Manwel Magri, li kien f'dak il-pajjiż, dan huwa ġej mill-Katalan.

Malli gżiritna għaddiet taħt l-Aragoniżi, il-Maltin bagħtu l-Ambaxxatur tagħhom għand l-imsemmi Sultan, fl-1283, fejn talbuh biex jilqagħhom fis-saltna tiegħu, bħalma hekk kienu għamlu ma' ħaddieħor fiż-żminijiet ta' qabel.

Is-Sultan Pietru mhux biss laqa' t-talba tagħhom u għaqqadhom ma' Sqallija, imma biex ikun aktar ħanin magħhom, wettqilhom ukoll dawk il-privileġġi li tawhom l-Imperatriċi Kostanza u l-Imperatur Federiku.

F'dan id-degriet tas-Sultan Pietru, li hu bil-Latin, insibu li tissemma għall-ewwel darba fi ġrajjietna l-Università ta' Malta u Għawdex.[30]

Bil-għaqda ta' Malta ma' Sqallija taħt is-Slaten ta' Aragona, il-gżejjer tagħna kienu mreġija minn Viċirejiet, aktarx dejjem Taljani, li kienu joqogħdu fi Sqallija.

## Żmien it-Tiranni

Iżda bil-għaqda kollha u bil-privileġġi l-oħra li ksibna xorta waħda Malta baqgħet tingħata lil xi kbarat biex dawn jerdgħu demm l-imsejkna missirijietna.

Wieħed mill-kittieba tagħna jgħid li dawn il-mogħtijiet minn banda kienu jġibulna ħsarat kbar u min-naħa l-oħra drittijiet ġodda.[31] Iżda aħna nissuktaw ngħidu li dawn id-drittijiet kollha ma sfaw ta' ebda siwi u fejda għal niesna, ladarba ta' sikwit kienu jitmejlu, jitgħawġu u jitgħaffġu taħt saqajn dawk li ħakmuna. Fis-sena 1350, is-Sultan Dovik, bin Pietru II, b'digriet ieħor bil-Latin reġa' għaqqad mill-ġdid lil Malta u għamilha ħaġa waħda ma' Sqallija biex din tista' tgawdi s-setgħat u l-privileġġi kollha li kellha s-Saltna li semmejna, waqt li fisser ukoll li gżiritna ma tista' tingħata lil ħadd aktar b'rahan.

Iżda, milli jidher, dawn il-ħafna drittijiet u wegħdiet jibqgħu wieqfa fuq saqajhom sal-mewt biss ta' dak li jagħtihom. Mill-bqija wara jsiru jiswew xorta waħda daqs dik il-ħaġa li ġiet maħżuża fl-ilma. Għalhekk insibu li meta miet Dovik u floku laħaq ħuh Federiku III, Malta reġgħet bdiet tingħata b'kiri mill-ġdid lil xi fessud ta' dawn is-Slaten ta' Aragona. Bosta drabi dawn il-kbarat bħala kapijiet tal-gżira kienu jindaħlu fiċ-Ċivil u xi waqtiet ukoll fil-Kriminal.[32]

Għal dan li għidna wieħed jista' jaħseb u jobsor kemm missirijietna raw u qalgħu fuq wiċċhom, fiż-żminijiet li qegħdin insemmu, minn dawn il-għamla ta' sangisugi. Terġa', meta fl-1377 laħqet it-tfajla Marija bint Federiku III, li meta kibret iżżewġet lil Martin I, niesna raw l-akbar moħqrija, serq, qtil u kull xorta oħra ta' ħsara. Fuq hekk l-ewwel għoxrin sena tas-Saltna ta' dawn għadhom miktubin fi ġrajjietna bid-dmugħ u bid-demm ta' niesna bħala Żmien it-Tiranni.

Lil dan Martin, ir-raġel ta' Marija, missirijietna laqqmuh *Il-Mulej*. Aktarx li dan l-isem tawhulu biex ixebbhuh lill-alla falz Molok li n-nies tas-Surija kienu jagħmlu l-ħġejjeġ b'ġieħu, billi l-Maltin lil dan ukoll kienu jgħidulu l-Mulej.[33]

## Ġlied bejn il-Maltin

Il-ħsara li saret fi gżiritna, ġrat minħabba t-tixwix li qanqlu xi wħud mill-Maltin kontra l-Aragoniżi. L-irvell sar darba fi żmien il-Fewdatarju Artale di Aragona u darb'oħra taħt Gulielmu Rajmondu ta' Montekatino. It-taħwida li qajmet il-ġlieda ta' bejn l-aħwa, kienet għax kemm fi Sqallija u kemm hawn Malta, in-nies inqasmet f'żewġ partiti sħan sewwa għal xulxin, billi nqalgħet xiżma fil-Knisja li damet 40 sena. Min żamm mal-Papa u min mal-Antipapa.

Ir-Re Martin inxteħet ma' dan tal-aħħar. Xi wħud mill-Maltin żammew miegħu. Iżda, billi dawk li żammew mal-Papa għal xi żmien rikbu r-riħ u sfaw minn fuq, ħabtu għall-oħrajn. U hawn saret taqtigħa mdemma bejn l-aħwa, fejn ħafna minn dawk li żammew ma' Martin u l-Antipapa, ġew imħarbta u maqtula, waqt li tilfu wkoll il-bini li kellhom.

Għidna li darbtejn il-Maltin qamu għall-ħakma Aragoniża. Iżda fl-aħħar rebħu dawk li żammew mar-Re Martin. Terġa' billi dan spiċċa biex għamel ħabib ukoll mal-Papa, il-Maltin qagħdu.

L-imsemmi Re biex iħallas lil kull min ħa sehem, kemm bix-xabla kif ukoll bil-pariri tiegħu, ħalli gżiritna reġgħet għal taħt idejh mill-ġdid, qassmilhom u tahom ħafna artijiet b'xejn minn Malta u Għawdex bħala rigal tal-ħidma tagħhom favur tiegħu. Id-degrieti ta' dan ir-Re Martin, li bihom tahom is-setgħa fuq l-artijiet li semmejna, huma kollha bil-Latin.[34]

## Għala nsemmu l-Latin

Nistgħu naħsbu li ħafna mill-qarrejja tagħna ntebħu l-għala ta' kull darba u ta' sikwit inqabbżu l-ilsien Latin fin-nofs, meta ngħarrfu b'xi ġrajja dwar niesna. Iżda għal min ma jafx irridu ngħidu li dan qegħdin nagħmluh għal tal-apposta, għaliex Toni Cini tqanżaħ kemm seta' u aktar milli felaħ biex iwarrab l-imsemmi lsien mill-ktieb tiegħu, ħalli ma jidhirx għajr it-Taljan waħdu biss. Terġa' l-Latin biħsiebna nsemmuh iżjed 'il quddiem ukoll, biex nissuktaw nuru dejjem kemm hu ħajjen il-ħsieb ta' Toni Cini, billi ma kitibx is-sewwa kollu dwar il-qagħda tal-ilsna barranin f'Malta.

Issa nerġgħu għal fejn konna. Malli beda t-tixwix u l-ġlied ta' bejn l-aħwa li ħawdu u qallbu l-qagħda tas-Saltna ta' Sqallija u flimkien ma' din ukoll ta' dawn il-gżejjer, Malta u Għawdex, fl-1298 reġgħu ngħaqdu u saru ħaġa waħda ma' Sqallija.

Dan sar b'degriet tar-Reġina Marija u r-Re Martin, miktub bil-Latin. U din id-darba Malta kellha tibqa' hekk għal dejjem, bla ma tingħata qatt aktar b'kiri lil ħadd. Iżda dan id-digriet nistgħu nħożżuh fl-ilma mal-oħrajn.

## L-Imħallef tal-Uqija

Minn kif wieħed jista' jaqbad tarf milli hawn se ngħidu nieħdu, li f'dik il-ħabta f'Malta ma kellniex Qrati għall-kawżi Ċivili u Kriminali fi ħwejjeġ kbar; iżda dawn kienu jistgħu biss isiru fi Sqallija, b'ħafna ħsara u nfiq ta' flus għall-Maltin.

Għajr Qrati għal ħwejjeġ żgħar ma kienx hawn. Bħala mħallfin fil-Kriminal kienu l-Ħakem tal-gżira (il-Kaptan tal-Virga), u l-Ġurati. Dawn l-aktar li kienu jaqtgħu u jagħtu xi pieni lil dawk li kienu jonqsu u ma jħarsux il-mieta ta' fuq l-ikel li joħorġu l-imsemmija Ġurati. Imbagħad għaċ-Ċivil kien hawn Imħallfin li kienu jistgħu jaqtgħu sa wqija biss.

Tassew li erba' xelini u żewġ soldi (uqija) fi żmienna ma huma xejn, iżda fl-imgħoddi jaħsbu li kienu xi ħaġa sewwa ħafna, ladarba dehrilhom li kellhom jaħtru mħallfin għas-somma li semmejna.

B'danakollu, ħalli naraw jirnexxilniex biex, b'dan li se ngħidu, inġarrbu li nagħtu ħjiel dwar x'seta' kien is-siwi tal-uqija f'dak iż-żmien, ħalli għall-anqas il-qarrej jifhem aktar is-setgħa li kellhom dawn l-Imħallfin.

Is-Surmast tal-iskola tal-Imdina – il-waħdanija skola li kien hawn f'dil-gżira – fl-1470, bi ħlas talli jgħallem lit-tfal, kellu erbat ewwieq u nofs fis-sena.[35] Mela nistgħu ngħidu li wqija kienet tiswa daqs tliet xhur paga ta' wieħed li kellu impjieg mhux ħażin f'dak iż-żmien, ladarba ried jgħix bih.

Naħsbu li iżjed minn hekk ma nistgħux naslu biex nagħtu u nfissru aħjar kemm kienu jiswew erba' xelini u żewġ soldi f'dik il-ħabta.

L-Imħallfin tal-uqija kienu bla ebda skola xejn. Fuq hekk sfaw imsejħa f'Idjoti. Dawn jintgħażlu minn fost l-aktar nies twajba tal-gżira, bil-voti tal-Kunsill Popolari u jitbiddlu, jew jitwettqu mill-ġdid, ta' kull sena. Fiż-żmien li jaqdu bħala mħallfin kellhom ukoll is-setgħa li jieħdu sehem u jivvutaw fil-laqgħat tal-imsemmi Kunsill.

Fil-kawżi mħawda, l-Imħallef tal-uqija ma kien iħabbel rasu xejn iżda jaqtagħhom kif ġie ġie jew bix-xorti. Minn xi daqqiet bl-iżbandola, waqt li xi drabi billi jobżoq f'idu u jagħti daqqa b'sebgħu 'l fejn ittir il-beżqa joħroġ rebbieħ. Għal dil-biċċa kienu wkoll magħrufa bħala mħallfin tal-Beżqa. Dawn

ma kellhom ebda ħlas mill-Gvern. Il-ħlas tagħhom kien billi jieħdu ħabba f'kull irbiegħi milli jaqtgħu.[36]

Għall-ewwel li nħolqu dawn l-Imħallfin, wieħed biss kien isir; iżda maż-żmien, biex il-kawżi jinqatgħu aktar sew, bdew jinħatru żewġ Imħallfin ħalli b'hekk ikun hemm il-fehma ta' tnejn min-nies. Kemm il-kawżi, kemm is-sentenzi, kollox kien isir bil-Malti u bla kitba xejn. Minn dawn il-għamla ta' Mħallfin li semmejna kien hemm Għawdex ukoll.

## Il-Kastiljani

Billi r-Re Martin II ma kellux tfal, fit-testment tiegħu ħalla biex il-kbarat ta' Aragona u ta' Sqallija jagħżlu Sultan minn demmu. Biex dawn iwettqu x-xewqa tiegħu, għażlu wieħed minn fost ulied Eleonora ta' Kastilja, oħt l-istess Martin. U hekk Malta għaddiet fl-1412, taħt il-Kastiljani, nies oħra minn Spanja li jitkellmu bl-Ispanjol.

Mal-ħakma ta' dawn, il-Maltin bdew jaħsbu biex jaraw isewwux il-qagħda mwiegħra tagħhom dwar il-Qrati, ħalli b'hekk jeħilsu minn ħafna nfiq li kienu jridu biex jagħmlu l-kawżi fi Sqallija. Għalhekk, fl-1419, il-Kunsill Popolari għażel lin-Nobbli Ġanni Vaccaro (tal-Bakkari) u bagħtu għand ir-Re Alfonsu bħala Ambaxxatur tal-Maltin, b'talba miktuba bit-Taljan fejn fiha fissirlu kemm hi ta' ħsara din il-biċċa, u għalhekk jitolbuh li jeħlishom minnha.

Alfonsu billi ra li t-talba tagħhom hi tal-ħaqq u s-sewwa, qata' li l-Maltin u n-nies li qegħdin f'Malta, mil-lum 'il quddiem jistgħu jħarrku lil xulxin fil-Qrati tal-gżira, f'dawk il-kawżi li jlaħħqu sa mitejn uqija biss.[37] Iżda 'l fuq minn hekk, bħalma wkoll il-kawżi mar-Re jew mal-Fewdatarji, kellhom jibqgħu jsiru u jinqatgħu fi Sqallija bħal qabel.

Sa hawn għaċ-Ċivil. Għax għal xi għamla ta' kawżi kbar fil-Kriminal beda jiġi darba fis-sena Kummissarju minn Sqallija, biex jaqta' dawn il-kawżi hu. Iżda l-Maltin, billi ma kinux jafu bit-Taljan, gemgmu ħafna, għax ma setgħux jiftiehmu miegħu.

Terġa' kull xorta ta' Appell li kien isir, ma kienx jista' jintgħamel hawn, iżda fi Sqallija biss. Ma nafux jekk il-Maltin bħala avukati kinux jistgħu jidhru għal niesna fil-Qrati ta' Sqallija: iżda jista' jkun li kellhom din is-setgħa, ladarba Malta kienet ħaġa waħda ma' dik is-saltna. Biss nafu, għax ġieli sibna, li wħud mill-Maltin kienu jmorru jitgħallmu l-Liġi fi Sqallija u jieħdu l-Lawrja hemm, billi f'Malta ma kienx hawn skejjel għal dan. Ukoll fi żmien l-Ordni

baqgħu jagħmlu hekk għal bosta snin, sakemm il-Gran Mastru Pintu waqqaf l-Università li għandna llum.

B'danakollu, ġie żmien taħt il-Kastiljani, li anqas avukati ma kien hawn Malta, bħalma biħsiebna nuru iżjed 'il quddiem.

## Id-Digrieti dwar il-Privileġġi tal-Maltin

Biex ma noqogħdux insemmu ta' kull darba dwar b'liema lsien ħarġu d-Digrieti mir-Rejiet ta' Kastilja, jew ta' Aragona, jonkella mill-Viċirejiet tagħhom fi Sqallija, għal dak li l-Maltin jitolbu, irridu ngħidu u ngħarrfu li dawn id-Digrieti dejjem dehru bil-Latin, għalkemm missirijietna kull meta riedu u xtaqu xi ħaġa mingħandhom bagħtuhielhom bit-Taljan. Biss waqt li l-Viċirejiet lil niesna kitbulhom bit-Taljan, ir-Rejiet aktarx inqdew bil-Latin milli bit-Taljan, barra milli ġieli kitbu wkoll bl-Ispanjol. Bħallikieku, fl-1488 ir-Re kiteb lill-Maltin bl-Ispanjol. Ukoll f'Jannar tal-1499.[38] Ma' dawn nistgħu nżidu lil Karlu V wkoll.

Għal min ma jafx, il-Manuskritt 737 li semmejna, u li aktar 'il quddiem se nsemmuh iżjed, mhux għajr ġabra ta' Privileġġi tagħna l-Maltin u għalhekk wieħed jista' jobsor kemm għandna raġun norbtu fuqu f'dak li hawn biħsiebna ngħidu.

Bħalma d-drittijiet u l-Privileġġi tal-Maltin, li ta' kull darba jiġu mġedda u mwettqa mis-Slaten li jilħqu, joħorġu bil-Latin, hekk ukoll dak l-Att li bih niesna kienu jniżżluhom għand in-nutari, dejjem sar bl-imsemmi lsien. U billi fis-Saltna ta' Sqallija s-sentenzi tal-Qrati kienu jingħataw bil-Latin, b'dan l-ilsien bdew isiru wkoll hawn Malta meta twaqqfu l-Qrati l-kbar.[39]

Minn dan li għidna naraw li mhux lilna biss, imma lil Sqallija wkoll daħħlulha ma' tagħha lsien ieħor (il-Latin) barrani għaliha, għalkemm din hi art kbira ħafna fejn il-ħolqa tagħna.

Biss, l-ilsien Sqalli-Taljan baqa' jinkiteb minn dawk li kienu ta' ftit skola jew ta' kultura fqira, waqt li l-Malti baqa' sejjer lura dejjem bħal granċ, għax ma nkitibx iżjed. Il-ħtija ta' hekk aktarx li kien dan li se ngħidu.

Fi żmien l-Ispanjoli ħarġet Liġi, li ħadd aktar ma għandu jikteb bl-Għarbi. Hawnhekk billi dawk il-Maltin li ma kinux jafu b'ilsna oħra, sabuha ħaġa wisq iebsa li jiktbu bil-Malti b'ittri Ewropej, baqgħu ma kitbu xejn.[40] U billi l-Malti u l-Għarbi jixbhu ħafna lil xulxin, fattruhom li huma lsien wieħed, u b'hekk ukoll tagħna twarrab u ġġenneb flimkien mal-ieħor.

Madankollu, dix-xorti mhux lil ilsienna biss messet, imma weħel ukoll it-Taljan u dan f'artu u minn ġensu stess. Għax dari min jikteb bil-Latin, kien

miżmum bi kbir, b'għaref, waqt li meta wieħed jikteb bit-Taljan, kien magħdud ta' kultura żgħira, billi dan l-ilsien, biex jitfgħuh taħt is-saqajn u jżebilħuh, kienu jsejħulu l-ilsien vulgari, jiġifieri l-ilsien tan-nies baxxi.

Din l-għamla ta' 'Patrijottiżmu' fi ħdan it-Taljani, damet issaltan il-mijiet tas-snin. Iżda dawn fl-aħħar fetħu għajnejhom sewwa u ntebħu bil-ħmerijiet tagħhom. Għax farfru minn fuq daharhom l-ilsien barrani u baqgħu jinqdew bit-Taljan biss, bla ma qagħdu jħabblu rashom xejn, biex ifakkru lil xulxin, li nieshom kienu ilhom jinqdew bil-Latin il-mijiet tas-snin.

## Il-Maltin iqumu għal Monroy

Fi żmien il-ħakma tal-Kastiljani f'Malta, erġajna waqajna għall-kiri ta' gżiritna mill-ġdid. Xejn ma sewa d-digriet tar-Re Martin li tana fl-1398, meta amar li Malta u Għawdex ma setgħux jingħataw aktar b'rahan lil ħadd. Għax, milli jidher, dawn id-digrieti għas-Slaten ta' Kastilja ma kinux ħaġ'oħra għajr biċċa karta li għamlet żmienha, tmermret u ssewset, waqt li wkoll spiċċat billi ttieklet mill-kamla u s-susa.

Fl-1420, is-Sultan Alfonsu sab ruħu magħfus sewwa mill-flus. Għalhekk dan nesa malajr x'wiegħdu r-Rejiet l-oħra ta' qablu, billi waqa' biex rahan lil gżiritna mill-ġdid bi 30,000 fjorin tad-deheb, flus Aragoniżi, lil Anton Cardona, wieħed mill-Viċirejiet ta' Sqallija.

Fi żmien l-imsemmi Fewdatarju, Malta ġarrbet waħda mill-akbar telfiet li nsibu fi ġrajjietna, billi fl-1423 it-Torok ħabtu għaliha għal għarrieda u ħarbtu u serqu kulma sabu hawn, barra mill-ħafna rsiera li qabdu taħt idejhom, fosthom l-Isqof li kellna, Mawru de Abrahimo.

Jingħad li biex niesna ħelsu minn dawn il-kiefra għedewwa, deher San Pawl fuq żiemel, li hekk kif it-Torok lemħuh, telqu maħruba minn gżiritna.[41]

Meta spiċċa Cardona, fl-1425, Malta għaddiet għand Fewdatarju ieħor jismu Gonsalvu Monroy. Dan kien aħrax wisq. Iżda, meta niesna sabu ruħhom maħqura minnu, qamu xewwiexa waħda għalih. Dan ġara bejn ħruġ l-1426 u dħul l-1427. Banda oħra għidna li l-Fewdatarji kienu joqogħdu l-Imdina f'dak it-torri li kien bena l-Konti Ruġġieru. Iżda meta saret ir-rewwixta tal-Maltin aktarx li Monroy ma kienx f'Malta, billi fiha ma jissemma xejn. Biss jidher li martu, Kostanza, kienet hawn. Imma din, malli għarfet x'ġara, ħarbet mill-Imdina u marret tistkenn f'Sant'Anġlu, billi din il-fortizza kienet f'idejn is-suldati Aragoniżi li, ma għandniex xi ngħidu, żammew mar-Re tagħhom.

Għal din ir-rewwixta, il-gwarniġjon ta' Sant'Anġlu ħatfet taħt idejha l-bastimenti Maltin li sabet fil-port. Mill-banda l-oħra, niesna dawru lil Sant'Anġlu mill-art bla ma ħallew jidħol xejn, anqas ikel għan-nies tal-Kastell.

## Il-Fidwa ta' Malta

Meta r-Re Alfonsu sema' li l-Maltin assedjawlu lin-nies tiegħu, tfantas u ħadha bi kbira wisq. Iżda wara ssewwa kollox. Il-Maltin talbu li jifdu arthom, billi jħallsu lil Monroy u jagħtuh lura l-flus kollha li ħareġ fuq dawn il-ġżejjer. U b'hekk fl-1427 fdewhom, waqt li qalgħu wkoll digriet bil-Latin, mingħand l-imsemmi Sultan, li Malta u Għawdex jingħaqdu darba għal dejjem mas-Saltna tiegħu, bis-setgħa li jistgħu jaqbdu l-armi biex iħarsu d-drittijiet u l-privileġġi li għandhom bla ma jistgħu jkunu magħduda bħala xewwiexa – għaqda li ma nħallet qatt iżjed qabel is-sena 1530.

Il-Maltin ferħu ħafna għall-imsemmi digriet; iżda sakemm inġabru wħud mill-flus meħtieġa għall-fidwa ta' artna, inħaqru qatigħ. B'danakollu, wara, lil niesna ġiethom xi ftit tajba wkoll. Għax lil Monroy ma laħqux tawh kollox, għajr 20,000 fjorin, billi dan miet fl-10 ta' April tas-sena 1429.

Milli jidher aktarx li Monroy nidem ta' kemm dabbar u selaħ minn fuq dahar il-Maltin; għax meta ġie biex imut, fit-testment tiegħu ħalla li dawk il-10,000 fjorin li kien fadallu jieħu mingħand niesna, ma ridhomx. Mhux biss, imma ried ukoll li mill-20,000 li tħallsu, nofshom imorru għar-Re, biex bihom dan jieħu ħsieb il-ħtieġa tal-artijiet tas-Saltna tiegħu, magħduda magħhom ukoll Malta, waqt li n-nofs l-ieħor, irodduhom lura lill-Maltin, ħalli jerġgħu jitqassmu fost dawk li ħarġu l-flus.

Meta niesna bagħtu żewġ Ambaxxaturi biex imorru u jġibu l-10,000 fjorin li ħalla Monroy, wissew ħafna lil dawn it-tnejn, li kemm-il darba jsibu l-iċken oppożizzjoni dwar l-għoti lura tal-imsemmija flus, ma joqogħdu jitħaqqu xejn għalihom, waqt li min-naħa tagħhom jagħmlu li jistgħu biex iħaffu l-mogħdija tal-10,000 l-oħra f'idejn ir-Re.[42]

Iżda jekk il-Maltin kisbux jew le l-flus li ħallielhom Monroy ma nafux, għaliex ma sibniex miktub.

Wara li Malta nħelset u nfdiet b'ħafna tbatija, biex tagħqad qabdet il-pesta, li ssuktat tagħmel ħerba kbira fost niesna. F'kelma waħda l-imsejkna missirijietna, fi ftit snin raw minn kollox u waqgħu f'għaks tal-biża'. Fuq hekk talbu l-ħniena tar-Re Alfonsu, u dan tahom li ma jħallsux dazju fuq l-ikel li jieħdu minn Sqallija.

## Karigi f'Idejn il-Barranin

Il-Gvernijiet li kellna, tista' tgħid, dejjem taw l-impjiegi fi gżiritna lin-nies tagħhom. Hekk ukoll għamlet il-Knisja. Ngħidu aħna, għall-impjiegi l-kbar tal-Katidral, bħal Arċidjaknu, Dekan, Teżorier u xi kanonikat, kienu jinbagħtu hawn biex jeħduhom il-barranin, li aktarx dawn jinzertaw Taljani. Iżda billi l-kotra l-kbira ta' niesna ma tafx b'dan l-ilsien, ftit li xejn setgħu jaqblu u jiftiehmu magħhom. Fuq hekk, kemm-il darba missirijietna talbu biex dawn isiru Maltin, bla ma rnexxielhom.

Mur ara f'liema taħwida sabu ruħhom fiha niesna ma' dawn l-impjegati li ma kinux jafu bil-Malti! Imma xi trid tagħmel, ladarba l-Maltin f'darhom ma kienu jikkmandaw xejn.

Terġa' wħud minn dawn il-barranin li jiksbu xi kanonikat fil-Katidral tal-Imdina, jew f'xi impjieg ieħor għoli tal-Knisja, aktarx li jibqgħu fi Sqallija, joqogħdu jitmiegħxu hemm bil-kwiet kollu r-renti tagħhom u 'l hawn ma jersqu xejn, għaliex kienu jibżgħu li jaħtfuhom it-Torok, bħalma għamlu lill-Isqof de Abrahimo li iżjed lura semmejna.

Fost dawn insibu lil kemm-il Isqof Taljan li dabbru rashom, flimkien mal-kleru ta' madwarhom, billi jitrekknu fl-inħawi ta' Sqallija, filwaqt li jitmellħu mill-merħla li sfat mitluqa taħt idejhom.[43]

Xi wħud mill-Isqfijiet ta' Malta, inħatru minn dawk il-kanonki stess li kienu jibqgħu fi Sqallija, bla ma l-Maltin kellhom ebda leħen fil-għażla tagħhom.[44]

## L-Impjiegi tal-Gvern f'Idejn il-Maltin

### Imħallef tal-Appell

Wara li missirijietna damu jinħaqru ħafna żmien ħtija tal-impjegati barranin, fl-aħħar is-Sultan Alfonsu għoġbu jibda jiċċaqlaq għat-talb tal-Maltin; għalhekk ordna fl-1429, biex dawk li jamministraw il-gżira u l-Qrati, għandhom dejjem jintgħażlu minn niesna. Dawn l-impjegati, fl-1438, kellhom jibdew jinħatru mill-Kunsill Popolari. Terġa' fl-1466, ir-Re Giovanni, ħu l-mejjet Alfonsu, issokta jżid li dawn mhux biss iridu jkunu Maltin, imma ma jistgħux jintgħażlu għajr minn dawk li joqogħdu fil-gżira.

Għalkemm xi kawżi bdew isiru hawn Malta, l-appelli tagħhom, bħalma għidna iżjed lura, baqgħu jintgħamlu fi Sqallija. Iżda fl-1455 niesna qalgħu li jistgħu jaħtru

Mħallef tal-Appell li jitbiddel kull sena, bil-vot tal-Kunsill Popolari. B'dankollu s-setgħa ta' dan mogħtija mir-Re, ma kinitx twassal għajr sa sitt ewwieq biss, għalkemm il-Maltin talbu li tkun imqar sa għaxra. Iżda fl-1458 sfat miżjuda u mkabbra li tiġbor fiha kull għamla u kobor ta' kawżi; u b'hekk naraw li, bil-ftit il-ftit, u wara ħafna talb, il-Maltin jeħilsu minn bosta xkiel, taħbit u nfiq ta' flus li riedu, biex qabel kienu jagħmlu l-kawżi tagħhom fi Sqallija.

Barra dan, il-Maltin qalgħu wkoll, fl-1458, li l-Kaptan tal-Virga, bħala l-Ħakem ta' Malta, kellu jinħatar minn fost l-aqwa nies tal-gżira. U l-għażla tal-impjegati l-oħra tal-Gvern tibda ssir minn ċerta għamla, u din tibqa' dejjem hekk bla ma titbiddel.

Għalkemm il-ħatra tal-Imħallfin u l-impjegati kienet f'idejn il-Maltin, qabel ma dawn jidħlu għal dmirhom niesna kienu jibagħtu lista bl-ismijiet tagħhom għand il-Viċirè ta' Sqallija, biex dan jara jekk jogħġbux iwettaqha jew le.

Semmejna li l-Imħallef tal-Appell kellu jitbiddel ta' kull sena. Iżda, b'daqshekk ma jfissirx li dan, wara li jagħlaq iż-żmien tiegħu, jispiċċa għalkollox minn Imħallef. Le; imma jmur fiċ-Ċivil jew fil-Kriminal, u min ikun f'dawn wieħed minnhom jinħatar floku.

Dil-proċedura tal-bdil tal-Imħallfin minn Qorti għal oħra baqgħet issir ukoll fi żmien l-Ordni ta' San Ġwann.

## It-Tkeċċija tal-Lhud minn Malta

Fl-1492 tkeċċew il-Lhud kollha minn Sqallija, kemm ukoll minn Malta, wara l-ħafna mijiet ta' snin li kienu ilhom hawn. Lil dawk li tkeċċew minn Malta ħallewhom jieħdu kulma jridu magħhom, barra l-bini li kellhom, li waqa' f'idejn il-Gvern Malti. Iżda r-Re ordna, fl-1513, li dawk is-70 skud tad-deheb li daħlu mill-bejgħ tal-bini kollu tal-Lhud kellhom imorru għall-ħtieġa tal-Kastell ta' Sant'Anġlu.

Jingħad li fost il-Lhud tal-lum wieħed għadu jsib il-kunjom ta' *Gozo* u *Maltese*. Tgħid dawn il-kunjomijiet għadhom neżlin mil-Lhud tal-qedem, minn dawk li darba għammru f'Malta u f'Għawdex, u ħadu dan il-kunjom billi tnisslu barra ż-żwieġ?

Terġa' dari kien hemm ukoll bħal kunjomijiet jew laqmijiet ta' nies Lhud li bihom juru li huma, jew nieshom, xi darba kellhom x'jaqsmu ma' gżiritna. Bħallikieku f'Arta tal-Albanija, kien hemm wieħed Lhudi magħruf bl-isem ta' Ehefez Malti. Ieħor f'Lepanto, fl-1510, imsejjaħ Esri Malti.[45]

## Il-Kummissarji ta' Sqallija kellhom ikunu jafu bil-Malti

Għalkemm il-Maltin infirdu minn Sqallija għalkollox dwar dawk li huma Qrati, jidher li dan ma kienx tajjeb u biżżejjed għal niesna, biex il-kawżi tagħhom ma jibqgħux jiġu maqtugħa wkoll mill-barranin; għax ta' sikwit naraw lill-Viċirè ta' Sqallija jibgħat xi impjegati tiegħu hawn Malta, bl-isem ta' Kummissarji, jew Sindikaturi, biex jiflu u jaqtgħu xi kawżi. Fuq hekk missirijietna ħtiġilhom jerġgħu jagħmlu talbiet oħra lir-Rejiet ta' Spanja u l-Viċirejiet tagħhom fi Sqallija, biex jindaħlu ħalli jilqgħu għal dan in-nuqqas.

Fost it-tweġib li niesna kellhom minn dawn, ġie mwiegħed lilhom fl-1504 li l-Kummissarji li jinbagħtu ma jistgħu jindaħlu la fil-kawżi taċ-Ċivil u anqas fil-Kriminal. Jindaħlu biss f'dawk il-ħtijiet kbar ħafna, bħal ta' *Lesa Maestà* u oħrajn ta' għamla bħal dawn. Iżda, billi l-imsemmija Kummissarji ma kinux jafu bil-Malti, waqt li anqas niesna ma kienu jafu bit-Taljan, fil-kawżi kien jinqala' ħafna taħwid u tfixkil bejniethom. Għal dil-biċċa l-Maltin gergru u gemgmu kemm-il darba mar-Re, li ma jistgħux jiftiehmu sewwa ma' dawn il-Kummissarji għax in-nies ma tifhimhomx.

L-Imperatur Karlu V ra li f'dil-ħaġa l-Maltin għandhom ħafna raġun: għalhekk qata', fis-7 ta' Settembru, 1520, biex dawk il-Kummissarji li jinbagħtu f'Malta kellhom jintgħażlu nies sewwa u li jafu bil-Malti. Il-Viċirè ta' Sqallija ġie mgħarraf ukoll b'dil-biċċa biex jieħu ħsieb tagħha u jara li jsir kif ordna r-Re.[46]

Dawn is-Sindikaturi jew Kummissarji li ta' kull sena jiġu minn Sqallija, kellhom joqogħdu għalli jgħidu l-Liġijiet u l-Privileġġi ta' Malta, u għalhekk ma setgħux jindaħlu għajr f'dawk il-kawżi msemmija fl-erba' kapi tal-kapitlu: *Orta iam dubitatione*. Mill-bqija l-kawżi l-oħra jitħallew fil-ħsieb tal-Kaptan tal-Virga u l-Imħallef tal-Qorti tal-Imdina.[47]

Iżda, billi kienet ħaġa kbira u tqila ħafna li fi Sqallija jsibu Mħallfin li jafu bil-Malti, biex jiġu hawn u jagħmluha ta' Sindikaturi fil-kawżi li semmejna, dawn kellhom jaqgħu għall-interpreti. Għalhekk kull meta xi Kummissarju jiġi biex jitlaq minn Sqallija għal Malta, qabel il-Viċirè kien isus fuqu billi jgħidlu u jwissih biex ma jibdiex jissindika l-kawżi, jekk ikun għadu ma ħatarx interpretu ta' ħila li jinqala' għal dan ix-xogħol u li jista' jorbot fuqu; li ma jkunx suspettuż, barra milli wkoll irid ikun magħżul minn fost l-aqwa nies tal-gżira, ħalli bis-saħħa tiegħu, jista' jifhem tajjeb il-kawżi li jitressqu quddiemu.[48]

Kemm is-Sindikaturi, kemm l-interpreti, jitħallsu mingħand il-Maltin. Tal-ewwel kellu 8 irbajja' tad-deheb kuljum, l-ieħor 4. Iżda wara xi snin żdiedu fil-ħlas, billi s-Sindikatur beda jieħu 12 u l-interpreti 6.

Il-Kummissarju jew is-Sindikatur li ġie hawn fl-1522 kien jismu Gianni Aloisio Carbone. B'interpretu tiegħu għażel lin-Nutar Ġakbu Bondino, ħalli bis-saħħa ta' dan, niesna kienu jistgħu jiftiehmu miegħu sewwa.

Hawn Malta dawn is-Sindikaturi ma kinux meħlusa li jagħmlu li jridu, iżda kellhom jaħdmu taħt għajnejn il-Ġurati Maltin. Għax il-Viċirè ta' Sqallija, fit-23 ta' Ottubru, 1526, ta s-setgħa lil dawn biex jgħassu u jaraw li s-Sindikaturi jwettqu dmirhom sewwa u bil-ħaqq kollu, waqt li kellhom iżommu iebes u jieqfu lil dawk kollha li ma jimxux tajjeb f'għemilhom.

Tabilħaqq, il-biċċa li semmejna li s-Sindikaturi jridu jkunu jafu bi lsienna, hi waħda mix-xhidiet kbar ta' ħafna siwi li nistgħu nġibu. Għax hi mera fiha nfisha li turi sewwa u mill-aktar ċar kemm il-kotra l-kbira ta' missirijietna ma kinux jafu bit-Taljan – xhieda li waħedha biss hi biżżejjed biex twaqqa' u tħarbat dawk l-argumenti zopop li ħarbex Toni Cini fil-ktieb tiegħu.

## L-Isqfijiet ta' Malta kienu Taljani kollha!

Issa jeħtiġilna naqtgħu l-fil tal-istorja tagħna, biex immorru lura bil-qabda, ħalli naraw xi jħarrfilna Cini dwar l-Isqfijiet ta' Malta.

L-aħħar Isqof li konna semmejna kien jismu Lucillus, li Cini qal li hu Taljan, filwaqt li aħna wrejna t-tħarrif tiegħu, billi sibna li dan kien Malti.

Cini jgħid li:

> Meta Lucillus tneħħa minn Isqof, il-Papa kiteb lill-Isqof ta' Sirakuża, għalbiex iħajjar u jwiddeb lill-Maltin ħalli jaħtru l-Isqof tagħhom; u dawn għażlu lil Trajanu, qassis Taljan, mill-Abruzzi. Hekk ukoll baqa' jsir matul il-mijiet ta' snin li ġew wara, billi l-poplu ta' Malta ssokta jagħżel dejjem qassisin Taljani b'Isqfijiet tiegħu.
>
> Terġa' meta ż-żminijiet tbiddlu u dis-setgħa għaddiet f'idejn il-Kapitlu tal-Imdina biss, il-kanonki baqgħu jaħtru huma wkoll Taljani b'kapijiet tal-Knisja tagħna. Għalhekk insibu li l-Kapitlu tal-Kanonki, fl-1392, b'Isqof ta' Malta għażlu lil Federik Papalla (Bab-Alla?), Taljan.
>
> Dawn l-Isqfijiet Taljani ma kinux jibqgħu hawn b'idejhom marbuta; iżda jaħdmu bi bżulija kbira fost il-poplu, waqt li jieħdu ħsieb tiegħu sewwa. Hekk insibuh jagħmel l-Isqof Nerik minn Cefalù, ta' familja nobbli, magħruf ħafna għal għerfu u d-drawwiet tajba li kellu.

Għal dan kollu li qal Cini fil-ktieb tiegħu (p. 14 u 15) jaqa' biex jagħmel dil-mistoqsija: Kif qatt jistgħu dawn l-Isqfijiet ikunu ħaddiema ħabrieka fost il-merħla tagħhom, li kieku l-poplu ma kienx jaf bit-Taljan?

Iżda, din il-għażla ta' xi Isqfijiet li inzertaw Taljani, lil Toni Cini waqqgħetu fid-dnub li jasal biex jgħid ħmerija mill-akbar, billi qal li aħna mnisslin mit-Taljani. U biex isejjes l-għajdun tiegħu żelaq żelqa oħra fin-niexef. Isimgħu kliemu:

> Iżjed 'il fuq rajna kif il-poplu u l-kleru ta' Malta dejjem ħatru Taljani b'Isqfijiet tagħhom. Iżda, b'daqshekk jista' qatt li fost il-kleru ta' Malta ma kienx hemm qassisin li jixirqilhom isiru huma? Hu ġenn li wieħed jaħseb hekk. Mela dan il-fenomenu ma jistax jitfisser xorta oħra, kemm-il darba wieħed ma jridx jgħid li l-biċċa l-kbira tal-eletturi kienu Taljani u għalhekk dawn, ma għandniex xi ngħidu, jaslu biex jagħżlu aktarx wieħed minn tal-ġens tagħhom, milli le (p. 17). Dawn l-Isqfijiet jaħtruhom minn fost dawk il-Patrijiet li jiġu hawn mill-Italja, biex jieħdu ħsieb tal-Kunventi tal-Ordni tagħhom li kellhom f'Malta (p. 15). Dari f'Malta kien hawn Parroċċa waħda biss – dik tal-Katidral. Fuq hekk, fiż-żmien li qiegħed insemmi, l-Isqof ifisser Kappillan ukoll, billi hu stess jipprietka lill-poplu, iwiddbu, iwissih u jċanfru. U dan kollu minn wieħed Taljan. Mela, il-poplu ta' Malta ma setax jifhem lil dawn, li kieku ma kienx Taljan huwa wkoll, bħall-Isqof. Terġa' maż-żmien, dawn beda jkollhom l-ajjutanti tagħhom, li kienu huma wkoll Taljani.
>
> Minn dan li għidna nieħdu li ladarba l-kotra l-kbira tal-eletturi kienu Taljani, missirijietna huma mnisslin minnhom u għalhekk aħna Taljani (Cini p. 18).

Min jaqra dawn l-argumenti baħnana – argumenti li jaqsmu bid-daħk saħansitra lil kull min ikun imdejjaq u qalbu sewda – ikollu jgħid, li meta r-ras tisħon fuq xi ħaġa, jinżel il-għamad fuq l-għajnejn li ma jħalliniex naraw il-ħwejjeġ sewwa, u għalhekk jibda t-thewdin, li jwaqqagħna biex inħawdu fil-kliem, billi ma nintebħux xi nkunu ngħidu. U xejn anqas minn daqshekk ma ġralu Cini f'dak li kiteb. Araw kemm.

Mela Cini jgħid, fil-faċċata 17 tal-ktieb tiegħu, li fost il-qassisin ta' Malta kien hemm min jinqala' u jistħoqqlu wkoll li jsir Isqof. B'danakollu billi l-kotra l-kbira tal-eletturi kienu Taljani, dawn għażlu dejjem li jaħtru wieħed Taljan.

Iżda dan il-għajdut ta' Cini jiġi jfisser, li għalkemm il-Maltin kienu ftit fil-għadd, wieħed isib qassisin fosthom, filwaqt li t-Taljani, għad li kienu hawn bir-rfus, ma kellhom ebda qassis mill-ġens tagħhom! U dan Cini jissokta jwettaq, bla ma jintebaħ, meta jsemmi wkoll li dawn l-Isqfijiet kienu jagħżluhom minn qalb dawk il-Patrijiet li jiġu hawn mill-Italja.

Min qatt kien jobsor għal Toni Cini, waqt li dan fil-ktieb tiegħu ma riedx jagħmel ħaġ'oħra għajr jgħolli sas-smewwiet kull ħaġa li hi Taljana, imbagħad jitlef dehnu, billi jiġi u jfaqqgħalna ċertifikat hekk 'sabiħ' dwar dawk it-Taljani li qal hu li kienu f'Malta? Mur obsor li matul il-milja taż-żmien ma inzerta qatt xi ħadd minnhom li tħajjar biex isir qassis! Mela x'nies tar-ruħ kienu? Iżda hawn Cini, juri, bla ma jintebaħ, x'għamla ta' nies 'twajba' setgħu kienu dawk il-kotra ta' eletturi Taljani, li kieku dawn kienu jeżistu tassew f'Malta bil-kotra, u mhux fil-ħolm ta' Cini biss.

## X'Għamla ta' Nies kienu t-Taljani li kellna Malta dari

Għalkemm l-imsemmi ċertifikat lil Cini żelaqlu bla ma ried, iżda b'dak li qal resaq u qorob ħafna lejn is-sewwa, bla ma ntebaħ dwar x'għamla ta' Taljani kellna f'Malta fl-imgħoddi.

Aħna ma niċħdux li fi gżiritna ma kienx hawn xi Taljani; iżda dawn kienu ftit ħafna fil-għadd. Terġa', allaħares kienu bil-kotra, bħalma ħolom jgħid Cini, għax kieku dil-biċċa tħammrilna wiċċna u twaqqagħhulna fl-art bil-mistħija, jekk ifettlilna biss ngħidu li aħna mnisslin minnhom, minħabba dan li se nfissru.

Bħalma jaf kulħadd, dak iż-żmien kienet drawwa tas-Saltna ta' Sqallija, li din biex teħles mill-qixx u l-mixx tagħha, meta dawn jagħmlu xi ħaġa, kienet twikkihom lil niesna, billi teżiljahom u tibgħathom hawn Malta. Għalhekk tistgħu taħsbu l-imsejkna missirijietna f'liema kbir għaqqux sabu ruħhom, iħabbtu wiċċhom ma' dawn in-nies karfa u ta' qattagħni.

Għal din il-biċċa, niesna għamlu kemm-il protesta għand ir-Re biex dan ma jibqax isir. Fl-aħħar sema' talbhom. B'danakollu kellhom jibqgħu jitqannew b'dawk it-Taljani li laħqu ġew hawn.

Minn dawn it-Taljani jridna mnisslin Toni Cini?

## L-Isqfijiet ta' Malta kienu kollha Taljani?

Iżda ħallina minn dawk il-qabda Taljani ta' bla ġieħ – skart ta' artijiet oħra u li dennsu l-arja ta' gżiritna – ħalli nissuktaw immorru naraw kemm kellu ħila Cini jħarref dwar ta' liema ġens kienu l-Isqfijiet ta' Malta f'dak iż-żmien.

L-ewwel Isqfijiet li jibdew jissemmew malli gżiritna spiċċat mill-Għarab u għaddiet f'idejn il-Konti Ruġġieru kien fl-1090. Minn dis-sena sal-1168

jintgħaddu li kellna sitt Isqfijiet, fosthom erbgħa minnhom Maltin. It-tnejn l-oħra ma jintqalx x'ġens huma. Imbagħad insibu madwar 100 sena bla ma jissemma ebda Isqof. Wara dal-battal kollu, jerġgħu jibdew fl-1253, bla ma jaqtgħu xejn sal-1530.

Fost l-Isqfijiet li kellna, l-aktar li nsibu Maltin u Sqallin, jew Taljani. Mill-bqija l-oħra, erbgħa kienu Spanjoli, wieħed Franċiż u ieħor Ġermaniż.[49]

Bħalma rajna, l-għadd ta' Isqfijiet li ġibna ħadnieh milli għarraf Castagna. Jista' jkun li l-lista tiegħu ma hix kompluta għalkollox. Iżda jibqa' dejjem il-fatt li, mat-Taljani, kien hemm Isqfijiet ta' ġnus oħra wkoll, fosthom il-Maltin.

Aħna qgħadna fuq Castagna, dwar x'nazzjon kienu l-Isqfijiet ta' Malta, għaliex sibnieh li jaqbel ħafna f'xi ismijiet tagħhom ma' dawk miġjuba fl-*Archivio Storico di Malta* vol. VII. Terġa' Castagna jaqbel ukoll mal-Abbati Pirri. Dan jgħid li l-Isqfijiet ta' Malta fi żmien il-ħakma ta' Karlu d'Angiù; (1266-1284), kienu Maltin.[50]

Iżda, dak li l-aktar jagħti fil-għajn f'dil-biċċa ta' dawn l-Isqfijiet hu li l-kotra l-kbira tagħhom kienu maħtura minn fost il-Patrijiet. B'danakollu, minn hekk nistgħu nieħdu wkoll li l-qassisin fi gżiritna kienu ftit, ladarba l-għadd tagħhom li laħqu Isqfijiet huwa żgħir ħafna. Ara kemm jista' jkun hekk: f'Jannar tal-1499, biex jaqdu fil-Katidral tal-Imdina, ma kienx hemm għajr żewġ qassisin. Għalhekk mhux darba u tnejn insibu li xi Patrijiet ġieli ħadu xi impjieg fl-imsemmi Katidral ukoll. Terġa' fl-1514, waqt li f'Malta ntgħaddu 60 raħal, biex jieħdu ħsieb dawn ma kienx hawn ħlief 30 qassis.[51]

Minn dak li għarrafna dwar ta' liema nazzjon kienu l-Isqfijiet ta' Malta, qabel ma l-Ordni ġie hawn fl-1530, naraw kemm Toni Cini felaħ iħarref u jaqleb ġrajjietna, fil-ktieb tiegħu, biex jitqanżaħ juri li aħna Taljani. Iżda dak li sa hawn tarrafna, mhu xejn fejn dak li biħsiebna ngħidu, biex nissuktaw nuru t-tħarrif li fih l-imsemmi ktieb.

## L-Isqof Neriku ta' Cefalù

Iżjed lura semmejna li Cini jgħid li l-Isqfijiet Taljani kienu jintgħażlu minn fost il-kapijiet tal-Kunventi li kien hawn. Għalhekk jista' jkun li meta fl-1334 inħatar Neriku minn Cefalù, dan inzerta wieħed minnhom, billi Ferris fid-*Descrizione delle Chiese di Malta e Gozo*, iġibu bħala Patri Franġiskan.

Lil dan l-Isqof Cini faħħru sewwa – ħaġa xierqa u li tistħoqqlu ħafna. Iżda Cini ma qalilniex li Neriku seta' kien jaf bil-Malti, billi tgħallmu fiż-żmien li

għamel hawn Malta fil-Kunvent tiegħu, qabel ma laħaq Isqof. Għax la niesna ma kinux jafu bit-Taljan, bħalma wrejna u iżjed għad nuru, kif setgħu jifhmuh jekk ma jkellimhomx bl-ilsien tagħhom?

Madankollu jekk ma kienx jaf bil-Malti, anqas dan ma kien ta' tfixkil għalih biex jaqdi dmiru sewwa, billi kull meta ried iwassal kliemu lill-merħla tiegħu, seta' jinqeda wkoll b'xi ħadd minn ta' madwaru. Għalhekk meta Ferris jgħid li dan ir-ragħaj ħadem u ħabrek ħafna fost uliedu ma għandux ifisser ta' bilfors li kien jipprietka hu stess lill-poplu, iwissih, iwiddbu jew ilumu fil-għemil tiegħu, bħalma b'hekk ried jgħaddih Cini.

L-Isqof Neriku ta' Cefalù miet hawn Malta, fl-1341, u ndifen fil-Katidral tal-Imdina.[52]

## Il-Ħtieġa tal-Ilsien Malti għall-Kapijiet tal-Knisja

Biex wieħed barrani ried ikollu x'jaqsam ma' niesna, ħalli jiftiehem sewwa hu nnifsu magħhom, bla għajnuna ta' ħadd, dan ma setax jagħmlu, kemm-il darba ma tgħallimx il-Malti, għax missirijietna, nerġgħu ntennu hawn, ma kinux jafu bit-Taljan; u dan sa nwettquh b'dan id-dokument li ġej:

Fl-1481, l-Isqof ta' Malta, li dik il-ħabta kien il-Kataniż Fra Ġwann Paternò, ħatar wieħed Taljan bħalu b'Kappillan Maġġur tal-Katidral. Fuq hekk, saret laqgħa tal-Kunsill Popolari, fejn qatgħu li jitolbu lill-Provinċjal tad-Dumnikani fi Sqallija biex lil Patri Pietru Zurki, Malti, li kien hawn Malta jieħu ħsieb il-kunvent tad-Dumnikani tar-Rabat, iħallih isir hu Kappillan Maġġur tal-Katidral tal-Imdina, għax dak li kien għażel l-Isqof Paternò ma kienx jaf bil-Malti.[53]

Għal min ma jafx, irridu ngħidu wkoll li dana l-Isqof Paternò, filwaqt li l-ħsieb tal-Knisja ta' Malta ħallieh f'idejn il-Vigarju tiegħu, hu qagħad ipappi r-renti tagħha bil-kwiet kollu fi Sqallija, għax beża' li jekk jiġi hawn, għandhom mnejn jistgħu jaħtfuh it-Torok.[54]

Minn dan il-fatt li għidna nistgħu naraw x'dagħbien kbir hemm bejn il-kliem ta' tifħir ta' Toni Cini u l-fatti veri li jgħidulna ġrajjietna.

Madankollu, jekk il-kliem ta' Cini ma jiswiex ħaqq il-karta li stampawh fuqha, mill-banda l-oħra jista' jaqdina biex niftħu għajnejn dawk li ma jarawx 'il hemm minn imneħirhom. Għax juri sewwa u fid-dieher dak it-tqanżiħ kollu li dejjem sar minn ċerta klikka ta' nies bil-ħsieb li jgħollu dak biss li hu Taljan.

## Min daħħal il-Kliem Barrani fil-Malti

Biex Cini jissokta jogħdos fil-għammieq tal-għeltijiet tiegħu, isemmi dwar 300 kelma bit-Taljan fil-ktieb tiegħu (p. 14-24).

Iżda, jekk dawn il-kelmiet daħlux fil-Malti bis-saħħa tal-Isqfijiet u qassisin Taljani, jistgħu jgħiduh il-qarrejja li segwew dil-kitba tagħna. Għax bħalna raw li dawk l-Isqfijiet mhux biss ma resqux lejn gżiritna, iżda anqas xtaqu jżommuha, billi ma ridux jiċċaqalqu b'xebgħa swat minn fejn stkennew u staħbew fi Sqallija, daqskemm kienu jibżgħu u jitwerwru mit-Torok. Għalhekk ikollna ngħidu, li dan il-kliem barrani li għandna fi lsienna daħħluh niesna stess meta ħassew il-ħtieġa li jiksbu dik il-kelma li riedu jinqdew biha biex jagħtuha lil kull ħaġa ġdida li nħolqot għalihom. Xorta waħda bħalma aħna stess qegħdin nagħmlu llum mill-Ingliż, u bħalma wkoll għamlu ġnus kbar oħra. Ingħidu aħna bħalma r-Rumani nqdew bil-Grieg u l-Ingliżi bil-Latin, kull meta dawn riedu jżidu u jagħnu lsienhom bi kliem ieħor barrani.

Mela għax dawn għamlu hekk, nistgħu ngħidu li r-Rumani saru Griegi u l-Ingliżi Rumani? Żgur le. Daqshekk xi ħadd ieħor jista' jgħid għalina l-Maltin li aħna sirna Taljani, għax issellifna kliem minn tagħhom biex daħħalnieh u żidnieh ma' tagħna.

Terġa' aħna nqdejna b'aktar kliem Taljan milli ta' ġnus oħra, minħabba din il-biċċa, li ninsabu ħafna qrib l-Italja. Mhux biss imma wkoll billi kellna x'naqsmu ħafna mat-Taljani, bil-kummerċ magħhom.

Madankollu, għalkemm illum għandna bosta kliem Taljan fi lsienna, ħadd ma jista' jgħid jew jiċħad li dari ma kellniex kliem ieħor Malti floku. Jekk mhux kollu, għall-anqas ħafna minnu. Iżda dan maż-żmien intilef, billi l-għażiż Ilsienna tħalla bla miktub is-snin il-kbar.

Barra l-ħtija li semmejna hemm ħaġ'oħra li qiegħda tissokta tmewwet il-kliem Malti, dak il-ħafna kliem Taljan imdaħħal bla ħtieġa xejn fi lsienna. Għax bejlek għajnejk jekk xi kittieb ifettillu jitfa' xi kelma Maltija qadima! Malajr tara lil xi wħud, taparsi Maltin, iduru bħal ferħ naħal għalih u jgħajruh 'safi', waqt li huma ma jimpurtax li jwarrbu kliem Malti mhux 'safi' f'kitbithom biex floku jdaħħlu l-kliem Taljan ġdid li ma jifhmux għajr dawk biss li jafu b'dan l-ilsien.

M'għandniex xi ngħidu, kliem barrani, tista' tgħid kollu ħallas id-dazju biex daħal fil-Malti: min wisq u min ftit. Biss il-kliem Ingliż donnu jidher ikrah jekk wieħed iħassru minn kif inhu, biex jiktbu bħalma jinstema' fil-widna.

Haġ'oħra: uħud iridu jgħidu li aħna Taljani billi b'xhieda ta' hekk dejjem iqabbżu dawk il-kunjomijiet imnisslin fostna minnhom. Iżda lil dawn irridu ngħidulhom, għalkemm nafu li ma għandhomx bżonn, meta l-ħaġa tinfatam minn ommha, tispiċċa u tmut. Hekk ġralhom dawk it-Taljani li ġew u baqgħu hawn billi maż-żmien tħalltu magħna, bil-ftit il-ftit saru bħalna, u ntilfu qalb il-kotra tal-Maltin. Bħalma hekk ukoll qed jiġrilhom dawk l-Ingliżi li jogħġobhom jagħżlu gżiritna biex jgħammru fiha għal dejjem, li kif jaf kulħadd illum għandna għadd ġmielu ta' kunjomijiet minn tagħhom imħalltin magħna. Għalhekk jista' kulħadd jgħid li jrid għaliex aħna m'aħniex għajr ulied Malta – Maltin.

## Il-Qagħda tat-Tagħlim f'Malta

Bħalma qegħdin naraw fi żmienna, uħud jiftaħru ħafna bil-kultura Latina jew Taljana li, kif dawn jgħidu, minn dejjem kellna f'Malta, bla ma l-kotra l-kbira tagħhom jafu jfissru fiex din kienet tikkonsisti. Iżda dawn aktarx jgħidu dan il-kliem, billi semgħuh minn ħaddieħor, u għalhekk tgħallmu jtennuh bl-amment bħalma jagħmlu l-pappagalli.

Terġa' dawk ix-xi wħud li joħolmu b'dik l-imbierka ta' kultura Taljana li jaħsbu li kellna, erħilhom jistadulek fil-ħama, ilaqqtulek xi ħaġa minn hawn u minn hemm, jiġbru kollox flimkien biex iżiduh ma' dak il-ħafna tħarrif li joħolqu minn żniedhom, bħalma rajna jagħmel Toni Cini fil-ktieb tiegħu li semmejna kemm-il darba, ħalli b'hekk ikollhom biex jitħaqqu, dwar il-ħolm tagħhom, ma' dawk li ma jafux ġrajjietna sewwa u kif inhuma.

Dari, fil-qedem, in-nies ma kienet tħabbel rasha xejn, tista' tgħid, bl-iskejjel. Moħħhom kien aktarx biss fit-tagħlim tas-snajja' tar-raba', tal-kummerċ u tat-taqbid fuq il-baħar (kursari) bejn ġens u ġens, u wara bejn l-Insara u l-Misilmin. Għalhekk il-kultura li missirijietna kellhom, kienet dik li nibtet fihom infushom. Din la kienet Latina anqas Taljana, iżda bħalma għidna twieldet magħhom, trabbiet fosthom u għexet qalbhom, bħala ħaġa biss tagħhom. Aħna hawn m'aħniex biħsiebna ngħidu x'kienet il-ħila ta' missirijietna dwar kultura, snajja', eċċ., għax dawn huma magħrufa ħafna, billi ġew imfaħħra kemm-il darba mill-kittieba ta' kull żmien. Terġa' għalihom jitkellmu wkoll dawk il-ħwejjeġ kollha tal-qedem maħduma minnhom, li matul il-milja tas-snin instabu f'dawn il-Gżejjer. U dawn weħedhom huma xhieda aktar milli hi biżżejjed biex wieħed jintebaħ malajr x'kienu jiswew niesna.

Madankollu, ma rridux niċħdu anqas li xi ħadd ma nxteħetx għall-iskola wkoll; iżda dawn kienu hekk ftit li, tista' tgħid, kont tgħoddhom fuq is-swaba' tal-idejn. Ara kemm kien hawn għadd żgħir ta' nies tal-iskola f'Malta li xi darba wieħed kien jilħaq f'xi professjoni, bla ma jkun studja għaliha. Ingħidu aħna jilħaq bil-prattika u mhux bl-iskola. Għalhekk, tneħħi l-waħdiet li semmejna, il-bqija tan-nies ma kinitx taf titkellem u tifhem għajr bi lsienna – il-Malti.

Barra milli n-nies ta' dari ma kinitx miġbuda għall-iskejjel, it-tagħlim f'Malta kien dgħajjef wisq. Għax għajr skola waħda ma kellniex hawn Malta għall-Maltin. Din kienet fl-Imdina, miżmuma mill-Università tal-Ġurati, mill-Isqof u mill-Katidral, billi kienu joħorġu xi ħaġa tal-flus bejniethom, biex iħallsu l-waħdieni surmast li kellha.

Xi wħud iridu jgħidu li kienu l-qassisin li bdew l-iskejjel fi gżiritna. Sa fejn nafu aħna, l-ewwel li ħareġ b'din it-tagħrifa kien il-Baruni De Piro, fi ktieb li ħareġ biex iwaqqa' l-ħafna ħmerijiet li wieħed Ingliż jismu Adolphus Slade, fettillu jgħid fuq Malta u l-Maltin. Iżda milli tidher, De Piro ma kienx imgħarraf sewwa dwar it-tagħlim fi gżiritna, għax l-iskola tal-Università l-Imdina ma jsemmiha b'xejn.[55]

Terġa' li kieku stess il-qassisin riedu jwaqqfu xi skejjel, dawn ma setgħux billi l-għadd żgħir tagħhom ta' 30, ma kienx biżżejjed biex ilaħħqu mal-ħtieġa ta' 60 raħal li kienu hawn, aħseb u ara kemm kellhom żmien x'jitilfu għat-tagħlim tal-iskola.

Barra mill-iskola tal-Imdina ma kienx hawn ħlief oħra għal-Lhud. Kien hawn ukoll tal-kunventi; iżda kienu jitgħallmu dawk biss li riedu jidħlu mal-Patrijiet. Mela, l-Università tal-Ġurati, l-Isqof u l-Katidral tal-Imdina, kienu l-bidu li taw il-ħajja lit-tagħlim f'Malta għall-poplu.

It-tagħlim tal-iskola li semmejna aktarx li kien isir fil-Knisja tas-Salvatur li dari kien hemm fl-Imdina. L-iskulari li jistgħu, kienu jħallsu xi ħaġa; oħrajn għax fqar, ma jħallsu xejn. Fiha jitgħallmu l-aktar għal Qassisin u l-bidu ta' xi ħwejjeġ oħra.

Iżda, għall-iskola tal-Imdina ma kinux imorru għajr xi ftit, l-aktar dawk li kellhom xewqa li jilħqu Qassisin. Madankollu, ukoll li kieku n-nies riedet tmur fil-waħdanija skola li kien hawn, it-triq taqta' qalb kulħadd. Għax din l-iskola kienet tiġi 'l bogħod ħafna mill-biċċa l-kbira tal-irħula, u dari s-saqajn riedu jagħmlu tajjeb, biex wieħed imur fejn jinħtieġ.

Barra minn hekk, billi n-nies kienet ftit miġbuda għall-iskejjel, minħabba li ħsiebhom kien mitfugħ fuq dawk il-ħwejjeġ li semmejna iżjed lura, mal-inqas tfixkil li tiltaqa' miegħu, kienet titlaq it-tagħlim. Fuq hekk, ftit, waħdiet, kienu dawk li setgħu kisbu xi tagħlim fl-imgħoddi.

Minn dan it-tagħrif li tajna, wieħed jintebaħ malajr kemm it-tagħlim f'Malta kien imgħakkes u dgħajjef wisq. Madankollu, f'dak iż-żmien ma nafux fejn ma kienx. Bħallikieku, il-kbarat ta' dik il-ħabta kienu jgħidu li ma kellhomx għalfejn jitgħallmu, għax għalihom hu biżżejjed li huma għonja. Għalhekk, ftit wisq ftit, kont issib fosthom min jaf xi ħaġa. U biex insaħħu u nwettqu kemm hu minnu dan li għidna, b'xhieda ta' hekk irridu nġibu u nsemmu li fis-seklu XV, in-nobbli, is-sinjuri u l-kavallieri kienu jiftaħru b'wiċċhom minn quddiem li mhux talli ma jafux skola, imma anqas biss jafu jiktbu isimhom.[56] Oħrajn kienu jħożżu isimhom, aktarx għax tgħallmu jpinġuh.

Semmejna lil dawn, biex ħadd ma jkollu għalfejn jistmell, jew jistagħġeb, bin-nuqqas ta' tagħlim li kellna f'Malta, meta jara li dan il-waħx ta' dlam kien isaltan, tista' tgħid, ma' kullimkien.

Minn dan li tarrafna, naraw ukoll li min kellu l-flus u l-ħin x'jista' jaħli, ftit jew xejn ma kien iħabbel rasu bl-iskola; aħseb u ara, mela, dak li ried jaqla' l-għajxien tiegħu bix-xogħol ta' jdejh, kemm kien jista' jsib żmien biex joqgħod imur sal-Imdina, ħalli jitgħallem xi ħaġa.

## Nuqqas ta' Nies tal-Iskola f'Malta

Man-nuqqas ta' qassisin li kellha l-Knisja tagħna, kien hawn ukoll nuqqas kbir u tal-għaġeb ta' nies tal-iskola. Fuq hekk, xi drabi missirijietna kellhom jaqgħu għall-barranin, biex jaqduhom f'xi ħtieġa bħalma sa nuru.

Fost il-ġnus kollha, il-Lhud kienu minn dawk li l-aktar tħeġġu għat-tagħlim. Hawn Malta, għalkemm il-għadd tagħhom kien żgħir ħafna fejn ta' niesna, kellhom saħansitra skola għalihom.[57] Il-Lhud fi Gżiritna ma kinux maħmula mill-Maltin. Is-Sultan Pietru ta' Aragona darba kiteb lis-Segretarju tiegħu f'Malta, fejn għarrfu li niesna ma kinux iġibuhom.[58] Iżda meta fl-1431 il-Ġurati ma sabux min jaqdihom bħala Ambaxxatur biex imurilhom għand il-Viċirè, fuq xi tilwim li kellhom mal-Kastellan – dak li f'idejh kellu l-Kastell ta' Sant'Anġlu – bagħtu lil wieħed Lhudi, jismu Xilorum.[59]

U dan li semmejna hu xhieda oħra mill-aktar ċara ta' kemm joħolmu fil-batal dawk li jiżżattu u jiftaħru bil-kultura Latina li kellna, meta naraw li fost il-Maltin ma nstab ħadd li jaf bit-Taljan, għajr wieħed Lhudi, ladarba l-Ġurati kellhom jaqgħu biex jinqdew b'wieħed minn dak il-ġens li niesna la kienu jaħmlu, anqas iġibu.

Xi darba, biex ikun hawn xi wieħed tal-iskola, kien jieħu ħsieb ta' dan il-Gvern stess, billi jibgħat lil xi ħadd jitgħallem barra minn Malta. Fil-15 ta' Diċembru, 1467, fil-laqgħa li saret mill-Kunsill Popolari, inqata' li jinħarġu sitt ewwieq mill-flus tal-Università tal-Imdina, ħalli ż-żagħżugħ Toni de Surdo (tat-Trux?) seta' bihom imur Sqallija, biex hemm jibqa' jitgħallem għal dawra ta' sentejn.

Missirijietna kienu jagħmlu dawn is-sagrifiċċji, biex għall-inqas, meta jeħtieġu jibagħtu xi Ambaxxata għand ir-Re, jistgħu jsibu xi wieħed li jaqdihom, iżda bis-sagrifiċċji kollha li jagħmlu, dil-biċċa mhix dejjem tirnexxilhom. Għax xi drabi kellhom jaqgħu, għad-debbus ta' qalbhom, għal nies barranin, bħalma rajna fil-biċċa tal-Lhudi Xilorum.

## Nuqqas ta' Avukati

Fost in-nuqqas ta' nies tal-iskola, irridu nsemmu wkoll li ġie żmien li ma kienx hawn Avukati. Għax ħabta tal-1443 f'Għawdex kollu ma kienx hemm għajr Kurjal wieħed biss (Impjegat tal-Qorti). U dan billi kien Nutar, il-Għawdxin talbu għalih lir-Re biex isir Imħallef hu.[60]

Mela, minn kif jista' jidher, f'Għawdex ma kien hemm ebda Avukat, ladarba, biex jinħatar Imħallef kellhom jaqgħu għal Nutar. Barra minn hekk, naraw li l-Għawdxin kellhom Qorti għalihom, bħall-Maltin. Terġa' nieħdu wkoll, li minħabba nuqqas ta' nies tal-iskola, dak li jkun seta' jilħaq f'post ta' Mħallef minn Nutar flok minn Avukat.

Xi wħud minn dawn il-Kurjali, biex isiru Nutari, imorru jitgħallmu barra minn Malta. Għax fl-1494, insibu li wieħed Kurjal, jismu Indrì Falzon, studja f'Katanja.[61]

Bħalma għidna, jissejħu Kurjali dawk in-nies li kienu jaqdu bħala impjegati fil-Qorti. U dawn aktarx li kienu Nutari. Għidna hekk, għaliex dawk li llum huma magħrufa fostna bħala Reġistraturi (skrivani ta' taħt l-Imħallfin) dari kienu jinħatru minn fost in-nies biss tal-imsemmija professjoni.

Iżda, jekk il-Għawdxin ma kellhomx Avukati, il-Maltin ma kinux f'qagħda aħjar minnhom. Għax in-nuqqas għalkollox ta' Avukati fi Gżiritna nħass sewwa. Fuq hekk, niesna talbu lir-Re, fit-13 ta' Settembru, 1499, biex Wenzu Falzun u Ġanni Ciantar, żewġ Kurjali ta' skola ħafna, jagħtihom is-setgħa li jsiru Avukati huma, ħalli b'hekk kulħadd jista' jinqeda bihom. Għax kienu qegħdin jintilfu ħafna kawżi, ħtija talli ma kienx hemm min jaqbeż għalihom.[62]

**Nies bla Skola jagħmluha ta' Nutari**

Għalkemm kien hawn xi Nutari tal-iskola, kellna oħrajn li ma kinux – ħaġa li ma titwemminx, għalkemm minnha. Terġa' dawn tal-aħħar mhux biss ma kellhom ebda tagħlim, imma minfuq kienu injuranti għal darba. Barra minn hekk, bil-wiċċ sfiq kollu tagħhom, kont tarahom jersqulek biex jieħdu l-impjieg ta' Nutari fil-Qrati Ċivili tagħna. U billi f'dak iż-żmien ma kinux isibu nies tal-iskola għal dan ix-xogħol, bosta drabi kellhom jitqannew bihom.

Minħabba l-injuranza kbira ta' dawn in-Nutari li semmejna, il-poplu kien moqdi ħażin għal darba. B'danakollu, billi dil-biċċa laħqet daħlet 'il ġewwa ħafna, u għalhekk saret bħala drawwa, il-Kunsill Popolari ma kellux setgħa li jaqlagħhom 'il barra kif ġieb u laħaq. Iżda, biex jilqgħu għal din il-ħsara li kienet qiegħda ssir, fl-1515 bagħtu xi Ambaxxaturi għand ir-Re ta' Kastilja, fejn fehmuh bil-biċċa u talbuh li jiddigrieta biex għall-impjieg ta' Nutar fil-Qrati, ma jistgħux jersqu għajr nies tal-iskola, ukoll meta jinħtieġ li jagħmluha ta' Nutari flok ħaddieħor. Ir-Re sema' t-talb tal-Maltin, billi għoġbu jaqta' kif xtaqu huma.[63]

Dan li għidna dwar l-għamla ta' Nutari li semmejna, aktarx li ssib min ma jinżillux, u għalhekk ma jemmnux. Iżda hu aktar milli minnu, għax id-Dokument li ġibna hu meħud mill-Ktieb tal-Privileġġi tal-Maltin – dokument li ma jista' jiċħdu jew imerih ħadd.

Issib oħrajn li jgħidulek: "x'kien hemm bżonn li jdaħħlu lir-Re f'din il-biċċa? Mela missirijietna ma setgħux, kieku riedu, jaqtgħuha huma waħedhom, billi meta jersqu nies tal-iskola u le, jaħtru minn tal-ewwel?"

Iva, setgħu. Għax il-għażla tal-impjegati kienet f'idejn il-Kunsill Popolari. Iżda biex fil-Qorti ma jimpjegawx nies injuranti aktar, bħala Nutari, meta ma jsibux minn tal-iskola, missirijietna riedu digriet mingħand ir-Re dwar din il-biċċa, biex jaqtgħu darba għal dejjem din il-kukkanja tad-daħk. Għax fl-aħħar raw li jaqbel iżjed li wieħed jgħaddi mingħajr din il-għamla ta' Nutari, sakemm jinqala' u jinstab xi ħadd tal-iskola, milli jinqeda bihom, ladarba flok ġid, kienu qegħdin jisfgħu aktar ta' ħsara u deni lill-poplu, bħalma hekk fissru niesna lir-Re fit-talba li għamlulu.

Ma għandniex xi ngħidu, jista' wieħed jaħseb kemm tgħaffiġ u taħwid kien joħroġ minn taħt idejn dawn l-injuranti! Mela, kellna Mħallfin tal-uqija (Idjoti, illitterati) u nies mill-aktar injuranti bħala Nutari! U dan, għal ġieħna, fil-Qorti. Fl-ogħla istituzzjoni li seta' kellna! Mela aħseb u ara fi bnadijiet oħra x'kien hemm!

Dawn li semmejna huma affarijiet li jġibulek għajnejk wara widnejk, meta wieħed jara kemm ħallewna u żammewna lura dawk li ħakmuna, biex Gżiritna sal-1515 kienet għadha taqa' li titqanna b'nies tal-għamla li semmejna. Għalhekk, qal sewwa Vassallo, fl-Istorja ta' Malta li kiteb, li ftit jew xejn kien hemm min tgħabba bi ħsieb it-tagħlim tal-Maltin.

## Il-Kunsill Popolari

Matul dil-kitba tagħna semmejna kemm-il darba l-Kunsill Popolari. Għalhekk inħossu li hu xieraq ħafna li qabel ma nagħlqu dil-kitba, li twassalna sa tmiem il-ħakma tal-Kastiljani, nagħtu xi tagħrif dwaru.

Aktarx li ssib lil xi wħud rashom mimlija żżejjed b'dan il-Kunsill għax meta jsemmuh jaħsbu li ma hemmx fejn tasal aktar. Jistħajluh xi *House of Commons* oħra! Ma jafux dawn li s-setgħa tiegħu kienet ħafifa u bla saħħa. Terġa' ma kien rappreżentattiv xejn, billi l-poplu ma kellu ebda jedd jagħżel lil dawk li kienu jidhru għalih fil-Kunsill. Iżda, ħalli nimxu aktar bil-mod.

Il-Kunsill Popolari kellu l-bidu tiegħu fi żmien li ma hux magħruf biżżejjed sewwa. Il-ħolqien tiegħu hu nieżel mill-qedem, daqqa taħt għamla u daqqa taħt għamla oħra sakemm wasal b'dik il-libsa li narawh biha fi żmien l-Aragoniżi u l-Kastiljani.

Kien imgħaqqad mill-Kaptan tal-Virga (il-Ħakem), il-Ġurati, l-Impjegati tal-Qrati, bħall-Imħallfin u n-Nutari, l-impjegati l-kbar tal-Gvern, fosthom ukoll it-tabib tal-fqar u xi nies tal-85 Milizzja, bħas-Surġent tal-Imdina, l-Alfier u s-Surġent tar-Rabat kif ukoll dawk kollha li jinħatru biex jidhru għar-rħula, flimkien ma' dawk li jagħżlu n-nies tal-ħwienet u l-bejjiegħa.

Xi drabi jieħdu sehem ukoll xi qassisin. Dan jiġri aktarx biss meta fil-Kunsill ikun hemm xi ħaġa dwar il-Knisja ta' Malta. Iżda l-biċċa l-kbira jidher il-Vigarju tal-Isqof, fin-nuqqas ta' dan mill-gżira. Terġa', il-Ħakem kien jista' jieħu sehem biss meta fil-Kunsill tinġieb xi ħaġa li kellha x'taqsam miegħu jew ma' niesu.[64]

Il-Ħakem, li kien miżmum bħala l-kap tal-gżira, jiġi maħtur mir-Re. Iżda l-Ġurati, l-Imħallfin u l-Impjegati tal-Qrati u tal-Università (Gvern) mill-Kunsill Popolari. Biss il-lista tagħhom trid tmur għand ir-Re ta' kull darba biex dan, jekk jogħġbuh, iwettaqhom fl-impjieg li għalih ġew magħżula.

Tlieta mill-Ġurati li jingħażlu jridu jkunu tal-iskola għalhekk dawn jissejħu *Letterati*. Ir-raba' wieħed, li jinħatar minn fost il-bdiewa u li jkun bla skola, jgħidulu *Giurato Popolare* (tal-poplu).

Il-ħatra tal-impjegati kollha li semmejna, u li kienet issir aktarx għall-aħħar jiem ta' Awwissu, tiswa għal sena. Wara jerġgħu jsiru oħrajn flokhom, jew jitwettqu xi wħud minnhom. Dawk li jilħqu ġodda, jibdew ix-xogħol fl-1 ta' Settembru. L-irħula kellhom min jidher għalihom fil-Kunsill Popolari. Min wieħed, min tnejn u min tlieta, skont id-daqs u l-kobor tagħhom. Iżda dawn ma kinux jintgħażlu min-nies tal-irħula, imma mill-Ġurati, u għalhekk kienu rappreżentanti tal-poplu taparsi. L-isem ta' dan kien ta' Kuntistabbli.

Tabilħaqq li naħsbu li dawn kienu jinħatru aktarx minn fost l-aħjar nies tal-irħula, b'danakollu naraw li ma kienu jirrappreżentaw lil ħadd, għajr lilhom infushom, ladarba l-poplu ma kellu ebda sehem fil-għażla tagħhom.

Jekk tneħħi lil dawk il-ftit li kienu jidhru għan-nies tal-ħwienet u għal tas-snajja', li dawn jinħatru minn sħabhom tal-istess mistier, nistgħu ngħidu li l-Kunsill kien magħmul minn ċerta klikka ta' nies biss. Għax, jekk ir-Rappreżentanti tal-irħula fil-Kunsill jaħtru lill-Ġurati u dawn lill-imsemmija Rappreżentanti, wieħed ikollu jasal biex jgħid, għall-Kunsill Popolari li kellna: "Il-Knisja tagħna u l-Kappillan qaribna".

F'Għawdex ukoll kien hemm Kunsill Popolari ieħor, billi fl-1416 twaqqfet Università għalihom, bħal dik ta' Malta. Biss, la kien hemm skola, u anqas Kuntistabblijiet sa fi żmien il-Kastiljani.

Billi l-kotra l-kbira ta' dawk li jieħdu sehem fil-laqgħat tal-Kunsill Popolari ma kinux jafu bit-Taljan, it-taħdit kien isir kollu bil-Malti – l-Ilsien Nazzjonali tal-Maltin. Imma dak li jingħad jitniżżel fil-qosor bil-Latin-Sqalli-Taljan minn xi wieħed min-Nutari tal-Gvern.

Fil-bidu tas-sena 1467 il-Kunsill Popolari ta' Malta ried jeħles mir-Rappreżentanti tal-ħwienet u tas-snajja'. Ma għandniex xi ngħidu, kif kien magħmul il-Kunsill mill-klikka, dik li semmejna, kienet ħaġa l-aktar ħafifa għalih. Għax billi kappell ma jmejjelx lil ieħor, il-biċċa nġiebet fil-Kunsill u għaddiet bil-qlugħ kollha miftuħa. U hekk il-ħaddiema sfaw mitfugħa 'l barra mill-Kunsill Popolari. Iżda billi, bħalma għidna, is-setgħa ta' dan kienet bla saħħa, kellhom jaqgħu biex jibagħtu Ambaxxatur għand ir-Re, biex jaraw dan iridx li jsir hekk. Ir-Re bela' l-lixka, u tahom li jistgħu jneħħuhom, billi qagħad fuq l-iskużi li ġibulu, fejn qalulu li xi nies tagħżel lilhom, għax jisqu fil-ħwienet tagħhom jew jaħdmulhom b'xejn xi sidrija jew xi qorq.

Għalkemm urejna ta' liema sura kien magħmul il-Kunsill Popolari fi żmien l-Aragonżi u l-Kastiljani, b'danakollu ma rridux niċħdu li meta l-Privileġġi

u l-Jeddijiet tal-Maltin ġew imkażbra, dan ma qabiżx għalihom u tħaqqaq dwarhom. Iżda dawn ħambqu l-aktar għaliex it-tnaqqis mill-Privileġġi kien joqros lil kulħadd, u għalhekk kien joqros lilhom ukoll. Mill-bqija, fejn qablilhom, gerfxu u ħawdu kif xtaqu u riedu, bħalma rajna mill-biċċa ta' meta qaċċtu 'l barra mill-Kunsill Popolari lir-Rappreżentanti tal-ħwienet u tas-snajja'.

Mela qal sewwa Vassallo fl-Istorja ta' Malta li kiteb, li kull għamla ta' Gvern, għad li hi tajba bil-bosta, tisfa' fix-xejn, bħal ħaġa mejta, jekk ma jkunx hemm pajżani li ma jmilu lejn ħadd.[65]

Bħalma għidna, is-setgħa li niesna kellhom fit-treġija ta' gżiritna kienet ċkejkna mill-aktar. Kienet tagħtihom il-jedd li jistgħu jħabblu rashom kemm iridu biex iħarsu lil Malta u lilhom infushom mill-ħbit tal-Misilmin, ħalli ma jaqgħux irsiera u biex jieħdu ħsieb jgħammru l-gżira bl-ikel, ħalli ma jmutux bil-ġuħ. Mill-bqija, il-Kunsill Popolari la kellu l-jedd jagħmel Liġijiet, anqas iħassar jew inaqqas minn dawk li kien hemm, kemm jekk dawn miktuba u kemm jekk le. F'kelma waħda, niesna ma setgħu jiċċaqalqu xejn mingħajr ir-rieda tar-Re.

Ma għandniex xi ngħidu, il-Liġijiet miktuba kienu dawk li jiġu mogħtija jew mgħoddija mir-Re, wara aktarx xi talba minn niesna, u għalhekk kienu msejħa u miżmuma bħala l-Privileġġi tal-Maltin. L-oħrajn, bla miktuba, kienu d-drawwiet tal-poplu. Ħalli nagħtu xi tagħrif dwar dawn il-Liġijiet miktuba.

Xi Lhud draw joqogħdu maġenb il-knejjes tagħna, jew biswithom. Niesna riedu jaqtgħu dan l-iskandlu. Iżda, bil-Kunsill Popolari kollu li kellna, ma setax jitwettaq dan, qabel ma nbagħat Ambaxxatur għand is-Sultan, u fehmuh bil-biċċa. Ir-Re ra li għandhom raġun, u għalhekk tahom li jistgħu jneħħuhom.[66]

L-oħra: il-Baldakkin li joħorġuh f'Korpus u fil-festi l-kbar l-oħra, kellu erba' lasti biss. Fuq hekk, ta' kull sena kien jinqala' ħafna tilwim fuq min kellu jerfa' fih. Biex jeħilsu minn dan it-tfixkil, riedu jżidulu oħrajn. Il-biċċa l-kbira nġiebet fil-Kunsill u għaddiet. Iżda, għalkemm din kienet ħaġa żgħira, u biex ngħidu hekk, taċ-ċajt, il-Kunsill ma kellux setgħa jżid dawn l-imbierka ta' żewġ lasti mal-erbgħa l-oħra li l-Baldakkin kellu, qabel ma jitolbu lir-Re. Għalhekk bagħtu Ambaxxatur għand is-Sultan biex jistaqsuh jekk iridx li dan jagħmluh b'sitt lasti flok b'erbgħa. Ir-Re tahom.[67]

Bit-tifsir fil-qosor li tajna, dwar il-Kunsill Popolari, wieħed jista' jaħseb fiex kienet tikkonsisti l-Kostituzzjoni kollha li kellna.

## Għaqda ta' Kollox

Kull min mexa matul it-triq kollha ta' din il-kitba tagħna, miġbura, imsejsa u mibnija fuq dokumenti li ħadd ma jista' jiċħadhom jew imerihom, jara sewwa kif niesna, wara li tnisslu minn dawk li meddew riġlejhom għall-ewwel darba f'dawn il-gżejjer, baqgħu dejjem Maltin, għalkemm għaddew minn taħt is-saltna u l-ħakma ta' bosta ġnus barranin.

Ma għandniex xi ngħidu, niesna tħalltu ma' dawk in-nies li ġew u baqgħu hawn; imma b'hekk ma jfissirx li aħna sirna barranin, imma huma li nxtorbu fi ħdanna u saru Maltin bħalna, bil-ftit il-ftit. Madankollu dil-biċċa ġrat tista' tgħid lill-ġnus kollha għax ma ssibx ġens wieħed li ma hux imħallat b'demm ta' xi ġens ieħor.

Biex xi wħud juru kemm tassew kellna kultura Taljana, dejjem iqabbżu u jsemmu l-ittri tar-Rejiet u tal-Viċirejiet li dawn kienu jiktbu bit-Taljan lil niesna. Iżda aħna naraw u naħsbu li magħna l-qarrejja kollha wkoll, li biċċa tad-daħk akbar minn din ma tistax tinħoloq. Huwa meta dawn ir-Rejiet u l-Viċirejiet ma kinux jafu bi lsienna, kif triduhom jiktbu lil missirijietna bil-Malti? Pretensjoni bħal din, ngħidu li hi biċċa tal-ġenn. Terġa' r-Rejiet u l-Viċirejiet barra mit-Taljan, lil niesna ġieli kitbulhom bil-Latin, jew bl-Ispanjol, bħalma wrejna bla ma qagħdu jħabblu rashom xejn jekk il-Maltin kinux jafu b'dawn l-ilsna jew le. Terġa' dawk li jridu jgħammxu l-għajnejn bit-tħarrif tal-kultura Taljana, ma jsemmux għajr l-ittri li nkitbu bit-Taljan biss, waqt li fuq l-ittri li nkitbu bl-ilsna l-oħra jżommu skiet tal-mewt dwarhom, bħalma wkoll hekk għamel Toni Cini fl-imsemmi ktieb tiegħu.

Iżda dan jagħmluh b'ħażen biex dak li jkun ma jintebaħx li niesna barra t-Taljan kienu jinqdew b'ilsna oħra wkoll fl-imgħoddi: jonkella ma jkunux jafu jwieġbu għal din il-mistoqsija: ladarba wara ħafna żmien li niesna kienu mdorrija b'xi ilsna, imbagħad dawn tneħħew minn Malta, bla ħadd ma tkellem, għaliex kellhom jiċċaqalqu biss issa, meta ġew biex ineħħu l-ilsien Taljan?

Urejna li l-ilsien Nazzjonali tal-Maltin ma hux għajr il-Malti, għax niesna nqdew dejjem bih bejniethom, fl-imgħoddi u llum, għalkemm niesna kienu mdorrija jinqdew sa mill-eqdem b'ilsna barranin għal xi ħtieġa tagħhom, minn qabel bosta snin ma nibtu Remu u Romulu, terġa' dil-biċċa kienet issir ukoll minn bosta ġnus, fosthom mit-Taljani, billi dawn kienu jinqdew bil-Latin, li l-kotra tagħhom ma kinux jifhmuh, waqt li warrbu lsienhom fil-ġenb. Iżda llum kulħadd fetaħ għajnejh u neħħa l-għamad minn fuqhom, billi tfarfar mit-toqol

ta' dawn l-ilsna, li għamlu żmienhom u ma għadhomx meħtieġa, filwaqt li beda jqim u jgħożż biss l-għażiż ilsienu.

Insemmu l-Irlandiżi. Dawn huma ġens akbar minna ħafna bil-qabda. B'danakollu, imorru fejn imorru, ma jiftiehmu ma' ħadd bi lsienhom. Iżda huma xejn ma importahom għax l-imħabba lejn arthom ħeġġithom biex iqajmu lsienhom minn fejn kien mirdum u midfun, biex reġgħu tawh il-ħajja. Mela lilna biss, il-ħaddiema tal-kultura Taljana riduna nbaxxu lsienna, biex floku ngħollu lsien ieħor barrani, li nistgħu ngħaddu mingħajru bla ebda xkiel.

Fl-aħħar rajna wkoll, li billi jkun hawn nofs tużżana li jafu bit-Taljan, din ma tistax tissejjaħ kultura Latina. Għax jekk niġu f'dan, nistgħu ngħidu li meta ġew l-Ingliżi sabu li hawn Malta kellna l-kultura Ingliża wkoll, ladarba kien hawn ftit nies li jafu bi lsienhom.

Iżda niġu għal-lum. Fi żmienna, bħalma jaf kulħadd, għandna għadd kbir ta' min jifhem u jitkellem bit-Taljan u bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż, u sa bl-Ispanjol; mela, għax hawn dawn in-nies kollha li jafu bl-ilsna li semmejna, nistgħu ngħidu li għandna l-kultura tal-Ġnus Magħqudin kollha, jiġifieri tal-UNO!

*Din is-sensiela kienet dehret f'disa' taqsimiet f'*Il-Berqa *mill-1 sad-19 ta' Ottubru 1951. Gatt kien uża n-*nom de plume *"Malti". Is-sensiela reġgħet dehret f'*It-Torċa, *din id-darba ffirmata b'ismu. L-ewwel parti f'*It-Torċa *dehret fil-5 ta' Diċembru 1971. Meta qabbilna ż-żewġ verżjonijiet innutajna li l-artiklu ta'* It-Torċa *fih żidiet żgħar u sottotitli differenti. Fih ukoll partijiet maqbużin jew ikkupjati ħażin mill-ewwel verżjoni. Għalhekk, qed jidher l-artiklu ta'* Il-Berqa, *imma daħħalna wkoll iż-żidiet żgħar tal-artiklu ta'* It-Torċa *għas-sħuħija.*

**Noti**

1 A. E. Caruana: *Sull'Origine della Lingua Maltese*, p. 143-5 u A. E. Caruana: *Frammento della Storia di Malta,* p. 211.
2 A. E. Caruana, *Frammento*, p. 167.
3 *Ħsieb u Ħajja,* I sena, p. 363, u A. E. Caruana: *Sull'Origine,* eċċ, p. 143-145.
4 A. E. Caruana: *Sull'Origine* ..., p. 146, u A. E. Caruana, *Frammento* ..., p. 269 u 256.
5 A. E. Caruana, *Frammento* . . ., p. 96.
6 C. Mifsud Bonnici: *The Soul of the Maltese Race,* p. 28.
7 *Mogħdija taż-Żmien*, Nru. 38, p. 24.
8 A. E. Caruana, *Frammento* . . ., p. 322.
9 A. E. Caruana, *Frammento* . . ., p. 381.
10 *Mogħdija taż-Żmien*, Nru. 38, p. 25.
11 *La Cosmographie Universelle*, Paris, 1575.
12 *Mogħdija taż-Żmien*, Nru. 39, p. 118-119.
13 *Xi Jgħid il-Malti*, ta' Patri Magri, p. 41.
14 Mons. Mifsud: *Origine della Sovranità Inglese su Malta*, p. 420.
15 *Storja ta' Malta*, Vol. III, p. 33.
16 *Mogħdija taż-Żmien*, Nru. 38, p. 26.
17 *Frammento* . . ., p. 439-441.
18 A. E. Caruana, *Origine*..., p. 285, A. E. Caruana, *Frammento* . . ., p. 452 u *Archivio Storico di Malta,* Anno X, p. 191.
19 *Mogħdija taż-Żmien*, Nru. 38, p. 2.
20 *Mogħdija taż-Żmien*, Nru. 39, p. 109.
21 *Frammento* ..., p. 258.
22 *Frammento*..., p. 474.
23 *Frammento*..., p. 482.
24 *Frammento*..., p. 464-465.
25 *Frammento*..., p. 480-481.
26 *La Diocesi di Malta,* Anno I, p. 17-19; u *Archivio Storico di Malta,* Anno X, p. 220-222.
27 *Frammento*..., p. 482 u *Archivio Storico di Malta,* Anno X, p. 229.
28 *Archivio Storico di Malta,* Anno V, p. 106-171.
29 *Frammento*..., p. 493.
30 *La Diocesi di Malta,* Anno II, p. 40 u 77.
31 L-Imħallef Debono, *Storja ta' Malta*.

32 P. Debono: *Storia della Legislazione in Malta*, p. 113.
33 P. Magri, *Xi Jgħid il-Malti*, p. 131.
34 *Archivio Storico di Malta,* Anno V, p. 12-17.
35 *La Diocesi di Malta,* Anno II, p. 70.
36 Castagna: *Storja ta' Malta.*
37 P. Debono: *Storja ta' Malta,* p. 28.
38 Ms. fil-Bibl. 737, p. 205-221.
39 Ms. 737, fil-Bibl.
40 *Mogħdija taż-Żmien*, Nru. 39, p. 109-110.
41 *Archivio Storico di Malta*, Vol. VIII, 257.
42 *Archivium Melitense*, Vol. III, p. 319, u *Archivio Storico di Malta*, Anno VIII, p. 261-273.
43 *La Diocesi di Malta,* Anno I, p. 55 u 218, u Anno II, p. 73.
44 *La Diocesi di Malta*, Anno I, p. 296 u *Archivio Storico di Malta*, Anno VI, p. 416.
45 *Archivium Melitense*, Vol. IV, p. 10.
46 MS, Bibl. 737, p. 331.
47 MS, Bibl. 737, p. 365.
48 MS, Bibl. 737, p. 363.
49 Castagna: *Storja ta' Malta*, Vol. 3, p. 33-34.
50 Vassallo: *Storia di Malta*, p. 89.
51 MS, Bibl. 737, p. 223.
52 Ferris: *Storia Eccl. di Malta*, p. 130.
53 *La Diocesi di Malta,* Anno II, p. 71-72 u Anno III, p. 203.
54 *Archivio Storico di Malta*, Anno VIII, p. 498.
55 *Squarci di Storia e ragionamenti sull'Isola di Malta*, p. 62.
56 *Archivium Melitense*, Vol. IV, p. 10.
57 *Archivium Melitense*, Vol. IV.
58 *Mogħdija taż-Żmien*, Nru. 39, p. 125.
59 *Archivium Melitense*, Vol. IV, p. 14.
60 *Archivio Storico di Malta*, Anno VIII, p. 15.
61 MS, Bibl. 737, p. 217.
62 MS, Bibl. 737, p. 220.
63 MS, Bibl. 737, p. 305.
64 Vassallo: *Storia di Malta*, p. 177.
65 *Mogħdija taż-Żmien*, Nru. 30, p. 37.
66 *La Diocesi di Malta,* Anno II, p. 73.
67 *La Diocesi di Malta*, Anno II, p. 75.

# L-Opra Teatrali f'Malta ta' Qabel il-Manoel

Bħalma hu magħruf, l-opra tal-mużga tfaċċat fl-Italja dwar 400 sena ilu. Għall-ewwel bdiet issir fi djar in-nies kbar, għal xi festi gwappi li kienu jagħmlu. Minn hemm, maż-żmien, bdew isiru għall-poplu wkoll, f'postijiet imsejħa Teatri.

Mill-Italja, naħsbu li ma damitx wisq li ma daħlitx f'Malta. It-tilqima ġabuha magħhom hawn dawk it-Taljani li waslu fi gżiritna biex jidħlu Kavallieri ta' San Ġwann. Billi dawn, ulied il-kbarat, kienu mdorrijin jaraw, fi djar missirijiethom l-opri bil-mużga, meta ġew hawn ħajru lil sħabhom, il-Kavallieri Taljani l-oħra, biex jibdew jagħmlu dawn l-opri f'Malta wkoll. Ara kemm hu hekk, li fost il-Bereġ li l-Ordni kellu fil-Belt, dik tal-Italja biss kellha l-palk, biex dawn kienu jistgħu jsiru għall-Kavallieri u l-mistednin tagħhom.

Mela, jekk l-Opra fl-Italja twieldet fi djar il-Prinċpijiet u nies oħra kbar, hawn Malta tbennet u trabbiet fil-Berġa tal-Italja.

Fl-imsemmija Berġa, barra milli kienu jsiru l-kummiedji u opri serji mill-Kavallieri, ġieli taw mhux biss lill-Maltin biex jagħmlu l-kummiedji tagħhom, imma wkoll lil xi qassisin biex jippreżentaw xi oħra miktuba minnhom.[1]

Għalkemm maż-żmien, intgħażel band'oħra wkoll, għal dawk il-kumpaniji li bdew ġejjin minn barra, biex jaħdmu l-opri tagħhom, ir-rappreżentazzjonijiet fit-Teatru jew Teatrini tal-Berġa, sejħulu kif tridu, baqgħu jsiru xorta waħda bħal qabel, ukoll wara li nbena l-Manoel. Tarġa' ġieli l-Kavallieri Taljani kienu jistiednu waqt li jħallsuhom, lil xi kumpanija milli kienet tkun hawn, ħalli

taħdem xi Opri fil-Berġa tagħhom. Fl-1660 stiednu l-kumpanija tal-Komiċi biex jagħmlu opra fil-jiem tal-Karnival. Ukoll fl-1717 stiednu l-kumpanija ta' Duminku Olivier u sħabu biex jagħtu xi reċti.[2]

Mill-istedina tal-Kavallieri tal-1660 naqbdu li, f'dis-sena kellna ġa post ieħor, barra l-Berġa tal-Italja, jaqdi bħala Teatru, ħalli jinħadmu l-opri bil-mużga u l-kummiedji, għad-divertiment tal-pubbliku, jiġifieri post li fih kien jista' jidħol kull min iħallas, billi, dawk il-komiċi tal-1660 ma ġewx Malta biex jagħtu dik l-opra biss li semmejna imma wkoll għax inzertaw hawn sa jagħmlu, jew għamlu, staġun bl-opri tagħhom. Għal min ma jafx, irridu ngħidu, li l-komiċi ma kinux ħaġ'oħra għajr l-Artisti tat-Teatru tal-lum, kienu jgħidulhom hekk (komiċi) mhux biss fi żmien l-Ordni, iżda baqgħu magħrufa b'dan l-isem għal xi snin fi żmien l-Ingliżi wkoll.

Fi żmien l-Ordni dak il-Kavallier li aktarx dejjem kien ikun bil-grad ta' Kmandatur, li jiġi maħtur mill-Gran Mastru biex jieħu ħsieb it-Teatru, kienu jgħidulu l-"Protettur tal-Komiċi". B'hekk ukoll kien magħruf kull ġeneral Ingliż, li, wara l-1800 beda jintgħażel biex jieħu ħsieb tat-Teatru hu. Iżda fl-1806 l-isem tbiddel fi "Protettur tat-Teatru" billi għal dan l-inkarigu ġie magħżul il-President tal-Qorti Kbira tal-Belt, Dr Ġużè Borg Olivier, bħala li kien ukoll Kap tal-pulizija.

Fl-*Archivio Storico di Malta* tal-1930, Ulderico Rolandi kiteb artiklu kollu tagħrif storiku dwar il-Mużga u l-Mużiċisti f'Malta. Fost ħwejjeġ oħra qal, fil-paġ. 16, li għalkemm għamel ħafna tiftix, ma rnexxielu jsib xejn dwar Teatri f'Malta qabel l-1731, jiġifieri sakemm beda jinbena t-Teatru Manoel. Biss jgħid, f'Nota fl-istess paġna, li sab tagħrif li f'Malta fl-1664, ġiet stampata l-Opra *Annibale in Capua*. Iżda la jaf jekk saritx f'Malta u anqas jekk saret, fejn. L-imsemmija Opra ma hu minnu xejn li kienet stampata f'Malta, billi, f'dik il-ħabta, ma kien hawn l-ebda stamperija fi gżiritna. Għalhekk il-ktieb kien stampat barra minn Malta, billi għamlulu l-frontispizju falz – drawwa li dari kienet issir ta' spiss – u ġabitu magħha xi kumpanija tat-Teatru, biex għamlet l-imsemmija opra hawn. U din hi xhieda oħra ta' kemm kienu ilhom isiru l-opri bil-mużga f'Malta, qabel ma nbena l-Manoel. Iżda dak li ma rnexxilux isib Rolandi, kellna x-xorti li niltaqgħu miegħu aħna, waqt tiftix li konna qed nagħmlu fl-Arkivji tal-Qrati tagħna fejn domna s-snin inqallbu qalb ir-radam ta' tagħrif storiku tal-għaġeb li hemm, fost l-oħrajn dwar it-Teatru. Aħna kkupjajna dokument wieħed biss u ppubblikajnieh f'*Il-Malti* ta' Marzu tal-1950, disa' snin ilu. Dan id-Dokument hu petizzjoni li ġiet mibgħuta lill-Gran Mastru Fra Rajmond Perellos. Bil-Malti jgħid hekk:

> Ġakbu Galeazzi u sħabu l-komiċi bil-qima kollha jgħarrfuh, li, bil-għoġba tiegħu (tal-Gran Mastru) diġà ilhom xahar li ġew hawn, bil-ħsieb li jagħtu l-opri tagħhom fit-Teatru tal-"Corpo di Guardia" tiegħu u għad-divertiment tan-nies ta' dawn il-Gżejjer. U billi ma jifilħux aktar għan-nefqa li qed jagħmlu fil-qagħda tagħhom, f'Malta, jixtiequ li jfittxu jibdew jaħdmu l-imsemmi xogħol tagħhom, ħalli b'hekk jistgħu jiksbu dak il-qligħ meħtieġ għall-għajxien u ż-żamma tal-kumpanija, li inzertat ukoll li hi magħmula minn ħafna nies. Għalhekk talbuh li jogħġbu jagħtihom is-setgħa meħtieġa biex jibdew jagħtu l-opri tagħhom.

Il-Gran Mastru laqa' t-talba li għamlulu, u, b'degriet li ħareġ fl-20 ta' Novembru, 1706, tahom li riedu. Biss ma setgħux jaħdmu l-opri tagħhom nhar ta' Ġimgħa, waqt li, fil-jiem l-oħra kollha, kellhom jispiċċaw qabel l-Ave Marija.

Il-post li kien qed jaqdi bħala Teatru, qabel il-Manoel, fil-petizzjoni jissemma li kien il-"Corpo di Guardia". Dan ma kienx ħaġ'oħra, għajr il-"Main Guard" billi dari l-Ordni ftit li xejn ma kien inqeda bih b'għassa tas-suldati, bħalma jsir illum.

Fiż-żmien li qed insemmu, il-persunaġġi prinċipali tal-kumpanija kienu sebgħa: tlieta nisa u erbat irġiel. Nisa: Prima donna serja, Prima donna buffa u Donna terza. Irġiel: Tenur, Buffu Naplitan, Buffu Toskan, u Terz Buffu.

Mill-ismijiet ta' xi wħud minnhom naraw li ma jaqblu xejn ma' dawk li għandhom l-artisti tal-lum. Għalhekk wieħed ma jsibx fosthom l-isem ta' Sopran, Baritonu, eċċ. bħal dawk ta' fi żmienna.

Mal-kumpanija jkun hemm ukoll nies oħra, biex jaħdmu xi parti sekondarja, barra l-ballerini nisa u rġiel u nies tal-orkestra li jġibu magħhom hawn. In-nisa tal-kumpanija kienu jgħidulhom "Donne virtuose" u tal-orkestra "Professori di Musica". Bejn Att u ieħor kien isir ta' kull darba Ballu, mill-ballerini li semmejna li kien jiġbed kwarta, jew iżjed.

Dokument ieħor li jsaħħaħ u jwettaq kemm l-opra teatrali kienet ilha ssir f'Malta, insibuh f'wieħed mill-Manuskritti tal-Biblijoteka Nru. 429, vol. 1 (1722-1736), paġ. 36. Dan jgħid hekk:

> Il-Ministri u l-impjegati l-oħra tal-Kbira Qorti tal-Kistlanija (jiġifieri tal-Belt, billi f'dak iż-żmien kien hawn Qorti oħra l-Imdina, u oħra Għawdex) waqt li bil-qima kollha lejh (lejn il-Gran Mastru) jagħmlu dil-petizzjoni, jgħarrfuh li kienet bħala drawwa sa minn dejjem fl-imgħoddi li kull meta jsiru l-opri bil-mużga, jew kummiedji f'dawn il-gżejjer, ta' kull darba kienu jagħtuhom Biljett biex jidħlu għalihom b'xejn. Iżda issa għandhom xi riħa, li għall-opri li qed isiru, mhux bil-ħsieb li jagħtuhom l-imsemmi Biljett tas-soltu. Għalhekk talbuh biex jamar li jissuktaw jagħtuhom bħal qabel, u ma jħallix li jiddaħħlu abbużi ġodda f'dil-ħaġa.



MEROPE
TRAGEDIE,
PAR
MONSIEUR LE MARQUIS
SCIPION MAFFEI,
TRADUITE EN FRANCOIS
par Monsieur D'AL...
A PARIS,
Chez ANTOINE-URBAIN COUSTELIER,
Libraire-Imprimeur de S. A. R.
Monseigneur le Duc d'Orleans
Regent.
M. DCC. XVIII.
Avec Approbation & Privilege du Roy.

Il-frontispizju ta' "Merope" ta' Maffei, l-ewwel opra li ttellgħet il-Manoel fl-1732.

Il-Gran Mastru Vilhena, fit-23 ta' Jannar, 1723, ħareġ Degriet, fejn amar li fl-opri u l-kummiedji li f'kull żmien jintgħamlu f'dawn il-gżejjer, jistgħu jidħlu fil-jiem u d-drabi kollha li jsiru bla ħlas ta' xejn, il-Kastellan (il-President tal-Qorti tal-Kistlanija), l-Awdituri tal-Gran Mastru (dawk li kienu jagħtuh il-pariri), l-Imħallfin tal-Qorti tal-Appell, tal-Kriminal u taċ-Ċivil, l-Avukat Fiskal (l-*Attorney General* ta' dari) u l-Gran Viskont (il-Kummissarju tal-Pulizija ta' dari). Iżda lil dawn ma hemmx bżonn li jagħtuhom biljetti għax bħala Ministri pubbliċi huma, u dejjem għandhom ikunu, magħrufa minn kulħadd.

Għalkemm dan id-dokument hu ta' żmien Vilhena, iżda hu wkoll ta' disa' snin qabel il-Manoel. Tarġa' billi bit-Taljan fih "come sempre per il passato" jidher ukoll li l-Opra teatrali f'Malta kienet ilha ssir żmien.

Meta nfetaħ it-Teatru Manoel bl-opra "Merope" din saret mill-Kavallieri Taljani. Wieħed li kien qed iniżżel kulma jsir f'Malta, qal li din l-opra saret filgħaxija (di notte tempo). Mela, l-opra bdiet tintgħamel għal billejl mal-ftuħ tal-Manoel biss, billi qabel kienet issir waranofsinhar bħalma hekk jgħid id-dokument li ġibna tal-1706.

*Deher f'*Il-Berqa*, il-Ħamis, 24 ta' Settembru 1959.*

**Noti**

1 *Archivio Storico di Malta*, 1930.

2 Ara l-imsemmi Arkivju.

UNIVERSITY OF MALTA
-MAIN LIBRARY-

# Nuqqas ta' Kotba ta' Malta fil-Biblijoteka

## Kalendarji u Almanakki

Tassew huwa ta' għajb kbir għalina l-Maltin li fil-Biblijoteka tagħna ma ssibx dak kollu li ġie stampat hawn Malta, għax il-Gvernijiet li kellna mhux biss ma għamlu ebda liġi li tobbliga lil dak li jkun stampa xi ħaġa jagħti kopja tagħha lill-Biblijoteka imma anqas qatt ma ħadu ħsieb jiksbu kopja minn kull ħaġa li toħroġ fi Gżiritna. Minħabba f'hekk bosta kotba stampati f'Malta fl-imgħoddi tqattgħu, intilfu u spiċċaw fix-xejn!

Terġa', biex aktar Gżiritna tissokta titneżża' mill-kotba tagħha, fil-Mużew tal-Gvern kien hemm ġabra ta' għadd mhux ħażin ta' Kalendarji u Almanakki antiki ta' Malta u dawn inqerdu b'ħidma tal-għadu fil-gwerra li għaddiet.

Il-Liġi li wieħed għandu jagħti kopja ta' dak li jistampa ħarġet mal-ewwel Awtonomija li kellna fl-1921. Qabel, bħalma għidna, ma kellna xejn dwar hekk.

Madankollu sew Monsinjur Mifsud kemm ix-Chev. Scicluna, kif ukoll Don Mawru, dejjem għamlu ħilthom kollha biex jiġbru kull ħaġa li ġiet stampata hawn Malta jew li għandha x'taqsam mal-ġrajjiet ta' Gżiritna. Li ma kinux dawn, li bis-saħħa tagħhom kisbu kulma sabu mill-ħwejjeġ li semmejna, kieku nistgħu ngħidu li għandna Biblijoteka mneżżgħa għalkollox mill-kotba stampati f'Malta.

Mal-Biblijotekarji li ġibna ma rridux ninsew insemmu wkoll lill-Maġistrat Parnis u l-Konti Messina li bil-kotba li taw b'xejn għanew ħafna l-Biblijoteka tagħna. Ma' dawn hemm oħrajn li min wisq u min ftit dejjem żiedu ma' li kellna.

B'danakollu hemm ħafna kotba dwar Malta, jew stampati hawn, f'Biblijoteki ta' barra, filwaqt li aħna ma għandniex bħalhom. Għal dan in-nuqqas li semmejna kellu raġun igemgem dak il-korrispondent ta' *Il-Berqa* meta ġie biex jgħid xi ħaġa dwar l-Almanakki ta' Malta, billi ma sabx materjal biżżejjed fuqiex isejjes il-kitba tiegħu li dehret fil-ħarġa ta' dan il-ġurnal tal-24 ta' Diċembru, 1952.

Għalkemm aħna qatt ma għamilna tiftix sewwa fuq dan is-suġġett tal-Almanakki, iżda l-kitba ta' dak il-korrispondent ta' *Il-Berqa* ħajritna ngħidu dak li nafu fuq l-Almanakki ta' Malta. Għall-inqas b'hekk wieħed dejjem jimla xi ftit mill-battal li ninsabu fih.

## L-Istampa f'Malta

Fil-bidu li bdew joħorġu l-Almanakki hawn Malta kienu jinqdew b'dawk li jiġu minn barra. Għax meta Pompeo De Fiore daħħal l-Istampa f'Malta, fl-1642, il-Gran Mastru Lascaris, biex jagħmillu l-qalb u ħalli dejjem ikollu x-xogħol, amar biex fost dawk il-ħwejjeġ stampati li ma setgħux jidħlu Malta minn barra, jissemmew ukoll l-Almanakki li f'dak iż-żmien kienu msejħa *Luni Nuovi* u *Pronostki*.

Għalkemm il-Gran Mastru ħareġ din l-ordni li semmejna ma nafux jekk, fil-ftit snin li damet l-Istampa f'Malta dehrux xi Almanakki stampati hawnhekk. Kotba li ħarġu mill-Istamperija ta' De Fiore għandna minnhom fil-Biblijoteka imma Almanakki ta' dak iż-żmien ma nafux li jinsabu xi mkien. Naħsbu li dan ġara għaliex l-Almanakki aktarx jinqerdu wara li tgħaddi s-sena tagħhom waqt li l-kotba jibqgħu.

L-Istampa f'Malta ma damitx wisq, billi l-Ordni ma riedx joqgħod għal dak li qatgħet is-Sagra Kongregazzjoni ta' Ruma dwar kif kellha titħaddem l-Istampa fi Gżiritna. Fuq hekk reġgħu bdew jitħallew jiġu l-Almanakki ta' barra.

## Almanakk kurjuż

Il-bejgħ tal-Almanakki fi Gżiritna ma kienx jista' jsir minn kulħadd billi l-Almanakki kienu bħal monopolju f'idejn il-Gvern tal-Ordni. Dan kien jagħti l-bejgħ aktarx bl-appalt, lil min iħallas l-aktar. Bħallikieku l-Gran Mastru Anton Manoel de Vilhena, fl-10 ta' Jannar, 1728, ta lil Lippin Grasso, imlaqqam *Fastuka*, id-dritt li hu biss jista' jbigħ l-Almanakki f'dis-Saltna ta'

Malta u Għawdex, u jdum b'din is-setgħa sakemm hekk ikun jogħġob lill-imsemmi Gran Mastru. Il-Gvern kien ħareġ tagħrifa li tgħid li min jinqabad ibigħ l-Almanakki, barra minn Grasso, mhux talli jeħduhomlu imma minn fuq jeħel multa ta' erbat ewwieq.

Fost l-Almanakki li għandna l-Biblijoteka hemm wieħed kurjuż ħafna. Dan jgħid li ħareġ f'Malta fl-1741 filwaqt li f'dak iż-żmien hawn ma kellna ebda Stamperija. Għax l-Istampa daħlet mill-ġdid f'Malta fl-1756. Għalhekk il-frontispizju ta' dan il-ktieb huwa falz billi ġie stampat band'oħra u mhux f'Malta.

Dan l-imsemmi Almanakk kien bil-Franċiż u ħareġ b'dan l-isem: *Etat Curiex et militaire de l'Ordre de Malte, pour l'année 1741. Utile à chaque Langue. Dedie à S.A.E. Monseigneur le Grand Maitre Despuig. A Malte. Avec Priu de Superieur.* Dan l-Almanakk fih 72 paġna ta' daqs żgħir u jagħti ħafna tagħrif dwar Malta.

Barra minn xi wieħed 'il hemm u 'l hawn, bħal dan li semmejna, l-Almanakki li dari kienu jinqdew bihom fi Gżiritna kienu bit-Taljan waqt li l-Kalendarji (Ordo) tal-knejjes kienu bil-Latin. Dawn aktarx li kollha ġew stampati fl-Italja. Il-Katidral ta' kull sena kien jistampa l-Ordinarji tal-Quddiesa f'Napli. Dawn kienu jinbiegħu lill-qassisin 22 jew 24 ħabba. Iżda fl-1754, billi nqala' xi taħwid bejn Napli u l-Ordni, ġew stampati fi Franza, f'Aix de Provence, imnejn kien l-Isqof ta' Malta ta' dak iż-żmien, Mons. Alpheran. Minħabba f'hekk dawn il-Kalendarji kienu ġew jiswew aktar. Mons. Alpheran ħareġ dik iż-żjieda tan-nefqa minn butu biex il-qassisin jibqgħu jixtru l-"Ordo" bl-istess flus bħal qabel.[1]

## L-Ewwel Almanakki f'Malta

Fl-1756 il-Gran Mastru Pinto reġa' daħħal l-Istampa f'Malta, u waqqaf Stamperija fil-Palazz tiegħu. Xi wħud mill-Almanakki li qabel kienu jiġu stampati barra bdew ħerġin mill-Istamperija tal-Ordni. L-ewwel wieħed li daħal għall-istampa kien fid-29 ta' Awwissu, 1756, billi ġew ordnati 250 Ordinarju mir-Rev. Saċ. Fra Melkior Agius, Sagristan tal-Knisja ta' San Ġwann, għall-qadi tal-Qassisin tal-imsemmija Knisja. Wara dawn, fis-16 ta' Settembru, daħlu l-"Lunarj", kif kienu msejħa l-Almanakki f'dak iż-żmien. Dawn ġew stampati kemm f'kotba żgħar u kemm f'folji ta' paġna l-waħda, ordnati mill-Kommendatur Fra Ġużepp Reitano.

Għalhekk hawn nistgħu ngħidu fiż-żgur li ż-żewġ almanakki li semmejna kienu l-ewwel tnejn li dehru hawn Malta. Dawn saru għas-sena 1757. Warajhom ħarġu oħrajn. Bħallikieku fil-bidu tal-1757 ħarġu 50 "Ordo" għall-Patrijiet tal-Kabuċċini, stampati lilhom b'xejn b'ordni tal-Gran Mastru Pinto. Dan l-Ordinarju baqa' jsirilhom dejjem b'xejn ta' kull sena. Il-Patrijiet kienu jħallsu biss tal-karta meħtieġa.

Anki l-Katidral, meta ra li seta' jinqeda bl-istamperija li kien hawn f'Malta, beda jaħdem f'din l-istamperija. Il-Prokuratur tal-Katidral, il-Kanonku Dun Gaspru Garcin, ordna li jistampawlu elf "Ordinarju" għall-Qassisin.

M'għandniex xi ngħidu dawn l-almanakki li semmejna kienu joħorġu kull sena. L-"Ordo" tal-Knejjes kienu bil-Latin, kif għadhom sal-lum. Il-"Lunarj" kienu bit-Taljan.

Kienu joħorġu għadd mhux ħażin minn dawn il-"Lunarj". Dawk li ġew stampati għas-sena 1758 għamlu minnhom 2,408 f'kotba żgħar, aktarx ta' 16-il paġna, waqt li minn dawk b'ta' folja waħda għamlu 604. Terġa' maż-żmien il-għadd ta' dawn il-lunarji baqa' jikber.

Dawn l-Almanakki kienu jġibu biss ix-xahar bil-jiem u l-qaddis tal-ġurnata b'xi tagħrif ieħor żgħir dwar it-temp. U b'din l-għamla baqgħu jsiru sakemm l-Ordni dam isaltan fuq Gżiritna (1798).

## L-Almanakki fi Żmien il-Franċiżi

Meta l-Franċiżi ħadu Malta, dawn ukoll inqdew bl-istamperija tal-Ordni billi minnha ħarġu l-Almanakki għas-sena 1799 u għall-1800.

Dawn l-Almanakki ġew f'idejna iżda billi ilna madwar 20 sena li rajniehom ma niftakrux sewwa x'kien fihom. Biss jidhrilna li fil-jiem tax-xahar ma kinux iġibu dejjem l-isem tal-Qaddis li jmissu imma ta' dawk il-Qaddisin prinċipali li jinteressaw lil Malta flimkien ma' dawk il-festi li għandhom x'jaqsmu mar-Repubblika Franċiża.

Barra dawn il-Franċiżi stampaw ukoll *Calendario Perpetuo della Repubblica Francese col confronto dei giorni secondo il sistema del Martirologio Romano.*

Dal-Kalendarju huwa ktieb żgħir ta' 16-il paġna iżda tnejn minnhom battala. Il-Kalendarju jġib il-jiem tas-sena Franċiża mqabblin ma' tas-sena tagħna, kemm meta din taħbat biżestili *(leap year)* kemm meta ma tkunx. U billi x-xhur Franċiżi huma ta' 30 jum il-wieħed, fl-aħħar tas-sena fih iż-żjieda

tal-ħamest ijiem l-oħra li jonqsu u sitta meta tkun biżestili. Fi tmiem il-ktieb iġib hekk: *In Malta, nella Stamperia Nazionale*.

Kopja ta' dan il-Kalendarju (ta' żmien il-Franċiżi) tinsab fil-Kollezzjoni tal-Kotba ta' Malta li għandu l-Kav. Ġużè Galea, it-Tabib Prinċipali tal-Gvern, u li għoġbu jislifhielna biex narawha.

## L-Ewwel Almanakk bl-Ingliż

Meta Malta għaddiet f'idejn l-Ingliżi l-Almanakk bit-Taljan baqa' joħroġ mill-Istamperija tal-Gvern. L-ewwel ma deher kien dak tal-1801 li baqa' joħroġ kull sena. Biss jekk qabel ma kienx joħroġ b'iżjed minn 16-il paġna u ma kienx iġib għajr ix-xhur u l-isem tal-Qaddisin fil-jiem tagħhom, dawk li ħarġu fl-1805, 1806 u 1807 żiedu ħafna fil-folji billi ġiebu bosta tagħrif fuq Malta u dwar x'għadda minn għala d-dinja mill-ħolqien tagħha sas-sena li l-imsemmi Almanakk ħareġ fiha.

L-Almanakk tal-1805 ħareġ bl-isem ta' *Diario Lunario e Calendario*. Ritratt tal-frontispizju ta' dan l-Almanakk deher f'*Il-Berqa* tal-24 ta' Diċembru li għadda; iżda dawk tal-1806 u l-1807 dehru bl-isem ta' *Almanacco*.

Minn kont tal-Istamperija tal-Gvern li ġie f'idejna, nieħdu li mill-Almanakk tal-1805 stampaw 1,300 kopja, barra milli għamlu 300 kopja oħra b'folja waħda li fihom ġew stampati t-tnax-il xahar biss. In-nefqa ta' kollox kienet telgħet 80 skud.

Mill-1808 'l quddiem l-Almanakk reġa' beda joħroġ dgħajjef bħal qabel – b'16-il paġna li jġibu biss ix-xhur u l-jiem bl-isem tal-Qaddisin.

Din il-għamla ta' Almanakki bit-Taljan damet toħroġ is-snin il-kbar. Ukoll wara li ġiet il-Libertà tal-Istampa, fl-1839, ġieli ħarġu tnejn jew tliet Almanakki f'sena waħda minn stamperiji differenti tal-istess għamla li semmejna.

Barra dawn l-Almanakki żgħar ġieli dehru oħrajn mhux ħażin ukoll. Bħallikieku f'*Il Portafoglio Maltese* tal-31 ta' Diċembru, 1841, insibu li fis-sena ta' qabel (1840) ħareġ *Almanacco o Annuario* b'ħafna tagħrif.

Fl-aħħar, wara ħafna snin li l-Ingliżi kienu ilhom hawn Malta deher l-ewwel Almanakk bi lsienhom bl-isem ta' *Muir's Almanack for 1844*. Dan it-tagħrif insibuh f'*Il Mediterraneo, Gazzetta di Malta* tat-3 ta' Jannar, 1844.

## L-Almanakki bil-Malti

Bħala Maltin ma għandniex xi ngħidu, jinteressawna ħafna wkoll l-Almanakki bil-Malti. Għalhekk hawn se nagħtu lista tagħhom u f'liema sena ħarġu.

Meta Castagna qal fl-*Istorja ta' Malta* li kiteb li l-ewwel Almanakk bil-Malti li ħareġ kien dak tas-sena 1861, ma għarafx jgħid is-sewwa.

L-ewwel Almanakk li deher bl-għażiż ilsien tagħna kien tal-1849 taħt l-isem ta' *Kalendarju tal-Bidwi*. Reġa' ħareġ ukoll fl-1850. Dawn ħarġu mis-Società Economico Agraria tal-Gżejjer ta' Malta. Inkitbu minn dawn il-membri tal-imsemmija Soċjetà: Rev. Ab. Dr Ċelest Camilleri, Ġużè Gauci Azzopardi, Dr G. Carlo Delicata, Rev. Ab. P. Pullicino u Toni Schembri.

Id-darbtejn li ħareġ dan il-kalendarju kien miktub bil-Malti u bit-Taljan u stampat fl-Istamperija Anglo-Maltese. Kien iġib x'għandu jsir fil-biedja ta' kull xahar, tifsir tax-xhur u bosta ħwejjeġ oħra. Dawn iż-żewġ Almanakki jinsabu fil-Biblijoteka.

Imbagħad ma nsibu mkien li deher xi Almanakk ieħor bil-Malti għajr dak li ħareġ fl-1861 bl-isem ta' *L'Almanacc Malti*. Kien miktub minn Pietru Pawl Castagna. Insibu wkoll dak li ħareġ warajh fis-sena 1862. Id-darbtejn dan l-Almanakk kien stampat fl-istamperija ta' Luigi Borg, ta' Nru. 186 Strada Stretta. Iżda dak li ħareġ fl-1863 inkiteb minn B. P. Fieri u kien stampat f'Nru. 48 Strada Cristoforo. Tal-1868 ħareġ mill-Fonderija ta' Ġanni Mifsud li kienet f'Nru. 187c, Strada Sant'Ursola. Imma dawk li ħarġu għas-snin tal-1870 u l-1871 ma jġibux fejn huma stampati.

Jista' jkun li dan l-Almanakk deher ta' kull sena mill-1861 sal-1871 iżda aħna tkellimna minn dawk biss li ġew f'idejna u għalhekk fuq l-oħrajn ma nistgħu ngħidu xejn.

Fl-1866 ħareġ il-*Pronostcu Universali tal Gran Pescatore ta Chiaravalle*, miġjub fl-ilsien Malti mill-*Pronostcu ta' Milan u Genus*. Dan ma jsemmix fejn ġie stampat. Imbagħad fl-1870 dehru dawk iż-żewġ almanakki: *Il-Bidui*, mill-istamperija li kien hemm fi Triq Sant'Orsla, Nru. 208 u *L'Anterna – Almanacc Malti*, minn Triq San Duminku, Nru. 75.

Tal-ewwel kien xorta waħda bħall-*Kalendarju tal-Bidwi* li semmejna iżjed 'il fuq. L-ieħor dam joħroġ tliet snin – sal-1872.

L-ewwel għadd ta' *Il-Ħabib Malti* deher fl-1873. Għall-ewwel mill-istamperija ta' C. Busuttil, 133, Triq l-Ifran, iżda mill-1899 mill-istamperija tal-*Malta*, Triq iz-Zekka, Nru. 16. Dam joħroġ taħt il-ħsieb tal-Malti German sal-1922 – ħamsin sena sewwa. L-aħħar sena ġie stampat għand Ġanni Muscat billi kien sar proprjetà tal-istess ditta.

Fl-1876 ħareġ *Don Basilio, Almanacc Profeticu*, iżda dan ma jġibx fejn ġie stampat. *San Pawl* ħareġ fl-1887 u l-1888 biss mill-istamperija ta' M. P. Cutruffu ta' Nru. 6, Triq Merkanti, il-Belt, li kienu wkoll l-edituri u l-proprjetarji tiegħu. Fl-istess sena (1888) mill-istamperija ta' P. P. Abela, 321, Triq San Pawl, deher *Il Calendarju Nisrani ghall'usu ta li nsara*. Dan l-Almanakk li kien iġib f'kelmtejn il-ħajja tal-qaddisin ta' kull ġurnata nsibuh li ħareġ ukoll fl-1890. Mill-istamperija tal-*Malta* ħarġet ukoll l-i*Strina Maltija ghall'1890*.

Mill-1890 sal-1898 mill-istamperija ta' Ġanni Muscat, ta' Triq il-Merkanti, il-Belt, ħarġu kull sena salt almanakki taħt l-isem ta' xi Qaddis. Fosthom ġew f'idejna: *S. Giusepp Patriarca – Almanakk għal familji insara; San Giusepp – Almanakk ta' Malta u Għawdex*; *San Paul*; *San Laurenz*; *San Dumincu*; *San Frangisc*; *Lill Gran Regina Marija, fjur minn tal Carmelu* u *L'Immaculata Concezioni*.

Dawn l-almanakki kienu jġibu xi talb għall-qaddis li għalih kienu msemmijin.

Mill-Istamperija ta' Mifsud, 117c, Triq Sant'Ursla, ħareġ fl-1891 *Mannarinu – Almanacc ta' Malta* u fl-1897 mill-istamperija ta' Ġanni Testa, 60, Triq San Tumas, il-Furjana, deher *Il-Ħabib ta' Malta – Almanakk*.

Id-Ditta Ġanni Muscat, fl-1898 bdiet toħroġ *Il-Pronostku Malti – Almanakk ta' Malta u Għawdex*, taħt il-ħsieb ta' Ġanni Bondin. Dan l-Almanakk għadu joħroġ sal-lum.

Il-*Kari mill-Annali tal Propagazjoni tal Fidi*, li kien jidher taħt it-tmexxija tal-mibki s-Sur Fons Marija Galea, fl-1900, beda joħroġ b'almanakk miegħu (Frar, Nru. 9) iżda dan ma ħariġx għajr darb'oħra biss (Frar, 1901, Nru. 11).

Fl-1900 dehru dawn l-almanakki: *Il Ħabib tal Maltin*, mill-istamperija Sociale, 330, Triq San Pawl u *Il Profeta Ħabib tal-Maltin* mill-istamperija C. Busuttil, 44, Triq Kristofru; iżda wara sentejn beda joħroġ minn Triq Marsamxett Nru. 60. Dam joħroġ sal-1907; iżda dis-sena deher taħt l-isem ta' *Il Profeta Ħabib Malti*.

Mill-istamperija ta' Ġ. Ġ. Farrugia, 12, Via Casa Curmi, il-Ħamrun, ħareġ *Il Ħabib Almanacc Nisrani*, għas-sena 1902. Sena wara fl-1903 mill-istamperija ta' C. Busuttil, 21A, Triq Żakkarija, deher *Il Ħabib tal Poplu Malti*.

Emilju Lombardi, mit-tipografija *Nazionale* li kellu f'Balzunetta, il-Furjana, fi Triq l-Iljun, Nru. 1, ħareġ *Pio X, Almanakk ta' Malta u Għawdex*, għas-sena 1904.

L-Almanakk tad-Dar ta' San Ġużepp tal-Ħamrun, taħt l-isem ta' *San Ġużepp, Almanakk Malti*, beda joħroġ fl-1908 u għadu jidher sal-lum. Fl-1909, mill-istamperija Victoria, Nru. 11, Triq Kristofru, ħareġ *Il Ħabib tal Maltin*.

Fl-1914, ħarġu dawn l-Almanakki: *Bin il Ħabib Malti*, mill-istamperija tal-*Malta*, u *L'Almanacc il Ġdid*, miktub minn Ġużè Belli, mill-istamperija ta' Nestru Tonna, li kienet fi Triq Sant'Ursla, Nru. 211f. Sena wara (1915) deher *Il Ħabib tal Poplu* mingħand C. Laferla, Triq Kristofru, Nru. 29 u 30. Ħareġ ukoll *Il Pronostcu ta Malta*, mill-istamperija Empire ta' Strada Magazzeni, Nru. 8, il-Furjana.

Mill-istamperija tal-*Malta Tagħna*, 33, Triq l-Ifran, il-Kappillan Dun Ġużepp Muscat, ħareġ il-*Calendarju għal Parrocca tal Ħamrun* fl-1916. U sena wara, fl-1917, mill-istess stamperija beda joħroġ *L'Almanakk tal Malta Tagħna*, li baqa' joħroġ sal-1921.

Tancredi Borg, fl-1919, mill-istamperija The Modern Printing Press, Triq il-Merkanti, Nru. 16, ħareġ dawn iż-żewġ Almanakki: *L'Almanacc tal Paci* u *Il Veru Almanacc Malti u Għaudxi*.

Fl-1923, mit-tipografija tad-Dar ta' San Ġużepp, il-Ħamrun, il-Mons. Dek. G. Depiro, ħareġ *San Paul – Almanacc ta l'Istitut tal Missioni*.

Ma naħsbux li hemm aktar minn wieħed, jew l-iżjed tnejn, li ħarbulna u ma semmejnihomx f'dil-"Ġabra ta' Almanakki bil-Malti" li ġibna hawn u li aħna ktibna fid-29 ta' Lulju, 1923.[2] Ma għandniex xi ngħidu, minn dak iż-żmien 'il hawn, ħarġu oħrajn iżda billi qed naħdmu biċċa xogħol oħra, ma nistgħux naħlu ż-żmien biex infittxu għall-bqija.

Qabel ma nagħlaq dil-kitba dwar l-Almanakki ta' Malta, irridu ngħarrfu li ma għamilna l-ebda tiftix serju għaliha. Biss dak li għidna, ħadnieh min-notamenti li għandna miġbura. Għalhekk ħadd ma għandu għax jippretendi li tajna Storja sħiħa.[3]

*Deher f'*Il-Berqa, *tas-7 u t-8 ta' Jannar 1953.*

**Noti**

1 Ms. Bibl. Nru. 11.

2 Deher f'*Il-Pronostku Malti*, 1924. Gatt kien għalaq l-artiklu tal-1923 b'din l-istqarrija: "Fost dawn l-almanakki l-aktar wieħed antik li għadu joħroġ sal-lum huwa *Il-Pronostku Malti* u li huwa mfittex minn kulħadd imħabba l-affarijiet interessanti li jkun fih." [Nota editorjali]

3 Fir-rivista *Melita Historica*, Vol. I, Nru. 2, 114-115, dehret riċensjoni tal-artiklu tal-1923 minn Ġużè Cassar Pullicino. [Nota editorjali]

# L-Ittra *W* fil-Lsien Malti

Fil-ktieb li l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti ħarġet fl-1924 taħt l-isem ta' *Tagħrif fuq il-Kitba Maltija*, insibu, li s-Società Medica kienet l-ewwel waħda li daħħlet l-ittra *w* għall-*u* konsonanti fl-Alfabett Malti. Iżda d-dħul tal-*w* fil-Malti għandu żmien aktar milli jgħid il-ktieb li semmejna.

Qabel is-Società Medica kien hemm oħrajn li daħħluha għall-*u* konsonanti. Ara kemm hu hekk, il-Prof. S. Zerafa, fil-*Flora Melitensis* tiegħu, li stampa hawn Malta fl-1828 u fl-1831, fl-Istamperija tal-Gvern, daħħal l-ittra *w* fil-kliem tal-ħxejjex bil-Malti li ġieb fl-imsemmi ktieb tiegħu.

Terġa' lanqas ma kien il-Prof. Zerafa l-ewwel wieħed li daħħalha fil-Malti, għax qablu nsibu li kien daħħalha wkoll il-Gvern ta' Malta fl-ismijiet u l-laqmijiet ta' dawk il-postijiet li kien ikun hemm għall-bejgħ jew għall-kiri.

L-ewwel avviż tal-Gvern li fih insibu mdaħħla l-ittra *w*, huwa dak li ħareġ fil-15 ta' Lulju, 1814, avviż li jinsab miġjub fil-Gazzetta tal-Gvern, għadd 39. F'din il-Gazzetta, li ħarġet fil-20 ta' Lulju, 1814, insibu, li l-Gvern kellu għalqa għall-kiri li tiġi f'*Wied Bisbies*, fl-inħawi tar-Rabat ta' Malta.

Barra minn dawn li semmejna, insibu wkoll li Mikiel Anton Vassalli kien daħħal ukoll l-ittra *w* f'xi kotba minn tiegħu. L-ewwel ma daħħalha, kien fil-Ktieb ta' 24 faċċata li stampa f'Ruma fl-1790, għand Toni Fulgoni, taħt l-isem ta' *Alfabeto Maltese spiegato in Lingua Maltese e Italiana*. Tassew li dana Vassalli l-*w* tiegħu daħħalha flok il-*v*, u mhux flok l-*u* konsonanti, biex kiteb *wawu* flok *vavu*, *wenwen* flok *venven*, *wopi* flok *vopi*, u hekk oħrajn;

imma ladarba ġiebha fil-lsien Malti, nistgħu ngħidu għalih ukoll li kien wieħed milli daħħal l-ittra *w* qabel is-Società Medica.

Iżda l-ewwel wieħed li daħħalha għall-*u* konsonanti, sa fejn nafu, kien il-għaref tabib Malti Ġanfranġisk Bonamico.

Dana Bonamico, kif insibu fi *Storia della Società Medica*, Vol. I, paġ. 31, twieled il-Belt fis-27 t'April, 1639, u wara li għamel il-bidu tal-istudju tiegħu f'Malta, siefer għal Aix, meta kellu 18-il sena, fejn hemm studja l-mediċina u sar tabib. Imbagħad dar bosta bliet u reġa' ħa l-lawrja ta' tabib mill-ġdid fl-Università ta' Lejda. Bonamico, barra milli kiteb bosta kotba fuq xjenzi u letteratura, żamm korrispondenza mal-aqwa akkademji tal-Ewropa fuq il-pesta li kien hawn f'Malta fl-1676-77. Kien jaf ukoll bosta ilsna, u ħalla Grammatka manuskritta tal-Ilsien Malti, fejn uża l-alfabett miġjub fl-Istorja ta' Malta tal-Kommendatur Abela, u miegħu daħħal il-*w* għall-*u* konsonanti. Bonamico miet fl-1680, meta kellu 41 sena.

Bonamico bl-ortografija tal-Grammatka tal-Malti tiegħu kien kiteb poeżija b'tifkira lill-Gran Mastru Nikol Cottoner, fejn fiha wieħed isib imdaħħla l-ittra *w*. Dik il-poeżija li hemm fil-manuskritt tal-Kan. Ġanfranġisk Agius de Soldanis u li jġib il-għadd 144 tal-MSS tal-Biblijoteka, mhix miktuba bl-ortografija tal-Bonamico, imma aktarx bl-ortografija tal-imsemmi Agius de Soldanis. Il-poeżija ta' Bonamico li hi miktuba bl-ortografija tiegħu, tinsab fil-għadd 76 tan-*Naħla* ta' Levanzin.


Ŭara id-desrizzjoni ta'l vjaġġ insibu il famusi poeżiji b'il-latin tiegħu « Gaudia Melitensia » Ŭara daŭna xi poeziji b'il-latin u b'it-taljan biex ijfaħħar il Gran Mastru Nicol Cottoner, u fosthom sonett mictub tajjeb b'il franciż. Ta' dana is-sonett għamel traduzzjoni b'il malti il Buonamico stess u li jiena sejjer ingibha billi nifhem li hi l-eŭŭel poeżija li katt inchitbet b'il malti u li għadha nieżla sa'l-lum. L-ortografija ħallejtha ucoll chif inhi fl-original.

Meiju giè bel Ward, ŭ Zahar:
A'dda l'Bart e' Sceta, u l'Beracq:
T'għattiet l'Art be Nwar u' l'Weracq:
Heda e' Riech, seket el Bachar.

Il-ftuħ tal-poeżija ta' Bonamico mxandar f'*In-Naħla*

Barra milli wieħed isib l-ittra *w* fil-poeżija li semmejna, Bonamico daħħalha wkoll fl-ismijiet tal-ħxejjex bil-Malti li ġieb fil-ktieb tiegħu msemmi *Brevis notitia plantarum quae in Melita ac Gaulo insulis observantur*. Dana l-ktieb, li jinsab fil-għadd 18 tal-manuskritti tal-Biblijoteka, Bonamico kitbu f'Settembru tal-1670 u ddedikah lil D. Domenico Magri. Il-Cavallini, kellu l-ħila li joħroġ dan il-ktieb b'ismu taħt l-isem ta' *Pugillus Melitensis*, wara disa' snin li miet Bonamico!

Mela l-ittra *w* kellha x-xorti li tkun imdaħħla fil-ħelu lsienna mill-għaref Bonamico, wieħed li kien ta' veru ġieħ u żina għal Gżiritna; u għalhekk nistgħu ngħidu li, l-ittra *w*, ilha tagħmel sehem mill-għażiż ilsienna aktar minn 250 sena.[1]

*Deher fir-rivista* Il-Malti *ta' Ġunju 1927.*

**Nota**

1 Niżżu ħajr lil Ġ. Gatt li bit-tiftix ta' sabar għaraf jagħtina dan id-dawl kollu fuq l-ittra w fil-kitba Maltija. Għalkemm fit-*Tagħrif* hemm imsemmi li kif jidher din l-ittra kienet l-ewwel waħda li daħħlitha s-Società Medica (f. xiv) b'hekk ma jfissirx li ma setax ikun hemm kitba oħra li ma waqgħetx taħt għajnejna li fiha l-ittra w. Fuq Zerafa* tarrafna wkoll xi ħaġa, fit-*Tagħrif* mill-MSS 114 tal-Kan. G. F. de Soldanis fejn l-ittra w hi maħżuża Uu (Cfr. Uuard) iktarx fuq il-għada ta' mita din l-ittra fl-istampa ma kinitx għadha magħquda (*Tagħrif* p. 117).
Madankollu nifirħu lis-Sur Gatt fit-tiftix tiegħu hekk ta' reqqa, u nittamaw li jasal biex isibilna l-manuskritt oriġinali tal-poeżija u tal-Grammatka ta' Bonamico.
(N. tad-D.)

* Aktarx li flok 'Zerafa' ried jikteb 'Bonamico' [Nota editorjali].

# Il-Kanonku Agius de Soldanis

## Kittieb tal-Ewwel Grammatka Maltija (1750)

Wieħed mill-ewlenin, biex ma ngħidux l-ewwel wieħed, li ħabrek kemm felaħ biex jagħti l-ħajja 'l-għażiż Ilsienna u jgħollih fejn Ilsna oħra, kien il-Kanonku Ġanpiet Ċikku Agius de Soldanis (ta' Sultana).

Agius twieled fl-1 ta' Novembru, 1712, ir-Rabat ta' Għawdex, minn Ġalandri Agius u Valenzia Sultana. Għammduh, fl-istess jum li twieled, fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ Martri.

Meta tfarfar xi ftit, niesu bagħtuh lejn Malta, biex jagħmel l-istudji tiegħu hawn. Tgħallem il-Belt – x'aktarx għand il-Ġiżwiti – il-Letteratura, il-Filosofija, it-Teoloġija u l-Liġi.

Kien għadu ma ħax ir-rabta, meta l-Isqof Alpheran de Bussan għażlu Kanonku tal-Matriċi ta' Għawdex, wieħed mill-Kanonċi hekk imsejħin tat-tieni taqsima. Dil-ħatra saret fid-29 ta' Ottubru, 1729, meta Agius kien għad kellu biss 17-il sena. Il-pussess ta' Kanonku ħadu, flimkien ma' oħrajn sħabu, fl-1 ta' Novembru, 1731. Iżda wara xi żmien telaq dan il-Kanonikat biex ħa wieħed aħjar.[1]

### Kittieb minn żgħożitu

Agius beda juri ruħu li hu mogħti għall-kitba sa minn żgħożitu. Fl-1730, meta kellu 18-il sena waqt li kien għadu Malta jitgħallem, kiteb ktieb żgħir bit-Taljan,

ta' talb lill-Madonna, u semmieh *Pensieri Mariali*. Dal-ktieb, li jġib l-għadd 77 tal-Manuskritti li hemm fil-Biblijoteka, jgħid li hu midmum mill-Kjeriku Ċikku Agius, Għawdxi. Terġa', ħames snin wara, jiġifieri fl-1735, għamel ktieb ieħor bit-Taljan, fejn niseġ il-ħajja tal-Gran Prijur ta' San Ġwann Fra Melkjor Alpheran de Bussan. Dal-ktieb iġib li hu tal-Kanonku Ċikku Agius.[2]

Wara li Agius spiċċa mill-istudji tiegħu f'Malta, telaq lejn Għawdex, art twelidu. Hemmhekk beda jagħtiha aktar għall-kitba. Iżda billi ra li għad ma kien hawn l-ebda ktieb li jitħaddet fuq ġrajjiet Għawdex, indaħal b'ruħu u b'ġismu għal dina l-biċċa hu. U dan għamlu bil-ħsieb li jimla l-battal li ħallew warajhom dawk li kitbu fuq Malta, billi dwar Għawdex ma kienu semmew xejn. Għalhekk ġabar dak kollu li sab fuq artu, għaqqad ktieb fl-1746, tah l-isem ta' *Il Gozo Antico-Moderno, Sacro-Profano* u ddedikah lill-Isqof Alpheran. Iżda wara reġa' għamel ktieb ieħor, l-istess bħal ta' qablu, u wasslu bil-ġrajja sal-1754.

Il-ktieb li kiteb Agius fl-1746, kemm ukoll l-ieħor tal-1754, it-tnejn jinsabu fil-Biblijoteka, fil-għadd 145 tal-Manuskritti. Barra minn dawn, fil-Biblijoteka ta' Għawdex hemm ktieb ieħor ta' Agius, bħal dak li jasal sal-1754. Dal-ktieb qed jieħu ħsieb jaqilbu għall-Malti Dun Ġużepp Farrugia, il-Biblijotekarju ta' Għawdex.

## Il-Konġura tar-Rsiera Torok f'Malta

Inzerta li, fl-1749, bħala Logutenent Ġenerali ta' Għawdex, kien il-Kavallier de Guast. Dan kien ħabib wisq ma' Agius. F'taħdita li dana l-Kavallier kellu ma' Agius, f'Lulju ta' dik is-sena, ħajru ħafna biex jikteb Grammatka tal-Ilsien Malti. Agius għoġbitu dina l-biċċa, u ndaħal għal dana x-xogħol bil-qalb kollha. Iżda bilkemm laħaq lestieha, meta fi Frar tal-1750 kellu jitlaq għal Napli. Miegħu ħa l-Manuskritt tal-Grammatka li semmejna, flimkien ma' kitba oħra dwar il-Konġura li kienet saret fl-1749 mill-irsiera Torok f'Malta.

F'Marzu, Agius kien Napli. Hemm għamel ħabib ma' wieħed minn Pisa, jismu Mikiel Acciardi. Iżda ma kinitx siegħa li ltaqa' ma' dan il-bniedem! Aħjar li qatt ma sar jafu! Agius ried imur Ruma, biex jilħaq il-festi tal-Ġimgħa l-Kbira ta' hemm. Għalhekk ħalla l-ktieb tal-Konġura f'idejn dana Acciardi, biex jieħu ħsieb tal-istampar tiegħu. Iżda Acciardi seraqhulu, biddel u żied fih dak li fettillu u stampah b'ismu, bħallikieku kitbu hu.

## Taħbila mal-Ordni

Billi dak li żied Acciardi qaras lill-Gvern tal-Kavallieri, Agius ġie f'taħbila bil-kif mal-Ordni, għax kulħadd kien jaf li dak il-ktieb kien kitbu hu. Sal-Papa Beneditt XIV kien bagħat għal Agius, kif kien Ruma jistgħall il-Ġublew Imqaddes, biex ilumu dwar ħruġ dak il-ktieb. Iżda Agius għaraf juri li dak kien kollu taħwid ta' Mikiel Acciardi, li f'idejh ħalla l-ktieb tiegħu. U b'hekk, minn quddiem il-Papa rnexxielu joħroġ ħieles minn kull ħtija.[3]

Il-ktieb ta' Acciardi – biex ma ngħidux il-Kanonku Agius – Ruma kienet niżżlitu għal xi żmien fl-indiċi tal-kotba projbiti. Barra minn hekk, il-Gran Mastru Pintu fittex u ħabrek kemm felaħ biex jaħtaf dak il-ktieb u jeqirdu. U biex jasal f'dal-ħsieb tiegħu, qabbad lin-nies li l-Ordni kellu miegħu bħal Ambaxxaturi, Riċevituri u Aġenti, ħalli, fejn isibu minnhom, jiksbuhom taħt idejhom.

Għalkemm Acciardi b'għemilu kien għamel ħafna deni u ħsara lill-Kanonku Agius, dana, ta' veru Nisrani, ħafirlu b'qalbu kollha.

Il-ktieb tal-Konġura kien reġa' ġie stampat bit-Taljan hawn Malta, fl-1887, minn Muscat ta' Strada Mercanti. U wara sitt snin, fl-1894, Ġanni Faurè qalbu fi Lsienna, b'xi żieda minn kitba oħra, u ħarġu bl-isem ta' *Il-Konġura l-Kbira.*

## L-Ewwel Grammatka tal-Malti stampata

Kemm Muscat u kemm Faurè, it-tnejn qalu li dak il-ktieb hu ta' Acciardi, billi ma kinux jafu l-biċċa x'kienet. Għalhekk ħarġuh bit-tibdil kollu li fettillu jagħmel Acciardi. Iżda fil-Manuskritt tal-Biblijoteka Nru. 142, Vol. 4, wieħed isib x'tibdil kien għamel Acciardi fil-ktieb li semmejna.

Meta Agius kien Ruma fl-1750, wera l-Alfabett tal-Malti li kien għamel lil nies li jifhmu u mgħallmin sewwa, kemm fl-ilsien Lhudi u kemm fil-Għarbi. Dawn għoġobhom, u faħħruhulu ħafna.

L-Alfabett ta' Agius kien magħmul minn 26 ittra Latina. U dan għamlu hekk, bil-ħsieb u t-tama biex, dawk li jħobbu l-ilsien Malti u dawk li jridu jitgħallmuh, ikunu jistgħu jaqrawh u jiktbuh iżjed bil-ħeffa.

Agius qal li kien jaf ħafna Maltin u barranin li kienu miġbuda għall-Ilsien Malti. Iżda dawn kienu jiktbuh kif l-aktar li kien jaqblilhom għall-ħsibijiet ta' rashom. Terġa', xi wħud kienu jiktbuh b'ittri Latini, waqt li oħrajn b'ittri Latini u Għarbin. Fost dawn tal-aħħar, semma li kien imdorri jiktbu hekk l-għaref

qassis Malti Dun Ġwann Cachia. Dun Ġwann kien imgħallem sewwa tal-ilsien Għarbi, kemm tal-qadim u kemm tal-ġdid. Għalhekk, meta għażel dawk is-26 ittra dan għamlu wkoll bil-ħsieb biex kulħadd jibda jiktbu b'għamla waħda – bl-Alfabett li sawwar hu.

Fuq it-tifħir li kien qala' mingħand l-aqwa nies tas-"Sapienza" ta' Ruma, meta wriehom l-Alfabett tiegħu Agius għamel il-qalb. Għalhekk ħabrek biex ifittex juri d-dawl lill-Grammatka tiegħu billi lestieha u ħariġha fl-1750, waqt li kien għadu Ruma. U hekk, bis-saħħa tal-Kanonku Agius, rat it-twelid l-ewwel Grammatka tal-għażiż Ilsienna.

Dina l-Grammatka hi magħmula minn żewġ Taqsimiet. L-Ewwel Taqsima taha l-isem: *Della Lingua punica presentemente usata dai Maltesi, ovvero nuovi Documenti quali possono servire di lume alla antica lingua Etrusca.* It-Tieni Taqsima semmieha: *Nuova Scuola di Grammatica per agevolmente apprendere la lingua Punica Maltese.*



118

IDEA
D'UN DIZIONARIO
*DELLA LINGUA*
PUNICA-MALTESE.
*All' Illmo Signore*
D. FELICE MANDUCA
PISCOPO CONTE DI MONTALTO.

A

A *Ch* Fratello. Il Fratello in ebr. si chiama *Achicha*, e corrisponde al nostro *Ach*, & *Achuq* tuo Fratello (*a*) *Abhqâr* voce punica oltraggiare. Il suo verbo è *abhqàr* oltraggio. *nabhqru* oltraggiamo.

*Alla* Dio. *allat* Dei, scritte dal Passeri *Alilat* (*b*). Scrivono altri *Baal* per Dio dall'Ebreo, donde nacque *Baal Samen* Dominus Cœli, Signore del Cielo, perchè *Samem* Cielo, da noi *Sema* chiamato (*c*). E dalla stessa derivano *Bel samem jersen* (*d*), *Abi Baal*, *Mer Balus*, *Adher Bal*

(*a*) Maio *Specimen Linguæ Punicæ in hodierna* &c.
(*b*) Nel Lessico Egiz. Ebr. &c. 49. c. 4. In Simbol. litter.
(*c*) Vedi S. Agost. q. 16. in Iudic. (*d*) Filo Biblico.

Ħjiel ta' dizzjunarju mill-Malti għat-Taljan, imxandar fil-Grammatika tal-1750

## Fehmiet dwar il-Malti

Terġa', l-Ewwel Taqsima firidha f'żewġ Taħditiet. F'waħda ġieb, li bosta huma dawk li ma qablux dwar in-nisel tal-Ilsien Malti. Min jgħid li hu Għarbi, min Kartaġiniż, min Lhudi, min Feniċju, min Grieg, min Puniku u min Samaritan. Iżda Agius qabel mal-kittieb Gio. Arrigo Majo, dak li qal li hu Puniku jiġifieri Kartaġiniż ta' darba waħda, u li l-Maltin tal-lum huma nisel tagħhom.

Fit-taħdita l-oħra tal-Ewwel Taqsima jsemmi dwar kemm wieħed jiswielu meta jitgħallem l-Ilsien Malti.

Fit-Tieni Taqsima jġib ftit reguli tal-Grammatka, flimkien ma' ħjiel żgħir ta' Dizzjunarju mill-Puniku Malti għat-Taljan, u minn dan l-Ilsien għall-Puniku Malti.

Agius, f'Ġunju tal-1751 ġie lura minn barra, iżda, fis-sena ta' wara (1752), reġa' għamel mawra oħra għall-Italja, fejn, did-darba, ma damx wisq, billi f'Awwissu tal-istess sena nsibuh li kien Malta.

Barra milli Agius kien iħobb il-Malti daqs il-mimmi ta' għajnejh, kien mogħmi wkoll għas-sħiħ wara l-Arkeoloġija. Għalhekk, fid-Dar tiegħu, Għawdex, kellu Mużew ta' ħwejjeġ qodma. Terġa', fuq l-Arkeoloġija kiteb ħafna drabi billi ta bosta tagħrif kif kien jaħseb dwarhom hu.

## Id-Duttrina bil-Malti

Bil-ħedma tal-Kanonku Agius, l-għażiż Ilsienna ħa tefgħa 'l quddiem sewwa. Bosta nies, barra minn Malta, li qatt ma kienu semgħu bl-Ilsien Malti, meta raw il-Grammatka ta' Agius, bdew jinteressaw irwieħhom minnu. Oħrajn, li għoġbithom ħafna l-Grammatka tiegħu, bagħtu jifirħulu tal-biċċa xogħol li għamel. B'hekk, l-għażiż Ilsienna xtered fost il-Letterati ta' barra wkoll.

Barra minn dan li għedna, bis-saħħa ta' Agius de Soldanis, id-dinja mhux biss rat tieħu l-ħajja l-ewwel Grammatka tal-Malti, imma rat ukoll il-ħruġ tal-ewwel ktieb b'dana l-Ilsien.

Fl-1750 bħala Isqof ta' Malta kien hawn Mons. Fra Pawl Alpheran de Bussan, Franċiż, mill-Belt ta' Aix ta' Provenza. Dana l-Isqof kellu qalbu taħarqu wisq għall-ġid tar-ruħ tal-merħla merħija f'idejh. Kien hu li daħħal it-tagħlim tad-Duttrina fil-Knejjes ta' Malta u Għawdex, billi qabbad lill-Kappillani u l-Kjeriċi biex jibdew jiġbru t-tfal kollha għaliha: binhar il-bniet u filgħaxija s-subien.

It-tgħallim tad-Duttrina fil-Knejjes, ma għandniex xi ngħidu, fis-sostanza kien xorta waħda kullimkien, iżda, fil-għamla tal-kliem, ta' banda ma kienx jaqbel ma' ta' bnadi oħra. Dil-biċċa ma kienet togħġbu xejn lil Alpheran. Fuq hekk, kien ilu bosta snin bix-xewqa li jagħmel ktieb tad-Duttrina bil-Malti, biex, f'dawn il-Gżejjer, titgħallem kullimkien b'metodu wieħed. B'danakollu, għalkemm Alpheran kien jitkellem bi Lsienna daqs Malti, dejjem qata' qalbu li jidħol għal dana x-xogħol, billi ma kellu ebda mera ta' alfabett sewwa biex fuqu jista' jdommu u jitbagħ dana l-ktieb. Iżda, meta ra l-alfabett li l-Kanonku Agius għamel għall-Grammatka tiegħu, għoġbu ħafna. Alpheran intebaħ malajr li bil-ħidma ta' Agius ġiet miftuħa t-triq għal dawk kollha li riedu jibdew jiktbu bil-Malti. Għalhekk Alpheran fittex malajr li jwettaq il-kbira xewqa li minn dejjem kellu: qabbad lill-Konfessur tiegħu, Dun Franġisk Uzzino, biex jaqleb, mit-Taljan għall-Malti, id-Duttrina skont

il-Venerabbli Bellarmino. U meta din kienet lesta, Alpheran ħareġ il-flus minn butu u bagħat jistampaha f'Ruma. Din ħarġet fl-1752, u kienet imqassma lill-Kappillani u Ministri oħra, biex jibdew jgħallmu lill-poplu fuqha, ħalli t-tagħlim tad-Duttrina, f'dawn il-Gżejjer, ikun xorta waħda kullimkien.

Barra minn din id-darba, id-Duttrina bil-Malti reġgħet ġiet stampata mill-ġdid fl-1768, f'Ruma wkoll. Terġa' wara, fi żmien l-Ordni biss, kienet stampata tliet darbiet oħra hawn Malta, fl-istamperija tal-Gran Mastru: fl-1780, 1786 u 1789. U dan, barra r-ruxxmata ta' drabiet oħra li ġiet stampata fi żmien l-Ingliżi. Għalhekk, il-Grammatka ta' Agius de Soldanis mhux biss swiet ta' bosta ġid għall-ġisem, imma qdiet ukoll biex sar ħafna ġid għar-ruħ. Terġa', it-tagħlim tal-Malti wera wkoll, li mhux biss ma sewiex biex jifridna mill-Knisja tagħna, imma sa mill-bidu nett tiegħu qeda biex aktar jorbotna fi ħdanha u jissokta iżjed iwettaqna fit-tagħlim tagħha.

## L-Ilsien Malti hu l-Kartaġiniż?

Agius qal, fil-Grammatka tiegħu, li, fil-Malti għaraf il-Puniku, dak l-Ilsien li bih kienu jitkellmu l-Kartaġiniżi. Fuq dina l-biċċa, għalkemm minn banda l-waħda kien hemm min qabel miegħu ħafna, mill-banda l-oħra sab ukoll min merieh għas-sħiħ. Fost dawk li ma qablux miegħu, insibu wieħed ġurnalista f'Pariġi. Iżda Agius ma qatax qalbu minnu. Biex jirfed il-fehma tiegħu, bi tweġiba għal dak li qal dana l-ġurnalista, kiteb kitba bil-Franċiż – ilsien li kien jafu tajjeb ħafna – u semmieha "Avis au Lecteur du Journal Etranger de Paris du Mois de Juillet 1754." Dil-kitba bagħatha Pariġi u dehret fil-*Journal Historique sur les Matières du Temps* tax-xahar ta' Settembru, 1756, taħt l-isem ta' "Dissertation où l'onprouve, que la langue, que les havitans originaries de l'isle de Malte parlent aujourdhui; est l'ancienne Langue Punique".

Ma kienx kuntent Agius b'dina t-tweġiba li ta bil-Franċiż lill-ġurnalista ta' Pariġi, dwar li l-Ilsien Malti hu l-Kartaġiniż, ried li jagħmilha bit-Taljan ukoll. Għalhekk qalibha f'dan l-ilsien, u ħariġha bl-isem ta' "Risposta del Can. Gio. Pietro Francesco Agius al Giornalista di Parigi, che può servire d'avviso a chi legge il Giornale Straniero del mese di Luglio 1754, pubblicato dal medesimo Giornalista in lingua Francese nella sopradetta città."

Il-fehma li Agius kellu dwar l-Ilsien Malti, baqa' jweżinha sewwa b'kitba li kienet tiswielu ħafna xogħol u taħbil il-moħħ. Għalhekk biex dejjem jissokta

jwettaq u juri li l-Ilsien Malti mhux ħaġ'oħra ħlief il-Kartaġiniż, fl-1757 ħareġ ktieb u semmieh *Annone Cartaginese*. F'dal-ktieb iġib l-Ewwel Xena tal-Ħames Att tal-Kummiedja ta' M. A. Plauto in Poenulo. Għalkemm dina x-Xena hi miktuba bil-Kartaġiniż, Agius qal li rnexxielu jaqlibha bil-Malti. U dan għamlu bil-ħsieb, biex dal-ktieb jaqdi wkoll bi tweġiba għal dawk li kienu merewh f'dak li qal fuq in-nisel tal-Ilsien Malti.

Iżda, biex ingħidu s-sewwa, ħalli nkunu għedna kollox dwar dina l-biċċa, Agius de Soldanis kien sajjem mit-tagħlim tal-prinċipji Grammatikali u mill-għerf filoloġiku tal-Ilsna Semitiċi. B'danakollu, dak in-nieqes li kellu minn banda, kien ipattih f'ħaġ'oħra, billi kien jaf l-istorja tal-Letteratura tal-Ilsna, jiġifieri bil-kotba u bl-għorrief kollha li kitbu fuq dina l-ħaġa. Għalhekk, biex iwieżen il-fehma li kellu dwar in-nisel tal-Ilsien Malti, ma' dawk li kienu jitlewmu miegħu u jmeruh, kien jinqeda dejjem bit-tagħrif li kiseb mill-kotba li semmejna.

Agius mhux biss kien jitħaqqaq ma' dawk li ma kinux jaqblu miegħu fuq il-Malti, imma laħaq ħadha wkoll ma' min ittarraf inaqqas il-ġieħ lil Gżiritna, billi qal li San Pawl ma ġiex Malta. Wieħed milli qalu hekk fi żmien Agius, kien il-Biblijotekarju tas-Sorbona: l-Abbati Ladvocat. Dana, fl-1753, ħareġ ktieb bil-Franċiż, fejn ried juri li San Pawl mar f'Meleda, u mhux f'Malta. Iżda Agius ħareġ għalih, bi ktieb ieħor bil-Franċiż, stampat fl-1757, fejn ġarraflu kollox, billi wera sewwa b'mera li San Pawl ġie f'Malta, u mhux f'Meleda. Terġa', dal-ktieb qalbu bit-Taljan u stampah f'Venezja, fl-1758. Iżda miegħu żiedlu wkoll ittra, li hu minn Venezja kien kiteb għal Malta, fit-3 ta' Novembru, 1757. Dina l-ittra titħaddet fuq żewġ kotba – wieħed bit-Taljan u l-ieħor bil-Latin – li l-Abbati Stiefnu Sciugliaga kien stampa f'Venezja, fl-1757, dwar li San Pawl ma ġiex f'Malta. Iżda Agius, bħalma waqqa' dak li kien qal l-Abbati Ladvocat, hekk ukoll ġarraf, bl-ittra li semmejna, kulma bena dana l-kittieb.

## Il-Għala "De Soldanis"

Il-Kanonku Agius mhux biss kellu xejra għall-kitba sa minn żgħożitu imma kien mogħti għall-Arkeoloġija wkoll. Fuq hekk kien qabad bosta ħbieb kemm hawn Malta u kemm barra. Agius kien ta' sikwit jiktbilhom dwar il-ħwejjeġ tal-qedem u huma jwiġbuh ukoll u b'hekk bdew iżommuh bħala wieħed li jifhem – għal dak iż-żmien – fl-Arkeoloġija.

Fis-safra li kien għamel fl-1750, mar iżur lil dawk il-ħbieb li ma kienx jafhom għajr bil-kitba biss, biex jissokta jwettaq il-ħbiberija li kellu magħhom. Dawn faħħruh ħafna fuq dak li kien jiktbilhom dwar il-ħwejjeġ tal-qedem. Barra minn dan, kiseb ħbiberija ġdida wkoll ma' bosta għorrief u nies kbar oħra. Terġa', ġie mfaħħar ħafna mill-għorrief tas-"Sapienza" ta' Ruma – wieħed mill-aqwa Kulleġġi li kien hawn f'dak iż-żmien għat-tagħlim tal-arti u x-xjenzi – dwar l-Alfabett li kien għamel għall-Grammatka tiegħu. B'dana t-tifħir kollu, ma għandniex xi ngħidu, Agius ħakmitu xi ftit il-frugħa – ħaġa li tiġri ta' spiss fuqna l-bnedmin. Għalhekk ħass ruħu li kellu jidher bħall-oħrajn, billi jimxi ma' kif kienu mdorrijin jagħmlu l-kbar ta' dak iż-żmien.

Bħalma rajna iżjed lura għall-ewwel li beda jikteb, kien iniżżel Agius biss – kunjom wieħed; iżda, meta beda jara ruħu magħdud u miżmum bħala wieħed mill-kbar ta' dik il-ħabta, ried imur mad-drawwa ta' dak iż-żmien, billi jillatinizza kunjomu. Imma, imħabba li l-kunjom Agius ma sabx kif jibda jqiegħdu għal-Latin, ħa l-kunjom ta' ommu (Sultana), u llatinizza lilu. Għalhekk wara Agius, beda jġib ukoll "De Soldanis". U dan għamlu, biex ikun bħan-nies kbar ta' dak iż-żmien: b'kunjomu Latinizzat. Bħalma hekk ukoll kien għamel il-kittieb Mikiel Anton Vassallo (Vassalli).

Barra miż-żewġ mawriet għall-Italja li għamel Agius fl-1750 u fl-1752, kien reġa' siefer ukoll fl-1757. Waqt li Agius kien l-Italja, tħajjar li jmur iżur Franza, kif hekk għamel. Minn din is-safra ġie lura lejn Malta qabel daħlet ix-xitwa tal-1758.

Ta' din l-aħħar mawra li għamel barra, niżżel kulma għadda mingħalih fiha. Fuq hekk kien għaqqad ktieb imsawwar sewwa, billi laħħaq l-għadd ta' 568 paġna. Iżda għajb, jaħasra, li dana l-Manuskritt huwa mitluf!

## Kittieb bla heda

Meta Agius kien fl-Italja, issokta l-istudji tiegħu f'Padova, fejn tawh il-lawrja *Sacris et Ultroque*. Iżda, f'liema safra kienet li tawhielu, mit-tlieta li għamel ma sibniex.

Il-Kanonku Agius ma kellux heda fil-kitba tiegħu. Barra l-kotba li iżjed lura semmejna, kiteb ukoll xi ittri bit-Taljan lil Duminku Scavio, u dawn ġew imniżżla u mdaħħla fil-*Memorie per servire alla Storia Letteraria di Sicilia*, stampati f'Palirmu, fl-1756. Ma' dawn kien kiteb ittri oħra dwar il-Knisja ta'

Santu Wistin ta' Għawdex, li huma miġjuba fil-*Monachismo* tal-Patri M. F. Bonaventura Attardi, minn Aġġira. Terġa', fl-1759, hawn Malta stampa ktieb ta' 98 paġna, fl-istamperija tal-Gran Mastru. Dal-ktieb hu magħmul minn ittra li Agius de Soldanis kien bagħat lil Dun Nazju Saver Mifsud, dwar il-bidu u l-ħajja tal-Knisja u l-Kunvent tal-Patrijiet Kabuċċini ta' Għawdex.

Billi ta' sikwit kienet tidher xi kitba ta' Agius, dan issokta kabbar ismu għas-sħiħ, sew hawn Malta u kemm barra. Għalhekk beda jissemma wkoll fil-kitba tal-oħrajn b'ħafna tifħir. Mhux dan biss imma l-għorrief ta' barra minn Malta, biex juruh x'fehma kellhom minnu u kemm kienu jqimuh, daħħluh sieħeb magħhom fl-Akkademji tal-Apatisti ta' Firenze, f'tal-Botaniċi ta' Kortona, f'tal-Erranti ta' Fermo u f'tal-Buon Gusto ta' Palirmu.[4]

Minn dina l-kbira għożża li l-barranin kellhom għall-Kanonku Agius de Soldanis, jidher li dana kien meqjus minnhom bħala wieħed imgħarraf sewwa dwar dak kollu li kien jgħid. Għalhekk, għalkemm iżjed 'il fuq għedna li kienet xi ftit tal-frugħa dik li ġagħlet lil Agius jagħti xeħta Latina lil kunjomu, b'danakollu, għall-kbira ħedma li wera fix-xogħlijiet tiegħu, hu xieraq hawn inżidu l-kunjom li "De Soldanis" kien mistħoqq li jġibu wkoll.

## L-Ewwel Biblijotekarju ta' Malta

Fl-1760 miet f'Ruma l-Kardinal Fra Ġakki Portocarrero. U billi dana kien imdaħħal mal-Kavallieri ta' Malta, il-kotba li kellu, wirithom it-Teżor tal-Ordni. Hekk ukoll il-karrozza tiegħu. Din waqgħet f'idejn l-Ordni, u ħadha l-Gran Mastru Pintu.[5]

Fil-25 ta' Ottubru, 1760, il-Balliju De Tencin offra lill-Ordni, biex jixtri l-kotba kollha li ħalla l-Kardinal Portocarrero. Iżda ried li jindaħal għalihom, bi ftehim li fil-Belt tinfetaħ Librerija għall-poplu. Barra dan, is-7,000 skud li kienu jiswew il-kotba, kellu joħroġhom 1,000 skud fis-sena. Terġa', De Tencin ried ukoll, li kemm-il darba jmut qabel ma jkun ħallas kollox, dak li jibqa' minn ħwejġu, ma kellux jiġi magħdud bħala li jagħmel tajjeb għad-dejn li jkun għad fadallu jagħti mis-7,000 skud.

L-Ordni laqa' x-xewqa tiegħu, u qagħad għal dak kollu li ried il-Balliju De Tencin.

Mal-kotba li xtara, De Tencin ta wkoll iż-żewġ libreriji li kellu. Terġa' ma' dawn, kellha tingħaqad librerija oħra li kienu jgħidulha tal-"Logutenent".

## Il-*Forfantone*

Il-kotba tal-Kardinal Portocarrero waslu f'Malta, minn Ruma f'Mejju tal-1761, u ġew imqiegħda fis-salun il-kbir tal-*Forfantone*. U dan sar, sakemm jibnu post sewwa għall-kotba u biex fih ukoll jista' jgħammar il-Biblijotekarju li jiġi maħtur.

Il-*Forfantone* ma nafux sewwa fejn kien jiġi. Iżda Mons. Mifsud jgħid, fl-*Archivum Melitense*, li għall-Biblijoteka kienet maħtura d-Dar tat-Teżor li tiġi fil-Pjazza tal-Kavallieri (illum Misraħ Reġina). It-Teżor tal-Ordni kien flok fejn illum hu l-Każin Malti. Għalhekk naħsbu, li l-kbir salun *Forfantone* aktarx li hu xi waħda minn dawk il-kmamar kbar li hemm fl-imsemmi Każin.

Biex isewwu u jħitu l-kotba tal-Biblijoteka, De Tencin kien ġieb xi legaturi minn Franza. Dawn ħadu ħanut taħt il-Kbira Qorti tal-Kistlanija (illum Uffiċċju tas-Sanità). Il-kotba kellhom jiġu legati fuq is-sengħa Franċiża.

F'Ġunju tal-1763, il-Balliju De Tencin kien medhi jħejji l-kotba tal-Biblijoteka, ħalli jfittex jiftaħha għall-pubbliku. Biex jgħinu f'dana x-xogħol bagħat isejjaħ lill-Kanonku Agius minn Għawdex, billi kien jaf li dan jinqala' ħafna għal dina l-ħaġa.

Agius wieġeb malajr għas-sejħa li saritlu: ġie Malta, u De Tencin tah jgħammar fil-*Forfantone*, fejn kien hemm il-kotba tal-Librerija, barra milli wkoll ħatru bħala Biblijotekarju tagħha b'10 skudi fix-xahar. U b'hekk, mhux biss għandna għax inħobbuh u nqimuh lil Agius bħala l-ewwel wieħed li stampa Grammatka tal-Malti u li bis-saħħa tiegħu ħareġ l-ewwel ktieb bl-għażiż Ilsienna, imma ngħożżuh u nitkabbru wkoll bih, bħala l-ewwel Biblijotekarju ta' Malta.

Il-Kanonku Agius beda l-ħedma tiegħu fil-Biblijoteka, billi ħa ħsieb jagħmel l-indiċi alfabetikament kemm tal-isem u l-kunjom tal-kittieba u kemm ta' dak li fuqu kienu jitħaddtu l-kotba.

## Ħidma kbira fil-qasam tal-Malti

Barra milli Agius dam żmien bħala Biblijotekarju, kien għen ħafna biex il-Librerija stagħniet. Għalhekk, meta saret irħama fil-Biblijoteka, flimkien mal-ismijiet ta' dawk kollha li ħadmu, jew taw il-kotba tagħhom, biex din għaddiet 'il quddiem, tnaqqax ukoll l-isem ta' Agius de Soldanis. Dina l-irħama qiegħda mwaħħla fil-ħajt ta' kif titla' t-taraġ qabel ma tidħol għas-sala l-kbira tal-Biblijoteka.

Ħadem kemm ħadem Agius de Soldanis biex niseġ il-kotba li semmejna, iżda l-aqwa ħedma tiegħu nsibuha fix-xogħlijiet li għamel fil-qasam tal-

Malti. Agius ma kienx kuntent bl-ewwel Grammatka li għamel, imma ried jissokta jaħdem biex l-għażiż Ilsienna jgħaddih aktar 'il quddiem. Għalhekk baqa' jħabrek sakemm irnexxielu jgħaqqad ukoll l-ewwel dizzjunarju li nafu bih. Dan semmieh: *Damma tal Kliem Kartaginis mscerred fel fom tal Maltin u Ghaucin, maghmula mel Kanoniku Gianfrangesku Agius Sultana Ghauci.*

Dan ix-xogħol hu mqassam f'erba' volumi kbar: l-ewwel fih id-Dizzjunarju Malti-Taljan-Latin; it-tieni u t-tielet id-Dizzjunarju Taljan-Latin-Malti; u r-raba' d-Dizzjunarju Latin-Taljan-Malti.

Barra dawn, kiteb ukoll dizzjunarju ieħor mill-Malti-Taljan-Latin, li aktarx hu l-istess ħaġa bħall-ewwel volum tad-*Damma tal-Kliem Kartaġiniż* li semmejna.

Dawn il-ħames volumi jinsabu l-Biblijoteka, fil-għadd 143 tal-Manuskritti.

## Tifħir lil min tifħir jistħoqqlu

Ix-xogħol ta' Agius fetaħ it-triq għal dawk ta' warajh li riedu jaħdmu fil-qasam tal-Malti. Għalhekk, kien kif kien ix-xogħol li niseġ dwar l-għażiż Ilsienna, it-tifħir dejjem imiss lilu biss, bħala wieħed li qadef fi dlam tal-mewt, bla ebda għajnuna ta' ħadd.

Bosta kienu dawk li nqdew bil-ħidma tiegħu, biex kitbu u għaqqdu xogħolhom. Fosthom kien Mikiel Anton Vassalli. Dan hu nnifsu qal li fela d-dizzjunarju ta' Agius de Soldanis, u minnu ħa dak kollu li kien jgħodd għalih.[6]

Il-Kanonku Agius kien ġabar ukoll ħafna qwiel Maltin. Għamilhom alfabetikament u ta t-tifsir ukoll tagħhom bit-Taljan. Iżda l-Manuskritt 142 tal-Biblijoteka, fejn hemm imniżżlin dawn il-proverbji, hu nieqes l-ittri A u C.

Kemm il-qwiel ta' Agius u kemm dawk li ssokta sab Vassalli, huma stampati fil-*Malta Letteraria* tal-1928. F'din ir-Rivista hemm ukoll kitba, minn ta' Agius, dwar l-għadiet u d-drawwiet tal-Maltin ta' dari.

## Grammatka oħra

Barra dik il-Grammatka li għamel Agius fl-1750, sawwar oħra akbar ħafna u li ftit għandha x'taqsam mal-ewwel waħda. Din semmieha: *Nuova Scuola dell'Antica Lingua Punica scoperta nel moderno parlare Maltese e Gozitano.*

Il-Grammatka kollha hi mqassma f'44 Lezzjoni. Fl-ewwel Lezzjonijiet jitħaddet biex juri dwar li l-Ilsien Malti hu l-Puniku, u mhux l-Għarbi; li l-Malti għandu sbuħija tiegħu bħal kull Ilsien ieħor orjentali; u li kemm hu ta' ħtieġa li wieħed jitgħallem il-Malti. Imbagħad jitkellem dwar l-Alfabett tiegħu li għaqqdu minn 28 ittra: 24 imwaħħdin, 4 magħqudin ma' oħrajn u 4 bit-tikek fuqhom waqt li wkoll jagħti r-regoli tal-Grammatka. U fl-aħħar Lezzjonijiet iġib taħdit dwar iż-żjajjar fid-djar, talb u ħafna tagħrif ieħor fuq bosta ħwejjeġ, kollox bil-Malti u t-Taljan.

Iżda l-aktar li laqatna Agius f'dak li jsemmi fil-Grammatka tiegħu, hu fejn ilum lill-Maltin talli ħallew lil Ilsienhom minsi u mkażbar. Agius qal li ma jaf ebda ġens fid-dinja, li għadda 'l quddiem, u dan ma jikkultivax Ilsienu, billi jagħmel ħiltu kollha biex iħobbu u jgħożżu, u bil-kitba ta' Grammatki u Vokabularji jgħollih, juri s-sbuħija tiegħu u jxandru b'ħafna tiżwiq ma' kullimkien. Iżda Malta, li tista' tiftaħar li hi biss tikseb Ilsien Orjentali hekk sabiħ u qadim baqgħet wisq lura f'dina l-ħaġa. Għalhekk bis-saħħa tal-Grammatka li għamel bħala mudell fl-1750 u bl-oħra ġdida li ħejja, miżjuda u msewwija, biex tiġi stampata, kull Malti 'l quddiem jara kemm għandu jgħożż u jiftaħar bi Lsienu. Terġa', lill-barranin din il-Grammatka tkun tiswielhom, biex jgħarblu u jaraw kemm l-Ilsien Malti hu għalliel u ta' min jgħożżu, u b'hekk jitħajru jitgħallmuh huma wkoll.

## Il-ħtieġa li l-Malti jintgħallem fl-iskejjel

Barra minn dak kollu li semma Agius, fit-tieni Grammatka tiegħu, biex il-Maltin jgħożżu Lsienhom u jikkultivawh, kien tal-fehma wkoll li l-Malti għandu jintgħallem fl-Iskejjel. Il-Kanonku Agius jgħid li t-tagħlim fl-Iskejjel tal-Grammatka (l-Iskejjel Elementari ta' dari) hu meħtieġ ħafna. Dan mhux biss jaqdi biex, bis-saħħa tiegħu, it-tfal jaqbdu aktar malajr l-ilsna l-oħra imma jiswa wkoll biex is-Surmastrijiet iħeffu ħafna mix-xogħol fit-tgħallim tagħhom.

Li qal Agius fil-Grammatka li ħalla, dwar x'kien imissu jsir mill-Ilsien Malti, kien imtenni wkoll minn Mikiel Anton Vassalli fil-kotba tiegħu. Mela milli ħallew miktub dawn iż-żewġ kittieba nieħdu li l-koltivazzjoni tal-Malti u t-tagħlim tiegħu fl-Iskejjel, mhix biċċa li tqanqlet fi żmienna, biex taqdi għall-qerda ta' lsien ieħor – bħalma hekk iridu jfissru llum l-għedewwa ta' Lsienna – imma għax din kienet, sa minn bosta snin ilu, il-waħdanija xewqa tal-veri Maltin.

## Il-mewt ta' Agius de Soldanis

Il-Kanonku Agius kien ilu jagħmilha ta' Biblijotekarju għal dawra ta' seba' snin, meta żaritu marda u ġarritu lejn il-qabar. Miet fit-30 ta' Jannar tal-1770, fil-għomor ta' 58 sena. Ġie midfun fil-Knisja ta' San Pawl tal-Belt, fejn ma hemm ebda kitba li tfakkar lil dana l-Kbir Malti.

Sew il-kotba, kemm il-manuskritti, kif ukoll il-Mużew tal-Arkeoloġija li kellu, ħalla kollox għall-Biblijoteka ta' Malta, li tant kien iħobb. U b'riħet hekk, ix-xogħol ta' Agius de Soldanis, dwar il-Malti, ma ntilifx, iżda baqa' ġej sa fi żmienna, bħala tifkira ħajja tiegħu, biex ilum lil dawk il-Maltin li tant iħobbu jkażbru u jmaqdru Lsienhom.

Mill-kotba li stampa u mill-manuskritti li ħalla Agius de Soldanis, wieħed jara sewwa kemm dana l-Kbir Malti ħadem għal Artna u Lsienha. Għalhekk, ħedmitu għandna nżommuha bħala mera quddiemna biex fuqha nimxu, naħdmu u bħalu nħabirku, ħalli ngħożżu u ngħollu l-għażiż Ilsienna, bħalma hekk minn dejjem kienet ix-xewqa li jagħmel il-pajunier tal-Malti – il-Kanonku Ġanpiet Agius de Soldanis.

*Deher f'*Il-Berqa *tat-18, 19 u 20 ta' Ottubru 1937.*

**Noti**

1 Ara *Għawdex bil-Ġrajja Tiegħu* ta' Dun Ġużepp Farrugia.

2 Mss. Bibl. Nru. 10 u Nru. 105.

3 Mss. Bibl. Nru. 1146, Vol. I, paġ. 821.

4 Ciantar-Abela, *Malta Illustrata,* Vol. II, paġ. 590.

5 Il-karrozza tal-Kardinal Portocarrero waslet hawn Malta fit-13 ta' Jannar 1762. Il-Gran Mastru Pintu żanżanha malajr, billi dakinhar stess li ġiet, ħareġ jagħmel dawra biha barra l-Belt.
Tgħid, il-karrozza tal-Gran Mastru li hemm fil-Mużew tal-Belt, hi l-istess waħda li kienet tal-Kardinal Portocarrero?

6 A. Cremona, *Mikiel Anton Vassalli*, paġ. 5.

# Il-Kavallier Ninu Muscat-Fenech

Is-Sur Nin twieled Bormla, ħabta tal-1854. Sa minn żgħożitu taha għall-ħidma fil-qasam tal-Malti. F'Jannar tal-1878 deher l-ewwel xogħol tiegħu f'*In-Naħla Maltija*, gazzetta li kienet imreġija mill-Kavallier Ġużè Muscat Azzopardi. Dan kien sunett, li ġie mfaħħar ħafna mill-Poeta Muscat Azzopardi, fejn qal li hu sabiħ sewwa bħala poeżija, kemm ukoll bħala xogħol bil-Malti.

Għal dana t-tifħir, is-Sur Nin għamel il-qalb u żied fil-ħeġġa, billi kiteb poeżiji oħra li dehru wkoll fil-gazzetta li semmejna. F'dil-ħabta, minn Bormla mar joqgħod ir-Rabat tal-Imdina ma' niesu, billi missieru, Ċensu, laħaq Tabib Prinċipali tal-Isptar ta' Santu Spirtu.

Fl-14 ta' Ġunju, 1878, deher Folju bil-Malti, jismu *Il-Ħabbar Malti*. Id-Direttur tiegħu kien Ġorġ Crispo Barbaro, Markiż ta' San Ġorġ. X'sehem sewwa kellu s-Sur Nin fl-ewwel ħarġiet ta' dana l-Folju, ma nafux, għax ma sibniex, iżda wieħed jista' jgħid li ftit ħarġu numri li fihom ma dehritx xi poeżija minn tiegħu. L-ewwel darba li sibna li daħal jagħmel sehem fix-xogħol tal-*Ħabbar Malti*, bħala Kaxxier u Redattur tiegħu, kien fil-għadd 28 (20 ta' Diċembru, 1878). Fuq hekk, barra milli baqa' jikteb xi poeżija, mill-għadd 30 ħa ħsieb tal-Appendiċi wkoll, billi beda jġib xi Ġrajjiet ta' Malta, minsuġa minnu. Dawn il-Ġrajjiet kienu "Giammaria Cassia", "Ġorġ il-Bdot", "Il-Cavalieri ta' Malta", "L-Imħabba tal-Ġenn", "Il-Conti Alagona" u xi oħrajn żgħar, fejn wara ħariġhom f'kotba, kull Ġrajja għaliha. Barra dawn kien ħareġ ukoll kotba msemmija

*Carolina*, *Giacomin Ciantar* u *Il-Miġja tal-Konti Ruġġieru*. Uħud minn dawn il-kotba huma xogħol ħliq tiegħu. Oħrajn ġiebhom fi Lsienna mit-Taljan.

Barra milli dana kellu ħila kbira biex jinseġ ġrajjiet bil-Malti, kien jinqala' ħafna wkoll biex jikteb drammi u farsi għat-Teatrini. Iżda b'diżgrazzja kbira għal dawk li jħobbu l-Palk Malti, il-Manuskritti tal-opri li kellu ntilfu waqt li wieħed kien sejjer bihom lejn Lixandra.

Il-Markiż Barbru baqa' jieħu ħsieb ta' *Il-Ħabbar* sat-30 ta' Awwissu, 1879. Bit-tluq ta' dan, il-Folju waqa' għalkollox taħt it-treġija tas-Sur Nin.

*Il-Ħabbar* sa mill-bidu nett tiegħu kien iħares il-Malti u jaqbeż għalih kull meta kien jiġi mkażbar minn xi ħadd. U f'idejn is-Sur Nin issokta miexi fl-istess triq li kien qabbdu l-Markiż Barbru. Mhux dan biss, iżda billi s-Sur Nin kien iħobb ħafna s-sabiħ Ilsienna, ried jinqeda b'dana l-Folju ħalli jara jirnexxilux li jasal biex il-Malti jibda jinkiteb sewwa minn kulħadd. Għalhekk, f'*Il-Ħabbar* ta' Lulju tal-1880, ħareġ "Stedina" lill-kittieba Maltin, biex jiltaqgħu flimkien, jinsġu Alfabett Malti, li jiswa u li jintgħoġob, ħalli kulħadd jibda jikteb bih. Iżda, għalkemm kienu ħafna dawk il-kittieba tal-Malti li wiġbuh, sew minn dawk li stieden kemm ukoll minn oħrajn li tħajru minn rajhom, ix-xewqa li kellu taret mar-riħ, għax dawn il-kittieba ma ltaqgħu qatt. B'danakollu, is-Sur Nin ma qatax qalbu, iżda baqa' dejjem bil-ħsieb li xi darba jwettaqha, billi jirnexxilu jlaqqa' l-kittieba tal-Malti flimkien. U hekk kien. Fl-14 ta' Marzu, 1894, reġa' ħareġ Stedina oħra, fejn għaliha wieġbu l-aħjar kittieba ta' dak iż-żmien. L-ewwel laqgħa ta' dawn saret fis-7 ta' April. Fiha ftiehmu biex jagħżlu ħames kittieba ħalli jieħdu ħsieb jaħdmu r-reguli tal-Kitba Maltija, u fuqhom imbagħad joħorġu l-kittieba kollha biex jimxu, f'kull kitba li tidher fl-istampa. Iżda, għalkemm dina x-xirka ħadmet u ħabirket ħafna, ix-xogħol tagħha baqa' biex ma deherx.

Wara dina l-biċċa, is-Sur Nin ma damx wisq jissokta jieħu ħsieb ta' *Il-Ħabbar*, għax fid-29 ta' April, 1895, insibuh li telaq mid-Direzzjoni tiegħu, aktarx imħabba li sar Viċi Konslu tal-Awstrija-Ungerija, fejn għall-ħila li wera f'dina l-kariga, l-Imperatur tal-Awstrija kien għamlu Kavallier.

Is-Sur Nin miet Ħal Qormi, fejn kien joqgħod, fil-21 ta' Settembru, 1910, fil-għomor ta' 56 sena.

*Deher f'*Il-Berqa, *16 ta' Novembru 1937.*

# Dun Dovik
# Dr Mifsud Tommasi

Dun Dovik twieled Bormla, ħabta tal-1795. Studja għal qassis, u laħaq Professur fis-Seminarju tal-Imdina, fiż-żmien li dana kien għadu hemm, imbagħad wara f'San Kalċidonju tal-Furjana, billi s-Seminarju nġarr hawn.

Għall-ewwel li Dun Dovik beda jikteb, taha għall-poeżiji bit-Taljan. Fl-1824 kiteb poeżija għall-ewwel quddiesa ta' wieħed qassis, u stampaha. Fl-1831, meta l-Isqof ta' Malta laħaq Mons. Franġisku Saverju Caruana, kiteb ftit sunetti, ukoll bit-Taljan, b'tifħir għal dana l-Isqof, u ħariġhom fi ktieb.

Barra mill-kitba, kien jinqala' ħafna għall-prietki wkoll. Fl-1834 għamel il-paneġierku bit-Taljan tan-Nawfraġju fil-knisja Kolleġġjali ta' San Pawl tal-Belt. Dan intgħoġob ħafna u ġie stampat fi ktieb għalih fl-istess sena li semmejna.

F'dil-ħabta, Dun Dovik mar joqgħod il-Belt, fi Strada Levante, Nru. 91. Fil-Gazzetta tal-Gvern tal-24 ta' Settembru, 1834, hemm tħabbira, fejn tgħarraf li Dun Dovik qala' s-setgħa mingħand il-Gvern, biex jiftaħ u jżomm Skola fid-dar li kien fiha. Għalhekk kien biħsiebu jibda jagħti l-lezzjonijiet, kemm filgħodu u kemm filgħaxija, tal-Ilsna, Filosofija, Xjenza u Letteratura.

Mill-ħarġa tal-imsemmija Gazzetta nieħdu wkoll, li f'dak iż-żmien Dun Dovik kien imdaħħal bħala sieħeb f'bosta Akkademji kbar.

Billi Dun Dovik kien jinqala' għall-poeżija, deherlu li hu xieraq li fil-Malti għandu jkollna talb b'din l-għamla wkoll. Għalhekk, fl-1835 daħal għal dana x-xogħol, u billi fiż-żmien li qegħdin insemmu ma kien hawn ebda stamperija tan-nies, li seta' jistampa fiha, l-ewwel Kurunelli tiegħu ħarġu mill-istamperija


ZMIEN IL GHEID. 113

**Ghal Ghasar.**

Mas-Sultan nieclu il Haruf
Bil gies l' abjat ruhna imzeina,
Lil Gesù Sultanna infahhru,
Il meug ahmar chif ghaddeina.

Ghal imhabba li igibilna
Dan Gesù demmu jiskina,
U sal gisem tighu imkaddes
Fuk l' artal jidbah ghalina.

Min ta l' Ang'lu is-seif ibighed
Misbuh bis f' coll bieb id-demm,
Mifruk minnu il bahar jofroh,
Kalb il meug l' eghdeuua itemm.

Il Gheid taghna hua Gesù,
Hua innifsu id-debha taghna,
Hobs imkaddes bla mitluh,
Hobs tar-ruh Gesù jitmaghna.

Debha imkadsa tabilhakk,
Lil eghdeuua inti cheddeit,
Int tal meut farract il hdejed,
Int tal Genna il jett raddeit.

8

Innu għall-għasar imxandar f'*Innijiet Imqaddsa* fl-1837

tal-Gvern. In-nefqa għall-istampar tagħhom kien joħrogħa hu, megħjun ukoll minn oħrajn, biex jitqassmu b'xejn fost il-poplu. Il-għadd tal-ħruġ tagħhom kien minn 500 sa 750 waħda kull darba.

Dun Dovik kien wieħed mill-ewlenin li ħadem f'dina l-għamla ta' kitba, jiġifieri l-poeżija, jew taqbil, kif kien iħobb isejjaħlu hu. Għalhekk ismu hu maħżuż b'ittri sbieħ fl-istorja tal-Letteratura Maltija. Terġa', dan ħadem xogħol imqabbel hekk bir-rfus fuq ħwejjeġ imqaddsa li, tista' tgħid, ma hawnx qaddis meqjum xi mkien f'Malta li ma nisiġlux il-Kurunella tiegħu. Dawn il-Kurunelli, għall-ħlewwa tagħhom, baqgħu ġejjin ukoll sa fi żmienna, billi għadna nisimgħuhom sal-lum jintgħadu fil-Knejjes tagħna.

Fl-1837 stampa ktieb żgħir bit-Taljan dwar serqa tal-Pissidi bl-Ostji konsagrati, serqa li kienet imwettqa fil-Knisja ta' Santa Tereża ta' Bormla. U dan barra minn xi kotba żgħar oħra, kemm bit-Taljan u kemm bil-Malti, li kiteb. Iżda, l-aqwa xogħol tiegħu li stampa, kien l-*Innijiet Imqaddsa*. F'dana l-ktieb, li Dun Dovik qaleb mil-Latin għall-Malti f'taqbil kollu, fih l-innijiet li jitkantaw fil-Knejjes matul is-sena kollha. Barra dan kiteb ieħor li semmieh *Il-Għana tan-Nisrani miġbur f'dan il-Ktieb tat-talb 'l Alla*. Il-Manuskritt ta' dana l-Ktieb jinsab għandna, billi għal xi ħaġa jew oħra baqa' bla ma ħareġ qatt.[1] Fuq dana l-ktieb, Mons. Psaila kien għamel kelmtejn sbieħ ħafna f'*Il-Malti* ta' Diċembru, 1930.

Meta Dun Dovik mar joqgħod f'Bormla, jgħidu illi huwa kellu Skola fl-istess dar tiegħu, fit-tarf nett tal-isqaq, hekk imsejjaħ "Sqaq tal-Musu", li jiġi fi Triq Santa Marija, int u tiela' mit-Triq tal-Baqar (*Strada Toro*).

Wara xi żmien Dun Dovik laħaq Kanonku fil-Kulleġġjata ta' Bormla. Imbagħad, għall-għerf u l-mertu li kellu, l-Isqof Pace Forno għażlu b'Kanonku tal-Katidral tal-Imdina.

Jgħidu li kien ta' spirtu pront ħafna. Dwar hekk jirrakkontaw bosta bċejjeċ ħelwin fuqu. Tassew li minn daqqiet kien jitfagħhom xi ftit ħoxnin, iżda kien jolqothom ukoll.

Dun Dovik kien iħobbu wisq l-għażiż Ilsienna. Ara kemm, li għad illi fl-aħħar żminijiet tiegħu kien tilef id-dawl għalkollox, baqa' jikteb il-poeżiji bil-Malti, waħda f'waħda; poeżiji li meta kienu jidhru f'*Il-Ħabbar Malti*, folju ta' dak iż-żmien, kulħadd kien jitgħaxxaq bihom għas-sbuħija u l-ħlewwa tagħhom. Mhux dan biss, iżda fl-imsemmi *Ħabbar* ħadha kemm-il darba wkoll ma' dawk li riedu jmaqdru u jkażbru Lsienna.

Il-ġibda kbira li kellu għal Ilsien Art twelidu, ma telqitu qatt. Anqas meta xjieħ u sab ruħu bla saħħa mixħut f'qiegħ ta' sodda, u agħma, iżda baqa' sal-aħħar ta' ħajtu jħabrek bil-kitba tiegħu fil-gazzetti, biex nibżgħu għal Ilsienna u nagħmlu kemm nistgħu biex ngħolluh u ngħadduh 'il quddiem. Fuq hekk, għal Dun Dovik nistgħu ngħidu li miet jikteb bis-sabiħ Ilsienna. Dana l-kbir ħabib tal-Malti ħalliena fil-għodwa tat-23 ta' Ottubru, 1879. Miet l-Imdina, fejn kien joqgħod, fil-għomor ta' 84 sena.

*Deher f'*Il-Berqa*, 16 ta' Novembru 1937.*

**Nota**

1 Kopja ta' dan il-manuskritt tidher f'Sephora Borg, *Poeżiji Inediti ta' Ludovik Mifsud Tommasi u s-Siwi Lingwistiku tagħhom*, teżi tal-BA bl-Unuri (l-Università ta' Malta, 2010). [Nota editorjali]

# Wiġi Rosato

Wieħed minn dawk li ħadmu għall-qawmien tal-Ilsien Malti u li n-nies tal-lum jafu bih, huwa Wiġi Rosato, mill-Isla.

Rosato kien jaħdem ta' Komprimarju fit-Tijatru, fejn inqeda bix-xogħol li kellu sabiex jgħaddi 'l quddiem u jagħti xeħta ta' importanza lill-Ilsien ta' dawn il-Gżejjer. Għalhekk kiteb xi drammi u xi farsi bil-Malti għal xi Għaqdiet Filodrammatiċi li hu kellu taħt it-tmexxija tiegħu.

Fost ix-xogħlijiet li kiteb, fis-sena 1847 stampa dramm storiku msemmi "Catarina", li llum hu magħruf fostna bl-isem ta' "Ix-Xbejba tar-Rdum". Dan il-ktieb, meta taħseb f'liema żmien inkiteb, ma tistax tgħid għalih ħlief li hu xogħol mill-aħjar, bħala l-ewwel Buzzett drammatku ta' dik ix-xorta.

Stampa wkoll farsa li semmieha "Żanu migdum mit-Trenta", farsa li nħadmet f'Serata li saritlu fl-1858.

Barra minn dan ix-xogħol li semmejna, stampa wkoll xi poeżijiet sagri u profani.

Iżda l-qima tagħna lil Wiġi Rosato ma tistħoqqlux bħala kittieb tal-Malti biss, għax mill-bosta xogħlijiet li kiteb, l-aktar għat-Tijatrini, ftit wisq minnu ħareġ għad-dawl u stampah. Imma Rosato l-aktar li ħaqqu qima u ġieħ għax, bis-saħħa tiegħu, is-sabiħ Ilsienna ħa xejra kbira 'l quddiem, billi kien hu l-ewwel wieħed li daħħal il-Malti fit-Tijatru. Terġa' dan, barra milli lil Rosato nistgħu nżommuh ukoll bħala missier il-Palk Malti, għax, sa fejn nafu aħna, ħadd qablu ma kien indaħal biex jikteb fi Lsienna kitba ta' din il-għamla.



CATARINA.

LEUUEL TAKSIM

U

LEUUEL DEHRA.

"Ġnien fi truf ta Siggievi mghmul geua barriera,
"collhad jaħdem, u fil ħidma tighu jħaffes tant chem
"jista, *Bertu* ghal chem xueiaħ bli xcubetta u 'l horġa
"f'ideiħ lest biex jmur gha Toroc, u jħalli id-dar
"tighu ghal saħ, *Cozza* u *Catarin* bil koton f'ideħom
"u ma 'l ħaddiema b'leħen ghali hec jħollu lsien
"taħhom flimchien."

Kalb il ħdura ta 'l campannia
Bla moghdria il ħidma natu,
Għalavvoglia fiha imbatu
Dejem naħdmu leil u inhar
Leil u inhar inuetku 'l ħidma
Hall' ix-xoghol narauħ aħiar.
Il ħsieb dejjem joctor fina
Fuk il hèm li ghanda il gżira
Għaliex ġmiela giebet ghira
Id-dinnia colla i Slaten cbar,
Malta taghna uisk ħanina
Illum kieghda idduk li 'mrar.

Paġna mid-dramm "Catarina"

L-ewwel darba li nsibu li xi opra bis-sabiħ Ilsien Malti saret fit-Tijatru, huwa fil-Gazzetta tal-Gvern tat-13 ta' Ġunju, 1838. F'din hemm imħabbar li fis-16 tax-xahar (Ġunju) fit-Tijatru Rjal (jiġifieri l-'Manwel' billi dak iż-żmien kienu jgħidulu 'Rjal'), sa jkun hemm is-Serata ta' Lwiġi Rosato. Fiha sejra ssir rappreżentazzjoni straordinarja bil-lsien Malti.

Din l-aħbar biss tal-Gazzetta tal-Gvern ma twettaqx dak li għedna fuq: li Rosato kien li daħħal għall-ewwel darba l-Malti fit-Tijatru. Iżda, dak li ma jidhirx hawn, insibuh f'*Il-Malti*, folju li kien joħroġ fl-1844. F'dan insibu, li barra milli kienet issir wirja bil-Malti kull sena b'Serata għal Rosato, nieħdu wkoll li huwa (Rosato) kien li beda jdaħħal il-Malti fit-Tijatru.

Mela, lil Wiġi Rosato għandna ngħodduh bħala wieħed mill-ħaddiema ewlenin għat-tixtil ta' Lsienna mhux biss bħala kittieb tal-Malti, imma wkoll għax bil-ħidma tiegħu għolla l-għażiż Ilsienna billi daħħlu fit-Tijatru u hekk qiegħdu fuq tarġa waħda mal-ilsna kbar barranin.

*Deher f'*Il-Berqa, *16 ta' Novembru 1937.*

# Dwardu Cachia

Dwardu twieled l-Isla fl-1858. Ta' sitta jew seba' snin daħal l-iskola tal-Gvern. F'April tal-1874, jiġifieri meta kellu sittax-il sena, laħaq assistent surmast fl-iskola tal-Birgu. Minn hemm għadda għal dik tal-Isla u fl-aħħar għal dik ta' Ħal Tarxien.[1]

Kiteb ruxxmata ta' poeżiji. Għat-tqabbil kien jinqala' qatigħ. Il-Malti fil-kitba tiegħu kien mill-iżjed safi, bla tiġbid u bla tqanżiħ. B'danakollu wasal biex laħaq kiteb poeżiji mill-isbaħ, li jħabbtuha ma' tal-aqwa kittieba kbar barranin.

Dwardu kien imdaħħal f'dik ix-Xirka Xemija li twaqqfet ħabta tal-1882. Din ix-Xirka kienet għamlet Alfabett Fonetku biex il-Malti jibda jinkiteb bih. Ħarġet ukoll Folju bl-isem ta' *Is-Sebħ*, li dam joħroġ mill-1 ta' Awwissu 1884 sas-16 ta' Lulju 1886.

Barra dana l-Folju, ix-Xirka Xemija ħabtet toħroġ *Qari għall-Maltin*, li minnu laħqet ħarġet 48 paġna biss.

Dwardu kiteb fit-tnejn, kemm f'*Is-Sebħ* u kemm fil-*Qari*. Għalhekk, dawk il-poeżiji tiegħu li fl-1886 ħareġ fi ktieb bl-isem ta' *Taqbil Malti*, kitibhom kollha fiż-żmien li kien fi ħdan ix-Xirka Xemija.

Xi wħud mill-għanjiet tiegħu, ma humiex ħaġa wisq, aktarx li wieħed jista' jgħid li huma ta' qabbiel, milli ta' poeta; iżda "Katrin tal-Imdina" li dehret fil-*Qari għall-Maltin* hi bla tmerija ta' xejn waħda mill-isbaħ poeżiji li nkitbu bil-Malti.

Dil-poeżija ġiet imfaħħra ħafna mill-Prof. Wistin Levanzin. Dan qal, fin-*Naħla* tiegħu, li kieku Dwardu Cachia kiteb il-"Katrin tal-Imdina" fiż-żmien li

hawn il-premju "Nobel", kienet tistħoqqilha tieħu l-premju tal-Letteratura, għax din ġawhra li ftit hemm bħalha fil-letteraturi ta' ġnus oħra. Ukoll Mons. Psaila faħħarha qatigħ f'*Il-Malti* ta' Ġunju, 1934, fejn qal kelmtejn tassew sbieħ fuqha, u fissirha b'ħafna tiżwiq u tlellix.

Meta spiċċat ix-Xirka Xemija, Dwardu baqa' jikteb xi poeżija 'l hawn u 'l hemm. Għalhekk insibu kitba tiegħu f'*Il-Ħabbar*, fil-*Malta Tagħna* u f'oħrajn.

Fost il-poeżiji li dehru fil-Folju ta' dak iż-żmien, irridu nsemmu waħda li, bħal "Katrin tal-Imdina", tħabbatha wkoll ma' poeżiji oħra tal-aqwa nies barranin. Dina l-poeżija hi traduzzjoni ta' dik l-għanja li Lwiġi di Camoes, poeta Portugiż, kien kiteb fuq waħda rsira, jisimha Barbri, li warajha ssaħħar meta kien l-Indja.

Il-poeżija ta' Camoes kien ħa ħsiebha, fl-1894, il-Professur Xavier da Cunha, Biblijotekarju ta' Liżbona. Dan ried li jaraha maqluba f'kemm Ilsna hawn magħrufa. Għalhekk fittex nies tal-ħila fil-poeżija minn bosta ġnus, fejn talabhom li jaqilbu din il-poeżija, kull wieħed bl-ilsien tiegħu, u jagħmluha fuq l-istess metru li hi fl-oriġinal.

Biex jikseb it-tifsir tagħha bil-Malti, dana l-Professur kiteb lil Dr A. A. Caruana, li dik il-ħabta kien Direttur tat-Tagħlim f'Malta. Caruana qabbad lil Cachia, u dan irnexxielu jaqlibha, kelma b'kelma, u b'versi senarji ta' tmienja tmienja, bħalma hekk ukoll hi mqassma, mill-kittieb tagħha, fl-ilsien Portugiż.

Meta l-Professur Xavier ħassel kemm seta' traduzzjonijiet tal-imsemmija poeżija, ġabarhom kollha flimkien u ħariġhom fi ktieb wieħed bl-isem ta' *Pretidao d'Amor*.

Mill-anqas, f'dan il-ktieb, jinsabu 120 traduzzjoni ta' dina l-Poeżija fuq l-Imħabba tal-magħruf Poeta Portugiż. Fost dawn tinsab ukoll waħda bil-Malti ta' Cachia.

Dina l-biċċa xogħol hi ta' bosta ġieħ, kemm għal Cachia u kemm għall-għażiż Ilsienna: għal Cachia, għax biha wera li hu jaf is-sengħa tat-tħaddim tal-poeżija tajjeb li jista' jħabbatha mal-aqwa poeti barranin; u għal Ilsienna, għax Cachia wera wkoll li l-Malti hu tajjeb biex tasal bih sa fejn jistgħu jaslu l-aqwa Ilsna kbar li hawn.

Mill-ktieb *Pretidao d'Amor* ma ħarġux għajr 300 wieħed. Dawn tqassmu bejn it-tradutturi tagħha u dawk li ndaħlu biex isibu 'l min jittraduċiha.

Dwardu Cachia dam jagħmilha ta' assistent surmast fl-iskejjel tal-Gvern għal dawra ta' 34 sena. Ħa l-pensjoni fl-1 ta' Frar, 1907. Iżda ma damx jistgħallha wisq, għax miet fit-12 ta' Ġunju tal-istess sena, sew sew meta kien għadu jaħasra ta' 49 sena.

*Deher f'*Il-Berqa, *17 ta' Novembru 1937.*

**Nota**

1 *Il-Malti*, Ġunju tal-1934.

# G. B. Falzon

Fl-1845 ħareġ dizzjunarju mill-Malti għat-Taljan u l-Ingliż fi ktieb ta' 309 paġni. Dan id-Dizzjunarju hu mogħni bl-ismijiet tal-ħxejjex, ħut, tajr, ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu mas-sengħa tat-tbaħħir, kif wieħed għandu jitkellem u bosta qwiel. Fih ukoll fil-qosor xi regoli tal-Grammatka tal-Ilsien Malti.

Fl-1850 ħareġ ktieb żgħir imsejjaħ *Att ta' Ringrazzjament lill-Madonna għall-ħelsien tal-Kolera*. Fl-istess sena ħareġ ukoll *Guida alla conversazione delle Lingue Italiana, Inglese e Maltese*. B'dil-*Guida* wieħed jista' jitħarreġ sewwa fit-tliet Ilsna li semmejna, billi fiha ħafna tagħrif dwar kif wieħed għandu jitkellem.

Ġanpatist Falzon żied dejjem jikteb u jħabrek biex il-Maltin jitgħallmu tajjeb b'ilsna oħra bis-saħħa ta' kitba mfittxa u tajba bi lsienhom. Huwa, tista' tgħid, kiteb fuq kull bixra tal-ħajja. Id-dizzjunarji tiegħu għadhom imfittxija sal-lum u dnub li ma tantx wieħed isib jixtri minnhom.

Falzon kiteb ukoll il-*Ħajja tal-Qaddisin Verġni u Martri*, flimkien mal-*Ħajja tal-Madonna*, u ħariġhom fl-1855. Iżda, billi dal-ktieb mexa sewwa, reġa' stampah mill-ġdid fl-1861.

Fl-aħħar żminijiet tiegħu, Falzon għamel aktar minn 20 sena midfun f'daru, milqut minn marda kiefra li filġitu. B'danakollu, baqa' dejjem jgħaddi ħajtu fl-istudji, billi dana biss kien il-hena tiegħu, jaħdem għall-ġid ta' Lsienna. Ġanpatist kien joqgħod l-Isla, fit-Triq tal-Vittorja Nru. 55.



DIZIONARIO

MALTESE-ITALIANO-INGLESE

ARRICCHITO DI NOMI DI

BOTANICA, ITTIOLOGIA, ORNITOLOGIA, E MARINERIA,

COME PURE DI VARIE

FRASI, MODI DI DIRE, E PROVERBII.

PRECEDUTO DA UNA

BREVE ESPOSIZIONE GRAMMATICALE

DELLA LINGUA MALTESE

DI

GIOVANNI BATTISTA FALZON.

MALTA:

1845.

THE ROYAL UNIVERSITY OF MALTA Reference Library

Il-frontispizju ta' *Dizionario Maltese-Italiano-Inglese*

Fl-1882 reġa' ħareġ mill-ġdid, miżjud u msewwi, id-Dizzjunarju mill-Malti għat-Taljan u l-Ingliż. Imbagħad ħareġ id-Dizzjunarju mit-Taljan għall-Ingliż u l-Malti. Ħabat joħroġ ukoll id-Dizzjunarju mill-Ingliż għall-Malti u t-Taljan. Iżda minn dan laħqu ħarġu ftit faxxikli biss. X'kien li ma ssuktax, ma sibniex. Biss nistgħu naħsbu, li, il-ħtija ta' dan in-nuqqas, kienet il-mewt tiegħu. Ġanpatist Falzon miet f'Jannar tal-1884. Kellu 71 sena.

*Deher f'*Il-Berqa, *17 ta' Novembru 1937.*

# Dun Alwiġ Galea

Dun Alwiġ twieled fis-27 ta' Awwissu, 1851, minn Anġlu Galea, Għawdxi, u minn Ġużeppa Muscat. L-għada li twieled għammduh fil-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl tal-Belt.

Minn ċkunitu wera li kellu ġibda kbira li jsir qassis, ħaġa li għoġbot ħafna lil niesu. Għamel l-istudju tiegħu taħt Dun Pawl Vella, imbagħad fis-Seminarju tal-Imdina u fl-Università. Meta sar qassis, ta ruħu biex jaħdem għal Alla u għall-ġid ta' għajru. Kiteb bit-Taljan, u wkoll bil-Latin, dwar it-Teoloġija ta' San Tumas d'Akwinu, kotba li ġew imfaħħra ħafna, sa miċ-*Civiltà Cattolica*. Barra dawn, kiteb oħrajn fuq it-Teoloġija wkoll, kemm bit-Taljan u kemm bil-Latin.

Iżda Dun Alwiġ mhux fl-Ilsna barranin biss ħadem għall-ġid ta' għajru, imma fi Lsien Artu wkoll. Terġa', il-ħidma tiegħu fil-qasam tal-Malti kienet kbira u bla heda. Kiteb bosta ħajjiet ta' Qaddisin u ħafna kotba oħra żgħar li ħareġ bl-eluf fuq xi tagħlim Nisrani u fuq tifsir ta' ħwejjeġ li aħna l-Insara għandna nemmnu. Biżżejjed ingħidu li, bejn kotba kbar u żgħar, bil-Malti kiteb tletin wieħed.

Il-kitba tiegħu ma kienx jagħmilha għall-qligħ. Mhux dan biss, imma naħsbu li aktarx telf kien ikollu minnhom; naħsbu li anqas ħaqq il-karta ma kien jiġbor tagħhom. U ma jistax ikun li le, meta tara l-kotba tiegħu bil-mijiet ta' paġni, kien ibigħhom żewġ soldi jew tlieta biss. Terġa', xi wħud mill-kotba tiegħu kellhom prezzijiet tad-daħk, biex ingħidu hekk. Dawn kienu jinbiegħu bis-sitt ħabbiet u bit-tliet ħabbiet il-wieħed!


TIFCHIRA

TAL

MISSIONI IŻ-ŻGHIRA

MICTUBA GHAT-TFAL

MIN

DUN ALUIG GALIA.

MALTA.
Stampat it-tieni darba ghand C. Busuttil
Strada Forni Nru. 133.
1895.

Il-frontispizju ta' *Tifkira tal-Missjoni ż-Żgħira*

Bħalma rajna, Dun Alwiġ kien ibigħ il-kotba tiegħu b'xejn. U dan kien jagħmlu biex kemm jista' jxerridhom f'idejn għajru, ħalli kulħadd jistgħall il-ġid minnhom. Barra l-kotba li ħareġ għal rasu, kiteb ħafna wkoll għall-*Qari mill-Annali tal-Propagazzjoni tal-Fidi*, qari li kien joħroġ darbtejn fis-sena.

Dun Alwiġ kellu qima kbira lejn il-Madonna u kien iħobbha wisq. Fuq hekk, bosta mill-kotba bil-Malti tiegħu huma dedikati Lilha.

Kien jinqala' ħafna għall-prietki, u kien jieħu ħsieb jiġbor it-tfal għad-Duttrina fil-Knisja tal-Vittorja. It-tfal kienu miġbuda wisq lejh għall-ħabta kbira li kellu biex ifissrilhom it-tagħlim Nisrani.

Kellu sehem kbir ukoll fil-"Missjoni ż-Żgħira" li l-ħsieb tagħha għadu sal-lum li żżur il-Parroċċi u tagħmel il-missjonijiet lit-tfal.

Dun Alwiġ ħalla dana l-wied tad-dmugħ fit-8 ta' April, 1905, fil-għomor ta' 54 sena; iżda x-xogħol tiegħu baqa' bħala wirt ta' qalbu lill-Maltin u l-Għawdxin.

*Deher f'*Il-Berqa, *9 ta' Novembru 1937.*

# Pietru Pawl Castagna

Pietru Pawl twieled f'Bormla. F'żgħożitu kien mogħti għat-Teatrini u ħa sehem f'bosta reċti.

Għal ħiltu, minn Assistent fl-iskola tal-Gvern, irnexxielu jilħaq Surmast Direttur fl-iskola ta' Bormla.

Kien jinqala' sewwa għall-kitba fi Lsienna. Kiteb xi farsi u kummiedji sbieħ ħafna, fejn fihom kien jieħu sehem hu wkoll. Fost dawk li kiteb stampa dawn: "Baslakku fit-taħbila tal-magna", "It-tliet għomi vagabondi ħallelin", "L-ewwel tas-sena" u "Il-Kungress tas-Sefturi".

Castagna kien jixtieq wisq li r-reċitar fi Lsienna jgħaddi 'l quddiem kemm jista' jkun. Fuq dil-biċċa kien iħabrek ħafna mad-dilettanti Maltin biex jitgħallmu dina s-sengħa u jkunu jafuha sewwa bħall-artisti barranin. Ara kemm hu hekk, Castagna kien l-ewwel u l-waħdani kittieb li kiteb bil-Malti r-reguli tal-palk, f'ġabra ta' tagħlim, li aħna nistgħu nsejħulu l-"Kodiċi tal-Palk Malti". Dan ix-xogħol sabiħ, ta' ħtieġa u għalliemi, stampah bħala żieda fil-farsa tiegħu "Baslakku fit-taħbila tal-Magna", skerz komiku li, meta jsir sewwa, jista' jħabbatha mal-isbaħ xogħlijiet bħalu ta' barra. It-tagħrif dwar dan il-"Kodiċi" tahulna l-ħabib tagħna Tankred Borg, kittieb u dilettant mill-aħjar tal-Palk Malti.

Iżda l-aqwa xogħol tiegħu kienet storja ta' Malta bil-Malti, li ħareġ fi tliet kotba. Din intgħoġbot tant, li ħarġet darbtejn: fl-1865 u fl-1888.

Għalkemm f'dal-ktieb ta' Castagna wieħed jiltaqa' ta' spiss ma' bosta żbalji dwar ġrajjietna, iżda fuq it-tagħrif li rnexxielu jiġbor fiha, aħna nżommuha bħala waħda mill-isbaħ Stejjer ta' Malta li għandna.

Castagna miet f'Bormla, fit-13 ta' April, 1907, fil-għomor ta' 83 sena.

*Deher f'*Il-Berqa, *9 ta' Novembru 1937.*

# Anton Manwel Caruana

Ninu twieled fil-21 ta' April, 1839, fil-Belt. Missieru kien jismu Ċensu. Ta' għaxar snin, jiġifieri fl-1849, insibuh li kien imur jitgħallem fl-Iskola ta' b'xejn li Patri Gejt Pace Forno kien waqqaf il-Belt, fil-Kunvent tal-Patrijiet ta' Santu Wistin, sena qabel – fl-1848.

F'idejna għandna ċertifikat li kien mogħti lil Ninu Caruana u ffirmat mill-ewwel Rettur li kellha l-imsemmija Skola, Patri Gejt Pace Forno. Dana ċ-Ċertifikat tahulu għall-imġiba tajba tiegħu fl-iskola u talli qagħad attent biex jitgħallem matul ix-xahar ta' Mejju, 1849.

Patri Gejt dam irieġi l-Iskola ta' Santu Wistin sal-1857, billi fit-3 ta' Diċembru tal-imsemmija sena laħaq Isqof ta' Malta u Għawdex.

Meta Ninu Caruana spiċċa mill-iskola, aktarx li kien taha għas-safar u t-tbaħħir. Għandna ktieb legat jismu *Passaporto di Antonio Caruana*, u jġib dana ż-żmien: *21 Maggio 1858*. Minn dana l-Passaport nieħdu li Ninu f'Ġunju tal-1860 kien ir-Russja, f'Tagaurog.

Wara li Caruana xaba' jbaħħar u jinnegozja, taha għall-istudju tal-ilsien Malti. U biex juri kemm l-għażiż u sabiħ Ilsienna hu ta' benna, għani u fejjiedi, kiteb ktieb, ġrajja ta' Malta, bl-isem ta' *Ineż Farruġ*.

Dana l-ktieb, li ħareġ fl-1889, fih 261 paġna kbar. Għal dana l-ktieb nistgħu ngħidu, bla ebda biża' ta' xejn tmerija, li hu mill-isbaħ kotba li għandna fi Lsienna.

Fil-*Portafoglio Maltese* tal-1894, u 1895, Caruana ħareġ, biċċa biċċa, l-istudju etnografiku u filoloġiku li kien għamel dwar in-nisel tal-ilsien Malti.




Il-frontispizju ta' *Sull'Origine della Lingua Maltese*

Iżda sena wara, jiġifieri fl-1896, imħajjar minn xi ħbieb tiegħu, ġabru flimkien, sewwieh mill-ġdid, żiedu u riqmu, u ħarġu fi ktieb għalih taħt l-isem ta' *Origine della Lingua Maltese*.

Dal-ktieb fih studju kbir dwar tagħrif il-Malti, waqt li kkritika lil bosta kittieba li kitbu fuq l-istess ħaġa. Barra minn hekk, fih Storja ta' Malta mill-isbaħ, fejn tafa' bosta dwal fuq ġrajjietna, billi waqqa' ħafna ħwejjeġ minn kif kien sawwarhom wieħed mill-ewlenin kittieba Maltin – il-Kmandatur Abela.

Fl-1903 ħareġ Dizzjunarju mill-Malti għat-Taljan taħt l-isem ta' *Vocabolario della Lingua Maltese*.

F'dan il-ktieb iħeġġeġ għall-kultivazzjoni tal-Malti u t-tgħallim tiegħu. U biex juri s-siwi ta' dan, isemmi bosta ħwejjeġ fejn wieħed jista' jinqeda bil-Malti ħalli jikseb tagħrif fuqhom.

Għall-għerf li kellu, mhux biss li Caruana kien magħruf f'Artu, imma kien magħruf barra minn Malta wkoll. Jikteb u jitħaddet b'bosta Ilsna, sa bir-Russu kien jaf xi ftit ukoll, billi kien dam xi żmien fir-Russja. Iżda, l-aktar tħarriġ li kellu, kien fl-Ilsna Semitiċi.

Ninu Caruana miet fl-24 ta' Settembru, 1907, f'Tas-Sliema, fi Triq Prince of Wales, Nru. 163, fejn kien joqgħod. Il-mewt tiegħu kienet ta' malajr, b'ħass ħażin li tah f'daqqa. Kellu 69 sena.

*Deher f'*Il-Berqa, *9 ta' Novembru 1937.*

UNIVERSITY OF MALTA
-MAIN LIBRARY-

# Richard Taylor

## Wieħed mill-"Bennejja tal-Malti"

Dwar 25 sena ilu, konna ktibna l-ħajja ta' Richard Taylor, bħala wieħed mill-ftit kittieba ta' dari, billi rajna li, sa dakinhar kien għadu ħadd ma tqanqal, biex jikteb xi ħaġa dwar dan il-kittieb għad illi kien fadal xi kotba minn tiegħu jiġru fl-idejn.[1]

Dil-biċċa ħajret lilna biex nidħlu aħna għal dan ix-xogħol, billi ninsġulu ħajtu, bħalma hekk ukoll għamilna f'dik il-ħabta, ma' xi kittieba oħra tal-Malti. Għalhekk konna aħna l-ewwel li ftaħna t-triq u wrejna min kien Richard Taylor.

Is-Sur Ġużè Cassar Pullicino kien ħareġ ktieb f'żewġ taqsimiet dwar *Kitba u Kittieba tal-Malti*. Fost l-oħrajn isemmi wkoll lil Richard Taylor.

Barra milli f'dal-ktieb naraw x'paċenzja kbira għandu s-Sur Cassar Pullicino, għat-tiftix storiku, nieħdu ħjiel sewwa wkoll ta' kemm hu mħarreġ tajjeb f'dik is-sengħa li jifli, bir-reqqa kollha, il-kitba tal-Maltin tal-qedem u jikkummenta dwarha.

Il-kitba tas-Sur Cassar Pullicino ħajritna biex nerġgħu ninsġu ħajjet Richard Taylor mill-ġdid, l-aktar ukoll, billi minn dak iż-żmien li ktibnieha l-ewwel darba 'l hawn, sibna xi ħwejjeġ oħra dwaru, li, sa fejn nafu, ma humiex magħrufa, u għalhekk dehrilna li għandna niġbruhom flimkien u nagħtuhom id-dawl. Għax mhux ta' min iħallihom jintilfu billi dawn huma mxerrda 'l hemm u 'l hawn.

Richard Taylor, għalkemm għandu ismu Ingliż, huwa Malti sa għarqubu, daqs kull wieħed minna u kien iħobb ilsienna daqs id-dawl t'għajnejh bħalna, billi qatta' s-snin il-kbar jaħdem b'ħeġġa kbira, fil-qasam tal-Malti, fiż-żmien

meta lsienna kien għadu bilkemm beda jitgħallem, fejn ħareġ għadd ġmielu ta' kotba bil-Malti, kemm fi proża u kemm f'poeżija, kemm sagri u kemm profani. U b'hekk, b'riħet kitbietu, għen ħafna t-tixrid tal-għażiż ilsienna. Għalhekk, bħala li kien mill-ewlenin kittieba, nistgħu ngħodduh b'wieħed mill-"Bennejja tal-Malti".

Iżda, qabel ma ngħaddu iżjed 'il quddiem, irridu nistqarru, meta 25 sena ilu ktibna l-ħajja ta' Richard Taylor konna ksibna b'self, mingħand wieħed ħabib tagħna, kollezzjoni ta' Ġaħan, ġurnal maħruġ minn Taylor. Għax, li ma kienx hekk, ma konniex nistgħu nitkellmu dwar fejn twieled u x'għadda minn tfulitu u żgħożitu, billi l-Ġaħan li hemm fil-Biblijoteka, huwa nieqes in-Nru. 28, fejn tibda: *Il-Ħajja u l-Vinturi ta' Ġaħan.*

Richard Taylor jgħid li twieled fit-28 ta' Marzu, 1818, fil-Belt ta' Ħarabuża, li kif sibna fl-ewlenin folji ċajtiera, li ħarġu wara li ġiet mogħtija l-Libertà tal-Istampa f'Malta, ried jgħid għal Bormla. U bħalma lil din kienu jsejħulha "Ħarabuża", f'dak iż-żmien, hekk ukoll il-Belt Valletta kellha l-laqam tagħha. Lil din kienu jgħidulha "Trebiżonda".

Fuq dan it-tagħrif li konna tajna, is-Sur Cassar Pullicino seta' jerfa' l-Fidi tal-Magħmudija ta' R. Taylor mill-Arkivju tal-Kolleġġjata ta' Bormla. Minnha nieħdu li Taylor twieled fil-25 ta' Marzu u mhux fit-28, bħalma qal hu fil-*Ġaħan.* Missieru kien jismu Joseph u ommu Giovanna, imwielda Farrugia.

Billi dari kien għad ma daħlitx fostna dik id-drawwa li għandna llum, jiġifieri li jsejħu lil dak li jkun bl-ewwel isem li jitniżżel fir-Reġistru tat-twelidijiet, nies Taylor bdew jgħajtulu bit-tieni isem li tawh fil-magħmudija tiegħu – Richard.

Biex ma ntawlux wisq, ħalli nġibu eżempju wieħed biss, li minnu naraw kif kienet taħdem din id-drawwa f'dawk iż-żminijiet. Dun Gejtanu Mannarino, bniedem magħruf ħafna fostna. Dan twieled fil-Belt Valletta, fl-1 ta' Settembru, 1733. Fil-magħmudija tiegħu, li saret fil-knisja ta' San Pawl, tawh ismijiet ta' Ġakbu, Masu u Gejtu. Iżda niesu għażlu li jsejħulu bit-tielet isem. Għalhekk sejħulu Dun Gejtanu Mannarino.

Fi ċkunitu, Taylor ma ried jaf b'tagħlim xejn. Moħħu kien f'li joqgħod jitliegħeb, jiġri u jitlajja 'l hinn u 'l hawn. Iżda, wara ħafna talb u taħbit minn ommu u missieru, fl-aħħar dar u qagħad li jibqa' jagħtiha għat-tagħlim. Dan kien meta kellu disa' snin.

Billi Richard għamel il-ħajra li jsir qassis, missieru libbsu ta' abbati u daħħlu jitgħallem is-Seminarju. Iżda dal-ħsieb tiegħu ma seħħx, għax meta kiber reġa' bdielu. Neża' minn abbati, ħalla t-tagħlim u taha għas-safar. B'danakollu dil-

biċċa anqas m'għoġbitu. Wara xi żmien li għamel ibaħħar dawwar qlugħu lejn Malta, fejn tħajjar jibda jikteb xi taqbil u xi kurunelli bil-Malti.

Aħna naħsbu, li l-ewwel ktieb maħruġ minnu, kien dak li fih *Via Sagra tal-Beatu Pietru Metastażju*, miġjuba fl-ilsien Malti f'taqbil. Dan kien mitbugħ fl-1839, jiġifieri meta Taylor bilkemm kien għad għandu 20 sena.

Wara dan, fl-1840, ħareġ ktieb ieħor li l-isem tiegħu hu *Tagħlim ħafif tal-għaqda l-qadima u l-ġdida fuq il-Kotba Mqaddsa għall-ħtieġa tal-Maltin.*

L-ewwel ktieb li semmejna hu żgħir, billi ta' ftit paġni. Iżda, l-ieħor mhux ħażin fil-ħxuna, għax fih 58 paġna barra mill-indiċi, għalkemm il-folji huma ta' daqs ċkejken. B'danakollu, mill-ħeġġa li Taylor wera bil-kitba tiegħu jidher li kien wieħed mill-ewlenin li beda jistgħall mit-twaqqif tal-istamperiji fi gżiritna, b'riħet il-Libertà tal-Istampa, li ġiet mogħtija lil Malta f'Marzu tal-1839 biex kemm jista' jkun jixxerred l-għażiż ilsienna.

Ftit taż-żmien wara li tħajjar jagħtiha għall-kitba tal-Malti, l-imsejken Taylor safa' ltim minn ommu u missieru, billi mitulu t-tnejn. Mhux biss, iżda ħallewh imqaxqax u bla sold jekk mhux ukoll b'xi ftit tad-dejn.

Għal dan l-hemm li ġie fuqu, qabditu diqa kbira, li għamel f'qalbu. Biex iderri reġa' telaq mill-Gżira billi siefer lejn l-Eġittu. Hemm daħal bħala pittur f'teatru. Iżda f'dik l-art ma saddadx wisq. Għax kellu jħalli l-Eġittu ħin bla waqt minħabba saram li nqalagħlu fejn fih kienu mdaħħlin xi nisa.

Ġie lura lejn Malta fejn fetaħ tarf ta' negozju tat-tabakk, bla ma rnexxa fih billi mar lura bħall-granċ u f'matul sena minnu tilef kemxa flus sewwa. Fuq hekk, Taylor warrab in-negozju għalkollox u reġa' beda jagħtiha għall-kitba tal-orazzjoni bil-Malti.

Barra t-*Tagħlim tad-Duttrina* u xi *Kurunelli*, kien għad ma hawn l-ebda ktieb tal-Knisja li seta' jaqdi lil dawk li ma kinux jafu għajr ilsien gżiritna. Taylor kien l-ewwel wieħed li ħa l-ħsieb biex jibda jikteb minn din l-għamla ta' kotba. Għalhekk fl-1842 narawh joħroġ *It-Triq tal-Ġenna*, ktieb ta' talb meħtieġ għal kull Nisrani li jixtieq iħares ruħu. Dal-ktieb, li hu ta' 158 paġna, barra minn ħafna talb proża li fih hemm talb ieħor ukoll li hu minsuġ f'taqbil.

Ma noqogħdux insemmu kemm-il darba deher dan il-ktieb. Għax ma nsibux tarf, billi l-ħtieġa tiegħu baqgħet tinħass ħafna fostna sal-lum. Għalhekk, kull meta tispiċċa edizzjoni, jagħmlu oħra.

Sena wara li ħareġ l-ewwel darba *It-Triq tal-Ġenna*, jiġifieri fl-1843, ħareġ *Il-Passjoni tas-Sinjur Tagħna Ġesù Kristu*, miktuba minn San Mattew, flimkien mal-*Lamentazzjoni tal-Profeta Ġeremija*. Il-Passjoni hija miktuba fi proża, waqt li l-Lamentazzjonijiet ta' Ġeremija huma kollha taqbil.

Terġa', fiż-żmien li qed insemmu tal-1843, fettillu joħroġ ukoll ktieb kontra n-nisa ħżiena, miġjub fil-Malti mit-Taljan ta' Diunilgo Valdecio, u għamlu kollu, bħalma hekk hu fl-oriġinal. Semmieh *L-Iskoll tal-Bniedem*. Bit-Taljan jismu *Lo Scoglio dell'Umanità*.

Dal-ktieb intgħoġob ħafna. Għax, fl-1851, reġa' ħareġ. Iżda, did-darba b'108 paġni u l-Indiċi, waqt li meta deher fl-1843, kien ta' 130 paġna barra l-Indiċi.

Fl-1901, Turu Caruana ħarġu fi proża. Il-ktieb ta' Taylor hu twiddiba lil dawk iż-żgħażagħ għożżieb kollha, biex jiftħu għajnejhom mill-ħażen u l-qerq tan-nisa ħżiena.

Iżda, jekk b'dan il-ktieb Taylor irnexxielu juri li n-nisa ħżiena huma tassew "Skoll" għall-bniedem, għalih dal-ktieb kien ta' "Skoll" kbir ukoll, billi kellu xi jgħid sewwa mal-istampatur Cumbo li tebagħhulu. Taylor qal li tal-ktieb kellu jħallas 100 skud, waqt li l-istampatur jgħid li tal-ktieb kellu jħallas 120 skud. Fuq hekk, ġew fil-Qorti. Iżda, billi Taylor ma riedx iħallas daqskemm talbu Cumbo, dan, kif jgħid Taylor stess f'*Il-Ħajja u l-Vinturi ta' Ġaħan* tefgħu ġewwa, f'tad-dejn.

Meta ħareġ, iżżewweġ lil Carmela Triganza.

Billi Taylor kien jinqala' tajjeb bit-Taljan, bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Latin, biex jgħix, kien jagħti lezzjonijiet ta' dawn l-ilsna wkoll. Fl-1843, issokta joħroġ ktieb żgħir, ta' 8 paġni, b'*Tifħir u talb lil S. Vinċenz Ferreri*, taqbil kollu.

Taylor issokta l-ħajja tiegħu fil-kitba tal-Malti, li, tista' tgħid, ma kellux heda f'dal-qasam. Għax meta dan ra li fit-*Triq tal-Ġenna* li deher fl-1843, u kemm-il darba wara, qed jitnissel ħafna ġid fl-erwieħ, fi ktieb ieħor li għamel, ħa ħsieb biex dan issa jkun ta' ġid materjali għal għajru. Irridu ngħidu għal dak li ħareġ f'Ċipru tal-1844, bl-isem ta' *Taħriġ ta' taħdit tat-Taljan, Ingliż u Malti*, taħditiet ħfief u familjari għall-iskejjel.

Dal-ktieb li hu magħruf fostna bl-isem ta' *Conversation* kien jista' jitqies bħala dizzjunarju familjari mirqum tajjeb, biex jgħallem lit-tfal it-termini tekniċi ta' kull sengħa, professjoni, eċċ.

Il-Malti hu miktub bl-ortografija ta' Ġanpatist Falzon, il-kittieb tad-dizzjunarju tal-imsemmija tliet ilsna.

Malli deher dal-ktieb ġie milqugħ bil-qlugħ (sic) miftuħa mill-Maltin, billi mill-ewwel intebħu bis-siwi tiegħu. Ara kemm li lanqas laħqu għaddew sitt xhur, li ma għosforx mill-idejn. Fuq hekk, billi nħasset ħafna l-ħtieġa ta' ktieb ta' din l-għamla, Taylor kellu jagħmel it-tieni edizzjoni tiegħu, b'żieda ta' ħafna frażijiet oħra. Ħareġ f'Diċembru tal-1844, mill-istamperija *Anglo Maltese*. Dan il-ktieb kien għażla mill-Vokabularju ta' Perim.

Taylor, bil-*Conversation* tiegħu, fetaħ triq oħra ġdida, kemm għall-Maltin u kemm għal dawk kollha li riedu jitħarrġu u jitgħallmu fl-imsemmija tliet ilsna. Għalhekk hu kien l-ewwel wieħed li fostna nissel din l-għamla ta' kotba li s-siwi u l-ħtieġa tagħhom għadhom saħansitra jinħassu sal-lum billi ta' sikwit joħorġu minnhom.

Meta Taylor ra li l-Maltin qed jiċċaqilqu u jqumu sewwa għat-tagħlim, biex jissokta jgħinhom, f'Novembru tal-1844 ħareġ *Grammatika Taljana għall-ħtieġa tal-Maltin*. Għalkemm dal-ktieb hu żgħir, billi b'kollox fih 66 paġna, biss, wieħed li ma jkunx jaf għajr bil-Malti, bis-saħħa ta' dan, ikun jista' jitgħallem u jikseb it-Taljan waħdu.

Il-"Grammatika" hija miktuba wkoll bl-ortografija ta' G. B. Falzon. Ma kienx biżżejjed għal Taylor ix-xogħol ta' fejda kbira li għamel biż-żewġ kotba ta' tagħlim li semmejna, ried jissokta jaħdem aktar f'dan il-qasam, billi, kif insibu fil-*Malta Times* tal-1844, f'Awwissu ta' dik is-sena, fetaħ skola fil-Belt, Triq iz-Zekka, Nru. 61, fejn kien joqgħod.

Taylor qal li waqqaf din l-iskola tiegħu billi kkopja l-aħjar sistema ta' skejjel li hemm fl-Ingilterra. F'din l-iskola, kellu jgħallem liż-żgħażagħ, ta' kull età u ħila, il-kitba, il-qari, l-Ingliż, it-Taljan u l-Aritmetika.

Il-ħin tal-iskola kien mit-8 u nofs ta' filgħodu sa nofsinhar għat-tagħlim tal-qari, Ingliż, kitba u taħdit.

Waranofsinhar, mis-2 sal-4, għall-qari, Taljan u Aritmetika. Matul il-ġimgħa, fil-jiem tax-xogħol, ma kien hemm ebda vaganza, barra s-Sibt, li, min kien irid, seta' jmur filgħodu biss, biex jitgħallem id-Duttrina.

Għal dawk li ma setgħux imorru binhar minħabba xogħolhom, l-iskola għal filgħaxija, kienet tiftaħ wara l-Ave Marija, għal sagħtejn.

Taylor wiegħed li jħabrek kemm jista', bil-ħeġġa u bżulija kollha, biex jagħti lill-iskulari tiegħu, tagħlim sewwa u bir-reqqa, kemm morali u kemm reliġjuż.

Il-ħlas kien 2/6d fix-xahar, kemm għal dawk ta' binhar kemm għal dawk ta' billejl.

Għalkemm Taylor, bħalma rajna, tefa' ħafna minn ħinu u ħiltu, biex jara lil ħutu l-Maltin jitgħallmu, b'danakollu, il-kotba sagri ma nsihomx. Għax barra minn ktieb żgħir ta' 8 paġni, jismu *Tridu mqaddes lill-Patrijarka San Duminku*, reġa' ħareġ il-ktieb tal-Passjoni mill-ġdid. Biss did-darba ħarġu f'għadd aktar ta' paġni (62), billi miegħu żiedlu dak li kitbu t-tliet Evanġelisti l-oħra, jiġifieri San Mark, San Luqa u San Ġwann. Terġa', dawn il-kotba tal-Passjoni, wara ħarġu drabijiet oħra.

Meta n-nies raw dik ir-ruxxmata ta' kurunelli, ta' sikwit ħierġa minn taħt idejn Taylor, malajr għarfu fih li hu jinqala' tajjeb ukoll f'dan ix-xogħol.

Għalhekk bosta kienu dawk li jmorru jsibuh u jagħtuh dik ix-xi ħaġa żgħira tal-flus biex jiktbilhom xi poeżija ta' tifħir dwar dak il-qaddis jew qaddisa li jkunu jridu, minn dik il-għamla ta' poeżija li jitqassmu fil-festi.

Jidher li Taylor kien jinqala' sewwa għat-tqabbil, mhux biss mill-poeżiji li s'issa semmejna, imma dan tixhdu wkoll il-ħila li wera kull meta daħal għal xi biċċa xogħol iebsa u tqila. Irridu ngħidu għal dak il-ktieb ta' Dr Edward Young, li Taylor qaleb mill-Ingliż għall-Malti, u tah l-isem ta' *Jum il-Ħaqq*. Dan il-ktieb, ta' 106 paġni, ħareġ fl-1845 u huwa mqassam fi tliet għanjiet. L-ewwel waħda ta' 120 strofa, it-tieni ta' 144 u t-tielet ta' 102, li kollha jitħaddtu fuq il-Ġudizzju Universali.

Il-ktieb ta' Dr Young hu magħdud bħala wieħed mill-isbaħ xogħlijiet li hawn fid-dinja, kemm fil-ħsibijiet tiegħu u kemm fit-tqegħid tal-kliem. U dan jagħrfuh u jistqarruh dawk il-ġnus kollha li ġabuh fl-ilsien tagħhom, billi jgħidu li, għall-ġmiel tiegħu, kotba bħalu ftit dehru. Għalhekk, Taylor deherlu li, bħalma huwa mfisser b'ilsna oħra, aħna ma kellniex nibqgħu mċaħħdin minn dan ix-xogħol hekk sabiħ. L-aktar għax bħalma Taylor jgħid fid-daħla ta' dan il-ktieb tiegħu, aħna l-Maltin nitkellmu bi lsien li bih Alla l-Imbierek lehem lil kull qaddej li deher fl-art ta' Iżrael: nitkellmu bi lsien li minnu nnifsu juri l-qilla, il-għadab, id-dmugħ u l-ħlewwa.

F'dan il-ktieb, Taylor fisser u wera bid-dieher dak kollu li għandu jgħaddi mill-ħlejjaq u l-bnedmin tad-dinja kollha f'dak il-jum tal-għadab t'Alla kif jgħallmuna l-Kotba Mqaddsa.

*Jum il-Ħaqq* ta' Taylor kien imfaħħar ħafna. Biżżejjed insemmu x'qalet waħda mill-gazzetti bit-Taljan li kienu joħorġu f'Malta f'dak iż-żmien, jisimha *L'Unione*. Għal dan il-ktieb qalet hekk:

> Ma nsemmu xejn fuq it-toqol tal-argument! Anqas fuq il-ħsieb għoli ta' dan il-kbir kittieb Ingliż! Biss irridu ngħidu li fost dawk kollha li qalbu dan il-ktieb fi lsienhom ħadd minnhom ma rnexxielu jidħol hekk 'il ġewwa biex ifisser sewwa dak li ried jgħid l-imsemmi kittieb Ingliż daqs il-poeta tagħna Malti, Richard Taylor.

## Tixwixa

Lil Taylor insibuh jidħol għal kull fettuqa li tinqala' f'din iċ-ċkejkna gżira biex b'dik il-ħelwa kitba poetika tiegħu jħeġġeġ aktar ħalli jitolbu bl-akbar ħrara

għaliha, l-iżjed meta artna tkun mikduda minn xi ħtieġa kbira. Irridu ngħidu għal dawk id-drabi li gżiritna sfat magħfusa b'dik il-kiefra nixfa ħtija ta' nuqqas ta' xita – ħaġa li ġieli ġarrabnieha aħna wkoll fi żmienna. Għalhekk, billi f'dik il-ħabta ġew xi snin b'nuqqas kbir ta' xita, Taylor ħa ħsieb biex fl-1845 ħareġ ktejjeb ta' 8 paġni kollu taqbil bit-*Tifħir u talb lil Marija Verġni Mqaddsa taħt it-titolu Consolatrix Afflictorum, għall-ħtieġa tax-xita.*

Fl-1846, il-Gvern ħareġ amar, biex jitneħħa l-Ħadd, minn fost il-jiem tal-Karnival. Dan l-amar kien qanqal għagħa kbir fost in-nies, u ħadd ma ried joqgħod għalih. Fuq hekk, fil-jum tat-22 ta' Frar tas-sena li semmejna, li ħabat il-Ħadd li ma kellux jitħalla li jsir fih il-Karnival, saret tixwixa kbira fil-pjazza ta' quddiem il-Palazz fejn l-Ispettur tal-Pulizija (kif kienu jsejħulu lill-Kummissarju dak iż-żmien) safa' midrub b'daqqa ta' siegħ (kejl) fuq rasu. Min tahielu, ma nqabadx. Iżda, waħħlu f'wieħed li mar il-ħabs bla ħtija, kif qalu xi ġurnali ta' dak iż-żmien.

Meta t-tixwixa hdiet għalkollox, u fil-misraħ ta' quddiem il-Palazz ma kienx fadal għajr xi ftit nies jippassiġġaw għal xogħolhom, inġabru s-suldati Ingliżi u l-pulizija nfexxet f'dawk il-ġwejda nies billi bdiet taqbad, issawwat u tarresta lil min ġie ġie.

Dwar din it-tixwixa, x'sar mill-arrestati u x'tilwim inqala' wara, Taylor kiteb tliet kotba kollha taqbil b'xi stampi. Wieħed semmieh, *Il-Karnival ta' Malta tal-1846*; l-ieħor *Id-Dispotiżmu u l-Inġustizzji fuq Malta mgħottijin fil-Parlament* (Ingliż) *bil-ħjiena*; u t-tielet *Il-Lixka tal-Imzazen.*

Fuq dil-biċċa tal-Karnival li semmejna, il-ġurnali ta' dik il-ħabta, damu jtambru żmien, u kienu saħnu sewwa. Hekk ukoll in-nies li qrawhom. U billi l-interess dwar il-qagħda f'Malta, kiber ħafna fost il-poplu, Taylor tħajjar li jibda jagħtiha għall-ġurnaliżmu biex ikun mal-oħrajn.

Fit-8 ta' Settembru, 1846, deher Folju tiegħu, jismu *Ġaħan* b'4 paġni żgħar, ingħidu aħna d-daqs ta' dawk il-faxxikli tar-rumanzi li qed joħorġu llum.

Għall-bidu, Taylor kien tal-fehma li joħorġu darba kull ħmistax; iżda, billi sab għajnuna sewwa, minħabba li ntgħoġob, beda joħroġ fit-8, 18 u 28 ta' kull xahar. Il-ħlas kien ta' żewġ soldi kull għadd.

Barra minn xi ċajt u xi drabi dik it-tqasqisa fuq dak u fuq dan, kien iġib ukoll aħbarijiet ta' Malta u ta' barra, politika, teatru, poeżiji, eċċ.

Barra milli Taylor kien mogħti għall-kitba tal-proża u l-poeżija, kien dilettant tat-teatrin ukoll. Għax, meta fi Frar tal-1847, infetaħ teatrin ġdid f'Bormla, fl-ewwel rappreżentazzjoni li saret fih, għamlu wkoll farsa miktuba minn Taylor, li kien huwa wkoll ix-xenografu tal-imsemmi teatrin.

X'kien l-isem tal-farsa ma sibniex.

Għalkemm dat-teatrin kien mill-bikrin li twaqqfu f'Bormla, iżda ma kienx l-ewwel wieħed li deher fil-Kottonera. Qablu sa mill-1843, kien hemm ieħor fil-Birgu li nfetaħ f'Awwissu tas-sena li semmejna.

Dan it-teatrin, sal-1856, kien għadu ħaj, billi sibna li fih saret il-farsa "Bertu sar Tabib".

Terġa' fil-każin tas-Società Filantropica ta' Bormla, f'Akkademja li saret fl-1856, fost ħwejjeġ oħra li saru ħa sehem ukoll Karmnu Camilleri li flimkien mas-sinjorina Vinco kantaw id-dwett buffu "X'għandek Peppina" tal-imsemmi Camilleri. Il-mużika tad-dwett kienet tas-Surmast Duminku Amore. Nerġgħu għal Richard Taylor.

Fiż-żmien li Taylor kien joħroġ il-*Ġaħan*, mill-Belt, mar joqgħod il-Kalkara. Dan kien għall-ħabta ta' Ġunju tal-1847.

Iżda ma kinitx siegħa għal Taylor li fettillu jdeffes rasu fil-politika. F'għeluq is-sena li kien ilu joħroġ il-ġurnal tiegħu, ġieb poeżija fuq l-Infern, bi stampa li fiha jidher "Ġaħan" flimkien max-xjaten li stednuh qegħdin jieklu u jagħmlu għors bil-laħam tal-bnedmin hemm ġon-nar. Fost in-nies li qed jinxtwew fl-istampa li għedna kien hemm xi wħud li kienu għadhom ħajjin. Kien hemm xbieha oħra wkoll, li xi wħud dehrilhom li tixbah lil Dun Lawrenz Vella, qassis li ma kienx ilu li miet. Fuq hekk, fl-għodwa tat-8 ta' Settembru, 1841, waqt li Taylor kien għaddej minn fejn is-Suq il-Qadim ta' Bormla marru fuqu għal għarrieda tnejn min-nies u bdew jagħtuh bi bsaten u ponnijiet bla ħniena. Barra milli darbuh sewwa f'moħħu, b'dawn id-daqqiet, wieħed minnhom gidmu wkoll f'sebgħu.

It-tnejn li ħabtu għalih kienu Lwiġi Dei Konti Preziosi u Ninu Frendo. Dawn wara li sawtuh marru jgħidu li għamlulu hekk għax ġieb lil Dun Lawrenz Vella fl-Infern. Iżda Taylor ċaħad u ġieb fil-Folju tiegħu li dan mhux minnu. Għax Dun Lawrenz dejjem kien ħabib tiegħu. Għalhekk, fuq Dun Lawrenz ma setax jgħid aqqal mill-isem tiegħu. Terġa', lil Dun Lawrenz qatt ma ġiebu f'ħajtu aħseb u ara kemm sejjer iġibu wara mewtu. Għax jekk ried iġibu anqas ma kellu fuqiex.

Il-pulizija ħarrket lil dawn it-tnejn li sawtu u ressqithom quddiem il-Qorti. Wiġi weħel tmint ijiem ħabs u ħamsa u għoxrin xelin u Ninu sitt ijiem ħabs u lira.

Wieħed mill-ġurnali ċajtiera ta' dik il-ħabta, jismu *Stenterello*, fil-għadd tal-1 ta' Settembru, 1847, ħareġ b'ċajta, dwar ix-xebgħa li qala' Taylor. Dan qal, li "Ġaħan", dak il-bniedem li hu magħruf ħafna fostna, ried jissolenizza f'Bormla, bi ġlieda kbira l-anniversarju tar-rebħa li missirijietna għamlu fuq

il-Musulmani. Għal din it-taqtigħa għażel dak il-misraħ żgħir li hemm maġenb is-Suq il-Qadim ta' Bormla. Iżda, b'xorti ħażina, safa' midrub u megħlub. Madankollu, l-imsejken "Ġaħan" wara li bagħat ħafna nies, kemm qassisin u kemm mhumiex, biex imorru jaraw x'hemm fl-infern, għall-anqas kien ħaqqu li jduq xi ftit mill-pwieni tal-Purgatorju huwa wkoll.

Biex Taylor ma jitħalliex li jgħid li jrid, fil-folju tiegħu "Ġaħan", uħud bdew joħorġu folju ieħor bil-Malti, ħalli jikkumbattuh. Kien jismu *Flaġell lil Ġaħan*.

Minn kif rajna s'issa, u minn kif naraw iżjed 'il quddiem, Taylor għandu jitqies, jingħadd u jinżamm bil-ħaqq kollu, bħala wieħed mill-Bennejja tal-għażiż Ilsienna, għall-kbira ħidma tiegħu li għamel fil-qasam tal-Malti – ħidma li tista' tgħid ma qatgħet xejn. U dan jissokta jitwettaq meta ndaħal biex jaqleb, mil-Latin għall-Malti, il-*Ktieb tas-Salmi tas-Sultan David u l-Kantiċi*, li inzerta wieħed mill-aqwa xogħlijiet tiegħu.

Għalkemm dal-ktieb iġib is-sena tal-1846, kien is-sena ta' wara li ħareġ, jiġifieri fl-1847. Għall-anqas hekk jidher u jingħad mill-ġurnali ta' dik il-ħabta.

L-ewwel XII-il paġna tal-ktieb huma magħmula mill-frontispizju, daħla u l-indiċi. Imbagħad fih 436 paġna oħra, l-aħħar tnejn bil-"Ftehim il-Kliem" (safi li ġieb). Terġa', 337 minnhom huma mqassma f'żewġ kolonni. F'waħda jġib it-test tas-Salmi, jew il-Kantiċi, bil-Latin, fl-oħra, it-tifsir tagħhom bil-Malti, taqbil kollu. Imbagħad, mill-paġna 379 jibda biex jagħti tagħrif u tifsir bit-Taljan dwar l-aktar kliem tqil tat-test Latin li fih il-ktieb.

Dax-xogħol ta' Taylor kien imfaħħar ħafna minn xi ġurnali ta' dak iż-żmien. Bħallikieku, *Il Portafoglio Maltese*, li kien joħroġ taħt il-ħsieb ta' Dr Sciortino, fil-għadd tat-30 ta' Mejju, 1847, qal li, billi Taylor ħaddem dehnu kollu biex (fil-Malti) jikseb il-veru sens tal-oriġinal, filwaqt li nqeda kemm felaħ u seta' bi kliem Malti safi, irnexxielu jaqla' l-għoġba ta' kulħadd. Terġa', il-ktieb hu mżejjen b'tagħrif u tifsir sabiħ dwar it-test (Latin), miġbur u meħud minn dak li qalu l-aħjar kittieba għorrief tal-Knisja.

Ukoll *La Rivista*, miktuba mill-Prof. Ġan. Anton Vassallo, Dr Nikola Zammit u xi oħrajn, fil-ħarġa tal-1 ta' Settembru, 1847, dwar is-Salmi ta' Taylor, qalet li l-Ilsien mitkellem tagħna jaqbel tal-għaġeb mal-ġenju orjentali tal-letteratura tal-Kotba Mqaddsa.

Madankollu, mhux l-imsemmija żewġ ġurnali biss li faħħru l-ktieb tas-Salmi. Għax, illum ukoll, wieħed mill-aqwa kittieba li għandna, ma kellux għajr tifħir għal din il-biċċa xogħol iebsa ta' Taylor. Irridu ngħidu għas-Sur Ġużè Cassar Pullicino. Dan fi ktieb li ħareġ xi żmien ilu bl-isem ta' *Kitba u Kittieba tal-Malti*, paġ. 60, jgħid hekk: "Bħalma għamel fil-kotba l-oħra

miġjuba minnu fil-Malti, Taylor ma ħassx ruħu marbut iżżejjed mal-oriġinal u għalhekk f'dan ix-xogħol seta' jimraħ bl-immaġinazzjoni tiegħu u b'dak it-ton serju, biex ingħid hekk, drammatiku, li hu tiegħu, ikabbar u jżid l-effett tat-talbiet, tat-tifħir, ta' ħajr, ta' ħrara, ta' mħabba u ta' tama li minnhom huma minsuġa l-għaniet tas-Salmi."

Fuq is-sbuħija tal-imsemmi *Ktieb tas-Salmi* tlifna hekk għaqalna, li bilkemm ma konniex għoddna nsejna li Taylor kien għadu joħroġ il-ġurnal tiegħu *Ġaħan*.

Taylor, minħabba dik it-taptipa li kien qala' mingħand Wiġi Preziosi baqa' dejjem imlewwem miegħu. Għalhekk fejn seta' kien iħobb iniggżu xi ftit. Iżda f'xi għadd tal-*Ġaħan* ġieb xi ħwejjeġ fuq Preziosi li ma setax jgħidhom. Preziosi sab ix-xoqqa f'moxtha u biex jitħallas minnu għamillu żewġ libelli fejn Taylor ħareġ tellief billi fl-14 ta' Frar, 1848, weħel tmien xhur ħabs li sitta minnhom seta' jħallashom b'£16. Minħabba dil-faqgħa li ġiet fuqu kien waqqaf il-*Ġaħan* mill-ħruġ tiegħu. L-aħħar għadd li ġie f'idejna minn dan il-ġurnal, kien in-Nru. 46, għadd li ħareġ fit-18 ta' Jannar, 1848.

Fl-istess sena li ġratlu l-biċċa li semmejna, ħareġ ktieb kbajjar, imsemmi *L-Uffiċċju tal-Ġimgħa l-Kbira*, li hu magħruf ukoll fostna bl-isem ta' *Hebdomada*. Dan il-ktieb hu mqassam f'żewġ kolonni. F'waħda hemm it-test tal-Latin. Fl-oħra, it-traduzzjoni tiegħu bil-Malti. Kien kiteb ukoll *In-Nisrani ġewwa l-Knisja*.

Dawn iż-żewġ kotba, flimkien mal-ktieb l-ieħor *It-Triq tal-Ġenna*, ħarġu għadd kbir ta' drabi. Biżżejjed insemmu, li, kif insibu f'wieħed mill-ġurnali tal-1862, *In-Nisrani fil-Knisja* sal-1861, laħaq ħareġ ħames darbiet, filwaqt li *It-Triq tal-Ġenna*, tmien darbiet.

Madankollu, dawn il-kotba għadhom joħorġu sal-lum, biex jaqduna fid-dmirijiet tagħna tar-ruħ.

Iżjed lura konna għedna, li Taylor, fl-1844 beda biex ħareġ il-*Conversation* jew id-djalogu bi tliet ilsna, tiegħu, fetaħ triq oħra għat-tixrid tal-Ilsien Malti b'din l-għamla ġdida ta' kotba. U tassew hekk kien, billi kittieba oħra tħajru minnu. Għax il-bejjiegħ tal-kotba G. Muir, ħareġ *Conversation* bit-tliet ilsna huwa wkoll fl-1849.

B'danakollu, Taylor ma qatax qalbu, billi s-sena ta' wara, ħareġ it-tielet edizzjoni tal-*Conversation* tiegħu.

Barra minn din li semmejna, l-ebda edizzjoni oħra ta' Taylor ma ħarġet fl-1850, bl-Ingliż jew bit-Taljan, bħalma ġie maħsub u ntqal minn xi ħadd.

Tassew li, f'din is-sena (1850) inħareġ *Conversation* ieħor li jġib l-isem tiegħu bit-Taljan; iżda, dan kien miktub minn Gio Batta Falzon, il-kittieb tad-dizzjunarju Malti-Taljan-Ingliż.

Wara dak il-ħafna tilwim li kien inqala', dwar it-tixwixa tal-Karnival tal-1846, iżjed lura semmejna, il-Gvernatur Stuart, li kien hu l-ewlieni ħtija li qamet dik il-ġlieda, telaq minn hawn. Floku ġie bħala Gvernatur Ċivil, O'Ferrall, li kien ukoll Nisrani. Iżda, matul il-ħakma ta' dal-Gvernatur il-poplu nqasam f'żewġ partiti. Min kien iżomm b'ruħu u ġismu, ma' O'Ferrall, u min, f'kulma dan kien jagħmel, ma kien jaqbel miegħu f'xejn. Fuq hekk, kienet qamet ġlieda kbira bejn il-gazzetti li kien hawn, f'dak iż-żmien. L-aqwa fosthom, li qabżu għalih, u żammew miegħu f'kollox, kienu: *The Malta Times*, *Il Portafoglio Maltese* u *L'Ordine*.

Dawk li ħaduha miegħu u bdew idoqqulu kemm jifilħu, kienu *Il Mediterraneo*, *L'Avvenire*, *Malta Mail* u *Stenterello*.

Dawn il-folji li semmejna, min kien bl-Ingliż u min bit-Taljan. Iżda bħalma kien hemm gazzetti bl-ilsna li għedna, li ħaduha ma' O'Ferrall, jew żammew miegħu, hekk ukoll iż-żewġ partiti dehrilhom li hu xieraq li kellhom iwaqqfu Folju bil-Malti kull wieħed, biex jaqbeż għal kull naħa. Dak li ma kienx jaqbel ma' O'Ferrall, tawh l-isem ta' *Il-Malti*. L-ieħor, li kien jinġieb miegħu, semmewh *Il-Ħatar*.

Dan il-Folju tal-aħħar, kif sibna miġjub f'gazzetti oħra, kien imrieġi u miktub minn Richard Taylor, li, f'dik il-ħabta, kien jgħallem ukoll lit-tfal ta' dan il-Gvernatur.

*Il-Ħatar* tal-1850, kien Folju serju ħafna, billi ma kienx jitħaddet għajr fuq il-politika ta' Malta biss, biex iħares u jaqbeż għat-treġija ta' gżiritna taħt O'Ferrall. Dan il-Folju ħareġ mill-15 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru, 1850. Minnu dehru tnax-il għadd biss.

Barra dawk il-gazzetti u l-kotba li s'issa semmejna li kiteb, Taylor kien iħobb jikteb ukoll xi kotba żgħar, b'taqbil, dwar dawk il-ġrajjiet li kienu jiġru fil-gżira, bħalma huma xi diżgrazzji kbar, tgħalliq ta' nies u ħwejjeġ oħra bħal dawn. Minn din l-għamla ta' kotba, f'idejna ġew dawk li jitkellmu dwar it-tgħalliq ta' Pawlu Azzopardi (1851), u ta' Salvu Farrugia u Salvu Saliba (1853).

Dawn l-għamliet ta' kotba żgħar (16-il paġna), kien iħobb iqassamhom fi tliet kanti. Bħallikieku: il-Miġja minn Susa ta' Hamet bin Mabruk (wara tgħammed u sar Pawlu Azzopardi); il-qtil ta' Marija Baldacchino (Furfiċetta); u l-Mewt ta' Pawlu Azzopardi. Il-qtil sar il-Belt fit-23 ta' Lulju, 1851. It-tgħalliq, il-Furjana fl-1 ta' Settembru tal-istess sena.

Hekk ukoll f'dak ta' Salvu Farrugia, Vuldiri, u Salvu Saliba, iz-Zozz, li qatlu lil Ċikku Teuma, f'għalqa qrib il-Gudja, fis-7 ta' Ottubru, 1853: il-ħasda kif

joqtluh; kif qatlu lil Ċikku Teuma; u l-ħaqq u l-mewt tagħhom it-tnejn. Tneħħew xahrejn sewwa wara d-delitt. Dawn kienu l-aħħar tnejn li tgħallqu l-Furjana.

Fi ktieb li nħareġ fl-1855, insibu, li Taylor, barra l-*Ġaħan* u *Il-Ħatar*, kien ħareġ folju ieħor bl-isem ta' *Il-Għassies*. Iżda, billi dal-ġurnal ma ġiex f'idejna, u anqas ma sibna dwaru xejn aktar milli għedna, ma nistgħux ingħarrfu meta deher u kemm dam ħaj.

Għalkemm Taylor bħalma rajna, ħareġ folju ġdid, iżda, dak ta' *Ġaħan* jidher li baqa' dejjem marbut ma' qalbu. Ara kemm li fl-1854, tħajjar li jerġa' jwaqqfu u jagħtih il-ħajja mill-ġdid. Iżda minn dan, bħall-folju l-ieħor – *Il-Għassies* – ma ġie l-ebda għadd minnu f'idejna.

Fi gwerra li nqalgħet dik il-ħabta, li baqgħet tissemma "tal-Krimea", (1854/56), insibu lil Richard Taylor f'Kostantinapoli. X'kien li ħadu hemm, ma sibniex. Biss nafu, li kienu marru xi Maltin f'Kostantinapoli, biex jaqdu t-truppi Ingliżi, kemm bħala barklori, kemm bħala karettunara, biex iniżżlu s-suldati l-art u jġorrulhom ħwejjiġhom. Tgħid mar bħala wieħed mill-interpreti tal-Ingliż magħhom?

Fiż-żmien li kien hemm, hawn Malta xterdet xniegħa qawwija ħafna, li Richard Taylor flimkien ma' xi Maltin oħra, kellhom xi jgħidu mal-Griegi u ġew maqtula. Iżda, wara nstab li minn dan kollu li ntqal ma kien hemm xejn.

Jekk ma rnexxilniex inkunu nafu sewwa għalfejn Taylor mar Kostantinapoli lanqas ma rnexxielna niltaqgħu mal-miġja lura tiegħu f'Malta. Biss nafu li fl-1857, jiġifieri meta għaddiet sena wara li spiċċat il-gwerra tal-Krimea, insibu lil Taylor f'Malta, billi hawn ħareġ ktieb żgħir, kollu taqbil, b'tifħir lil San Vinċenz Ferreri.

Iżda l-bużillis qiegħed hawn f'dan li se ngħidu. Fl-1857, deher *Conversation* bl-isem ta' *Dialoghi Italiani, Inglesi e Maltesi*. Dan fih ħafna djalogi xorta waħda bħal dawk li s-soltu Taylor iġib fil-*Conversation* tiegħu. Iżda billi dan il-ktieb ma jsemmi xejn min għamlu ma nafux ingħidu jekk dan hux ta' Taylor inkella dawn id-djalogi serquhomlux u xi ħadd għamilhom tiegħu. Das-serq seta' jsir bħallikieku ħaġa li mhi xejn minħabba li f'dak iż-żmien kien għad ma hawn l-ebda liġi dwar il-Proprjetà Letterarja biex tħares il-kitba ta' dak li jkun.

Dawn id-djalogi reġgħu dehru fl-1861, fejn il-ktieb iġib li hu t-tielet edizzjoni tal-ħarġa tiegħu bla ma jsemmi did-darba wkoll min kien il-kittieb li kitbu.

Tassew li d-darbtejn li dawn id-djalogi ġew f'idejna, id-darbtejn iġibu li huma jinbiegħu għand il-Librar Pawlu Calleja ta' taħt il-Loġoġ tal-Belt; iżda b'daqshekk biss ma nistgħux inħollu dal-bużillis u nittarrfu ngħidu min seta' kien dak li ħareġ dawn il-kotba.

Fl-1861, Taylor reġa' tħajjar jagħti l-ħajja lill-*Ġaħan* tiegħu mill-ġdid. Iżda, minn kif nistgħu nobsru lil dan naqaslu malajr iż-żejt ukoll, bħal dak tal-1854.

Mid-darbtejn li Taylor ħareġ il-*Ġaħan* tiegħu, l-ebda għadd minnhom ma ġie f'idejna. Biss sibniehom imsemmija f'*Nafras u Kolombu*, folju li kien maħruġ minn Karmnu Camilleri, dak il-magħruf kittieb ta' ħafna farsi u kummiedji għall-Palk Malti.

Il-folju *Nafras u Kolombu* deher f'Novembru 1860, u dam ħaj sa Ottubru, 1862.

It-tagħrif li stampaw, jakkuża lill-Kulunell Mattei: (1) li ma kienx jara jekk in-nies ta' taħtu jitħallsux kif ħaqqhom; u (2) li ma kienx jagħmel sewwa li għal xogħol ta' fattiga kien iqabbad xi surġenti.

Iżda, minn xhieda ta' fizzjali u surġenti tar-*Royal Malta Fencible Artillery* rriżulta li qatt ma kien hemm tgergir minn xi ħadd li ma tħallasx kemm imissu; u dwar l-akkuża l-oħra saret inkjesta fejn ma nstab li m'hemm ebda liġi jew regolament li jeżenta lis-surġenti li ma jagħmlux xogħol ta' fattiga.

Biex nagħtu tagħrif kemm nistgħu fuq Taylor, ikollna ngħidu, li dan kien iħobb il-qatra wkoll – ħaġa li darba setgħet tiswielu ħajtu.

Ma kienx ilu wisq li spiċċa mill-piena li weħel, meta, fis-17 ta' Settembru, tal-1863, waqt li kien qed jaqsam il-pont, jixxengel minn banda għall-oħra biex mill-Birgu jmur Bormla, baqa' nieżel għall-foss, fejn weġġa' sewwa, billi fekkek siequ u barax ġismu f'kemm-il banda.

Ġie mdewwi mit-tabib Galea u wara ttieħed l-isptar fejn inżamm għal iżjed kura. Meta ħareġ, ma sibniex.

Għalkemm bħalma rajna, Taylor għadda minn dak l-hemm kollu li semmejna, il-ħrara li kellu biex jiżra' u jxerred l-ilsien tagħna fi gżiritna, ma naqsitlux. Għax kull meta seta' ma hediex mill-ħidma tiegħu fil-qasam tal-Malti. Għalhekk ma kienx jiġi waqt li ma jarax x'jagħmel biex jirnexxilu jikteb xi ħaġa dwaru.

Fl-1863 saret il-Beatifikazzjoni ta' Benedettu Ġużeppi Labrè li fi żmienna l-Knisja għoġobha tgħollih mal-Qaddisin. Għal dan il-waqt, narawh joħroġ ktieb imdaqqas sewwa, billi fih 184 faċċata, b'tifsir fuq il-ħajja u l-virtù ta' dan il-Beatu.

Flimkien ma' *Jum il-Ħaqq* u s-*Salmi ta' David*, Taylor fl-1864, żied ġawhra oħra, kemm fil-kuruna ta' poeżiji li kiteb u kemm fil-letteratura Maltija, meta ndaħal għal biċċa xogħol iebsa u li ftit huma dawk li għamluha f'ilsna oħra. Dan jaħbat it-tlieta u tletin kant tal-Infern tad-*Divina Kummiedja* ta' Dante Alighieri, fejn irnexxielu jaqilbu fil-Malti f'taqbil, kif trid is-sengħa, u ħarġu fi ktieb għalih ta' 23 paġna.

Dal-ktejjeb f'paġna jġib il-versi oriġinali ta' Dante bit-Taljan, u fil-paġna l-oħra t-taqbil tagħhom bil-Malti minn Taylor.

X'kien li Taylor tħajjar jindaħal għal dan ix-xogħol jgħidu fid-daħla għall-imsemmi ktejjeb:

> Il-ħrara kbira li niżra' kemm nista' l-ilsien tagħna f'dil-gżira, ġagħlitni naqbad il-pinna u nġib fi lsienna l-Maltin dak il-kant tat-tregħid. Irrid ingħid 'Il-Konti Ugolini' ta' Dante Alighieri, li dan l-awtur huwa l-għaġba ta' kull ġens li hemm fid-dinja. Xejn ma ngħidilkom, fuq dan l-awtur. Biss, min jaf jaqrah, ikun għaġeb, min jifhmu kemm kemm, dan ikun għaġeb tal-għeġubijiet! U min jagħmlu fi lsien ieħor, kif trid is-sengħa, xi ngħidu? ... Basta jien qrajt Dante bi lsien Ingliż, li jġiblek il-mewt; qrajtu bil-Franċiż, lanqas in-nida ta' Dante. Għax ngħid dawk li ħlew iż-żmien biex iġibuh fi lsienhom, jew kienu joħolmu, jew ta' min jitfagħhom mal-imġienen. Xejn ma rridkom taħsbu, ja Maltin, għeżież tiegħi, illi dawn l-erba' kelmiet ktibthom sabiex niftaħar bija nnifsi ... le, dan inħallih fil-ħaqq ta' min għandu ftit tal-melħ fil-qargħa... għal min jara, ma jeħtieġx nuċċali. Għaldaqshekk, l-aħwa Maltin, jekk qatt dan il-kant jingħoġob, kif hu bl-oriġinal quddiem, nagħti bidu għall-opra tiegħu, fejn Malta biss ikollha x-xorti li tkanta dawk il-kanti ta' dan id-Divin Poeta. Għax mhux tabilħaqq illi l-ilsna jilħqu, biex iġibu, minn ilsien għall-ieħor, xogħlijiet hekk kbar ta' min jixtieq jifhimhom, jekk ma jkunux l-ilsna Orjentali, fost l-oħrajn tagħna l-Maltin.

Iżda l-ħsieb ta' Taylor ma rnexxiex. X'kien li ma għaddiex 'il quddiem, ma sibna mkien.

Biex nifhmu aħjar min kien Richard Taylor, u kemm kienet tiswa l-pinna tiegħu, naraw xi jgħid għalih ukoll it-tabib Ġużè Galea, f'kitba li dehret f'*Leħen il-Malti* tal-1940, imsemmija "Traduzzjonijiet minn Dante bil-Malti".

> Richard Taylor kien l-ewwel fost il-poeti Maltin li qaleb lil Dante fl-ilsien tagħna, u lilu jistħoqq tifħir talli qabel kull kittieb ieħor tagħna hu kellu l-ħila jindaħal għal xogħol iebes bħal dan. Fl-1864 ħareġ 'Il-Konti Ugolino' traduzzjoni bil-Malti tal-kant XXXIII tal-Infern tad-*Divina Commedia*. Dik il-biċċa xogħol imfassla f'versi kwinarji doppji miżżewġin u miktuba b'reqqa kbira, irnexxietlu ħafna; fost it-traduzzjonijiet ta' Dante li saru bil-Malti, din ta' Taylor aktarx li hi l-aħjar waħda. Għas-sengħa tal-versi, għat-tqegħid tal-kliem, għall-ġmiel tal-ħsieb, dax-xogħol ta' Taylor sebaq lil xogħlijiet bħalu li saru warajh.

Taylor kien poeta ħlejju u tas-sengħa, ix-xogħol tiegħu ma jintesa qatt, fil-letteratura Maltija, u hu kellu ħeġġa kbira biex iħaddem l-ilsien tagħna u kien wieħed minn tal-ewwel li wera bid-dieher il-qawwa tal-ilsien Malti fil-poeżija; l-aħjar żewġ xogħlijiet huma *L-Iskoll tal-Bniedem*, u *Ktieb is-Salmi*; imma fost il-ħafna xogħlijiet oħra li ħallielna Taylor, dan il-Kant tal-Infern tad-*Divina Commedia* jiena nqisu mill-aħjar li huwa qatt kiteb. Fih qawwa li triegħed u mfisser bi kliem li jwaħħax u jixbah wisq lill-kliem li nqeda bih il-Poeta Taljan…

Din it-traduzzjoni bil-Malti tal-Konti Ugolino tista' toqgħod fil-wisgħa maġenb kull traduzzjoni f'ilsna oħra; u kienet tkun rebħa kbira għall-ilsien tagħna, kieku Taylor qaleb għall-Malti xi Kanti oħra mid-*Divina Commedia* għax, fost dawk li qalbu mix-xogħol ta' Dante bil-Malti, hu l-akbar li resaq lejn il-ħsieb ta' dak il-poeta kbir.

Minn dan li ġibna naraw kemm kienet kbira l-ħila ta' dan il-Bormliż fil-poeżija. Madankollu, in-nies kienet tħobbha u tridha l-kitba tiegħu. Fuq hekk, xi edituri raw kif għamlu u ħajruh biex jerġa' jindaħal fil-politika mill-ġdid, fejn irħewlu f'idejh xi ġurnali ħalli jieħdu ħsieb imexxuhomlu bis-siewja pinna tiegħu.

Għall-ewwel daħal jikteb fil-folju *Ix-Xitan iz-Zopp*. Ma' dan ħadem mis-6 ta' Frar sas-16 ta' April, 1864. Dak li kiteb Taylor kien intgħoġob hekk, li xi wħud bla ebda mistħija, u ta' wiċċ tassew sfiq, ħarġuhulu bħala kitba tagħhom, billi f'dak iż-żmien bħalma għedna iżjed lura, ma kien għad hawn l-ebda liġi biex tħares il-kitba ta' dak li jkun.

Taylor, meta ra ruħu misruq hekk minn kitbietu, ħareġ għalihom f'*Ix-Xitan iz-Zopp* Nru. 7 (6 ta' April, 1864), fejn, barra milli ħadha qatta bla ħabel kontra tagħhom u tahom ħasla kif imiss, lil din l-għamla ta' ħallelin, iddikjara wkoll, biex min jaqra, ma jisfax imqarraq, li *Id-Djalogi*, l-*Ebdomada*, it-*Triq tal-Ġenna*, *In-Nisrani fil-Knisja* u bosta u bosta oħajn, huma kollha miktuba minn Richard Taylor, mgħallem tal-iskola Ingliża u Taljana.

Għalkemm Taylor reġa' taha għall-politika, il-Kurunelli tal-Qaddisin ma nsihomx. Għax, fis-sena 1864, ħareġ ktieb żgħir (12-il paġna) b'Talb u Orazzjoni lill-Beatu Benedettu Ġużeppi Labrè, biex wieħed jaqla' l-grazzi li jkun jeħtieġ mingħandu. Fih ukoll tifkira, f'taqbil, lill-imsemmi Beatu.

Meta Taylor spiċċa minn ma' *Ix-Xitan iz-Zopp*, daħal f'Mejju tal-istess sena, jieħu ħsieb u jikteb *Il-Ġurnal Malti*. Ma' dan saddad mhux ħażin. Għax miegħu baqa' sa Awwissu tal-1865, bħala kittieb tal-imsemmi folju.

Kif insibu mħabbar f'*The Malta Advertiser* tal-14 ta' Novembru, 1866, Taylor tħajjar iġib fil-Malti mit-Taljan, il-ktieb ta' Gwido Restoni, jismu

*Il-Bojja*. Għalhekk għarraf li kien bil-ħsieb li joħorġu faxxikli fix-xahar. Iżda, jekk ħareġ jew le, ma nafux. Biss nafu li, wara xi żmien, meta Taylor kien ilu mejjet ftit sewwa, dan deher bħala Appendiċi (biċċa biċċa) f'*Il-Ħabbar Malti* tal-1887-88. U meta nġabar fi ktieb, ġieb li hu miktub minn M. G. (Matti German?). Imbagħad reġa' deher f'*Il-Gazzetta Maltija* (1899-1900). U fl-aħħar, fil-bidu ta' dan is-seklu, Xandru Coleiro ħarġu fi ktieb għalih ukoll.

L-aħħar biċċa xogħol li sibna tissemma, magħmula minn Taylor, fil-qasam tal-Malti, kienet meta fl-1867, ħareġ folju għal rasu bl-isem ta' *Is-Serduq*. Li dan il-folju kien taħt it-tmexxija ta' R. T. (Richard Taylor) mhux biss tgħarrafhulna *La Torre di Babele* tal-14 ta' Diċembru, 1867, imma jgħidhulna wkoll *Il Pungolo* tal-31 ta' Diċembru tal-istess sena.

Meta, dwar 25 sena ilu, konna ġbarna ħafna materjal biex ktibna l-ħajja ta' Richard Taylor, għedna li, wara l-ħruġ ta' *Is-Serduq*, li t-tħabbir tiegħu sibnieh imsemmi biss fil-gazzetti ta' dik il-ħabta, bla ma ġie f'idejna ebda għadd minnu, barra milli ma ltqajna ma' xejn kitba oħra minn tiegħu, lanqas ma sibna msemmi iżjed l-isem ta' Taylor. U dan ġagħalna naħsbu li, billi dan ħabat jagħtiha għax-xorb, inġabar xi mkien, aktarx tax-xjuħ, fejn nobsru li miet hemm, imħolli u minsi minn kulħadd. Għax, anqas it-tħabbira tal-mewt tiegħu ma rnexxielna nsibu fil-gazzetti ta' dak iż-żmien.

Iżda, dan l-aħħar, is-Sur Ġużè Cassar Pullicino refa' l-Att tal-Mewt tiegħu mir-Reġistru Pubbliku, fejn jgħid, li Richard Taylor miet fl-Isptar Ċentrali tal-Furjana (illum Depot tal-Pulizija), nhar it-18 ta' Frar, 1868, fil-għomor ta' 50 sena u kien midfun fiċ-ċimiterju Tal-Pjetà. Martu kienet ilha li mietet, u Richard, qabel miet, kien joqgħod il-Birgu. Fl-att tal-mewt tiegħu, jingħad li Taylor kien surmast *(precettore)*.

Mela, minn dak li hemm imniżżel fir-Reġistru Pubbliku u minn dak li għedna aħna, 25 sena ilu, dwar il-mewt tal-Bormliż Taylor, jidher li konna qarribna xi ftit lejn kif seta' ta' Richard Taylor kien it-tmiem.

*Din is-sensiela dehret f'*It-Torċa *tas-6, 13, 20 u 27 ta' Settembru; tal-4, 11, 18 u 25 ta' Ottubru; u tal-1 u 8 ta' Novembru 1970. Din il-verżjoni fiha ħafna tagħrif ieħor li ma kienx deher fil-verżjoni ta'* Il-Berqa *tat-22 u 23 ta' Mejju, 1939.*

**Nota**

1 L-ewwel artiklu kien deher f'*Il-Berqa*, it-22 u 23 ta' Mejju 1939. [Nota editorjali]

# Ġanni Farrugia (Inċiżur)

Il-Furjana, għalkemm żgħira fid-daqs u, tista' tgħid, għadha titwieled ilbieraħ, għandha Storja, li bħalha, bnadijiet oħra, għad illi kbar fejnha u twieldu l-mijiet ta' snin qabilha, dawn ma għandhomx. Ukoll għal dawk li huma nies kbar, il-Furjana mhix nieqsa minnhom. Għalhekk illum sa nitkellmu minn wieħed, li ftit, jew xejn, ma hu magħruf li dan hu Furjaniż. Irridu ngħidu għal Ġanni Farrugia, wieħed mill-aqwa inċiżuri li qatt dehru f'dawn il-Gżejjer, li, għall-kbira ħila li wera fis-sengħa tiegħu, issemma ħafna fostna, u għalhekk safa' ta' ġieħ mhux biss għalih innifsu imma wkoll għal din l-art li tatu l-ħajja.

Farrugia twieled il-Furjana, minn nies sewwa ħafna, fit-3 ta' Settembru, 1797. Minn ċkunitu wera ġibda kbira għat-tagħlim tad-disinn. Għalhekk, fl-1810, meta kellu għad 13-il sena, ġie mdaħħal fl-Università, fejn beda jitgħallem din is-sengħa taħt il-magħruf surmast Mikiel Busuttil. U f'qasir żmien għadda hekk 'il quddiem li malajr ġibed fuqu l-attenzjoni ta' ħafna l-aktar fosthom tar-Rettur tal-istess Università, il-Kan. Dun Franġisku Saver Caruana. Ara kemm irnexxa fl-istudju tiegħu, li fis-sentejn li ġew wara d-darbtejn ħa l-midalja tad-deheb mill-imsemmija Università, bħala l-ewwel premju.

L-ewwel darba fl-1816, billi ddisinja s-Sagra Familja minn fuq dik ta' Rafel Morghen, u l-ieħor kisbu fl-1817, meta għamel xogħol bil-pinna, kwadru kbir li jirrappreżenta l-*Ajace*.[1]

Għal dawn il-biċċtejn xogħol, ġie mfaħħar ħafna.

Billi l-*Ajace* kien maħdum bl-akbar sengħa u perfezzjoni, ir-Rettur tal-Università rrikkmandah ma' Sir Thomas Maitland, li dak iż-żmien kien Gvernatur ta' Malta. U dan għażlu, flimkien ma' xi żgħażagħ oħra, biex imur l-Italja, ħalli hemm jissokta l-istudji tiegħu artistiċi taħt imgħallmin kbar ta' din is-sengħa, bi flus tal-Gvern.

L-Abbati Rigord (Malti u Latinista mill-kbar) faħħru wkoll f'versi bil-Latin għal dan ix-xogħol tal-*Ajace* li għamel.

Farrugia telaq għal Napli fit-3 ta' Diċembru, 1817, u fil-bidu ta' Jannar, 1818, mar Ruma. U wara li wera, lill-Imgħallem tiegħu, il-kwadru tal-*Ajace*, bħala xhieda tal-ħila tiegħu, bagħtu b'rigal lill-Gvernatur Maitland b'sinjal ta' qima lejh, fejn ġie mogħti lilu, mir-Rettur tal-Università fid-19 ta' Settembru, 1818. L-imsemmi Gvernatur bagħtu l-Ingilterra, fejn għadu hemm sal-lum.

F'Ruma, Farrugia ta ruħu għat-tagħlim tad-Disinn taħt id-direzzjoni taċ-ċelebri Kav. Tommasu Minardi, u għal dak tal-inċiżjoni taħt id-dixxiplina tal-magħruf Anġlu Bertini. Wara ssokta għand l-immortali Rafel Morghen.

Taħt dan tal-aħħar, Farrugia għamel tliet inċiżjonijiet sbieħ ħafna, li bihom l-artist tagħna wera kemm hu ta' ħila f'din is-sengħa. L-ewwel waħda turi x-xbieha ta' Beatrice Cenci, minn fuq dak ta' Guido Reni. Ħadmu fl-1820, u ddedikah lir-Rettur Caruana. It-tieni, kienet xbieha tal-qatt minsi Rafel Lanzio minn fuq tal-istess Morghen, maħdum fl-1824, u ddedikah lill-Markiż ta' Hastings, li f'dik il-ħabta kien Gvernatur ta' Malta. U t-tielet, li kienet aqwa mit-tnejn l-oħra, turi lill-hekk imsejħa Madonna tal-Qronfol, meħuda minn fuq dik ta' Rafel d'Urbino.

Billi Farrugia ried li jissaħħaħ aktar fis-sengħa tal-inċiżjoni fuq ir-ram, fl-1828, minn Ruma mar Milan, fejn taħt l-imsemmi professur Ġużè Longhi wasal fit-tmiem tal-istudju tiegħu.

Taħt Longhi, Farrugia inċiża, b'unur kbir għalih, ix-xbieha tal-Madonna tas-Sħab, minn fuq dik ta' Sassoferrato; ir-ritratt, mezzubust, tal-Awtur tal-Mużika Ġakkinu Rossini; u fl-1830 lil Santa Tereża. Wara inċiża stampi aktar. Fost l-oħrajn l-*Etiopo* ta' Rubens, is-*Sagra Famiglia* u l-Magħmudija ta' Kristu, minn fuq il-bassorilievi ta' A. Thorvaldsen.

Ma jħalli ebda dubju, dwar il-ħila artistika tiegħu, iċ-ċertifikat li tah il-Prof. Longhi, ċertifikat li hu ta' ħafna ġieħ għall-pajżan tagħna.

Farrugia, meta telaq minn Milan issokta jżur bnadijiet oħra tal-Italja, fejn kiseb l-istima u l-ħbiberija ta' mgħallmin imsemmija, li għaraf jipprofitta ħafna minnhom.

F'daż-żmien baqa' dejjem jinċiża stampi sbieħ, fosthom San Lwiġi Konzaga, magħmul minnu fl-1835, u l-Verġni Addolorata, fuq dik ta' Guido Reni.

Wara dwar 20 sena li Farrugia kien ilu nieqes minn Malta, ġie lura lejn Gżiritna fit-2 ta' Frar, 1837. Il-ħsieb tiegħu kien li jibqa' hawn għal ftit taż-żmien biss. B'danakollu, fetaħ ħanut il-Belt, fi Triq Irjali, Nru. 53, qrib il-Pjazza Teżorerija, fejn esebixxa xi wħud mix-xogħlijiet tiegħu li għamel barra.

F'Malta ssokta jaħdem fis-sengħa tiegħu; iżda ma damx wisq, billi reġa' siefer, fejn ġie lura f'Novembru tal-1838, u fetaħ ħanut fi Triq Marsamxett, Nru. 41.

Fost ix-xogħlijiet tiegħu li ħadem hawn, insibu x-xbihat ta' San Publju, San Pawl, San Franġisk Saverju, Sant'Antnin ta' Padova, San Filippu Neri, San Franġisk Di Paola u ta' Fra Stiefnu, mis-Siġġiewi, tal-Patrijiet tal-Min. Oss. u dawn barra minn ħafna inċiżjonijiet oħra li ma ġewx ippubblikati, l-aqwa fosthom "Il-Martirju ta' San Publju".

Kien jinqala' tal-għaġeb biex jiddisinja ritratti ta' nies fuq in-natural. Minn dawn għamel aktar minn mitt wieħed, barra ħafna oħra fuq mejtin, li kien iġibhom qisu ħadhomlhom meta kienu għadhom ħajjin. Fost dawk li inċiża x-xbieha tagħhom, ta' min isemmi l-aktar dik tal-Gvernatur Sir Fred Bouverie, li għamel fl-1837.

Farrugia, fl-1 ta' Marzu, 1855, ġie maħtur Surmast fl-iskola tar-Rabat t'Għawdex, fejn hemm baqa' sal-mewt tiegħu, li ġrat fit-8 ta' April, 1861, wara marda kiefra, fl-età ta' 63 sena.

Il-katavru tiegħu, akkompanjat minn ħafna surmastrijiet u tfal tal-iskola ġie meħud fil-Viċi Parroċċa ta' San Ġorġ, u hemm midfun. Fis-17 tal-istess xahar, sarlu funeral ieħor, fil-Knisja ta' San Ġakbu, mill-Kongregazzjoni Reliġjuża li hemm imwaqqfa b'benefiċċju ta' dawk it-tfal li jmorru fl-iskejjel tal-Gvern fir-Rabat.

Ġanni Farrugia, barra l-ħila artistika li kellu, kien imżejjen b'umiltà kbira. Ma kien ifittex xejn li jiġi mfaħħar, waqt li mistħi għal darba, ħwejjeġ li bihom jistħoqqlu li jkun magħdud mhux biss mal-aqwa artisti, imma wkoll mal-għadd tal-aħjar nies Maltin.

*Deher fil-gazzetta* Il-Furjana *tas-16 ta' April 1961.*

**Nota**

1 Ajax, xbieha ta' wieħed miġjub fl-"Iliade" ta' Omero u msemmi bħala ġellied qalbieni mill-kbar.

# Xogħlijiet ta' Ġużè Gatt[1]

1921 • 'L-Istampa f'Malta', *Il-Ħabib*, 21 Mejju; 11, 25 Ġunju; 2 Lulju.

1923 • 'Vernacular Almanacs', *Melita,* Vol 3, 250-2.
- 'Ir-Riġment Reali ta' Malta (1805-11)', *Il-Ħmar*, 26 Mejju; 9 Ġunju.
- 'Metusalem Malti', *Il-Ħmar*, 22 Awwissu.
- 'L-Esplużjoni tal-Porvlista tal-Birgu (18 ta' Lulju 1806)', *Il-Ħmar*, 19 Settembru.
- 'It-Terremot ta' San Massmu', *Il-Ħmar*, 22 Settembru.

1924 • 'It-Tiġrija ta' Santu Rokku', *Il-Ħmar*, 13 Awwissu.
- 'Il-Qtil fil-Ħabs', *Il-Ħmar*, 10 Settembru.
- 'Id-Daħla tal-Ingliżi fl-Ibliet (Settembru 1800)', *Il-Ħmar*, 24, 27 Settembru; 1, 4, 8 Ottubru.
- 'Bumbardament Kurjuż', *Il-Ħmar,* 10, 15, 18 Ottubru.
- 'L-Irvell tar-Riġment Froberg', *Il-Ħmar*, 26, 29 Novembru; 3 Diċembru.
- 'L-Istampa f'Malta u l-Ewwel Kotba bil-Malti', *Labour Opinion,* 11, 18, 25 Settembru; 2, 9, 16, 23, 30 Ottubru; 6, 11, 13 Novembru; 11 Diċembru.
- 'L-Imħallef Ġulju Cumbo', *Il-Ħmar,* 13 Diċembru.
- 'L-Almanakki bil-Malti', *Pronostku Malti*, 10-11.

1925 • 'Sir Ralph Abercromby (1734-1801)', *Il-Ħmar*, 24, 28, 31 Jannar.
- 'L-Armirall Venezjan Agnolo Emo', *Il-Ħmar*, 11, 14, 18, 21, 25, 28 Frar.
- 'Il-Miġja tar-Reġina Adelaide f'Malta', *Il-Ħmar*, 1, 4, 8, 11, 15, 18, 22 April.
- 'Il-Miġja tar-Re u r-Reġina ta' Napli u Sqallija', *Il-Malti*, Marzu 16-18.
- 'Il-Kappell u s-Sejf ta' La Valette', *Il-Malti*, Marzu 36.
- 'Il-Prinċep Ludovico Carlo t'Orleans, Konti ta' Beaujolois', *Labour Opinion*, 22, 29 Jannar; 5, 12, 19 Frar.

- 'Ir-Riġment Reali ta' Malta (1804-1811)', *Labour Opinion*, 5, 12, 19, 26 Marzu; 2, 9, 23, 30 April; 7, 14, 21 Mejju.
- 'Mitt Sena Ilu!', *Labour Opinion*, 28 Mejju.
- 'It-Tenent Kurunell F. Busiett C.M.G.', *Labour Opinion*, 4 Ġunju.
- 'Preżentazzjoni ta' Xabla lill-Ewwel Gvernatur ta' Malta', *Labour Opinion*, 18 Ġunju.
- 'Maltempata ta' bla Ħsieb', *Labour Opinion*, 18 Ġunju.
- 'Varjetà Storika Maltija', *Labour Opinion*, 27 Awwissu; 8 Settembru.

1925-26
- 'Id-Dwell f'Malta fi Żmien l-Ordni', *Il-Malti*, Settembru 73-77; Diċembru 107-111; (1926) Marzu, 21-25.

1926
- 'Il-Knisja ta' San Pawl tal-Protestanti', *Labour Opinion*, 18, 25 Frar; 4, 11, 18, 25 Marzu; 1 April.
- 'Mannarinu', *Il-Ħmar*, 26 Mejju; 2, 5, 9, 12, 16, 19, 23, 26, 30 Ġunju; 3, 7, 10, 14, 17, 21, 24, 28, 31 Lulju; 3, 7, 11, 14, 18, 21, 25, 28 Awwissu; 1 Settembru.

1926-32
- 'Id-Dwell f'Malta fi Żmien l-Ingliżi', *Il-Malti*, Ġunju; (1929) Settembru 99-103; (1931) Diċembru 123-139; Ġunju 62-66, (1932) Ġunju 37-40.

1927
- 'L-Imgħallqin f'Malta fi Żmien l-Ingliżi', *Il-Ħmar*, 2, 5, 9, 12, 16, 19, 23, 26 Frar; 2, 5 Marzu.
- 'Il-Mewt u l-Funeral tal-Ewwel Gvernatur ta' Malta, Sir Alexander John Ball', *Il-Ħmar*, 9, 12, 16, 19, 23 Marzu.
- 'Il-Mewt u l-Funeral tal-Gvernatur ta' Malta, Sir Thomas Maitland', *Il-Ħmar*, 26, 30 Marzu; 2 April.
- 'Il-Markiż ta' Hastings', *Il-Ħmar*, 6, 9, 13, 16, 20, 23, 30 April; 4 Mejju.
- 'L-ittra *w* fil-Lsien Malti', *Il-Malti*, Ġunju 75-76.
- 'Fejn hu midfun Mattia Preti', *Il-Malti*, Settembru 96-98.
- 'Ġlormu Abos', *Il-Ħmar*, 26 Ottubru.
- 'Għar Ħasan', *Il-Ħmar*, 31 Diċembru.

1927-28
- 'Niċeċ u Statwi', *Il-Malti*, Diċembru 124-125, (1928) Marzu 15-16; Ġunju 45-46; Diċembru 112-114.

1928
- 'Ċikku Mallia Cassar', *Il-Ħmar*, 28 Jannar.
- 'L-Ewwel Dehriet tal-Bandiera Ingliża fil-Gżejjer tagħna', *Il-Ħmar*, 14 Marzu.
- 'It-Tunnels ta' taħt il-Belt', *Il-Ħmar*, 28 Marzu.
- 'Il-Ġurnali tal-Iskejjel tal-Gvern ta' Malta', *Il-Ħmar*, 21 April; 2 Mejju.
- 'L-Ilsien Taljan f'Malta', *Il-Ħmar*, 25, 28 Lulju; 1 Awwissu.
- 'Il-Belt (Valletta)', *Leħen is-Sewwa*, 8 Settembru.
- 'Il-Qorti u l-Pulizija fil-bidu tal-Ingliżi', *Leħen is-Sewwa*, 15 Settembru.
- 'L-Imsida u Tal-Pjetà', *Il-Malti*, Settembru 83-84.
- 'Il-Flus ta' Malta', *Leħen is-Sewwa*, 29 Settembru; 6, 13, 20, 27 Ottubru; 3, 10, 17, 24 Novembru; 1, 8, 15, 22 Diċembru.

1929 • 'Il-Pulizija fl-Ewwel Snin tal-Ingliżi f'Malta (1800-1812)', *Il-Ħmara*, 19, 20, 24, 27 April; 1, 4, 8, 11, 15, 18, 22, 25, 30 Mejju; 1, 5, 8, 12, 15, 19, 22, 26, 29 Ġunju.[2]
• 'Is-Serqa tax-Xabla ta' Sir Alexander Ball', *Il-Malti*, Ġunju 12-17.
• 'Ruggiero Settimo', *Il-Malti*, Ġunju 52-58.

1930 • 'Id-Daħla ġol-Birgu tal-Gran Mastri ta' Malta', *Il-Malti*, Marzu 30-32; Ġunju 49-52; Settembru 85-89.
• 'Is-Snajja' Maltin fl-Ewwel Snin tal-Ingliżi f'Malta', *Il-Malti*, Diċembru 116-120.

1931 • 'Il-Berġa tal-Italja fi Żmien l-Ingliżi', *Il-Malti*, Marzu 27-31.
• 'It-Teżori li l-Franċiżi serqu minn Malta', *Il-Ħmara*, 19, 23, 26, 30 Diċembru.

1931-36 • 'L-Iskrapan Maltin fl-Ewwel Snin tal-Ingliżi f'Malta', *Il-Malti*, Settembru 88-91; Diċembru (1932) 115-118; Marzu 18-21; Diċembru (1936) 113-118.

1932-33 • 'Qtil fil-Ħabs tal-Birgu fi Żmien l-Ordni f'Malta (1760)', *Il-Ħmara*, 8, 12, 15, 19, 22, 26, 29 Ottubru; 2, 5, 9, 12, 16, 19, 23, 27, 30 Novembru; 3, 7, 10, 14, 17, 21, 24, 28, 31 Diċembru; (1933) 4, 7, 11, 14 Jannar.

1932-34 • 'Lampedusa', *Il-Malti*, Settembru 88-92, Diċembru 116-121; (1933) Settembru 84-86; (1934) Marzu 21-24; (1935) Marzu 5-7.

1933 • 'Taqtigħa fil-Port il-Kbir bejn Maltin u Rsiera', *Il-Ħmara*, 9, 16 Settembru.
• 'It-Tiġrija ta' San Rokku fi Żmien l-Ordni ta' San Ġwann', *Il-Ħmara*, 2, 9, 16, 23, 30 Diċembru.
• 'Il-Ħarba ta' Nikol Turtora', *Il-Malti*, Marzu 29-31; Ġunju 42-44.
• 'L-Istampa f'Malta', *Pronostku Malti*, 42, 44, 46.

1933-34 • 'Il-Madonna ta' Trapni', *Il-Malti*, Diċembru 115-118; (1934) Marzu 28-30.

1935-36 • 'Il-Gazzetta tal-Gvern (1813-1840)', *Leħen il-Malti*, Għadd 49, 7-11; Għadd 50, 6-10; Għadd 51/52, 12-16; Għadd 53/54, 15-30; Għadd 55/56, 16-26, Għadd 56/57, 10-12.
• 'In-Nutari fl-Ewwel Snin tal-Ingliżi f'Malta', *Il-Malti*, Settembru 78-84; (1936) Marzu 22-27; Ġunju 55-58; Settembru 81-86.

1936-38 • 'L-Iskejjel tal-Gvern', *Leħen il-Malti*.

1937 • 'Ir-Rewwixta tal-Milizja taż-Żurrieq għall-Kaptan tagħhom', *Il-Malti*, Marzu 17-22; Ġunju 41-45.
• 'Taqtigħa fil-Kunvent ta' San Duminku tal-Belt', *Il-Malti*, Settembru 83-87.
• 'Il-Professur Dun Mikiel Xerri u Sħabu', *Il-Berqa*, 28, 29 Settembru.
• 'Il-Kanonku Agius de Soldanis', *Il-Berqa*, 18, 19, 20 Ottubru.
• 'Dun Alwiġ Galea', *Il-Berqa*, 9 Novembru.
• 'Pietru Pawl Castagna', *Il-Berqa*, 9 Novembru.
• 'Il-Patri Ġiżwita Manwel Magri', *Il-Berqa*, 9 Novembru.

- 'Anton Manwel Caruana', *Il-Berqa,* 9 Novembru.
- 'Il-Kavallier Ninu Muscat-Fenech', *Il-Berqa,* 16 Novembru.
- 'Dun Dovik Dr Mifsud Tommasi', *Il-Berqa,* 16 Novembru.
- 'Wiġi Rosato', *Il-Berqa,* 16 Novembru.
- 'Dwardu Cachia', *Il-Berqa,* 17 Novembru.
- 'G. B. Falzon', *Il-Berqa,* 17 Novembru.
- 'Qtil minn Gran Viskont', *Il-Berqa,* 21, 22 Diċembru.

1938
- 'Gli Archivi di Malta durante il periodo della Occupazione Francese e i primi anni della Dominazione Inglese', *Archivio Storico di Malta,* Anno IX, 411-28.
- 'L-Imgħallem tat-Tnax', *Il-Berqa,* 31 Jannar; 1, 2, 3, 4 Frar.
- 'L-Ammirall Venezjan Anġlu Emo: Il-Mewt u l-Funeral tiegħu f'Malta fis-Sena 1792', *Il-Berqa,* 25, 26, 27, 28 April.

1939
- 'Richard Taylor', *Il-Berqa,* 22, 23 Mejju.

1945
- 'It-Tabib Callus', *Il-Berqa,* 5, 6, 8, 9, 12, 16, 19, 20, 21 Frar.

1945-51
- 'L-Istampa f'Malta', *Il-Malti,* Diċembru 105-112; (1946) Marzu 19-25; Ġunju 70-76; Diċembru 150-157; (1947) Marzu 19-24; Ġunju 52-56; Settembru 87-90; (1949) Settembru 79-83; (1950) Marzu 6-12; Diċembru 104-109; (1951) Ġunju 42-59.[3]

1950
- 'Il-Bolla Kruċjata', *Il-Malti,* Ġunju 49-57; Settembru 81-89.

1951
- 'Liema hu Lsien il-Maltin', *Il-Berqa,* 1, 3, 5, 8, 10, 12, 15, 17, 19 Ottubru.

1951-52
- 'Tixwixa fuq Bastiment Kursal bil-Bandiera tal-Ordni', *Il-Malti,* Diċembru 110-115; (1952) Ġunju 56-58; Diċembru 109-125.

1953
- 'Il-Battaljun ta' Birkirkara fi Żmien l-Imblokk tal-Franċiżi', *Il-Malti,* Ġunju 50-57.
- 'Nuqqas ta' Kotba ta' Malta fil-Biblijoteka: Kalendarji u Almanakki', *Il-Berqa,* 7, 8 Jannar.

1953-55
- 'In-Nies tas-Snajja' fl-Ewwel Snin tal-Ingliżi f'Malta', *Il-Malti,* Settembru 74-79; Diċembru 110-114; (1954) Settembru 82-87; (1955) Ġunju 44-48.

1957-58
- 'It-Tagħlim f'Malta', *Is-Sebħ,* 25 Marzu; 1, 7, 15, 17, 24, 26 April; 8, 10, 13, 20, 29 Mejju; 5, 10, 17, 24 Ġunju; 1, 3, 10, 19, 31 Lulju; 12, 19 Awwissu; 6, 9, 18, 25 Settembru; 2, 7, 21, 23, 28 Ottubru; 4, 11, 13 Novembru; 6, 13, 20, 30 Diċembru; (1958) 27 Jannar; 17, 24 Frar; 3 Marzu.
- 'It-Tiġrija tal-Vitorja', *It-Torċa,* 26 Awwissu 5-6.

1958
- 'Il-Furjana fl-Istorja: L-Ewwel Skola tal-Gvern fil-Furjana', *Il-Furjana,* Jannar – 20 Lulju.

1959
- 'L-Opra Teatrali f'Malta ta' Qabel il-Manoel', *Il-Berqa,* 24 Settembru.

1961 • 'Ġanni Farrugia (Inċiżur)', *Il-Furjana*, 16 April.

1962 • 'L-Għarusa tas-Siġġiewi u l-Imgħallaq bla Ħtija', *It-Torċa*, 10, 17, 24 Ġunju; 1, 8, 15, 22, 29 Lulju; 5, 12 Awwissu.

1963 • 'Il-Bojjiet fl-Istorja: fl-Ewwel Snin tal-Ingliżi f'Malta', *It-Torċa,* 6, 13, 20, 27 Ottubru; 3, 10, 17, 24 Novembru.

1963-64 • 'L-Ammirall Venezjan Anġlu Emo', *Il-Furjana*, April-Diċembru; (1964) Jannar-Marzu.

1964 • 'Jum il-Vitorja', *It-Torċa*, 23, 30 Awwissu.

1969-70 • 'L-Inkwiżizzjoni f'Malta', *It-Torċa*, 16 Novembru – (1970) 8 Marzu.

1970 • 'Richard Taylor', *It-Torċa,* 6, 13, 20, 27 Settembru; 4, 11, 18, 25 Ottubru; 1, 8 Novembru.
• 'It-Tiġrija ta' San Rokku', *L-Orizzont*, 10, 11, 12, 13, 14, 15, 17, 18 Awwissu.

1971 • 'Ir-Rewwixta tal-Milizja taż-Żurrieq', *It-Torċa*, 18, 25 Lulju; 1 Awwissu.
• 'Mikiel Anġ Sapiano', *It-Torċa*, 12 Diċembru.

1971-72 • 'Ilsien il-Maltin', *It-Torċa*, 5, 12, 19 Diċembru; (1972) 2, 9, 16, 23, 30 Jannar; 6 Frar.

1972 • 'Delitt għand id-Dumnikani', *It-Torċa,* 23 Lulju.

1973 • 'Il-Verità dwar Mattew Callus', *It-Torċa*, 21, 28 Jannar; 4, 11, 18, 25 Frar; 4, 11, 18 Marzu; 1 April.

1975-76 • 'Qtil fil-Ħabs tal-Birgu fi Żmien l-Ordni', *It-Torċa*, 8, 15, 22, 29 Ġunju; 6, 13, 20, 27 Lulju; 3, 10, 17, 24, 31 Awwissu; 7, 14, 21 Settembru.
• 'Is-Snajja' Maltin fl-Ewwel Snin tal-Ingliżi f'Malta', I L-Iskrapan, II L-Arġentiera, l-Orefiċi u l-Ġojjelliera, III Il-Ħaddieda, in-Nagħala, l-Armiera u l-Kaldarana, IV In-Nutara fl-Ewwel Snin tal-Ingliżi f'Malta, *It-Torċa*, 28 Settembru; 5, 12, 19, 26 Ottubru; 2, 9, 16, 23, 30 Novembru; 7, 14, 28 Diċembru; (1976) 4, 11, 18, 25 Jannar; 1, 8 Frar.

## Noti

1 Din ma tistax titqies il-lista 'sħiħa' tax-xogħlijiet ta' Gatt. Aktarx li hemm xogħlijiet oħrajn li ma nafux bihom jew nafu bihom imma m'għandniex referenza għalihom.

2 Dan l-artiklu kellu jerġa' jidher aġġornat wara mewtu. Ara 'Miet Ġużè Gatt', *It-Torċa*, 4 ta' April 1976.

3 Din is-sensiela ta' kitba kienet ippubblikata fi ktieb wieħed minn T. Cortis (ed.), *Il-Bidu tal-Istampa f'Malta* (Malta, 2002).

Appendiċi

# Charles Clews jintervista lil Ġużè Gatt[1]

Ġużè Gatt, wieħed mill-aqwa riċerkaturi li għandna f'Malta, kixef bosta paġni u episodji mhux biss interessanti ħafna għall-istudjużi tal-Istorja ta' Malta, iżda ħareġ fid-dawl inċidenti, stejjer u fatti li forsi kienu jintilfu għal dejjem li kieku mhux bil-għaqal u paċenzja tiegħu, qalleb u fittex u qabbel dokumenti li ftit kienu jafu bihom.



Gatt u Clews waqt l-intervista

Ġużè twieled f'Ħaż-Żebbuġ, fl-Ewwel tas-Sena tal-1886, bin Ġanni Gatt u Karmena Callus, u ġie mgħammed fil-Knisja Parrokkjali ta' San Filep, Ħaż-Żebbuġ, l-għada. Ta' ħames snin huwa beda jitgħallem l-iskola fi skola li kienet qrib il-Knisja tad-Dawl, f'dar li jingħad li fiha twieled Mikiel Anton Vassalli, hekk imsejjaħ Missier l-Ilsien Malti.

Meta kellu seba' snin, flimkien m'ommu u missieru, Ġanni li kellu l-imtieħen tad-dqiq, mar joqgħod fil-Furjana. Hemmhekk beda jitgħallem fl-iskola governattiva. Ftit wara hu daħal fil-Liċeo, wara tħejjija fi skejjel privati. Kien għadu fil-Liċeo meta missieru ħadu jaħdem fil-fabbrika tad-dqiq li missieru kien iħaddem flimkien ma' ħuh, iz-ziju ta' Ġużè.

## Imtieħen

Ta' min jgħid hawnhekk li kienu missier u z-ziju ta' Ġużè Gatt (Filippu), li ġiebu hawn Malta l-ewwel magni tad-dqiq li jitħnu d-dqiq b'rombli tal-azzar: qabel id-dqiq kollu kien jintaħan fl-imtieħen tar-riħ, taħt rombli tal-ġebel taż-żonqor, u kien jieħu ferm iżjed żmien biex jintaħan. Dana ġara fl-1890.

Ġużè dam sitt snin jaħdem bħala miller fil-fabbrika sakemm, jiġifieri, l-aħwa Gatt kienu biegħu l-mitħna lis-Sur Francia.

Fl-1910, meta kien għad kellu 24 sena, Ġużè taha għall-kitba, iżda mill-ewwel ħass il-ġibda għar-riċerka. F'April tal-1913, ftit qabel il-famuż Kungress Ewkaristiku, iżżewweġ. Wara ż-żwieġ huwa qabad negozju tal-bejgħ tal-kotba u perjodiċi. U waqt il-ħin liberu kien jikteb. U kiteb mhux ħażin ukoll: ftit kien hawn ġurnali u perjodiċi li ma kellhomx ix-xorti li jiksbu s-servizzi ta' Ġużè Gatt.



Joseph Borg

Id-dar fejn twieled M. A. Vassalli, illum f'49, Triq Vassalli, Ħaż-Żebbuġ

It-talba għal xogħlijiet tiegħu ma kinitx biss lokali, saħansitra edituri barranin talbuh xogħol ta' riċerka fuq l-Istorja. Xogħol tiegħu li deher stampat f'Ruma fl-1938 kien "Gli Archivi di Malta durante il periodo

della Occupazione Francese e i primi anni della Dominazione Inglese". U hawn għandu fatt x'jirrakkonta.

Id-dokumenti – jew bosta minnhom – li silet minnhom Ġużè, instabu b'kumbinazzjoni: Il-Franċiżi, assedjati ġol-Belt, kienu magħfusin mill-ġuħ. Instab ħanut li kien għad fadallu xi ħaġa tal-ikel. Il-Franċiżi qabdu kemm sabu dokumenti antiki tal-Kavallieri, u forsi anke ta' żmien qabel, tawhom lil dan il-bejjiegħ ħalli jqartas fihom.

Meta f'Malta daħlu l-Ingliżi, dawn raw liema ħsara (jew forsi vendikazzjoni?) kienu għamlu l-Franċiżi u bdew jiġbru bilġri dawk il-ħafna karti tant prezzjużi. Imma min jista' jgħid kemm minnhom intilfu, imqartsin mar-ross, dqiq, u oġġetti tal-ikel oħra?

Mistoqsi liema xogħol ħadlu l-iżjed żmien f'riċerka, Ġużè qal li dan kien meta beda jfittex dwar il-flus ta' Malta mill-bidu tal-ħakma tal-Kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann, xogħol li kien deher f'ġurnal Malti fl-1928. Ix-xogħol ħadlu mas-sentejn u jidher li hu l-iktar xogħol li kien għal qalbu.

Imma, staqsejna lil Ġużè, xi trid ikollok biex tintefa' għal xogħol ta' riċerka? U Ġużè wieġeb b'kelma waħda: PAĊENZJA, paċenzja b'ittri kbar. Ġużè ġieli qatta' ġimgħat ifittex f'arkivji u jqalleb kotba u ma sab xejn, iżda mbagħad isib vers, sentenza li tnessilu x-xogħol kollu li kien għamel għalxejn.

**Iniżżel**

Fattur ferm interessanti fir-riċerka huwa li waqt li wieħed ikun ifittex ħaġa jsib ħaġa fuq suġġett ieħor li tinteressah. Ġużè jniżżel dak li jkun sab, u dan jagħtih bidu għal tiftix fuq suġġett ieħor. U jgħidilna Ġużè, jekk wieħed irid verament li jsib dokumenti fuq is-suġġett magħżul, dejjem isib.

Iżda r-riċerka ma ssirx billi wieħed imur f'Biblijoteka u jitlob ktieb jew dokument fuq dak li hu diġà misjub! Hemm hija r-riċerka, li tqalleb, issib dejjem iżjed, fatti mhux magħrufa, fatti ġodda...

U fejn ifittex Ġużè biex sab dawk il-ġawhriet tant sbieħ li jġagħluk tgħix iż-żmien li jitkellem fuqu? Fil-Biblijoteka, fl-Arkivju Notarili (fejn anke minn rikors jew protest wieħed jaqbad storja), fl-Arkivji tal-Awditur u fl-Arkivju tal-Qorti, fejn, jgħid Ġużè, hemm teżor kbir.

Liema diffikultajiet isib wieħed li jrid jagħmel riċerka? Ġużè jgħid li huwa żvantaġġ kbir in-nuqqas ta' Indiċi. Hemm xogħol kolossali, monumentali, għal

min jiġi mqabbad jagħmel indiċi, ħalli wieħed isib dak li jrid iżjed malajr, iżda, u hawn għandna kliem Ġużè stess, "jekk wieħed jibda, dejjem ikun beda, hux tassew?".

Kien ingħata bidu għall-indiċi ta' xi Kotba tal-Ordni, darba, qal Ġużè, li hu ħaġa tajba ferm u sar ħafna ġid, iżda ma jafx jekk dan ix-xogħol tkompliex.

Ġużè jħajjar lil studenti żgħażagħ li, iżda, ikollhom l-'amor proprju' (għaliex, naħsbu dan hu xogħol li malajr forsi jaqtagħlek qalbek!) biex jaqbdu dan ix-xogħol għaliex jekk wieħed ikollu l-paċenzja, jekk wieħed jippersevera, għandu jistennewh sodisfazzjonijiet kbar. U l-istudent tal-Istorja jgawdi minn dan.

L-aħħar xogħol li qabad u li għadu jaħdem fuqu Ġużè Gatt huwa "Il-Pulizija minn Żmien l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann sar-Riforma tal-Ingliżi fl-1840". Xogħol kbir, u min jaf lil Ġużè, jaf liema ħidma għaddejja fuqu meta nafu li dan l-awtur jiġbor saħansitra l-iċken dettalji.

U fl-aħħar nett minn espert fuq l-Istorja ta' Malta ridna nagħmlu mistoqsija. Dan fid-dawl tal-kontroversja li kien hawn dan l-aħħar, dwar Dun Mikiel Xerri. Il-mistoqsija: X'taħseb int fuq Dun Mikiel Xerri, kien patrijott jew le? It-tweġiba: Dun Mikiel Xerri kien patrijott, ħadem għal pajjiżu, l-intenzjonijiet kienu patrijottiċi – iżda x'seta' jagħmel b'200 ruħ kontra armata mħarrġa, professjonali bħalma kienet il-Franċiża? F'kelmtejn: il-pjan ma kienx maħsub tajjeb, iżda l-intenzjoni tajba kienet hemm.

**Nota**

1 Deher f''Ġużè Gatt: Missier ir-Riċerkaturi fl-Istorja ta' Malta', *It-Torċa*, 1 ta' Ġunju 1975.


IV.

Il Flus tad-Deheb u l'Fidda
ta Malta u ta Barra
mill G. M. L'Isleadam sal G. M. Fondaderi (1530-1722)

Il Flus tad-Deheb u l'Fidda maghmula mill l'Ordni fiz-zecca ta Malta, ghandhom zeug gueneijet differenti minn xulxin. mill G. M. L'Isleadam sa Fondaderi, (1530-1722) dawn il Flus intaghmlu fuk sistema wahda, u mill G. M. Vilhena sa Hompesch, (1722-1798) intaghmlu fuk sistema wahda iehor (1). Ghalhec ahna dina il chitba taghna ksamnieha ueoll f'zeug Taksimiet, bhal ma hecc ghamlu xulud li chitbu fuk dawn il Flus ta Malta.

Ma dawn il Flus ta Malta, f'cull Taksima, ingibu ueoll dawc il Flus ta Barra tad-Deheb u l'Fidda li chienu jimxu hawn fl'istess gueneijet li chienu jimxu il Flus ta l-Ordni.

Il Flus ta Malta li saru mill 1530 sa l' 1722, chienu ta dawn l'ghamliet: Deheb — 1, 2, 4 u 10 Zecchini; Fidda — 3, 4 u 6 Rbghajjiet,

Manuskritt awtografu ta' Ġużè Gatt
mill-kollezzjoni ta' Patrick Formosa




Korrispondenza li turi l-bejgħ ta' kotba minn Ġużè Gatt lil università Amerikana fl-1957
mill-kollezzjoni ta' Patrick Formosa


THE CATHOLIC UNIVERSITY OF AMERICA LIBRARY
WASHINGTON 17, D. C.

To: Date JAN 10 1957

~~Please cancel the following item(s) from our purchase order~~

an invoice to cover the following.

We have not received

Our order L3156286 2 books on Malta

(Miss) Lois Sperka

Head, Order Division (Room 20?)

L-istess karta minn wara


MOLINO A CILINDRI

F. & G. FRATELLI GATT

Per telegrammi:
GATT - MALTA

Malta, 190

Nota ta' riċerka ta' Ġużè Gatt fuq karta tal-kumpanija tal-magni tad-dqiq mill-kollezzjoni ta' Patrick Formosa

MELITENSIA

# Il-Malti

RIVISTA TAL-AKKADEMJA TAL-MALTI



*Inċiżjoni mill-istamperija tal-Ordni f'Malta matul it-tieni nofs tas-seklu 18*

ISBN 978-99932-7-313-4

**klabb kotba maltin**
L-AKKADEMJA TAL-MALTI

**Kotba bil-Malti** Liema hu **Lsie**
**il-Maltin** **L-Opra Teatra**
f'Malta ta' Qabel il-Mano
Nuqqas ta' Kotba ta' Malta fi
**Bibljoteka** **L-Ittra *W*** fil-Lsie
Malti Il-Kanonku Agius **d**
**Soldanis** Il-Kavallier Nin
**Muscat-Fenech** Dun Dovik D
**Mifsud Tommasi** Wiġi **Rosat**
Dwardu **Cachia** G. B. **Falzo**
Dun Alwiġ **Galea** Pietru Paw
**Castagna** Anton Manwe
**Caruana** Richard **Taylo**
Ġanni **Farrugia** L-Istamp
f'Malta u **l-Ewwel Kotba bi**
**Malti** Liema hu **Lsien il-Malti**
**L-Opra Teatrali** f'Malta ta
Qabel il-Manoel Nuqqas ta
Kotba ta' Malta fil-**Bibljotek**
**L-Ittra *W*** fil-Lsien Malti Il
Kanonku Agius **de Soldanis** Il
Kavallier Ninu **Muscat-Fenec**
Dun Dovik Dr **Mifsud Tommas**
Wiġi **Rosato** Dwardu **Cachi**
G. B. **Falzon** Dun Alwiġ **Gale**
Pietru Pawl **Castagna** Anto
Manwel **Caruana** Richar
**Taylor** Ġanni **Farrugia** L
Istampa f'Malta u **l-Ewwe**
**Kotba bil-Malti** Liema hu **Lsie**
**il-Maltin** **L-Opra Teatra**
f'Malta ta' Qabel il-Mano
Nuqqas ta' Kotba ta' Malta fi
**Bibljoteka** **L-Ittra *W*** fil-Lsie
Malti Il-Kanonku Agius **d**
**Soldanis** Il-Kavallier Nin
**Muscat-Fenech** Dun Dovik D
**Mifsud Tommasi** Wiġi **Rosat**
Dwardu **Cachia** G. B. **Falzo**
Dun Alwiġ **Galea** Pietru Paw
**Castagna** Anton Manw